

## Paġna ewlenija>Flus/Talbiet monetarji>Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE

### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE

Jista' jkun li inti tkun trid li jittieħdu miżuri malajr kemm jista' jkun fi Stat Membru li mhux dak dak fejn il-kawża prinċipali tiegħek tkun pendenti mingħajr ma tistenna li tingħata sentenza finali.

Jista' jkun li inti bdejt azzjoni fil-qorti, iżda l-proċedimenti qed jieħdu fit-tul u qed tħossok diżappuntat. Tibża' li d-debitur tiegħek se jieħu vantaġġ mill-proċeduri twal ħafna u mid-diversi faċilitajiet ta' rimedju biex jaħrab il-kredituri tiegħu qabel ma effettivament tingħata s-sentenza. Pereżempju, jista' j/tiħajjar j/torganizza l-insolvenza tiegħu/tagħha stess jew jittrasferixxi l-beni tiegħu. Jekk hu hekk, huwa fl-interess tiegħek li tirrikorri għand il-qorti għal miżuri proviżorji. Permezz tal-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet (EAPO, European Account Preservation Order), qorti f'pajjiż tal-UE tista' tiffriża l-fondi fil-kont bankarju ta' debitur f'pajjiż ieħor tal-UE. Il-proċedura tista' tintuża f'kawżi transfruntiera biss, fejn il-qorti li twettaq il-proċedura jew id-domiċilju tal-kreditur irid ikun fi Stat Membru differenti minn dak li fih ikun miżmum il-kont tad-debitur.

Il-qorti tista' tordna miżuri proviżorji jew kawtelorji kontra l-beni tad-debitur. L-iskop ta' dawn il-miżuri kollha huwa li tkun antiċipata s-sentenza finali fuq il-merti għal ċertu perjodu biex jiġi żgurat li tkun tista' tiġi eżegwita.

Madankollu hemm differenzi sostanzjali mhux ħażin fil-kondizzjonijiet għall-ordni ta' dawn il-miżuri fl-Istati Membri.

#### Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazżjonali dettaljata.

L-aħħar aġġornament: 12/08/2022

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Belġju

#### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

L-iskop tal-miżuri ta' prekawżjoni (*mesures conservatoires/bewarende maatregelen*) huwa li jiżgura li d-drittijiet jiġu ppreservati. Fil-prattika, il-kredituri jistgħu jużaw dawn il-miżuri biex jiproteġu lilhom infushom kontra r-riskju li ma jirċevux il-ħlas mingħand id-debituri tagħhom.

Fil-każ li l-miżuri purament ta' prekawżjoni ma jkunux biżżejjed, il-qorti tista' tordna miżuri *interim* (*mesures provisoires/voorlopige maatregelen*) b'konsegwenzi komparabbli għal dawk tad-deċiżjoni mistennija fil-kawża prinċipali. Is-sentenza finali tista' tikkonferma dawn il-miżuri *interim* jew tregġgħgħom lura.

Il-qorti tista' tordna miżuri *interim* u ta' prekawżjoni fir-rigward tal-assi tad-debitur. Għall-iskop tal-irkupru tad-djun, il-prinċipju japplika li d-debitur huwa responsabbli biex iħallas id-dejn mill-assi kollha tiegħu jew tagħha, sew mobbli (flus, għamara, ġojjelli, ishma) jew immobbli (art, bini, abitazzjoni residenzjali). Il-kredituri jistgħu wkoll jasserixxu drittijiet li għandu d-debitur tagħhom minflok (bilanċi tal-bank, pagi).

#### 1.1. Miżuri ta' prekawżjoni

##### A. Sekwestru preventiv

F'każijiet urġenti, kwalunkwe kreditur jista' jitlob lill-qorti għal permess biex timponi sekwestru preventiv (*saisie conservatoire/bewarend beslag*) fuq kwalunkwe assi li jappartjenu lid-debitur li jistgħu jkun soġġetti għal sekwestru (l-Artikolu 1413 tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire/Gerechtelijk Wetboek*)). Id-debitur imbagħad ma jkunx jista' aktar jiddisponi liberament mill-assi li jkun soġġetti għal sekwestru. Dan ifisser li d-debitur ma jkunx jista' aktar ibiġh, jagħti b'donazzjoni jew jipoteca dawn l-assi. It-tneħħija tas-setgħa tad-disponiment tapplika biss favur il-kreditur li jagħmel is-sekwestru preventiv: id-debitur jibqa' s-sid tal-assi u jżomm id-dritt li jagħmel użu minnhom u li jieħu l-profit minn fuqhom.

##### B. Sekwestru

Is-sekwestru (*séquestre/sekwester*) huwa d-depożitu tal-assi kkontestati f'kustodja sakemm tingħata s-sentenza finali (l-Artikolu 1955 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili (*Code civil/Burgerlijk Wetboek*)). Is-sekwestru jista' jiġi miftiehem bejn il-partijiet (*séquestre conventionnel/conventioneel sekwester*) jew ordnat mill-qorti (*séquestre judiciaire/gerechtelijk sekwester*). B'kuntrastr ma' depożiti ordinarji, is-sekwestri jistgħu japplikaw ukoll għal assi immobbli (l-Artikolu 1959 tal-Kodiċi Ċivili).

##### C. Inventarju

L-iskop tal-inventarju (*inventaire/inventaris* jew *boedelbeschrijving*) huwa li jiddetermina l-assi li jiffurmaw il-proprjetà, il-proprjetà konġunta bejn il-miżżewġin, jew il-proprjetà indiviża (l-Artikolu 1175 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), fuq it-talba tal-kredituri, tal-konjuġi jew tal-werrieta konġunti. Il-partijiet li jitlobu l-inventarju huma intitolati li jagħżlu nutar li jelenka l-assi f'dokument pubbliku. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, jinħatar nutar mill-qorti tal-paċi (*Juge de paix/vrederechter*) (l-Artikolu 1178 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Il-qorti tal-paċi jkollha wkoll ġurisdiżjoni biex issolvi kwalunkwe tilwim.

##### D. Tqegħid taħt siġill

Il-konsegwenza tat-tqegħid tal-assi taħt siġill (*aposition des scellés/verzegeling*) hija li fil-prattika ma jibqgħux disponibbli. Fejn hemm raġuni serja biex isir hekk, il-kreditur, il-konjuġi jew il-werriet jista' jitlob li jitqiegħdu siġilli fuq l-assi li jiffurmaw parti mill-proprjetà, mill-proprjetà konġunta bejn il-miżżewġin jew mill-proprjetà indiviża (l-Artikolu 1148 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). It-talba ssir lill-qorti tal-paċi. Il-qorti tal-paċi tista' tordna t-tneħħija tas-siġilli fuq talba tar-rikorrent oriġinali jew tal-kreditur, tal-konjuġi jew tal-werriet. Kull oġġezzjoni għat-tneħħija tas-siġilli għandha wkoll titressaq quddiem il-qorti tal-paċi.

#### 1.2. Miżuri *interim*

Il-miżuri *interim* huma miżuri li jistgħu jiġu revokati jew imreġġa' lura. Dawn jistgħu jiġu ordnati fi proċedimenti interlokutorji (*référé/kort geding*) jew fil-kawża prinċipali fil-każ.

#### 1.3. Infurzar proviżorju

Sentenza li tkun ingħatat imma li għadha miftuħa għall-kontestazzjoni tista' tiġi infurzata fuq bażi proviżorja, taħt kundizzjonijiet stretti.

Soġġett għall-eċċezzjonijiet stabbiliti bil-liġi, jew fejn il-qorti tiddeċiedi mod ieħor f'deċiżjoni motivata b'mod speċjali, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1414, l-oġġezzjoni (*opposition/verzet*) ippreżentata kontra s-sentenza finali fil-kawża prinċipali tissospendi l-infurzar tagħha.

Soġġett għall-eċċezzjonijiet stabbiliti bil-liġi, jew fejn il-qorti tiddeċiedi mod ieħor permezz ta' deċiżjoni motivata b'mod speċjali, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1414, is-sentenza finali fil-kawża prinċipali hija proviżorjament infurzabbli, minkejja kwalunkwe appell (*appel/hoger beroep*), u mingħajr ma tkun meħtieġa garanzija sakemm il-qorti ma tkunx ordnat li tingħata garanzija (l-Artikolu 1397 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

#### 2.1 Il-proċedura

##### A. Sekwestru preventiv

Il-persuna li tkun kisbet sentenza favur tagħha, anke f'pajjiż ieħor, tista' tagħti struzzjonijiet lill-uffiċjal ġudizzjarju (*huissier de justice/gerechtsdeurwaarder*) biex iqiegħed l-assi tad-debitur tas-sentenza taħt sekwestru preventiv. Fin-nuqqas ta' sentenza bħal din, is-sekwestru preventiv jeħtieġ ordni tal-qorti. L-applikazzjoni ssir lill-imħallef tas-sekwestri preventivi (*juge des saisies/beslagrechter*) u tiġi eżaminata bl-istess mod bħal applikazzjoni fi proċedimenti interlokutorji (l-Artikolu 1395 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Għandu jkun hemm mill-inqas jumejn bejn it-tafrika u s-seduta, iżda dan il-perjodu jista' jitqassar f'każijiet urġenti.

L-applikazzjoni ex parte (*requête unilatérale/eenzijdig verzoekschrift*) li tfittex sekwestru preventiv tiġi sottomessa minn avukat lill-imħallef tas-sekwestri, li jista' jawtorizza s-sekwestru preventiv. L-imħallef tas-sekwestri preventivi għandu joħroġ ordni fi żmien tmint ijiem. L-ordni u l-avviż tas-sekwestru preventiv għandhom jiġu notifikati minn uffiċjal ġudizzjarju lid-debitur tas-sentenza, biex jiġi żgurat li d-debitur ikun konxju tal-proċedimenti miġjuba kontrih/a. L-ordni hija proviżorjament infurzabbli mingħajr aktar formalità, iżda torbot biss bejn il-partijiet. L-imħallef tas-sekwestri preventivi jista' fi kwalunkwe ħin iwarja jew iwarra l-ordni minħabba bidla fiċ-ċirkostanzi. Il-ħlas impost mill-uffiċjal ġudizzjarju huwa ddeterminat bid-Digriet Irjali tat-30 ta' Novembru 1976 (ippubblikat fil-gazzetta uffiċjali tat-8 ta' Frar 1977).

#### B. Sekwestru

Fil-każ ta' sekwestru bi ftehim, il-ftehim validu bejn il-partijiet huwa biżżejjed, u l-ebda ordni tal-qorti mhi meħtieġa. Is-sekwestru jista' jiġi ordnat ukoll minn qorti.

Fi kwalunkwe każ, id-depożitarju (*gardien judiciaire/gerechtelijke bewaarder*) se jiġi maħtur, jew fil-ftehim jew mill-qorti. Id-depożitarju għandu jeżerċita l-attenzjoni kollha dovuta fir-rigward tal-assi fdati lil jew lilha. Huwa jew hija għandhom jirritornaw l-assi meta jintemm is-sekwestru. Id-depożitarju huwa intitolat li jirċievi salarju stabbilit bil-liġi (l-Artikolu 1962, it-tielet paragrafu, tal-Kodiċi Ċivili).

#### C. Miżuri *interim*

Il-miżuri *interim* għandhom jintalbu mill-qorti, jew fi proċedimenti interlokutorji jew fil-kawża prinċipali. Jistgħu jiġu ordnati wkoll minn arbitru (l-Artikolu 1696 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

L-imħallef li jippresjedi l-qorti tal-prim'istanza (*tribunal de première instance/rechtbank van eerste aanleg*) jista' jordna miżura *interim* fi kwalunkwe każ urġenti li bil-liġi ma taqax barra mill-ġurisdizzjoni tal-qrati (l-Artikolu 584, l-ewwel paragrafu, tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Tali miżura għandha tkun purament proviżorja u ma jista' jkollha l-ebda effett finali u irrevokabbli. L-imħallfin li jippresjedu t-tribunal tax-xogħol (*tribunal du travail/arbeidsrechtbank*) u l-qorti kummerċjali (*tribunal de commerce/rechtbank van koophandel*) jistgħu wkoll jordnaw miżuri *interim* f'każijiet urġenti li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-qrati tagħhom.

L-ordni li ssir fil-proċedimenti interlokutorji ma tistax tippreġudika s-sentenza fuq il-merti fil-kawża prinċipali, li jfisser li torbot biss lill-partijiet. L-imħallef fil-kawża prinċipali ma jista' jkun marbut bl-ebda mod b'ordni bħal din; l-imħallef tas-sekwestri jista' jordna biss miżuri *interim*.

Fi proċedimenti ta' divorzju, l-imħallef li jippresjedi l-qorti tal-familja (*tribunal de la famille/familierechtbank*) jista' jordna miżuri *interim* relatati mal-persuna, il-manteniment u l-assi tal-konjuġi u t-fal tagħhom (l-Artikolu 1280, l-ewwel paragrafu, tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

L-uffiċjal ġudizzjarju jagħti avviż tal-miżuri li ġew ordnati fuq il-parti opposta, u jstieden lill-parti opposta biex tikkonforma ma' dawk il-miżuri, jekk meħtieġ taħt theddida ta' infurzar mill-awtoritajiet jew ta' ħlas perijodiku ta' penali. Il-ħlas impost mill-uffiċjal ġudizzjarju huwa ddeterminat bid-Digriet Irjali tat-30 ta' Novembru 1976 (ippubblikat fil-gazzetta uffiċjali tat-8 ta' Frar 1977).

Meta tiddeċiedi fl-ewwel istanza, il-qorti tal-paċi tista' tordna miżuri *interim* għall-perjodu ta' żmien li matulu l-konjuġi jew il-koabitanti legali li r-relazzjoni tagħhom tkun tkissret jibqgħu jgħixu flimkien. Tali miżuri jistgħu jirrelataw, pereżempju, għad-dar tal-familja, għat-fal, jew għall-assi tat-fal. Dawn il-miżuri huma biss proviżorji u jintemmu meta l-konjuġi jew il-koabitanti legali jieqfu jgħixu flimkien. Ma jiddeterminawx l-arranġamenti fit-tul li jistgħu jsegwu d-divorzju. L-arranġamenti finali wara d-divorzju għandhom jiġu deċiżi mill-qorti tal-prim'istanza.

#### D. Infurzar proviżorju

Is-sentenza tinkludi formula ta' infurzar. Madankollu, sakemm is-sentenza ma tkunx miftuħa aktar għal kwalunkwe kontestazzjoni li tista' tissospendiha, ma tistax tiġi infurzata. Soġġett għall-eċċezzjonijiet stabbiliti bil-liġi, jew fejn il-qorti tiddeċiedi mod ieħor permezz ta' deċiżjoni motivata b'mod speċjali, l-infurzar huwa sospiż sakemm tkun tista' ssir oġġezzjoni, imma mhux bil-possibbiltà ta' appell lil qorti superjuri jew appell fuq punti tal-liġi lill-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation/Hof van Cassatie*) (l-Artikolu 1397 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

L-imħallef li ta s-sentenza jista' jawtorizza l-infurzar tagħha fuq bażi proviżorja, ħlief f'każijiet fejn dan huwa pprojbit bil-liġi (l-Artikolu 1399 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), bħal każijiet li jikkonċernaw l-istatus personali.

Jekk ikun possibbli l-infurzar proviżorju, dan isir b'riskju għar-rikorrent. L-imħallef jista' jitlob lil dik il-parti tipprovdi garanzija qabel ma s-sentenza tiġi infurzata b'mod proviżorju (l-Artikolu 1400 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Dan ifisser li l-parti jista' ikollha s-sentenza infurzata b'mod proviżorju, iżda trid tiddepożita somma flus jew garanzija bankarja mal-Fond tad-Depożiti u l-Kunsinni (*Caisse des dépôts et consignations/Deposito- en Consignatiekas*). Dan għaliex is-sentenza tista' tvarja fl-appell u l-konvenut jista' ikun intitolat għal kumpens.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

### A. Sekwestru preventiv

Is-sekwestru preventiv jista' jiġi ordnat biss f'każijiet urġenti u jekk id-dejn huwa ċert, ta' ammont fiss u dovut.

L-urġenza teħtieġ li s-solvenza tad-debitur tkun mhedda, u b'hekk tipperikola d-drittijiet tal-kreditur fuq l-assi tad-debitur. Is-sekwestru preventiv ma jistax jintuża bħala mezz biex issir pressjoni, imma huwa permess meta, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, is-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur tkun kompromessa.

Għandu jkun hemm urġenza kemm meta s-sekwestru preventiv jiġi ordnat kif ukoll fi kwalunkwe ħin meta l-qorti tkun meħtieġa tiddeċiedi dwar il-kontinwazzjoni tiegħu.

It-talba tal-kreditur trid tkun ċerta, li jfisser li għandha tidher li hija ġġustifikata biżżejjed u lil hinn minn tilwima raġonevoli. Għandha tkun ukoll ta' ammont fiss. L-ammont tat-talba jrid ikun ġie ddeterminat jew għall-inqas ikun jista' jiġi stmat b'mod proviżorju. Jekk l-ammont eżatt tad-dejn ikun għadu ma ġiex stabbilit, dan jiġi stmat mill-qorti. Finalment, il-ħlas tad-dejn irid ikun dovut: fi kliem ieħor, il-kreditur irid ikun intitolat li jitlob il-ħlas. L-Artikolu 1415 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jikkwalifika din il-kundizzjoni sabiex it-talbiet fir-rigward ta' dħul regolari fil-futur (manteniment, kera, imgħax) u anke talbiet kontinġenti jew potenzjali jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għal sekwestru preventiv.

### B. Sekwestru

Il-qorti tista' tordna s-sekwestru tal-assi mobbli li jkunu taħt sekwestru, il-proprietà mobbli jew immobbli li s-sjeda jew il-pussess tagħhom huma kontestati bejn żewġ persuni jew aktar, u l-oġġetti li d-debitur qed joffri sabiex iħallas id-dejn (l-Artikolu 1961 tal-Kodiċi Ċivili). F'termini ġenerali, din ir-regola tapplika kull meta ċ-ċirkostanzi tal-każ jiġġustifikaw l-użu ta' sekwestru bħala forma ta' miżura ta' prekawzjoni biex tiżgura li l-oġġetti jibqgħu kif inhuma, mingħajr ma tkun kompromessa kwalunkwe soluzzjoni finali. L-urġenza hija irrilevanti. Il-qorti, madankollu, se teżerċita kawtela meta tordna s-sekwestru, minħabba li hija miżura serja u eċċezzjonali li tista' tingħata biss fejn hemm raġunijiet biżżejjed u importanti għaliha.

### C. Miżuri *interim*

Il-proċedimenti interlokutorji li jitlobu miżuri *interim* jistgħu jittessqu biss jekk il-każ ikun tant urġenti li sakemm ma jittiddux miżuri immedjatament ir-rikorrent se jsolfi telf sostanzjali jew żvantaġġ serju. L-urġenza hija għalhekk rekwiżit essenzjali fil-proċedimenti interlokutorji.

Il-miżuri *interim* mogħtija fil-kawża prinċipali għandhom ikunu wkoll kwistjoni ta' urġenza. Huwa għalhekk li dawn il-miżuri huma wkoll magħrufa bħala "miżuri proviżorji urġenti" (*mesures provisoires urgentes/dringende voorlopige maatregelen*) meta jintalbu mill-qorti tal-paċi.

D. Infurzar proviżorju

Il-kriterju użat mill-qorti meta tiddeċiedi jekk tippermettix jew tiċħadx l-infurzar proviżorju huwa l-periklu għall-kreditur li l-parti opposta ddewwem jew tipprevjeni bla bżonn l-infurzar tas-sentenza. Jekk il-parti opposta tressaq oġġezzjoni jew appell biss biex tipprevjeni milli s-sentenza tiġi infurzata, dan iwassal lill-qorti li tat is-sentenza biex tordna l-infurzar proviżorju. Madankollu, dan huwa pprojbit f'ċerti każijiet (ara hawn fuq).

### **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

#### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu soġġetti għal dawn il-miżuri?**

A. Sekwestru preventiv

It-tipi kollha tal-assi (mobbli, immobbli, intanġibbli) jistgħu jkunu soġġetti għal sekwestru preventiv. Ċerti assi ma jistgħux, madankollu, jkunu soġġetti għal sekwestru preventiv, jew jistgħu jkunu soġġetti għal sekwestru preventiv parzjalment biss. L-ineliġibbiltà tagħhom li jkunu soġġetti għal sekwestru preventiv tirriżulta mil-liġi, min-natura tal-assi, jew mir-rabta li teżisti bejn l-assi u d-debitur.

L-assi li ma jistgħux ikunu soġġetti għal sekwestru preventiv huma elenkati fl-Artikolu 1408 tal-Kodiċi Ġudizzjarju. Fil-qosor, dawn huma assi indispensabbli għad-debitur, li huma meħtieġa biex jikkomplew l-istudji jew it-taħriġ vokazzjonali tad-debitur jew tat-tfal tad-debitur, li huma essenzjali għall-professjoni tad-debitur, jew li huma meħtieġa għal qima reliġjuża, kif ukoll għall-ikel u għall-fjuwil. L-Artikolu 1410(2) tal-Kodiċi Ġudizzjarju jindika t-tipi ta' talbiet li qatt ma jistgħu jkunu soġġetti għal sekwestru preventiv, b'mod partikolari talbiet għal benefiċċji tal-familja u l-paga minima.

Is-salarju u dħul simili tad-debitur jistgħu jkunu soġġetti għal sekwestru preventiv parzjalment biss. L-ammonti kkonċernati jiġu ddeterminati fl-Artikolu 1409(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju u huma aġġustati kull sena permezz ta' Digriet Irjali fuq il-bażi tal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur. L-Artikolu 1410(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju jestendi l-firxa tal-eliġibbiltà għal sekwestru preventiv parzjali biex jinkludi l-ħlasijiet ta' manteniment proviżorji u finali, pensjonijiet, benefiċċji tal-qgħad, u allowances għal inkapaċità għax-xogħol u diżabilità.

L-assi li se jkunu soġġetti għal sekwestru preventiv huma elenkati mill-uffiċjal ġudizzjarju f'rekord uffiċjali, bil-ħsieb tal-bejgħ possibbli tagħhom fil-futur, sakemm ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim mal-kreditur permezz tal-uffiċjal ġudizzjarju. Huwa strettament ipprojbit li jinħbew l-assi li ġew irreġistrati minn uffiċjal ġudizzjarju u tali azzjoni tista' tirriżulta fi prosekuzzjoni kriminali.

B. Sekwestru

Il-qorti tista' tordna s-sekwestru tal-assi mobbli ta' debitur li jkunu ġew soġġetti għal sekwestru preventiv, tal-proprietà mobbli jew immobbli li s-sjeda jew il-pussess tagħhom hija f'tilwima bejn żewġ persuni jew aktar, u tal-oġġetti li d-debitur ikun qed joffri sabiex iħallas id-dejn (l-Artikolu 1961 tal-Kodiċi Ċivili).

C. Miżuri *interim*

Il-miżuri *interim* jistgħu jiġu ordnati fi proċedimenti interlokutorji f'każijiet ta' kwalunkwe xorta. L-imħallef li jippresjedi l-qorti tal-prim'istanza għandu ġurisidzjoni fit-tipi kollha ta' tilwim ċivili taħt il-liġi ordinarja. Il-każijiet taħt il-liġi tax-xogħol jew il-liġi kummerċjali huma ttrattati mill-imħallef li jippresjedi t-tribunal tax-xogħol jew il-qorti kummerċjali.

Il-qorti tal-familja tista' tordna miżuri *interim* għal perjodu ta' żmien li matulu l-partijiet ikomplu jgħixu flimkien. Dawn il-miżuri jistgħu jirrelataw, pereżempju, għad-dar tal-familja, għat-tfal jew għall-assi tat-tfal. Madankollu, dan japplika biss għall-koppji miżżewġa (l-Artikolu 223(1) tal-Kodiċi Ċivili) u għall-koabitanti legali (l-Artikolu 1479(1) tal-Kodiċi Ċivili), u mhux għall-koabitanti de facto.

D. Infurzar proviżorju

Fil-prinċipju, is-sentenzi kollha jistgħu jiġu infurzati b'mod proviżorju jekk il-qorti tordna hekk, flieft fejn dan huwa pprojbit bil-liġi (l-Artikolu 1399 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

#### **3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?**

A. Sekwestru preventiv

Id-debitur tas-sentenza ma jtitlax id-drittijiet tas-sjeda jew tal-assi soġġetti għal sekwestru preventiv jew id-drittijiet li jużahom u li jieħu l-profit minn fuqhom (użu, kiri, dħul, profitti). L-effett ta' sekwestru preventiv huwa biss li l-assi ma jistgħux jinbiegħu jew jiġu ipotekati. It-tneħħija ta' din is-setgħa ta' dispożizzjoni tfisser li kwalunkwe tranżazzjoni bħal din li madankollu tiġi konkluża mid-debitur tas-sentenza tkun valida fiha nnifisha iżda ma tkunx effettiva kontra l-kreditur tas-sentenza. Il-kreditur ma għandux għalfejn jieħu kont ta' tali tranżazzjoni u jista' jaġixxi daqs li kieku ma kinitx teżisti.

B. Sekwestru

Bħal f'depożiti ordinarji, is-sekwestru jfisser li l-pussess materjali tal-assi jiġi ttrasferit lid-depożitarju. L-uniċi miżuri li d-depożitarju jista' jieħu huma miżuri maħsuba biex jippreservaw l-assi.

C. Miżuri *interim*

Mhux applikabbli.

D. Infurzar proviżorju

L-infurzar proviżorju jfisser li s-sentenza tiġi infurzata minkejja l-possibbiltà li tista' tiġi varjata fl-appell jew jekk tiġi ppreżentata oġġezzjoni. Ir-rikorrent jieħu r-riskju assoċjat mal-infurzar (ara hawn fuq).

#### **3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?**

A. Sekwestru preventiv

Is-sekwestru preventiv huwa soġġett għal limitu ta' żmien, li fil-prinċipju huwa ta' tliet snin. L-imħallef tas-sekwestri preventivi jista', madankollu, jiffissa limitu ta' żmien iqsar. Is-sekwestru preventiv jista' jiġġedded sakemm il-limitu ta' żmien inizjali ma jkunx skada. It-tiġdid – li huwa, fil-fatt, estensjoni tal-limitu ta' żmien eżistenti – huwa permess meta jkun hemm raġunijiet validi għat-tiġdid tas-sekwestru preventiv u l-urġenza tas-sitwazzjoni ma tkunx inbidlet.

B. Sekwestru

Il-liġi ma timponi l-ebda limitu ta' żmien fuq is-sekwestru. Jekk ma jkunx hemm aktar ir-riskju li l-assi ma jistgħux jiġu ppreservati kif inhuma u li s-soluzzjoni finali tista' konsegwentement tkun kompromessa, is-sekwestru jitneħħa.

C. Miżuri *interim*

Il-liġi ma timponi l-ebda limitu ta' żmien fuq il-miżuri *interim*. Is-sentenza finali fit-tilwima tista' tikkonferma jew treġġa' lura miżuri bħal dawn.

D. Infurzar proviżorju

Mhux applikabbli.

### **4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?**

A. Sekwestru preventiv

Jekk l-imħallef tas-sekwestri preventivi jirrifjuta l-awtorizzazzjoni għal sekwestru preventiv, il-kreditur tas-sentenza jista' jikkontesta l-ordni tal-imħallef fi żmien xahar minn meta jkun ġie notifikat (l-Artikolu 1419, l-ewwel paragrafu, u l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Il-każ jiġi ttrattat bl-istess mod bħal quddiem l-

ewwel imħallef; is-sentenza tingħata mill-qorti fl-awli (*en chambre du conseil/in raadkamer*). Jekk imbagħad jingħata permess għas-sekwestru preventiv, u d-debitur tas-sentenza jixtieq jippreveni s-sekwestru preventiv, id-debitur tas-sentenza għandu jressaq oġġezzjoni bħala parti terza affettwata (*terce opposition/derdenverzet*) quddiem il-qorti tal-appell (*cour d'appel/hof van beroep*).

Jekk l-imħallef tas-sekwestri preventivi jagħti l-awtorizzazzjoni għal sekwestru preventiv, id-debitur tas-sentenza jew kwalunkwe parti interessata oħra jistgħu bl-istess mod joġġezzjonaw kontra dik l-ordni bħala parti terza affettwata (l-Artikolu 1419 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-oġġezzjoni għandha tinbeda fi żmien xahar mid-data meta tiġi notifikata l-ordni li tawtorizza s-sekwestru preventiv, u tinstema' mill-imħallef li jkun f'ħaq l-ordni (l-Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Sakemm l-imħallef tas-sekwestri preventivi ma jagħtix sospensjoni tal-infurzar, tali oġġezzjoni ma jkollhiex effett sospensiv.

B. Sekwestru

Mhux applikabbli fil-każ ta' sekwestru miftiehem bejn il-partijiet.

Is-sekwestru ordnat minn qorti huwa deċiżjoni tal-qorti li tista' tiġi kkontestata permezz tal-mezzi ordinarji previsti fil-Kodiċi Ġudizzjarju.

C. Miżuri *interim*

Kwalunkwe parti li tikkunsidra lilha nnifisha inġurjata b'ordni maħruġa fi proċedimenti interlokutorji tista' tressaq oġġezzjoni jew appell. L-appelli kontra l-ordnijiet maħruġa mill-imħallef li jippresjedi l-qorti tal-prim'istanza jew il-qorti kummerċjali jinstemgħu mill-qorti tal-appell. L-appelli kontra l-ordnijiet maħruġa mill-imħallef li jippresjedi l-tribunal tax-xogħol għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti tax-xogħol (*cour du travail/arbeidshof*).

Il-limitu ta' żmien għal oġġezzjoni jew appell huwa ta' xahar mid-data minn meta l-ordni tiġi nnotifikata mill-uffiċjal ġudizzjarju jekk il-proċedimenti jkunu nbdev permezz ta' taħrika (*assignation/dagvaarding*) jew ta' dehra volontarja (*comparution volontaire/vrijwillige verschijning*), u ta' xahar mid-data minn meta l-ordni tiġi nnotifikata b'ittra speċjali rreġistrata (*pli judiciaire/gerechtsbrief*) jekk l-ordni tkun inħarġet wara applikazzjoni ex parte.

D. Infurzar proviżorju

L-infurzar proviżorju mhux miftuħ għall-appell. Il-qorti tal-appell ma tista' taħt l-ebda ċirkostanza tipprobbixxi jew tissospendi l-infurzar ta' sentenza (l-Artikolu 1402 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

L-aħħar aġġornament: 24/10/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Bulgarija

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-proċess huwa kkaratterizzat ġeneralment minn perjodu itwal jew iqsar ta' żmien. Dan id-dewmien, li jirriżulta minħabba l-fażijiet differenti u l-istanzi differenti li jgħaddi minnhom il-proċess, kultant jista' jwassal biex il-protezzjoni legali tkun ineffikaċi minħabba dewmien fl-għoti ta' sentenza u fid-dħul fis-seħħ tagħha. B'kont meħud ta' dan, il-leġiżlatur ippreveda sett ta' miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw l-effikaċja tal-protezzjoni ġudizzjarja mitluba li jirrestrinġu l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet ta' proprjetà mill-intimat.

Il-kwistjonijiet marbutin mal-garanzija tal-pretensjoni huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 389-404 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (KPC).

Skont l-Artikolu 391 tal-KPC, il-garanzija tat-talba hija permessa meta, mingħajr dawn il-miżuri provviżorji, ikun impossibbli jew diffiċli għar-rikorrent biex jimplementa d-drittijiet mogħtija lilu mis-sentenza u meta: a) it-talba hija appoġġjata minn evidenza dokumentata jew b) il-garanzija trid tingħata f'ammont determinat mill-qorti skont l-Artikoli 180 u 181 tal-Att dwar l-Obbliġi u l-Kuntratti (OCA). Garanzija tista' tintalab skont id-diskrezzjoni tal-qorti anke meta jkun hemm evidenza dokumentata.

Rekwiżit fundamentali u kundizzjoni obligatorja għall-għoti ta' miżuri provviżorji huwa r-riskju tal-inabilità tar-rikorrent li jimplementa d-drittijiet tiegħu mogħtija mis-sentenza li jista' jkun li tingħata fir-rigward ta' talba potenzjalment sostanzjata.

Sabiex tippermetti illi t-talba tiġi garantita, il-qorti jivvaluta jeżistix il-prerekwiżiti li ġejjin: il-bżonn ta' garanzija għat-talba, ġustifikazzjoni potenzjali għat-talba u miżura provviżorja, kif speċifikat mir-rikorrent, li hija xierqa u adegwata għall-bżonnijiet tal-każ partikolari u l-protezzjoni legali mitluba.

Skont l-Artikolu 397(1) tal-KPC, il-liġi tipprevedi l-miżuri provviżorji li ġejjin:

il-qbid tal-proprjetà immobbli,

is-sekwestru tal-assi mobbli u r-riċevibbli, inkluż is-sekwestru tal-ishma f'kumpanija,

miżuri xierqa oħra determinati mill-qorti, inkluż it-teħid ta' vettura u s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni.

Il-qorti tista' tagħti wkoll diversi miżuri kawtelatorji sal-ammont tat-talba (mingħajr il-ħtieġa li jiġi żgurat aktar minn dak l-ammont).

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

#### 2.1 Il-proċedura

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 34 tal-KPC, il-garanzija tat-talba hija permessa:

skont l-Artikolu 389 tal-KPC – għal kull tip ta' talba – fir-rigward ta' kull stadju tal-każ, qabel il-konklużjoni tal-inkjesta ġudizzjarja matul il-proċedimenti fl-appell, skont l-Artikolu 390 tal-KPC, il-pretensjonijiet kollha jistgħu jiġu garantiti anke qabel tinfetaħ il-kawża (garanzija ta' talba futura).

Ir-rikors għal miżuri provviżorji *pendente lite*:

Dan ir-rikors jiġi ppreżentat mir-rikorrent quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni biex tisma' l-kwistjoni legali. Biex tiġi tingħata garanzija għal pretensjoni, iridu japplikaw il-prerekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 391 tal-KPC: ġustifikazzjoni probabbli tal-pretensjoni, l-eżistenza tal-ħtieġa li tiġi garantita l-pretensjoni, jiġifieri riskju tal-effetti tad-deċiżjoni tal-qorti li tilqa' t-talba (jekk tali deċiżjoni tinħareġ) li tiġi mfixkla minħabba li l-intimat ikun iddispona mill-proprjetà tiegħu li tista' tinqabad, kif ukoll l-adeqwatezza tal-miżura speċifikata. Skont l-Artikolu 391(2)(3) tal-KPC, meta ma jkunx hemm biżżejjed provi, biex tkun ipprovata l-ġustifikazzjoni probabbli tal-pretensjoni, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, titlob ukoll il-ħlas ta' garanzija finanzjarja f'ammont iddeterminat minnha.

Il-garanzija tat-talba hija permessa wkoll anke waqt li l-każ ikun sospiż.

Ir-rikors għall-garanzija ta' talba futura:

Ir-rikors jiġi ppreżentat fil-post fejn ir-rikorrent għandu l-indirizz permanenti tiegħu jew fejn tinsab il-proprjetà li se sservi bħala garanzija tat-talba. Meta jkun hemm talba għal miżura provviżorja għas-"sospensjoni tal-eżekuzzjoni", ir-rikors irid jiġi ppreżentat quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni minħabba l-post ta' eżekuzzjoni.

Meta l-miżuri provviżorji jingħataw fir-rigward ta' talba futura, il-qorti tiffissa perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni tat-talba, li ma jistax ikun itwal minn xahar. Il-prerekwiżiti materjali għall-għoti ta' dawn il-miżuri provviżorji huma l-istess bħal dawk li jikkonċernaw l-għoti ta' miżuri provviżorji rigward każ pendenti.

Ir-rikors għandu jindika l-miżuri provviżorja mixtieqa u l-valur tat-talba. Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat lill-qorti reġjonali jew qorti distrettwali rilevanti, skont il-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tal-qorti skont l-Artikolu 104 tal-KPC.

Ir-rikors jista' jiġi ppreżentat mill-persuna kkonċernata jew mir-rappreżentant proċedurali tiegħu (l-avukat). Mhix meħtieġa kopja peress li tali kopja ma tiġix innotifikata lill-parti avversarja minħabba li l-proċedimenti interlokutorji huma proċedimenti *ex parte*: dawn isiru mingħajr il-parteciġipazzjoni tal-parti l-oħra (li l-patrimonju tagħha jkun affettwat mill-miżura mogħtija).

Il-miżuri provviżorji mogħtija mill-qorti huma imposti permezz ta':

qbid tal-proprjetà immobbli – mill-Uffiċju tar-Reġistratur,

sekwestru tal-assi mobbli u tar-riċevibbli - mill-istat jew minn bailiff privat, inkluż bin-notifika, min-naħa tiegħu, ta' partijiet terzi bħal banek u istituzzjonijiet ta' kreditu oħra,

miżuri provviżorji fil-konfront ta' karozzi - mis-servizzi rilevanti tal-Pulizija tat-Traffiku,

miżura provviżorja tas-"sospensjoni tal-eżekuzzjoni" – trid tiġi ppreżentata kopja tas-sentenza tal-qorti lill-bailiff rilevanti li beda l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni biex jingħata l-permess,

miżuri oħra previsti mil-liġi - mill-istat jew bailiff privat rilevanti, magħżula mill-persuna.

Madankollu, l-Att dwar l-Insolvenza Bankarja (Zakon za bankovata nesastoyatelnost) (ZBN), bħala liġi speċjali, jipprevedi espressament il-garanzija ta' talbiiet għar-rikostituzzjoni tal-patrimonju tal-insolvenza ta' bank. Skont l-Artikolu 53(2) taz-ZBN, garanzija ta' pretensjoni trid tingħata meta t-talba tkun sostnuta minn evidenza suffiċjenti li twassal għall-preżunzjoni li t-talba tkun iġġustifikata. Jekk x'aktarx li t-talba ma tkunx iġġustifikata, il-liġi ġenerali tippermetti l-għoti ta' miżuri kawtelatorji meta tingħata garanzija, filwaqt li l-liġi speċjali tirrigwarda ġustifikazzjoni probabbli bħala kundizzjoni *sine qua non* għall-garanzija ta' talba li għadha trid tiġi milqugħa. Għalhekk, il-garanzija ta' talba għandha tkun milqugħa meta l-argumenti u l-evidenza ppreżentati jwasslu għall-konklużjoni li t-talba probabbilment hi ġġustifikata. Dan huwa raġonevoli, meta jitqies li skont l-Artikolu 403 KPĊ, il-parti ggarantita hija responsabbli għad-danni kkawżati mill-miżuri kawtelatorji lill-parti avversarja. Il-leġiżlatur jirrikonoxxi li l-obbligi għall-indennizz tad-danni ma għandhomx jiġu mill-patrimonju ta' bank insolventi (għax dan inaqqas il-patrimonju tal-insolvenza u jikkawża dannu fuq il-kredituri) u, għalhekk, jistabbilixxi rekwiżit li l-garanzija ta' talba mressqa għandha tingħata biss jekk tiġi ppreżentata biżżejjed evidenza li tagħti prova tal-ġustifikazzjoni probabbli tagħha.

Skont il-punt 2 tal-Artikolu 629a(1) tal-Att dwar il-Kummerċ (Targovski zakon) (TZ), il-miżuri msemmija fil-punt 4 tal-Artikolu 630(1) tat-TZ jistgħu jingħataw bħala miżuri kawtelatorji *ex ante* fi proċedimenti tal-insolvenza jekk dan ikun meħtieġ sabiex tiġi ppreservata l-proprjetà tad-debitur. Dawn il-miżuri jinkludu l-impożizzjoni ta' mandat ta' sekwestru, il-ħatra ta' riċevitur provviżorju, l-ordni ta' sospensjoni tal-proċedimenti ta' eżekuzzjoni pendenti, l-issiġillar ta' bini, tagħmir, eċċ. Ir-regola ikkonċernata tippresupponi li t-talba skont l-Artikolu 625 tat-TZ għandha tkun ammissibbli, li għandha tkun sostnuta minn provi bil-miktub li jstabbilixxu l-manifestazzjoni probabbli tal-fatti li t-talba hija bbażata fuqhom u, jekk ma tkunx sostnuta minn tali evidenza, li l-attur għandu jipprovi garanzija f'ammont stabbilit mill-qorti biex jikkompensa lid-debitur għad-danni kkawżati f'każ li ma jiġix stabbilit li d-debitur huwa insolventi jew, rispettivament, eċċessivament midjun (l-Artikolu 629a(2) tat-TZ) u li għandu jkun hemm interess li tingħata garanzija (meta d-debitur jonfoq, jeqred u/jew jaħbi l-proprjetà tiegħu u b'hekk jipperikola l-interessi tal-kredituri u sakemm il-miżuri mitluba ma jiġux imposti, il-kredituri jistgħu jġarrbu danni minħabba li ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati meta l-proprjetà tad-debitur tiġi monetizzata). Il-liġi tirrikjedi wkoll li l-miżura kawtelatorja mitluba tkun adegwata u rilevanti għall-ħtieġa li tiġi ggarantita t-talba.

Mir-regola tal-Artikolu 629a(1) tat-TZ jirriżulta li l-garanzija *ex ante* fil-proċedimenti għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza tingħata biss jekk ikun hemm riskju reali li d-debitur jiddisponi mill-proprjetà tiegħu sabiex jikkawża dannu lill-kredituri. Huwa biss jekk dan il-prerekwiżit jeżisti li l-qorti tkun marbuta tikkunsidra jekk jeżistux ukoll il-prerekwiżiti l-oħrajn previsti fl-Artikolu 629a(2) tat-TZ.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-prerekwiżiti materjali għall-awtorizzazzjoni tal-miżuri provviżorji (kif deskritti hawn fuq) huma stabbiliti fl-Artikolu 391 tal-KPĊ.

Il-garanzija ta' talba għal manteniment hija permessa anke mingħajr ma jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 391 tal-KPĊ fejn il-qorti tista' tordna miżuri provviżorji *ex officio*.

Il-garanzija parzjali tat-talba wkoll hija permessa, iżda biss b'rabta mal-partijiet li fuqhom hemm biżżejjed provi.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

B'mod ġeneral, kwalunkwe proprjetà tad-debitur tista' tkun soġġetta għal miżuri provviżorja. Il-garanzija ta' talba finanzjarja permezz tas-sekwestru tar-riċevibbli li mhumiex soġġetti għall-eżekuzzjoni mhix permessa.

Skont l-Artikolu 393(1) tal-KPĊ, il-garanzija ta' talba finanzjarja kontra l-istat, l-istituzzjonijiet tal-istat u tal-faċilitajiet tas-saħħa skont l-Artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Faċilitajiet tas-Saħħa mhix permessa.

It-tip ta' assi li jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri provviżorji:

riċevibbli ta' intimat minn istituzzjonijiet ta' kreditu fuq kontijiet bankarji miftuħa magħhom,

beni mobbli;

beni immobbli;

karozzi, fir-rigward tat-teħid tagħhom,

attivitajiet ta' eżekuzzjoni,

beni partikolari tad-debitur li mitlub iħallas kif evalwati f'każijiet oħrajn stabbiliti b'mod espliċitu fil-liġi.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Kwalunkwe dispożizzjoni tas-suġġett tal-miżura kawtelatorja, li ssir mid-debitur, hija ineffettiva fil-konfront tal-persuna li l-miżuri kawtelatorji jkunu ġew imposti wara talba minnha. Fir-rigward tal-beni immobbli, l-invalidità għandha effett biss fir-rigward tat-trasferimenti mwettqa wara li tkun tniżżlet il-preklużjoni tad-dritt ipotekarju - skont l-Artikolu 452 tal-KPĊ. Minbarra l-ineffikaċja relattiva (nuqqas ta' dipendenza), id-dispożizzjonijiet effettwati jkunu kompletament effikaċi u jipproduċu l-effetti legali tagħhom.

L-Artikolu 453 tal-KPĊ jirregola l-ipoteżi tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, min-naħa tal-kreditur u tal-kredituri assoċjati, tad-drittijiet miksuba wara li l-preklużjoni tad-dritt ipotekarju titniżżel fir-reġistru u tasal in-notifika tas-sekwestru.

Skont l-Artikolu 401 tal-KPĊ, il-kreditur garantit jista' jiftaħ kawża kontra parti terza responsabbli għall-ammont jew għall-assi li din tal-aħħar tirrifuta li titrasferixxi b'mod volontarju.

L-ispejjeż marbuta mal-proċedimenti għal garanzija ta' talba jitħallsu mill-persuna li fuq talba tagħha ngħataw il-miżuri provviżorji, kif provdut mill-Artikolu 514 tal-KPĊ b'referenza għall-Artikolu 401 tal-KPĊ, li jirregola l-miżuri provviżorji.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

L-awtorizzazzjoni għall-garanzija ta' talba tingħata abbażi tal-prinċipju illi fir-rigward ta' kawża pendenti, il-miżura provviżorja rilevanti tiġi imposta qabel il-konklużjoni tal-kawża permezz tas-sentenza korrispondenti li tkun daħħlet fis-seħħ.

Meta l-miżuri provviżorji jingħataw fir-rigward ta' talba futura, il-qorti tiffissa perjodu ta' żmien għas-sottomissjoni tat-talba, li ma jstax ikun itwal minn xahar.

Jekk ma jkun hemm l-ebda prova illi t-talba ġiet ippreżentata fiż-żmien stabbilit, il-qorti tikkancela l-miżuri provviżorji *ex officio* - skont l-Artikolu 390(3) tal-KPĊ.

F'każ ta' sottomissjoni ta' talba li fir-rigward tagħha ġew ordnati miżuri provviżorji, kif normalment ikun il-każ, il-miżuri provviżorji jibqgħu fis-seħħ u għandhom effett sakemm tiġi konkluża l-kawża.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 402 tal-KPĊ jirregola l-proċedura ta' kanċellament għall-miżuri provviżorji milqugħa. Huwa jipprovdni illi l-parti interessata trid tippreżenta rikors u kopja tiegħu tagħthi lill-persuna li talbet għall-miżuri provviżorji. Dan tal-aħħar jista' jippreżenta oġġezzjoni fi żmien tliet ijiem. Il-qorti, f' seduta bil-bibien magħluqa, tikkanċella l-miżura provviżorja jekk tkun sodisfatta għal kolloxx illi r-raġuni li għaliha ngħatat il-miżura ma għadhiex teżisti jew illi l-intimat ippreżenta garanzija, fiż-żmien stabbilit, billi ddepożita l-ammont kollu mitlub mir-rikorrent (l-Artikolu 398(2) tal-KPĊ). Is-sentenza tal-qorti għall-kanċellament tal-miżuri provviżorji hija soġġetta għal appell permezz ta' ilment privat fi żmien ġimgħa.

Is-sostituzzjoni tal-miżuri provviżorji mogħtija, skont l-Artikolu 398 tal-KPĊ, tista' ssir f'dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet:

skont il-paragrafu 1 - il-qorti, fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tista', wara li tinnotifika lill-parti l-oħra u tikkunsidra l-oġġezzjonijiet tagħha sottomessi fi żmien tliet ijiem wara n-notifika, tippermetti s-sostituzzjoni ta' miżura provviżorja b'oħra,

skont il-paragrafu 2- f'każ ta' garanzija ta' talba li tista' tiġi kkwantifikata f'termini finanzjarji, l-intimat jista' f'kull ħin jissostitwixxi l-garanzija awtorizzata, mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, bi pleġġ ta' flus jew titoli oħra, skont l-Artikolu 180 u 181 tal-OCA.

Fil-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 398(1)(2) tal-KPĊ, il-qbid jew is-sekwestru jiġu mħassra.

Il-liġi ma teskludix lill-intimat milli jressaq talba kontra r-rikorrent għal kumpens minħabba d-danni li kkawżawlu l-miżuri provviżorji, jekk it-talba soġġetta għall-miżuri provviżorji tiġi mħassra jew ma tiġix ippreżentata fil-perjodu ta' żmien stabbilit, kif ukoll jekk il-kawża tispiċċa (l-Artikolu 403 tal-KPĊ).

#### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Skont l-Artikolu 396 tal-KPĊ, is-sentenza tal-qorti rigward il-garanzija ta' talba tista' tiġi appellata permezz ta' ilment privat fi żmien ġimgħa. Għar-rikorrent, dan il-perjodu ta' ġimgħa jibda meta tingħata s-sentenza, filwaqt li għall-intimat (il-persuna li kontrihha ngħataw il-miżuri provviżorji) dan jibda mid-data li fiha ġie notifikat bil-miżuri provviżorji mill-bailiff, mill-Uffiċju tar-Regjistratur jew mill-qorti. Kopja tal-ilment privat għandha tintbagħat lill-parti opposta, li trid twieġeb fi żmien ġimgħa.

Il-partijiet terzi, ukoll, huma rikonoxxuti li jkollhom interess ġuridiku biex iressqu appell jekk il-patrimonju tagħhom ikun affettwat mill-miżura kawtelatorja. Fil-proċedimenti interlokutorji *ex parte*, il-qorti ma teżaminax jekk l-intimat ikollux id-drittijiet li ntalbet restrizzjoni tas-setgħa ta' disponiment tiegħu fuqhom. Għal din ir-raġuni, jista' jiġi impost sekwestru fuq proprjetà immobbli li ma tkunx il-proprjetà tad-debitur. Is-sid attwali f'dan il-każ ikollu *locus standi* biex jappella d-deċiżjoni li tilqa' s-sekwestru anki jekk dak is-sid ikun parti terza fir-rigward tal-proċedimenti.

Meta deċiżjoni li tiċħad l-għoti garanzija tat-talba tiġi appellata, ma tiġi nnotifikata kopja tal-appell tal-parti li tagħmel it-talba lill-intimat għax f'din il-fażi, ukoll, il-proċedimenti jibqgħu *ex parte*.

Jekk il-qorti tal-appell tikkonferma sentenza li tawtorizza jew tiċħad miżuri provviżorji, is-sentenza mhix soġġetta għal appell fil-kassazzjoni. Jekk il-qorti tal-appell tkun awtorizzata miżuri provviżorji li kienet irrifjutat il-qorti tal-prim'istanza, is-sentenza ta' din tal-aħħar hija soġġetta għal appell permezz ta' ilment privat quddiem il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni jekk il-prekwiżiti tal-Artikolu 280 tal-KPĊ għal dan l-appell jiġi sodisfatti.

Skont il-KPĊ attwalment fis-seħħ, kemm il-miżuri provviżorji awtorizzati u l-ammont tal-garanzija determinati mill-qorti bħala kundizzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-miżuri provviżorji huma soġġetti għal appell. Madankollu, l-appell quddiem il-qorti tal-appell ma jistax jissospendi l-miżuri provviżorji qabel ma tkun ingħatat sentenza dwar l-appell mill-qorti oġġa u jkun deċiż illi l-miżuri jitħassru.

L-aħħar aġġornament: 22/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - l-Ċekja

#### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

##### Miżuri provviżorji:

Il-miżuri provviżorji jintużaw biex jirregolaw b'mod provviżorju r-relazzjoni bejn il-partijiet, jew f'sitwazzjoni fejn hemm biża' illi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja tista' tiġi mxejpla.

Ġeneralment, il-miżuri provviżorji maħruġa qabel jibdw il-proċedimenti fuq is-sustanza tal-każ huma regolati mill-Artikolu 74 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963 kif emendat) filwaqt li l-miżuri provviżorji maħruġa wara li jkun bdew dawn il-proċedimenti huma regolati mill-Artikolu 102 tal-Kodiċi. Miżuri provviżorji speċjali għal ċerti sitwazzjonijiet speċjali huma regolati mill-Att dwar il-Proċedimenti Ġudizzjarji Speċjali (l-Att Nru 292/2013), jiġifieri miżuri provviżorji li jirregolaw sitwazzjoni li jinsab fiha minuri li ma ngħatax il-kura mistħoqqa (l-Artikolu 452 *et seq.*) u miżuri provviżorji biex jipprovdnu protezzjoni kontra l-vjolenza domestika (l-Artikolu 400 *et seq.*). L-Artikolu 12 tal-Att Nru 292/2013 jipprovdni wkoll ċerti regoli speċjali li jissupplimentaw l-arranġamenti speċjali għall-miżuri provviżorji, biex ikopru dawk il-proċedimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Att.

##### L-għoti ta' garanzija għall-provi:

Il-provi jistgħu jiġu żgurati jekk ikun hemm tħassib illi l-ġbir tagħhom fil-futur ma jibqax possibbli jew jkun diffiċli ħafna (pereżempju eżekuzzjoni vizzjata ta' kuntratt tal-bejgħ, li l-oġġett tiegħu jinkludi oġġetti li jitħassru jew l-eżami ta' xhud li huwa marid serjament u li għandu kundizzjoni medika li hi ta' theddida għal ħajtu).

#### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

##### 2.1 Il-proċedura

Miżuri provviżorji:

L-Artikolu 74(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963, kif emendat) jistipula illi l-proċedimenti biex tinkiseb miżura provviżorja jibdw b'rikors.

Madankollu, l-Artikolu 12 tal-Att Nru 292/2013 jistabbilixxi illi miżura provviżorja tista' tiġi ordnata mill-qorti *ex officio* jekk tkun tista' tagħti bidu għall-proċedimenti wkoll *ex officio* (pereżempju proċedimenti dwar il-kura tal-minuri, proċedimenti għall-inkapaċità, proċedimenti ta' kurazija u proċedimenti dwar persuna nieqsa, jew mewt). F'dawn il-każijiet, il-qorti tordna l-miżura provviżorja *ex officio*.

Il-qorti kompetenti biex toħroġ miżura provviżorja hija l-qorti li għandha ġurisdizzjoni fuq is-sustanza; l-eċċezzjonijiet għal din ir-regola jinsabu fl-Artikolu 400 u 453 tal-Att Nru 292/2013.

Il-provi jistgħu jiġu żgurati:

qabel jibdw il-proċedimenti fuq is-sustanza tal-każ, b'rikors. Il-qorti kompetenti hija l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq is-sustanza jew il-qorti li fid-distrett tagħha jinsabu l-provi li qegħdin f'riskju.

matul il-proċedimenti anke fin-nuqqas ta' rikors.

Il-partijiet fil-kawża għandhom ikunu preżenti meta l-provi jiġu żgurati, sakemm dewmien f'dan ir-rigward ma jkunx ta' theddida.

Il-provi jistgħu jiġu żgurati wkoll permezz ta' att notarili (*notářský zápis*) jew b'nota tal-uffiċjal ta' eżekuzzjoni (*exekutorský zápis*), jekk dan il-proċess iseħħ fil-preżenza ta' nutar jew ta' uffiċjal tal-eżekuzzjoni jew jekk huma jkunx xehdu fuq dan il-fatt.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Miżura provviżorja tista' tiġi ordnata:

jekk irid ikun hemm arranġamenti provviżorji biex jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-partijiet;

jekk hemm tħassib illi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja se tiġi kompromessa;

biex jirregolaw relazzjoni fuq bażi provviżorja.

Il-valutazzjoni dwar jekk hemmx bżonn ta' arranġamenti provviżorji biex jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-partijiet tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari.

Miżura provviżorja tiġi ordnata biss jekk jista' jintwera l-bżonn ta' arranġamenti provviżorji biex jirregolaw ir-relazzjonijiet legali tal-partijiet. F'dak li jikkonċerna ċirkostanzi oħra rilevanti għall-ħruġ ta' miżura provviżorja, huwa suffiċjenti illi jiġu ppruvati l-fatti kruċjali għat-tqegħid tal-obbligu taħt miżura provviżorja.

L-imminar tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni

Jekk tiġi ordnata miżura provviżorja b'rispons għal tħassib illi l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni tista' tiġi mminata, il-parti li għandha dritt titlob din il-miżura għandu jkollha fil-pussess tagħha deċiżjoni jew strument ieħor li jkun fih ir-raġunijiet għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni. Miżura provviżorja tista' tiġi ordnata biss sakemm id-deċiżjoni ssir eżekuttiva, jew jekk ikun hemm raġunijiet serji għalfejn il-parti li għandha d-dritt titlob għall-miżura ma setgħetx (temporanjament) tqiegħed fis-seħħ— permezz tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni – l-obbligu li ġie ordnat. Fl-istess fin, il-fatti li jiġġustifikaw dan it-tħassib illi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tista' tkun kompromessa (l-aktar minħabba l-imġiba tad-debitur tad-deċiżjoni) iridu jiġu ppruvati.

Rikors għal miżura provviżorja għandu jkun fih id-dettalji elenkati fl-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 75 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963), inklużi: informazzjoni li tindika liema qorti ġiet indirizzata fir-rikors;

min qiegħed jippreżenta r-rikors u x'każ jikkonċerna, pereżempju sommarju tal-fatti li jiġġustifikaw it-talba għall-miżura provviżorja;

l-għan tar-rikors, jiġifieri liema miżura provviżorja qed jitlob ir-rikorrent;

id-data tar-rikors, u l-firma tar-rikorrent jew tar-rappreżentant tar-rikorrent;

deskrizzjoni tal-fatt illi jenħteġu arranġamenti provviżorji biex jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-partijiet, jew illi hemm tħassib dwar l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tista' tiġi mxekkla.

Kull strument li r-rikorrent qed jirreferi għalih irid jiġi mehmuż mar-rikors.

Fid-data tal-preżentata tar-rikors, ir-rikorrent irid jiddepożita CZK 10 000 fuq inizjattiva tiegħu stess, jiġifieri mingħajr ma tgħidlu l-qorti biex jagħmel dan. F'każijiet li jikkonċernaw ir-relazzjonijiet bejn negozji minħabba attivitajiet ta' negozju, id-depożitu huwa ta' CZK 50 000. Ir-rikorsi dwar kwistjonijiet ta' benessri soċjali huma eżenti mir-rekwiżit ta' depożitu (pereżempju manteniment, impjiegi jew kumpens għal danni personali). Ir-rikors jiġi miċħud jekk ma jsirx id-depożitu.

Id-depożitu jservi ta' garanzija għal talba ta' kumpens għad-danni jew telf ieħor li jistgħu jġarrbu l-partijiet jew partijiet terzi (pereżempju persuni li mhumiex involuti fil-miżura provviżorja) jekk il-miżura provviżorja tiġi ordnata.

L-Artikolu 12(3) tal-Att Nru 292/2013 jistipula l-eżenzjoni mid-depożitu previst minn din il-liġi.

L-għoti ta' garanzija għall-provi:

Qabel jibdew il-proċedimenti fuq is-sustanza tal-każ, il-provi jistgħu jiġu żgurati (jekk hekk ikun propost) jekk ikun hemm tħassib illi l-għbir tal-provi fil-futur isir impossibbli jew diffiċli ħafna. Il-provi ma jiġux żgurati jekk ikun ċar illi mhumiex importanti għall-proċedimenti. Il-qorti tiċħad ir-rikors għall-garanzija tal-provi jekk tissuspetta illi r-rikorrent, flok ifittex li jħares il-provi, qiegħed verament jippreżenta r-rikors biex jikseb riżultat ieħor (pereżempju biex jikseb informazzjoni li kieku ma jistax ikollu fuq l-attivitajiet ta' persuna oħra).

Minbarra d-dettalji ġenerali, rikors għall-garanzija tal-provi jrid ikollu deskrizzjoni tal-fatti li se jkunu soġġetti għall-għbir tal-provi. Il-provi li jridu jiġu żgurati jridu jiġu identifikati b'mod speċifiku.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Miżuri provviżorji:

L-Artikolu 76 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistipula illi miżura provviżorja tista' tobbliga lil parti biex tħallas il-manteniment, biex tiddepożita somma flus il-qorti, biex tqiegħed oġġett fil-kustodja tal-qorti, biex ma tittrasferix ċerti oġġetti jew drittijiet, biex tagħmel xi ħaġa, biex tieqaf milli tagħmel xi ħaġa jew biex tippermetti li jsir xi ħaġa. Il-miżura tista' tkun marbuta ma' kull oġġett li qiegħed fil-pussess tal-parti kkonċernata.

Permezz ta' miżura provviżorja, qorti tista' timponi l-obbligu fuq xi ħadd li mhux il-parti fil-kawża fejn ikun meħtieġ u ġustifikabbli (pereżempju jekk xi ħadd qiegħed jixtri propjetà u jaf biċ-ċert illi qiegħed jixtrih mingħand sid li għadu ma ħallasx lill-kredituri tiegħu).

Il-miżuri provviżorji speċjali skont l-Att Nru 292/2013:

Il-miżura provviżorja speċjali li tirregola s-sitwazzjoni ta' minuri skont l-Artikolu 452 *et seq.* tiġi applikata jekk il-minuri ma ġiex ikkurat kif xieraq, irrispettivament jekk hemmx xi ħadd li għandu d-dmir jieħu ħsiebu, jew jekk il-ħajja, l-iżvilupp jew interessi importanti oħra tal-minuri ġewx traskurati jew humiex qegħdin f'periklu serju. Il-miżura provviżorja tal-qorti tirregola s-sitwazzjoni tal-minuri għaż-żmien strettament neċessarju billi tqiegħdu f'ambjent xieraq, kif indikat fl-ordni tal-qorti.

Fuq l-intimat tista' tiġi imposta miżura provviżorja speċjali skont l-Artikolu 400 *et seq.*, fejn huwa jrid jitlaq mid-dar matrimonjali u l-inħawi tagħha, biex joqgħod 'il bogħod mid-dar matrimonjali u ma jidhox fiha, biex ma jikkuntattjax lir-rikorrent, jew biex bl-ebda mod ma jsegwi b'mod malizzjuż jew jiffastidja lir-rikorrent. Ir-rikors għandu jkun fih deskrizzjoni tal-fatti li juru illi l-koeżistenza tar-rikorrent u tal-intimat fid-dar jew appartament fejn jgħixu hija intollerabbli għar-rikorrent minħabba vjolenza fiżika jew mentali li seħħ fuqu jew fuq persuna oħra li tgħix fl-istess abitazzjoni, jew deskrizzjoni tal-fatti li juru l-insegwiment malizzjuż jew il-fastidju li jġarrab ir-rikorrent.

L-għoti ta' garanzija għall-provi:

Ir-rikors għandu jispjega wkoll għalfejn ir-rikorrent jixtieq jiżgura l-provi. Il-mezzi kollha li bihom jista' jiġi vverifikat il-każ, speċjalment l-eżami tax-xhieda, opinjoni esperta, ir-rapporti u l-osservazzjonijiet tal-awtoritajiet u ta' persuni ġuridiċi, eċċ, jistgħu jintużaw bħala provi.

Metodu speċjali għall-iżgurar tal-provi huwa l-protezzjoni ta' oġġett mill-provi f'każ marbut mad-dritt ta' proprjetà intellettuali (l-Artikolu 78b tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (l-Att Nru 99/1963)). Persuna li tkun rat b'għajnejha l-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettuali għandha locus standi. Il-qorti kompetenti hija l-qorti reġjonali li l-oġġett ġie żgurat fil-ġurisdizzjoni tagħha. Dawn li ġejjin jistgħu jiġu protetti: l-oġġetti konċernati; materjali u għodda; dokumenti marbuta mal-oġġetti konċernati.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Miżuri provviżorji:

Miżura provviżorja hija deċiżjoni provviżorja intiża biex tiproteġi lir-rikorrent. Hija tinħareġ għall-protezzjoni ta' dritt tal-applikant li ġie miksur jew qiegħed f'riskju. Meta tinħareġ miżura provviżorja, hija ma tagħtix lir-rikorrenti drittijiet li għad iridu jiġu solvuti. Lanqas ma hija mezz biex tiġi indirizzata kwistjoni preliminari. Bl-istess mod, is-sempliċi fatt illi nħarġet miżura provviżorja ma għandux jaffettwa t-teħid ta' deċiżjoni tal-qorti fuq is-sustanza tal-każ. Anke wara li tkun inħarġet miżura provviżorja, l-obbligant jista' jkompli jittrasferixxi l-propjetà tiegħu, iżda jrid jagħmel dan skont il-miżura maħruġa.



Kull min serjament ifixkel l-andament tal-proċedimenti, b'mod partikolari billi jonqos - mingħajr raġuni valida - milli jidher quddiem il-qorti jew ma jobdix ordni tal-qorti, jista' jiġi ordnat iħallas multa mill-qorti sa massimu ta' CZK 50 000. Il-qorti tista' teżegwixxi deċiżjoni dwar miżura provviżorja jekk id-debitur tad-deċiżjoni ma josservax dik id-deċiżjoni b'mod volontarju. Il-piena għall-ostakolazzjoni tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni uffiċjali jew ta' tkeċċija (mid-dar matrimonjali) hija mnaqqa wkoll fl-Artikolu 337(2) tal-Att Nru 40/2009 tal-Kodiċi Kriminali, li jstabbilixxi l-imġiba ħażina meta wieħed jostakola l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni uffiċjali jew it-tkeċċija.

### 3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Miżuri provviżorji:

Miżura provviżorja għal terminu definit

Fl-ordni għal miżura provviżorja, il-qorti tista' tiddeċiedi illi l-miżura għandha tkun limitata fiż-żmien, anke jekk ir-rikorrent mhux hekk qed jitleb.

L-impożizzjoni ta' obbligu biex tinfetaħ kawża jew biex jiġi ppreżentat rikors ieħor biex jibdedw il-proċedimenti.

Ordni tal-qorti għal miżura provviżorja jista' jobbliga lir-rikorrent jippreżenta rikors il-qorti biex jibdedw proċedimenti (kawża) dwar is-sustanza tal-każ f'perjodu ta' żmien stabbilit fl-istess żmien li tkun ħarġet il-miżura provviżorja.

Miżura provviżorja tibqa' fis-seħħ sakemm tiskadi jew sakemm titneħħa mill-qorti.

Miżura provviżorja tiskadi jekk ir-rikorrent ma jdaħħalx rikors biex jibdedw il-proċedimenti fiż-żmien stabbilit mill-qorti; jekk ir-rikors fuq is-sustanza tal-kawża ma jiġix milqugħ; jekk ir-rikors fuq is-sustanza tal-kawża jiġi milqugħ u jkunu għaddew aktar minn 15-il ġurnata minn meta d-deċiżjoni saret eżekuttiva; jew jekk it-terminu stabbilit għall-miżura provviżorja jkun skada.

Il-qorti tneħħi miżura provviżorja jekk ir-raġunijiet li taw lok għall-ħruġ tagħha ma jibqgħux validi.

L-Artikolu 400 *et seq.* tal-Att Nru 292/2013 jistipula illi miżura provviżorja għandha tibqa' fis-seħħ għal xahar mid-data li fiha ssir eżekuttiva (l-Artikolu 408) u illi dak it-terminu jista' jiġi estiż, skont meta bdew il-proċedimenti fuq is-sustanza tal-każ.

L-Artikolu 452 *et seq.* tal-Att Nru 292/2013 jistipula illi miżura provviżorja għandha tibqa' fis-seħħ għal xahar mid-data li fiha ssir eżekuttiva (l-Artikolu 459) u illi dak it-terminu jista' jiġi estiż.

L-għoti ta' garanzija għall-provi:

Il-provi jiġu żgurati fiż-żmien stabbilit mill-qorti jew mill-aktar fis possibbli. Il-partijiet jistgħu jkunu preżenti meta jiġu żgurati l-provi, iżda ma għandhomx dritt ikunu preżenti jekk id-dewmien fid-dehra tagħhom jikkostitwixxi riskju. Wara li jkunu bdew il-proċedimenti dwar is-sustanza tal-każ, il-partijiet għandhom dritt iwieġbu għall-provi prodotti u għall-provi kollha miġbura. Barra minn hekk, il-partijiet jistgħu jiġu eżaminati.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Miżuri provviżorji:

Id-deċiżjonijiet dwar il-miżuri provviżorji jieħdu l-għamla ta' ordni tal-qorti. Ordni li jimponi miżuri provviżorji jsir eżekuttiv mal-pubblikazzjoni tiegħu. Jekk ma jiġix ippubblikat, isir eżekuttiv man-notifika lill-parti responsabbli. Kopja bil-miktub ta' miżura provviżorja tiġi nnotifikata lill-partijiet fil-proċedimenti u fuq partijiet terzi (fejn dik il-parti terza jkollha obbligu li trid tettaq) u, jekk il-miżura tikkonċerna l-obbligu li ma jsirux trasferimenti ta' propjetà immobbli, tingħata wkoll kopja lir-reġistru tal-artijiet kompetenti. Ordni tal-qorti li joħroġ miżura provviżorja isir eżekuttiv mal-pubblikazzjoni jew bin-notifika tiegħu (l-Artikolu 76d tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) u jikkostitwixxi raġuni għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Jistgħu jsiru appelli kontra l-ordnijiet għal miżuri provviżorji. L-appelli jressqu quddiem il-qorti li tat id-deċiżjoni kontestata, iżda fil-verità jinstemgħu mill-qorti tat-tieni istanza, jiġifieri mill-qorti reġjonali jew mill-qorti superjuri. L-appelli jressqu fiż-żmien 15-il ġurnata mill-irċevuta ta' kopja bil-miktub tad-deċiżjoni.

Jekk l-appell ammissibbli jiġi ppreżentat fil-ħin mill-parti li għandha d-dritt tappella, id-deċiżjoni ma ssirx finali sakemm il-qorti tal-appell tkun waslet għal deċiżjoni finali dwar l-appell. Madankollu, ordni għal miżura provviżorja jsir eżekuttiv (jiġifieri tiġi osservata l-proċedura skont dak l-ordni) malli jiskadi ż-żmien stabbilit għal dik il-prestazzjoni, li jibda jgħodd mid-data tan-notifika; Inkella jsir eżekuttiv man-notifika jekk ma jordnax obbligu ta' prestazzjoni. Qorti tista' tiddeċiedi illi l-ordni għal miżura provviżorja jkun eżekuttiv biss wara li d-deċiżjoni tal-qorti ssir finali, sakemm dan ma jiġix eskluż minħabba n-natura tal-miżura provviżorja jew inkella jmur kontra l-għan tagħha.

L-Artikoli 409 u 463 tal-Att Nru 292/2013 fihom dispożizzjonijiet dwar l-appelli minn miżuri provviżorji speċjali skont dik il-liġi.

L-aħħar aġġornament: 09/11/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Ġermanja

### 1 X'in huma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-miżuri mmirati biex jiżguraw l-eżekuzzjoni obbligatorja permezz tal-qbid provviżorju tal-assi tad-debitur jew permezz ta' deċiżjoni provviżorja dwar is-sitwazzjoni, normalment ma jissodisfawx filhom infushom il-pretensjoni tal-kreditur.

Il-miżuri possibbli huma kif ġej:

#### 1.1 Il-mandat ta' qbid kawtelatorju u l-arrest personali (*dinglicher und persönlicher Arrest*) (l-Artikoli 916 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung – ZPO*))

Il-qbid iservi biex jiżgura l-eżekuzzjoni obbligatorja kontra l-proprietà mobbli jew immobbli tad-debitur, għal pretensjoni monetarja. Trid issir distinzjoni bejn il-qbid ta' qabel is-sentenza u l-arrest personali. Il-qbid ta' qabel is-sentenza jseħħ jekk ikun hemm il-biża' li, fin-nuqqas ta' din il-miżura, l-eżekuzzjoni tas-sentenza tiġi frustrata jew imfixkta b'mod sostanzjali. L-arrest personali jiġi ordnat jekk l-eżekuzzjoni obbligatorja titqies li tkun f'riskju u t-teħid ta' tali azzjoni jkun meħtieġ biex l-eżekuzzjoni tiġi żgurata. Il-qbid jiġi ordnat mill-qorti kompetenti wara li jkun ġie ppreżentat rikors. Il-qbid jista' jiġi eżegwit, pereżempju, permezz ta' sekwestru (*Pfändung*) (beni mobbli), rahan (*Arresthypothek*) (beni immobbli) jew arrest (*Haft*) (arrest personali).

#### 1.2 Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju (*einstweilige Verfügung*) (l-Artikoli 935 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)

Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jservi provviżorjament biex jiggarantixxi pretensjoni mhux monetarja. Jiġi ordnat jekk ikun hemm il-biża' li bidla fis-sitwazzjoni attwali tfixkel b'mod sostanzjali l-ksib tad-dritt inkwiżjoni. Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju fil-forma ta' garanzija ta' eżekuzzjoni futura ta' pretensjonijiet mhux monetarji (*Sicherungsverfügung*) (l-Artikolu 935 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jew ta' regolament temporanju tal-qorti ta' relazzjoni ġuridika (*Regelungsverfügung*) (l-Artikolu 940 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jiġi ordnat mill-qorti kompetenti wara rikors. Id-dispożizzjonijiet tal-eżekuzzjoni obbligatorja mbagħad japplikaw fil-prinċipju għall-eżekuzzjoni sussegwenti (l-Artikolu 936 flimkien mal-Artikolu 928 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

#### 1.3 Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet skont il-liġi tal-UE

L-Artikoli 946 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jinkludu dispożizzjonijiet b'rabta mar-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jstabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 189 tas-27 ta' Ġunju 2014, p. 59). L-ordni ta' preservazzjoni tal-kontijiet hija forma speċjali ta' provvediment provviżorju.

#### 1.4 Avviż ta' sekwestru imminenti ta' dejn (*Vorpfändung*) (l-Artikolu 845 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)



L-avviż ta' sekwestru imminenti ta' dejn jintuża biex tiġi żgurata pretensjoni tad-debitur kontra debitur terz għall-benefiċċju tal-kreditur. Dan jinvolvi l-ordni lid-debitur terz biex ma jagħmel l-ebda pagament lid-debitur u l-ordni lid-debitur biex joqgħod lura minn kwalunkwe disponiment fir-rigward tal-pretensjoni, b'mod partikolari l-ġbir tagħha. L-avviż lid-debitur terz jaħdem bħala sekwestru (l-Artikolu 930 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) biss sakemm id-dejn jiġi effettivament sekwestrat fi żmien xahar (l-Artikolu 845(2) tal-Kodiċi).

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

Il-mandat ta' qbid kawtelatorju, l-arrest personali u l-mandati ta' inibizzjoni kawtelatorji (il-punti 1.1 u 1.2) jinħarġu b'ordni tal-qorti kompetenti wara rikors imressaq mill-parti li tkun qed titlob li ssir ġustizzja. Ir-rikors irid jinkludi informazzjoni dwar il-pretensjoni li trid tiġi ggarantita u l-urġenza tal-ordni jew ir-riskju ta' tfixkil tal-eżekuzzjoni. It-tnejn li huma jridu jintwerew għas-sodisfazzjoni tal-qorti, pereżempju permezz ta' affidavit.

Ir-rikors jista' jsir bil-miktub jew jiġi rreġistrat oralment mar-reġistru għall-atti tal-qorti. Il-qorti kompetenti hija l-qorti li għandha ġurisdizzjoni għal azzjoni dwar is-sustanza tal-kawża jew il-qorti lokali (*Amtsgericht*), fid-distrett li fih ikun l-oġġett li għandu jiġi ggarantit, l-oġġett tal-litigazzjoni jew il-persuna li għandha tiġi detenuta. Fil-każ ta' seduta orali, id-deċiżjoni tal-qorti tkun fil-forma ta' sentenza inkella fil-forma ta' digriet.

Ir-rappreżentanza minn avukat fi proċedimenti għal miżuri provviżorji hija meħtieġa biss fil-każ ta' seduta orali quddiem il-qorti reġjonali (*Landgericht*).

L-ordni tal-preservazzjoni tal-kontijiet (il-punt 1.3) hija rregolata mir-Regolament (UE) Nru 655/2014. L-Artikoli 946 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar il-preżentazzjoni tar-rikors u l-proċedura, l-eżekuzzjoni tal-ordni u kwalunkwe rimedju legali.

L-avviż ta' sekwestru imminenti ta' dejn (il-punt 1.4) ma jinħariġx mill-qorti. Abbażi ta' dokument legali eżegwibbli, il-kreditur jista' jaħtar uffiċjal ġudizzjarju biex jinnotifika lid-debitur terz u lid-debitur ewlieni, billi jindika li s-sekwestru tad-dejn jew ta' dritt pekunarju ieħor huwa imminenti (l-Artikolu 845(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-avviż lid-debitur terz jaħdem bħala sekwestru skont l-Artikolu 930 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili biss sakemm id-dejn jiġi effettivament sekwestrat fi żmien xahar (l-Artikolu 845(2) tal-Kodiċi).

L-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (*Gerichtskostengesetz*, GKG) jistipula li jridu jiġihallu 150 % tat-tariffa fil-proċedimenti fejn jintalab mandat ta' qbid jew arrest personali jew inibizzjoni kawtelatorja. L-ammont tat-tariffa jiġi ddeterminat mill-valur tat-tilwima. Il-qorti tikkalkula l-ammont inkwistjoni fuq bażi individwali, skont l-interess tar-rikorrent fil-likwidazzjoni tal-assi tad-debitur. Hawn taħt hawn it-tabella tat-tariffi għall-ammonti inkwistjoni sa €500 000:

L-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (GKG), l-Anness 2 (relat mal-Artikolu 34(1), it-tielet sentenza)

Ammont inkwistjoni sa €...	Tariffa €...	Ammont inkwistjoni sa €...	Tariffa €...
500	38.00	50 000	601.00
1 000	58.00	65 000	733.00
1 500	78.00	80 000	865.00
2 000	98.00	95 000	997.00
3 000	119.00	110 000	1 129.00
4 000	140.00	125 000	1 261.00
5 000	161.00	140 000	1 393.00
6 000	182.00	155 000	1 525.00
7 000	203.00	170 000	1 657.00
8 000	224.00	185 000	1 789.00
9 000	245.00	200 000	1 921.00
10 000	266.00	230 000	2 119.00
13 000	295.00	260 000	2 317.00
16 000	324.00	290 000	2 515.00
19 000	353.00	320 000	2 713.00
22 000	382.00	350 000	2 911.00
25 000	411.00	380 000	3 109.00
30 000	449.00	410 000	3 307.00
35 000	487.00	440 000	3 505.00
40 000	525.00	470 000	3 703.00
45 000	563.00	500 000	3 901.00

Jekk ir-rikors ikun is-suġġett ta' proċedimenti orali, u jekk il-kawża ma tieqafx bl-irtirar tar-rikors għall-protezzjoni qabel il-konklużjoni tal-proċedimenti orali, jew permezz ta' rikonossiment tad-dejn, rinunzja jew ftehim (f'dawn il-każijiet it-tariffa titnaqqas b'50%), trid titħallas tariffa oġġiva, ekwivalenti għal 300%. L-ispejjeż jiġihallu l-ewwel nett mill-parti li teħel l-ispejjeż tal-kawża skont id-deċiżjoni tal-qorti - barra minn hekk, ir-rikorrent, bħala dak li beda l-kawża, huwa wkoll responsabbli għall-ispejjeż bħala debitur ġenerali.

L-uffiċjal ġudizzjarju iżomm tariffa ta' €3.30 għal kull notifika ta' sekwestru imminenti lil debitur jew debitur terz imsemmi fi-avviż. Barra minn hekk, hemm spejjeż tal-posta u spejjeż għal kull ċertifikazzjoni li tista' tiġi meħtieġa. It-tariffa għal notifika personali mill-uffiċjal ġudizzjarju hija ta' €11, u f'dan il-każ jkun jridu jiġihallu wkoll l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-uffiċjal ġudizzjarju. Skont id-distanza sal-istabbiliment tad-destinatarju, dawn jistgħu jiswew bejn €3.25 u €16.25. It-tariffa tal-uffiċjal ġudizzjarju għat-tnejn tal-avviż ta' eżekuzzjoni minnu f'isem il-kreditur (l-Artikolu 845(1), it-tieni sentenza, tal-Kodiċi) hija ta' €17.60, għat-tweġiq ta' att uffiċjali.

L-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qorti hija riżervata primarjament għall-uffiċjal ġudizzjarju u ssir permezz tal-istrumenti tal-Istat (eżekuzzjoni). Din issefħ f'konformità mar-regolamenti attwalment fis-seħħ għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi tal-qorti.

Digressjoni: L-eżekuzzjoni ta' sentenza provviżorjament eżegwibbli ma hijiex essenzjalment differenti mill-eżekuzzjoni ta' sentenza finali. Madankollu, il-liġi tistabbilixxi metodi differenti ta' eżekuzzjoni skont in-natura tal-pretensjoni.

Jekk ikun dovut il-ħlas ta' somma fissa ta' flus, il-kreditur ta' spiss juża uffiċjal ġudizzjarju biex jeżegwixxi d-deċiżjoni tal-qorti. Trid titħallas tariffa ta' €28.60 għall-eżekuzzjoni minn uffiċjal ġudizzjarju fir-rigward ta' beni mobbli. Jekk l-uffiċjal ġudizzjarju ikun dam aktar minn tliet sigħat fuq il-biċċa xogħol, trid titħallas tariffa addizzjonali ta' €22.00 għal kull siegħa jew parti minn siegħa żejda. Barra minn hekk, iridu jiġihallu wkoll l-ispejjeż neċessarji li jkun għamel l-uffiċjal

ġudizzjarju. Ordni ta' ħlas tista' tagħti wkoll dritt lill-kreditur biex jitlob mandat ta' sekwestru fuq ir-riċevibbli tad-debitur (eż. id-dritt għall-ħlas tas-salarju) (l-Artikolu 829 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Tifhallas tariffa ta' €22.00 għall-proċedimenti li jikkonċernaw ir-rikors stess, u l-ispejjeż inċidentali (speċjalment l-ispejjeż ta' notifika ta' ordni tal-qorti) jifhallsu separatament.

Jekk l-eżekuzzjoni trid issir kontra l-beni immobbli tad-debitur, tista' tiġi iskritta ipoteka biex jiġi ggarantit id-dejn, jew inkella l-proprietà tista' tmur għas-subbasta jew sekwestru ġudizzjarju. L-Att dwar l-ispejjeż għall-ġuriżdizzjoni mhux kontenjuża għall-qrati u n-nutara (l-Att dwar l-ispejjeż tal-Qorti u tan-Nutara) (*Gesetz über Kosten der freiwilligen Gerichtsbarkeit für Gerichte und Notare (Gerichts- und Notarkostengesetz, GNotKG)*) jipprevedi li tifhallas tariffa sfiha li tikkorrispondi mal-valur tad-dejn li jrid jiġi ggarantit għar-reġistrazzjoni ta' ipoteka biex jiġi ggarantit id-dejn fir-Reġistru tal-Artijiet. Hawn taħt hawn it-tabella ta' tariffi għall-ammonti sa €3 miljun:

L-Att dwar l-ispejjeż għall-ġuriżdizzjoni volontarja għall-qrati u n-nutara (l-Att dwar l-ispejjeż tal-Qorti u tan-Nutara, GNotKG)

L-Anness 2 (relat ta' Artikolu 34(3))

Valur tat-transazzjoni sa €...	Tariffa Tabella A €...	Tariffa Tabella B €...	Valur tat-transazzjoni sa €...	Tariffa Tabella A €...	Tariffa Tabella B €...	Valur tat-transazzjoni sa €...	Tariffa Tabella A €...	Tariffa Tabella B €...
500	38.00	15.00	200 000	1 921.00	435.00	1 550 000	8 059.00	2 615.00
1 000	58.00	19.00	230 000	2 119.00	485.00	1 600 000	8 257.00	2 695.00
1 500	78.00	23.00	260 000	2 317.00	535.00	1 650 000	8 455.00	2 775.00
2 000	98.00	27.00	290 000	2 515.00	585.00	1 700 000	8 653.00	2 855.00
3 000	119.00	33.00	320 000	2 713.00	635.00	1 750 000	8 851.00	2 935.00
4 000	140.00	39.00	350 000	2 911.00	685.00	1 800 000	9 049.00	3 015.00
5 000	161.00	45.00	380 000	3 109.00	735.00	1 850 000	9 247.00	3 095.00
6 000	182.00	51.00	410 000	3 307.00	785.00	1 900 000	9 445.00	3 175.00
7 000	203.00	57.00	440 000	3 505.00	835.00	1 950 000	9 643.00	3 255.00
8 000	224.00	63.00	470 000	3 703.00	885.00	2 000 000	9 841.00	3 335.00
9 000	245.00	69.00	500 000	3 901.00	935.00	2 050 000	10 039.00	3 415.00
10 000	266.00	75.00	550 000	4 099.00	1 015.00	2 100 000	10 237.00	3 495.00
13 000	295.00	83.00	600 000	4 297.00	1 095.00	2 150 000	10 435.00	3 575.00
16 000	324.00	91.00	650 000	4 495.00	1 175.00	2 200 000	10 633.00	3 655.00
19 000	353.00	99.00	700 000	4 693.00	1 255.00	2 250 000	10 831.00	3 735.00
22 000	382.00	107.00	750 000	4 891.00	1 335.00	2 300 000	11 029.00	3 815.00
25 000	411.00	115.00	800 000	5 089.00	1 415.00	2 350 000	11 227.00	3 895.00
30 000	449.00	125.00	850 000	5 287.00	1 495.00	2 400 000	11 425.00	3 975.00
35 000	487.00	135.00	900 000	5 485.00	1 575.00	2 450 000	11 623.00	4 055.00
40 000	525.00	145.00	950 000	5 683.00	1 655.00	2 500 000	11 821.00	4 135.00
45 000	563.00	155.00	1 000 000	5 881.00	1 735.00	2 550 000	12 019.00	4 215.00
50 000	601.00	165.00	1 050 000	6 079.00	1 815.00	2 600 000	12 217.00	4 295.00
65 000	733.00	192.00	1 100 000	6 277.00	1 895.00	2 650 000	12 415.00	4 375.00
80 000	865.00	219.00	1 150 000	6 475.00	1 975.00	2 700 000	12 613.00	4 455.00
95 000	997.00	246.00	1 200 000	6 673.00	2 055.00	2 750 000	12 811.00	4 535.00
110 000	1 129.00	273.00	1 250 000	6 871.00	2 135.00	2 800 000	13 009.00	4 615.00
125 000	1 261.00	300.00	1 300 000	7 069.00	2 215.00	2 850 000	13 207.00	4 695.00
140 000	1 393.00	327.00	1 350 000	7 267.00	2 295.00	2 900 000	13 405.00	4 775.00
155 000	1 525.00	354.00	1 400 000	7 465.00	2 375.00	2 950 000	13 603.00	4 855.00
170 000	1 657.00	381.00	1 450 000	7 663.00	2 455.00	3 000 000	13 801.00	4 935.00
185 000	1 789.00	408.00	1 500 000	7 861.00	2 535.00			

Trid tifhallas tariffa ta' €110.00 għal rikors għal ordni li timponi bejgħ sfurzta permezz ta' subbasta jew għal sekwestru ġudizzjarju tal-proprietà immobbli.

Meta s-sentenza tgħid li d-debitur irid jikkonsenja l-beni mobbli, l-uffiċjal ġudizzjarju jeżegwixxi d-deċiżjoni tal-qorti wara rikors mill-kreditur. Trid tifhallas tariffa ta' €28.60 għall-att uffiċjali involut. Meta s-sentenza tgħid li d-debitur irid jikkonsenja l-beni immobbli jew l-abitazzjoni, ix-xogħol involut fl-iżgumbrament tal-proprietà jgħib miegħu tariffa ta' €150.00. Barra minn hekk, l-ispejjeż inċidentali tal-uffiċjal ġudizzjarju jridu jifhallsu, b'mod partikolari dawk għax-xogħol ta' terzi (eż. spejjeż għall-ġarr, l-ispejjeż għall-ħaddied tas-serraturi, eċċ). Għal darba oħra, jekk il-ħin tax-xogħol tal-uffiċjal ġudizzjarju ikun aktar minn tliet sigħat, trid tifhallas tariffa addizzjonali ta' €22.00 għal kull sigħa jew parti minn sigħa żejda.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-ħruġ ta' mandat ta' qbid jew l-arrest ta' persuna jassumi li hemm dejn u li hemm raġunijiet għall-qbid jew l-arrest. Fil-każ ta' qbid tal-beni kollha tad-debitur li jistgħu jinqabdu, il-qbid jista' jsejtni jekk hemm il-biża' li d-debitur, b'xi azzjonijiet diżonesti, jew ifixkel jew jostakola b'mod sinifikanti l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti billi pereżempju jneħħi jew jaħbi l-beni. L-arrest personali, jiġifieri l-arrest tad-debitur innifsu, huwa intiż ukoll biex jipprevjeni lid-debitur milli jneħħi kwalunkwe mill-beni disponibbli li jistgħu jinqabdu bl-eżekuzzjoni. Madankollu, l-arrest personali jista' jiġi ordnat biss jekk il-livell meħtieġ ta' garanzija ma tkunx tista' tinkiseb permezz tal-qbid tal-proprietà.

Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju (fi kwalunkwe forma) huwa intiż biex ma jippermettix tibdil fis-sitwazzjoni attwali li tista' tfixkel jew tostakola b'mod sostanzjali t-tweġġ tad-drittijiet ta' parti jew ir-relazzjoni ġuridika. L-oġġett ta' mandat ta' inibizzjoni jista' jkun talbiet li jirrikjedu l-konsenja (provviżorja) ta' oġġetti jew l-aċċettazzjoni (provviżorja) ta' azzjoni partikolari jew tat-teħid ta' azzjoni partikolari (l-Artikoli 935, 938 u 940 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Ir-regoli li japplikaw għall-mandati ta' inibizzjoni kawtelatorji huma essenzjalment l-istess bħal dawk li japplikaw għall-qbid u l-arrest (l-Artikolu 936). F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-qorti tista' tordna wkoll li jsir ħlas provviżorju. Il-pretensjoni u r-raġunijiet għall-mandat ta' qbid mitlub iridu jintwerew għas-sodisfazzjoni tal-qorti, pereżempju permezz ta' affidavit jew bil-preżentazzjoni ta' dokumenti (l-Artikolu 920(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). F'dan ir-rigward, hija l-qorti li tkun tista' tivvaluta l-pretensjoni u l-urġenza humiex "estremament probabbli" mill-preżentazzjoni. L-istess japplika għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (l-Artikolu 936 ZPO).

Is-smiġh tal-partijiet qabel huwa possibbli, imma mhux meħtieġ fi proċedimenti għal qbid jew arrest (l-Artikolu 922 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Irid ikun hemm seduta sussegwenti jekk id-debitur, li l-qbid jew l-arrest irid jiġi nnotifikat lilu mhux aktar tard minn ġimgħa wara l-eżekuzzjoni, jopponi l-mandat ta' qbid jew l-arrest (l-Artikolu 924). Fi proċedimenti għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ġeneralment tkun meħtieġa seduta; din tista' ma ssirx biss f'każijiet urġenti jew jekk ir-rikors jiġi miċħud (l-Artikolu 937(2)). Ma hemmx skadenza sabiex jinstemgħu l-partijiet.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-miżuri kawtelatorji jistgħu jgħall-beni kollha soġġetti għall-eżekuzzjoni.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Il-qbid għandu l-effett li jżomm l-assi; kemm id-debitur prinċipali u kemm id-debituri terzi jgħallu d-dritt tagħhom li jiddisponu mill-beni maqbuda.

Il-qbid huwa ssalvagwardjat mill-Artikolu 136 tal-Kodiċi Kriminali (*Strafgesetzbuch* StGB), li jikkonċerna l-qerda ta' oġġetti maqbuda. Barra minn hekk, l-infrazzjonijiet jistgħu jaġġu lok ukoll għal talba għad-danni skont id-dritt ċivili.

Dan li ġej japplika għall-mandati ta' inibizzjoni kawtelatorji. L-uffiċjal ġudizzjarju jeżegwixxi l-ordni biex titneħħa l-proprietà f'konformità mal-Artikolu 883 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Il-qorti tista' teżegwixxi r-rekwiżit jew il-projbizzjoni ta' ċerti miżuri skont l-Artikolu 887 (awtorizzazzjoni mill-qorti lill-kreditur biex jjeħu azzjoni raġonevoli) jew skont l-Artikoli 888 u 890 (l-impożizzjoni ta' f'ħlasijiet minħabba nuqqasijiet/detenzjoni jew multi/kustodja sabiex ma jsirux azzjonijiet jew omissjonijiet mhux raġonevoli u l-aċċettazzjoni).

#### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Mandat ta' qbid jew ta' arrest jew mandat ta' inibizzjoni kawtelatorja jridu jiġu eżegwiti fi żmien xahar mid-data tas-sentenza jew tan-notifika tagħhom. Jekk ordni ta' qorti barranija li timponi miżuri biex jiġu żgurati l-assi tista' tiġi eżegwita fil-Ġermanja mingħajr dikjarazzjoni minn qabel ta' eżegwibbiltà, il-limitu ta' żmien ikun ta' xahrejn (l-Artikolu 929(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-miżuri jibqgħu validi sakemm jibqgħu fis-seħħ ir-raġunijiet li jġġustifikaw il-miżuri ta' garanzija jew kawtelatorji. Dawn jintemmu wkoll jekk tittieħed deċiżjoni fil-kawża prinċipali.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Kif diġà deskritt, qorti tista' tordna l-qbid jew l-arrest u l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorja permezz ta' sentenza finali (*Urteil*) (wara seduta) jew permezz ta' ordni (*Beschluss*) (l-Artikoli 922 u 936 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-partijiet jistgħu jappellaw kontra sentenza jekk il-valur tas-suġġett tal-appell ikun aktar minn €600.

Dan li ġej japplika jekk jinħareġ ordni:

Id-debitur jista' jappella kontra mandat ta' qbid jew ordni ta' arrest jew kontra mandat ta' inibizzjoni kawtelatorja (l-Artikolu 924 tal-Kodiċi). Imbagħad tissejjaħ seduta orali biex tintlaħqa sentenza finali dwar il-leġittimità tal-miżura. Jista' jsir appell kontra s-sentenza skont iċ-ċirkostanzi deskritti.

Jekk it-talba tiġi miċħuda, il-kreditur jista' joġġezzjona mill-ewwel (*sofortige Beschwerde*) fi żmien ġimgħatejn min-notifika. L-istess jgħodd jekk jinħareġ mandat għall-qbid jew għall-arrest jew għal inibizzjoni, iżda f'dak il-każ il-kreditur irid jipprovdni garanzija.

Barra minn hekk, id-debitur jista' jitlob għall-irtirar tal-mandat ta' qbid jew arrest jew ta' inibizzjoni jekk il-kreditur ikun naqas milli jasserixxi d-dritt tiegħu qabel it-terminu preskritt (l-Artikolu 926 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jew għax ikunu nbiddu l-ċirkostanzi (l-Artikolu 927).

Għar-Regolament (UE) Nru 655/2014, l-Artikolu 953 *et seq* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fih rimedji kontra sentenzi b'rabta ma' ordni ta' preservazzjoni ta' kont.

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 945 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprevedi obbligu għall-parti li tkun kisbet mandat kawtelatorju ta' kumpens għad-danni, jekk jinstab li l-mandat ta' qbid jew ta' inibizzjoni jkun bla bażi mill-bidu jew jekk il-miżura diretta titfassar skont l-Artikolu 926 (2) jew l-Artikolu 942(3) tal-Kodiċi.

L-aħħar aġġornament: 29/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebdja responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Estonja

#### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-miżuri biex jiġi żgurat ir-riżultat ta' kawża huma:

il-kostituzzjoni ta' ipoteka ġudizzjarja fuq proprjetà immobbli, vapur jew inġenju tal-ajru tal-konvenut;

is-sekwestru tal-proprjetà tal-konvenut li tkun fil-pussess tiegħu jew fil-pussess ta' ħaddieħor u, fuq dik il-bażi, issir annotazzjoni li tikkonċerna s-sekwestru fir-reġistru tal-artijiet biex il-projbizzjoni fuq l-aljenazzjoni tkun viżibbli, jew issir annotazzjoni fir-reġistru tal-proprjetajiet ieħor biex il-projbizzjoni fuq l-aljenazzjoni tkun viżibbli;

il-projbizzjoni fuq il-konvenut milli jwettaq ċerti tranżazzjonijiet jew atti, inkluż bl-impożizzjoni ta' ordni ta' trażżin;

il-projbizzjoni ta' persuni oħrajn milli jittrasferixxu l-proprjetà lill-konvenut jew iwettqu obbligi oħrajn fir-rigward tal-konvenut, li jstgħu jinkludu wkoll obbligu għat-trasferiment tal-proprjetà lill-marixxall tal-qorti jew li jitħallsu flus f'kont bankarju preskritt għal dik il-fini;

l-obbligu fuq il-konvenut li jiddepożita oġġett mal-marixxall tal-qorti;

is-sospensjoni tal-proċedimenti eżekuttivi, l-awtorizzazzjoni tat-tkomplija tal-proċedimenti eżekuttivi biss jekk tingħata garanzija, jew ir-revoka tal-azzjoni eżekuttiva f'każ ta' kontestazzjoni ġudizzjarja tat-titolu eżekuttiv jew jekk parti terza jressaq rikors għar-rilaxx tal-proprjetà mis-sekwestru jew biex l-eżekuzzjoni obligatorja tiġi ddikjarata inammissibbli għal raġuni oħra;

il-projbizzjoni tal-konvenut milli jittlaq mill-post tar-residenza tiegħu, l-arrest tal-konvenut u d-detenzjoni tal-konvenut;

l-obbligu tal-konvenut u, fuq kolloxx, tal-assiguratur biex iħallas sal-ammont minimu li x'aktarx ikun pagabbli matul il-proċedimenti fir-rigward ta' danni kriminali jew kuntratt ta' assikurazzjoni;

l-obbligu tal-konvenut biex itemm l-applikazzjoni ta' klawżola kuntrattwali standard abbużiva jew l-obbligu tal-persuna li rrakkomandat l-applikazzjoni tal-klawżola biex itemm jew tirtira r-rakkomandazzjoni tal-klawżola standard abbużiva jew azzjoni għat-tmieni u r-revoka tar-rakkomandazzjoni tal-klawżola mill-persuna li rrakkomandat l-applikazzjoni tal-klawżola;

kwalunkwe miżura oħra meqjusa bħala bżonjuża mill-qorti.

Biex tiġi żgurata azzjoni bbażata fuq il-ksur ta' drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati jew drittijiet tal-proprjetà industrijali, il-qorti tista', fost miżuri oħrajn, tissekwestra l-oġġetti meta jkun hemm suspetti li jista' jkun li nkisur d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali jew jimponi obbligu biex daww l-oġġetti jiġu kkonsenjati biex jiġi evitat li jitqiegħdu fis-suq jew jiġu distribwiti. Jekk l-attur jitlob is-sekwestru tal-kont bankarju jew assi oħra tal-konvenut bħala garanzija għal kawża bbażata fuq il-ksur tad-dritt tal-awtur jew drittijiet relatati jew drittijiet ta' proprjetà industrijali għal finijiet kummerċjali, il-qorti tista' timponi obbligu li jiġu kkonsenjati dokumenti bankarji, finanzjarji jew kummerċjali jew li jitħallew jiġu spezzjonati.

Sabiex tiġi żgurata azzjoni bbażata fuq il-ksib, l-użu jew l-iżvelar illegali tas-sigrieti kummerċjali, il-qorti tista' fost miżuri oħrajn, tikkonfiska l-oġġetti meta jkun hemm suspetti li d-disinn, il-karatteristiċi, il-funzjonament, il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni tal-oġġetti jibbenefikaw b'mod sinifikanti minn sigrieti kummerċjali miksuba, użati jew żvelati illegalment, jew timponi obbligu li jingħatawliha dawk l-oġġetti biex ma tħallihomx jipproġew fuq is-suq jew jiġu distribwiti.

Fi kwistjoni matrimonjali, kwistjoni ta' manteniment jew kwistjoni familjari oħra, il-qorti tista' tirregola dawn li ġejjin għad-dewmien kollu tal-proċedimenti:

id-drittijiet tal-ġenituri fir-rigward ta' wliedhom;

il-komunikazzjoni ta' ġenitur ma' wliedu;

kif it-tifel jiġihalla f'idejn il-ġenitur l-ieħor;

il-konformità mal-obbligi tal-manteniment skont il-liġi u, fost miżuri oħra, l-obbligu tal-konvenut li jipprovdni appoġġ finanzjarju jew garanzija matul il-proċedimenti;

l-użu ta' oġġetti oħra mid-dar matrimonjali u l-użu tad-dar matrimonjali mill-miżżewġin;

il-konsenja jew l-użu ta' kull oġġett maħsub għall-użu personali minn konjuġi jew wild;

kwistjonijiet oħrajn relatati maż-żwieġ jew mal-familja li jridu jiġu solvuti malajr minħabba ċ-ċirkostanzi.

## **2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?**

### **2.1 Il-proċedura**

Talbiet għall-garanzija ta' kawża jiġu deċiżi mill-qorti mhux iktar tard mill-jum ta' xogħol ta' wara d-data ta' tressiq tat-talba. Il-qorti tista' tiddeċiedi dwar it-talba għal garanzija ta' azzjoni iktar tard jekk tkun tixtieq tisma' l-ewwel lill-konvenut.

Il-konvenut u parteċipanti oħrajn fil-proċedimenti ma jiġux innotifikati bis-seduta biex tiġi ggarantita azzjoni. Jekk ikun kjarment raġonevoli u, fuq kolloxx, jekk tintalab ir-regolamentazzjoni provviżorja tar-relazzjoni ġuridika disputata, il-qorti tista' l-ewwel tisma' lill-konvenut.

Il-qorti tista' tiggarrantixxi azzjoni bbażata fuq talba qabel ma tinfetaħ il-kawża. It-talba trid tistabilixxi r-raġunijiet l-għala l-kawża ma tkunx qed tinfetaħ minnufih. It-talba trid tiġi ppreżentata fil-qorti t-tajba skont id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-ġurisdizzjoni. Jekk il-qorti tiggarrantixxi azzjoni qabel ma tinfetaħ il-kawża, il-qorti tistabilixxi ammont ta' żmien li matulu l-attur irid jiftaħ il-kawża. L-ammont ta' żmien ma jstax ikun itwal minn xahar. Jekk il-kawża ma tinfetaħ fil-ħin, il-qorti tikkanċella l-garanzija tal-azzjoni.

Jekk ikun hemm bżonn, qorti tista' timponi miżura għall-garanzija ta' azzjoni jekk il-proprietà kkonċernata tkun fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha, anke jekk l-azzjoni tressqet jew kelliha titressaq ma' qorti Estonjana oħra, qorti barranija jew bord tal-arbitraġġ. Fir-rigward ta' proprietà li tkun iddaħħlet f'reġistru pubbliku, miżura għall-garanzija tal-azzjoni tista' tiġi applikata wkoll mill-qorti li l-ġurisdizzjoni tagħha tkopri l-lokalità tar-reġistru u, fil-każ ta' vapur, mill-qorti li l-ġurisdizzjoni tagħha tkopri l-lokalità tal-port tal-bandiera tal-vapur.

Il-qorti tista' tiddeċiedi li l-garanzija ta' azzjoni jew it-tkomplija tal-garanzija ta' azzjoni tkun tiddependi fuq l-għoti ta' garanzija biex tikkompensa għal kull dannu possibbli kkawżat lill-parti avversarja jew lil terzi.

Il-qorti tiggarrantixxi azzjoni li tinvolvi pretensjoni monetarja biss fil-każ meta garanzija tkun iprovduta f'ammont ta' tal-inqas 5 fil-mija tal-ammont tal-pretensjoni, imma mhux inqas minn EUR 32 u mhux iktar minn EUR 32 000. Jekk tintalab id-detenzjoni tal-konvenut jew il-projbizzjoni ta' konvenut milli jittlaq mill-post tar-residenza tiegħu sabiex tiġi ggarantita azzjoni, l-ammont tal-garanzija pprovduta ma tkunx inqas minn EUR 3 200 u mhux iktar minn EUR 32 000. Jekk il-prerekwiżiti għat-talba ta' garanzija jkun ssodisfati, il-qorti tista' xorta tiċħad it-talba għal garanzija kompletament jew parzjalment jew tordna li titħallas bin-nifs jekk l-attur ma jkunx jista' jkun raġonevolment mistenni jipprovdni garanzija għal raġunijiet ekonomiċi jew raġunijiet oħrajn u n-nuqqas ta' garanzija għall-azzjoni jista' jirriżulta f'konsegwenzi gravi għall-attur, jew jekk it-talba għal garanzija tkun inġusta fuq l-attur għal kwalunkwe raġuni oħra.

### **2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Il-qorti tista' tiggarrantixxi azzjoni fuq talba tal-attur jekk ikun hemm raġuni biex temmen li n-nuqqas li tagħmel dan jista' jfisser li l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti tkun diffiċli jew impossibbli. Jekk ikun ċar li l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti trid issir barra l-Unjoni Ewropea u li l-eżekuzzjoni mhix garantita fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali, ikun preżunt li l-azzjoni tista' trendi l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti diffiċli jew impossibbli.

Biex tiġi ggarantita azzjoni li mhux ibbażata fuq pretensjoni monetarja kontra l-konvenut, il-qorti tista' tirregola provviżorjament relazzjoni ġuridika disputata u, fuq kolloxx, il-mod kif jintuża l-oġġett, jekk dan ikun neċessarju għall-prevenzjoni minn dannu sinifikanti jew azzjoni arbitrarja jew għal raġuni oħra. Dan jista' jsir irrispettivament minn jekk hemmx raġuni biex wieħed jemmen li n-nuqqas ta' garanzija tal-azzjoni jista' jfisser li l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti tkun diffiċli jew impossibbli. Fi kwistjoni matrimonjali, kwistjoni ta' manteniment jew kwistjoni familjari oħra, il-qorti tista' tapplika wkoll miżuri fuq l-inizjattiva personali tagħha.

Azzjoni li tinkludi pretensjoni futura jew kontinġenti, jew azzjoni ta' stabbiliment jistgħu jkun ggarantiti wkoll. Talba kontinġenti ma tkunx iggarantita jekk il-kundizzjoni tkun preżunta li ma tkunx se tiġri waqt il-proċedimenti.

Il-qorti tista' wkoll tapplika miżura biex tiggarrantixxi azzjoni konnessa ma' proċedimenti tal-qorti jew proċedimenti ta' arbitraġġ barra l-pajjiż.

Miżura għall-garanzija ta' azzjoni tista' tiġi applikata wkoll meta attur jittlob il-garanzija ta' bosta talbiet kontra l-istess konvenut.

Miżura biex tiġi ggarantita azzjoni trid tintgħażel b'tali mod li l-miżura, meta tkun applikata, tkun ta' piż fuq il-konvenut biss sakemm ikun raġonevoli meta jitqiesu l-interessi leġittimi tal-attur u ċ-ċirkostanzi. Waqt li tiġi ggarantita azzjoni bi pretensjoni monetarja għandu jitqies il-valur tal-azzjoni. Qorti tista' tapplika bosta miżuri fl-istess waqt biex tiggarrantixxi azzjoni.

Detenzjoni jew projbizzjoni ta' persuna milli tittlaq il-post tar-residenza tagħha biex tiġi ggarantita azzjoni tista' tiġi applikata biss jekk dan ikun neċessarju biex tiġi ggarantita l-konformità mas-sentenza tal-qorti u fejn miżuri oħrajn għall-garanzija ta' azzjoni jkun kjarment insuffiċjenti biex tiġi ggarantita azzjoni, speċjalment jekk hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-persuna x'aktarx titlaq lejn stat barrani jew tiegħu l-assi tagħha lejn stat barrani. Detenzjoni ta' persuna ssir mill-pulizija fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-qorti.

Detenzjoni jew projbizzjoni ta' persuna milli tittlaq mill-post tar-residenza tagħha tista' tintuża għall-garanzija ta' pretensjoni proprjetarja biss jekk il-valur tal-azzjoni tkun taqbeż it-EUR 32 000.

Jekk il-qorti timponi detenzjoni jew projbizzjoni ta' persuna milli tittlaq mill-post tar-residenza tagħha b'deċiżjoni dwar il-garanzija ta' azzjoni li tinvolvi pretensjoni monetarja jew deċiżjoni dwar il-garanzija ta' azzjoni, il-qorti tiddetermina s-somma flus li trid titħallas fil-kont bankarju maħsub għal dawn il-finijiet, jew li tinħtieġ garanzija bankarja għalihom. Ladarba l-flus jiġihallu jew tingħata l-garanzija, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni dwar il-garanzija tal-azzjoni tintemm. F'dawk il-każijiet, u fuq il-bażi ta' talba mill-konvenut, il-qorti tikkanċella l-miżura għall-garanzija tal-azzjoni u tissostitwiha b'somma flus jew garanzija bankarja. Protezzjoni ġuridika provviżorja tista' tiġi applikata fil-proċedimenti fuq talba biss f'każijiet fejn din tkun stipulata mil-liġi. Jekk protezzjoni ġuridika provviżorja tista' tiġi applikata skont il-liġi dwar kwistjoni fuq talba, din tkun tista' ssir jekk ikun hemm bżonn għall-preservazzjoni jew ir-regolamentazzjoni temporanja ta' qağħda jew *status* eżistenti sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-liġi. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-liġi, id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-garanzija ta' azzjoni tapplika għall-protezzjoni ġuridika provviżorja. Jekk il-proċedimenti jistgħu jinbdew biss fuq il-bażi ta' talba, il-qorti tista' tapplika protezzjoni ġuridika provviżorja u tannulla jew temenda d-deċiżjoni dwar il-protezzjoni ġuridika provviżorja biss fuq il-bażi ta' talba sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-liġi.

### **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Skont in-natura u l-għan ta' miżura, jistgħu jiġu applikati miżuri kemm għall-proprjetà mobbli u kemm għall-proprjetà immobbli, inkluż flus, kif ukoll vapuri u inġenji tal-ajru.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Sekwestru

F'każ ta' sekwestru, il-konvenut ma jistax ineħħi l-proprjetà. Minbarra s-sekwestru ta' proprjetà mobbli, ħliet vapur imdaħħal fir-reġistru tal-vapuri jew inġenju tal-ajru mdaħħal fir-reġistru tal-avjazzjoni ċivili, jinħoloq dritt ta' garanzija malli jsir is-sekwestru.

Meta tiġi sekwestrata proprjetà immobbli jew proprjetà mobbli rreġistrata jew oġġett ieħor, trid tiddaħħal annotazzjoni li tikkonċerna l-projbizzjoni fuq l-aljenazzjoni tal-proprjetà fir-reġistru tal-artijiet jew reġistru ieħor għall-benefiċċju tal-attur fuq il-bażi ta' talba mill-attur u d-deċiżjoni dwar il-garanzija tal-azzjoni. B'talba tal-attur, il-qorti tgħaddi d-deċiżjoni b'mod indipendenti biex tiddaħħal l-annotazzjoni tal-projbizzjoni fir-reġistru.

Fuq il-bażi ta' rikors mill-attur jew mill-konvenut, il-qorti tista' tordna l-bejgħ ta' oġġett sekwestrat u r-rikavat mill-bejgħ irid jiġi ddepożitat fil-kont bankarju maħsub għal dik il-fini jekk il-valur tal-oġġett ikun jista' jtnaqas sinifikantement jew il-ħżin tal-oġġett ikun jinvolvi spejjeż irraġonevoli.

Is-sekwestru jiġi rranġat mill-marixxall tal-qorti. Il-marixxall tal-qorti jissorvelja l-oġġett sekwestrat fuq il-bażi ta' rikors mill-persuna li talbet il-garanzija tal-azzjoni. F'każijiet bħal dawn il-marixxall tal-qorti jipprojbixxi l-użu tal-oġġett parzjalment jew kompletament u jista' jagħti ordnijiet fir-rigward tal-oġġett, inkluż għall-organizzazzjoni tal-ħżin tal-oġġett.

Ipoteka ġudizzjarja

Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-liġi, ipoteka ġudizzjarja stabbilita fuq proprjetà immobbli, vapur imdaħħal fir-reġistru tal-vapuri jew inġenju tal-ajru mdaħħala fir-reġistru tal-avjazzjoni ċivili tagħti lill-persuna li talbet il-garanzija tal-azzjoni l-istess drittijiet fuq l-oġġett bħal dawk mogħtija lill kreditur ipotekarju minn ipoteka jew ipoteka marittima, jekk dawk mogħtija lill kreditur li jiġi reġistrat rahan bħala garanzija favur tiegħu.

Is-somma tal-ipoteka hija l-ammont tal-pretensjoni ggarantita li tiddaħħal fir-reġistru tal-artijiet, ir-reġistru tal-vapuri jew ir-reġistru tal-avjazzjoni ċivili. Jekk il-pretensjoni prinċipali tibqa' taħt is-EUR 640, ma tiġix stabbilita ipoteka ġudizzjarja, sakemm ikun possibbli li jiġu applikati miżuri oħrajn għall-garanzija tal-azzjoni li jkunu inqas ta' detriment għall-konvenut.

Ipoteka ġudizzjarja tiddaħħal fir-reġistru tal-artijiet, ir-reġistru tal-vapuri jew ir-reġistru tal-avjazzjoni ċivili għall-benefiċċju tal-attur fuq il-bażi ta' talba mill-attur u d-deċiżjoni dwar il-garanzija tal-azzjoni. B'talba tal-attur, il-qorti tgħaddi d-digriet b'mod indipendenti biex l-ipoteka ġudizzjarja tiddaħħal fir-reġistru. L-ipoteka tinħoloq malli tidħol fir-reġistru.

Malli tinħoloq ipoteka ġudizzjarja fuq vapur jew inġenju tal-ajru, il-marixxall tal-qorti jissorvelja l-vapur jew l-inġenju tal-ajru sekwestrat fuq il-bażi ta' rikors mill-persuna li talbet il-garanzija tal-azzjoni. F'każijiet bħal dawn, il-marixxall tal-qorti jipprojbixxi l-użu tal-vapur parzjalment jew kompletament u jista' jagħti ordnijiet fir-rigward tal-vapur.

Projbizzjoni mit-tluq mill-post tar-residenza

Projbizzjoni mit-tluq mill-post tar-residenza tobbliga lill-persuna kkonċernata biex ma titlaqx mill-post tar-residenza tagħha għal iktar minn 24 siegħa mingħajr il-permess tal-qorti. Biex tapplika projbizzjoni mit-tluq mill-post tar-residenza, il-qorti tħarrek lill-konvenut jekk il-konvenut ikun persuna fiżika, jew membru tal-maniġment tal-konvenut jekk il-konvenut ikun entità ġuridika, u jikseb il-firma tiegħu għal dik ir-raġuni.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Jekk il-qorti timponi detenzjoni jew projbizzjoni ta' persuna milli titlaq mill-post tar-residenza tagħha permezz ta' deċiżjoni dwar il-garanzija ta' azzjoni li tinvolvi pretensjoni monetarja jew deċiżjoni dwar il-garanzija ta' azzjoni, il-qorti tiddetermina s-somma flus li trid tiffallas fil-kont bankarju maħsub għal dawn il-finijiet, jew li tinħtieġ garanzija bankarja għalihom. Ladarba l-flus jitħallsu jew tingħata l-garanzija, l-eżekuzzjoni tad-digriet dwar il-garanzija tal-azzjoni tintemm.

B'talba ta' parti, qorti tista', permezz ta' digriet, tissostitwixxi miżura għall-garanzija ta' azzjoni b'waħda oħra.

Jekk tiġi stabbilita ipoteka ġudizzjarja fuq bosta proprjetajiet immobbli, vapuri jew inġenji tal-ajru, il-qorti tindika fid-digriet dwar il-garanzija tal-azzjoni, somma flus għal kull oġġett li qed joffri garanzija li trid tiffallas fil-kont bankarju maħsub għal dik il-fini jew li trid tingħata garanzija bankarja għalih. Ladarba l-flus jitħallsu jew tingħata l-garanzija, il-garanzija tal-azzjoni tintemm. Jekk il-garanzija ta' azzjoni tiffassur jew miżura li tiggarrantixxi azzjoni tiġi sostitwita, is-sid tal-proprjetà immobbli, vapur jew inġenju tal-ajru jsir sid l-ipoteka. B'talba tas-sid, l-ipoteka ġudizzjarja tiffassur mir-reġistru tal-artijiet, ir-reġistru tal-vapuri jew ir-reġistru tal-avjazzjoni ċivili fuq il-bażi ta' digriet li tiffassur il-garanzija tal-azzjoni.

Jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu u, fuq kollox, ir-raġuni għall-garanzija ta' azzjoni tintemm jew tiġi offruta garanzija, jew għal raġuni oħra stipulata mil-liġi, il-qorti tiffassur il-garanzija ta' azzjoni fuq talba ta' parti. Garanzija mhux monetarja ta' azzjoni tista' tiffassur jew tiġi emendata billi tiġi ssostitwita bi fhas monetarju biss bil-kunsens tal-attur jew għal raġuni valida.

Il-qorti tiffassur il-garanzija ta' azzjoni permezz ta' sentenza tal-qorti jekk l-azzjoni ma tkunx issodisfata, jew permezz ta' digriet jekk l-azzjoni ma tkunx ammessa jew il-proċedimenti fil-kwistjoni jintemmu. Il-qorti tiffassur ukoll il-garanzija ta' azzjoni jekk id-deċiżjoni għall-garanzija ta' azzjoni tittieħed minn qorti oħra, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi.

Fi kwistjoni matrimonjali, kwistjoni ta' manteniment jew kwistjoni familjari oħra, il-qorti tista' temenda jew tannulla digriet dwar il-garanzija ta' azzjoni bl-inizjattiva personali tagħha.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Parti tista' tappella kontra digriet li permezz tiegħu qorti tal-kontea jew qorti distrettwali tiggarrantixxi azzjoni, tissostitwixxi miżura għal garanzija ta' azzjoni b' oħra jew tiffassur il-garanzija ta' azzjoni. Digriet minn qorti distrettwali li jikkonċerna appell kontra digriet minn qorti tal-kontea huwa suġġett għal appell quddiem il-Qorti Suprema (*Riigikohus*) biss jekk il-valur tal-azzjoni ggarantita jaqbeż it-EUR 100 000 jew jekk persuna tkun detenuta jew ipprojbita milli titlaq mill-post tar-residenza bħala miżura ta' garanzija.

Id-digriet dwar protezzjoni legali proviżorja jistgħu jiġu appellati. Id-digriet tal-qorti distrettwali dwar dawn l-appelli ma jistgħux jiġu appellati quddiem il-Qorti Suprema, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi.

L-aħħar aġġornament: 22/02/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Irlanda

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

It-tipi differenti ta' miżuri kawtelatorji fil-qrati Irlandiżi huma l-mandati. Mandat huwa ordni tal-qorti lill-parti f'kawża biex tagħmel jew tieqaf milli tagħmel xi ħaġa partikolari. Il-ksur ta' mandat huwa meqjus bħala disprezz tal-qorti u min jikser din l-ordni jista' jintbagħat il-ħabs. Mandat jista' jkun:

(i) permanenti,

(ii) għal perjodu speċifiku ta' żmien, jew

(iii) mogħti fuq bażi temporanja qabel tibda l-kawża.

Jekk l-attur jaħseb illi l-konvenut kapaċi jneħħi jew jeqred oġġetti jew dokumenti essenzjali, huwa jista' jitlob lill-qorti *ex parte* għal ordni msejja "Anton Piller", li hija forma ta' mandat fejn il-konvenut irid iħalli lill-attur jidħol fi ħwejġu biex jivverifika dokumenti jew oġġetti oħra u jneħħi kulma jkun ta' propjetà tal-attur. Jekk ir-attur ikun mħasseb dwar il-fatt illi l-konvenut jista' jeħles minn xi ftit jew mill-assi kollha tiegħu u ma jkunx f'pożizzjoni li jissodisfa t-talba tal-attur jekk fl-aħħar mill-aħħar jirbaħ il-kawża, l-attur jista' jitlob lill-qorti għal "mandat Mareva" jew ordni ta' sekwestru, li ma jħallix lill-konvenut jeħles mill-assi tiegħu sakemm ikun fis-seħħ dak l-ordni. Ġeneralment, mandat Mareva ma jħallix lill-konvenut li ma jkunx fil-ġurisdizzjoni tal-qorti iżda li jkollu l-assi f'dik il-ġurisdizzjoni milli jneħħi dawk l-assi "*pendente lite*".

Meta t-talba tal-attur tkun għal somma ta' flus, huwa jista' jitlob lill-qorti biex tagħti ordni għal flus interim mill-konvenut ta' parti minn jew tas-somma kollha mitluba fil-qorti. Min-naħa l-oħra, konvenut li jkun imħasseb dwar il-fatt illi jekk l-attur jitlef il-kawża ma jkunx jista' jħallas l-ispejjeż legali tal-konvenut li bihom ikun jista' jiddefendi b'suċċess il-pożizzjoni tiegħu matul il-proċedimenti, jista' jitlob lill-qorti biex tordna illi l-attur jagħti garanzija għall-ispejjeż tal-proċedimenti billi jiddepożita somma flus il-qorti. Jekk l-ordni għal "garanzija għall-ispejjeż" issir favur il-konvenut, l-attur ma jkunx jista' jmessi bit-talba tiegħu jekk ma jiddepożita dik is-somma flus il-qorti kif stabbilit mill-ordni tal-qorti.

Il-Qorti Superjuri għandha ġurisdizzjoni wkoll biex tagħti ordnijiet kawtelatorji b'apponi għal proċedimenti f'ġurisdizzjonijiet oħra jekk ikun hemm bżonn. Hija tista' toħroġ "mandat universali ta' sekwestru" li japplika għall-assi f'ġurisdizzjonijiet oħra jekk ikun hemm biża' jew tħassib illi l-konvenut jista' jeħles mill-assi tiegħu biex ma tingħatax sentenza kontriha.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

Bosta rikorsi għal mandat isiru quddiem is-Circuit Court jew il-Qorti Superjuri. Madankollu, ċerti tipi ta' miżuri kawtelatorji jistgħu jintalbu biss mill-Qorti Superjuri, bħall-ordnijiet ta' sekwestru, ordnijiet imsejja "Anton Piller" u ordnijiet relatati ma' proċedimenti barranin.

Il-parti li qed titlob għal ordni kawtelatorju trid tippreżenta rikors flimkien ma' affidavit. L-attur irid jagħmel dikjarazzjoni kompluta tal-fatti rilevanti kollha, partikolarment jekk ir-rikors isir mingħajr notifika lill-parti l-oħra. Fl-affidavit għandu jiġi eżebit ukoll abbozz tal-ordni, b'dak li hu rikjest mill-qorti. Fis-sit elettroniku tas-[Servizz tal-Qrati](#) hemm iktar informazzjoni dwar il-formoli tal-qorti meħtieġa.

Jekk l-attur li jkun qed jitlob mandat jirnexxlu jiksbu, normalment ikollu jagħti dik li tissejjaħ "garanzija għad-danni" f'każ illi eventualment jitlef il-kawża sabiex il-parti li l-mandat inħareġ kontriha tkun tista' tirkupra l-ispejjeż imħallsa minħabba l-mandat.

Ir-rikorsi għal mandati jistgħu jsiru *ex parte* jew mingħajr notifika lill-parti l-oħra jekk ikun hemm raġunijiet tajba sabiex il-proċedimenti jsiru b'dan il-mod. Dawn ir-rikorsi jistgħu jsiru wkoll qabel il-ftuħ tal-proċedimenti jekk ikun hemm ċerta urġenza fis-sitwazzjoni tal-attur. [Għal miżuri interlokutorji jew kawtelatorji quddiem il-Qorti Kummerċjali, ara Ord. 63A, r. 6(3) tar-[Regoli tal-Qrati Superjuri](#) 1986].

### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-qrati għandhom diskrezzjoni meta jiddeċiedu jekk joħroġ mandat interlokutorju jew le u jilqgħu t-talba meta ċ-ċirkostanzi jkunu ġusti u xierqa. [Ord. 50 r. 6 (1) tar-[Regoli tal-Qrati Superjuri](#) 1986]. Meta tkun qed tikkunsidra jekk hux xieraq li toħroġ mandat interlokutorju, il-qorti għandha tiddetermina:

(i) Jekk hemmx kwistjoni bona fide li trid tiġi deċiża.

(ii) Jekk l-għoti ta' danni jew kumpens hux rimedju xieraq jekk l-attur ma jkunx ingħata l-mandat u mbagħad jerbaħ il-kawża.

(iii) Kemm għandha piż il-konvenjenza fit-teħid ta' deċizzjoni tagħha.

L-ewwel rekwiżit huwa illi l-attur għandu juri illi hemm kwistjoni ġusta li trid tiġi mismugħa. Dan huwa ostaklu relattivament baxx li jrid jiġi megħlub ml-attur iżda fi snin riċenti din il-parti tat-test saret aktar diffiċli, fejn l-attur qiegħed ifittex, fl-istadju interlokutorju, mandat biex iġieġel lill-parti l-oħra tagħmel xi ħaġa. F'dan il-każ issa huwa ċar mill-awtoritajiet illi l-attur irid juri illi għandu każ b'saħħtu li x'aktarx jirnexxi fis-seduta ta' smiġħ.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-mandati jistgħu jintalbu għal ħaġa raġunijiet li jinkludu it-twaqqif ta' parti milli tiżviluppa jew tuża biċċa art bi ksur ta' kundizzjonijiet jew ftehimiet tal-ippjanar, biex tkun tista' ssir fittxija fil-propjetà u biex jitneħħew xi affarijiet, biex min iħaddem ikompli jħallas lil impjegat jew biex min iħaddem ma jkunx jista' jimpjega nies ġodda "*pendente lite*". Jekk jingħata ordni ta' sekwestru jew ordni tat-tip "Mareva", imbagħad il-parti li l-ordni ngħatat kontriha ma tkunx tista' tmiss l-assi tagħha bl-ebda mod li jkun inkompatibbli mal-ordni tal-qorti. Pereżempju hija tkun tista' tiġbed biss ammont fiss ta' flus kontanti minn kont bankarju u ma tkunx tista' tnaqqas il-valur tal-assi tagħha taħt ċertu ammont sakemm jingħalqu l-proċedimenti.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Jekk parti tikser ordni kawtelatorju, l-aġir tagħha jista' jitqies bħala disprezz tal-qorti u tista' tintbagħat il-ħabs, teħel multa jew tkun soġġetta għal sekwestru tal-assi tagħha. L-ewwel paġna tal-ordni għandu jkun fiha "avviż ta' responsabbiltà kriminali" li javża lir-riċevitur tal-konsegwenzi ta' ksur tat-termini tal-mandat. Bl-istess mod, jekk parti terza bi ħsieb li tgħin lill-attur biex jeħles mill-assi tiegħu li jkunu soġġetti għal ordni ta' sekwestru, hija wkoll tista' tinsab ħaġa ta' disprezz tal-qorti. B'hekk, jiġu notifikati kopji tal-ordnijiet ta' sekwestru lil kull parti terza interessata, bħal manijers tal-bank, kontabilisti u solicitors imqabbda mill-parti li l-ordni nħareġ kontriha jew li qed jaħdmu għaliha.

Kull kuntratt magħmul bi ksur ta' mandat huwa illegali u ma jistax jiġi eżegwit minn dik il-parti li taf li teżisti dik l-ordni. Madankollu s-sjieda xorta tista' tiġi trasferita b'kuntratt illegali, u għalhekk hekk kif isir kuntratt bħal dan, l-assi trasferiti ġeneralment ma jkunx jistgħu jiġu rkuprati u l-uniku rimedju għall-attur f' din is-sitwazzjoni jkun l-għoti ta' kumpens.

#### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Normalment, il-mandat jibqa' validu sakemm jasal fi tmienu l-proċediment (mandat interlokutorju). Jekk il-mandat kawtelatorju jsir mingħajr notifika lill-parti l-oħra, jibqa' fis-seħħ biss għal perjodu limitat ta' żmien li meta jiskadi jkun jenħtieġ ordni tal-qorti ieħor.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Iva. Il-konvenut jew kull parti oħra affettwata mill-mandat kawtelatorju jista' jitlob lill-qorti f'kull mument biex ibiddel jew iħassar il-mandat. Il-parti li tixtieq topponi l-mandat trid tinnotifika lis-solicitor tal-parti l-oħra bir-rikors tagħha. Il-Qorti tista' tħassar mandat fejn il-konvenut jista' juri illi qatt ma kellu jingħata, fejn kien hemm xi tibdil sinifikanti fiċ-ċirkostanzi minn meta ngħata l-mandat jew fejn hu ġust u xieraq li jsir hekk. Kif intqal aktar 'il fuq, qorti tista' tordna lill-parti li qed fittex mandat biex tħallas l-hekk imsejja "garanzija għad-danni" sabiex jekk ma tirbaħx il-kawża, il-parti li l-mandat inħareġ kontriha jkollha protezzjoni fir-rigward tal-ispejjeż imġarrba minħabba l-mandat.

L-aħħar aġġornament: 16/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assigurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Greċja

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?



Il-miżuri provviżorji u kawtelatorji, ġeneralment magħrufa bħala “rimedji provviżorji” (*asfalistiká métra*) huma miżuri ordnati mill-qorti *pendente lite* jew f'proċedimenti li għandhom se jibdew u hemm talba li fil-frattemp għandha bżonn protezzjoni ġudizzjarja. Il-protezzjoni ġudizzjarja provviżorja ta' din ix-xorti hija intiża biex tassigura illi tabilħaqq tista' tiġi sodisfatta t-talba li se tiġi valutata fuq il-mertu. Il-miżuri li jistgħu jiġu ordnati huma: l-għoti ta' garanzija (*engyodosia*); ir-reġistrazzjoni ta' ipoteka fuq il-propjetà tad-debitur (*engrafi prosimeiosis ypothikis*); mandat ta' sekwestru kawtelatorju (*syntiritiki katáschesis*); sekwestru ġudizzjarju (*dikastikí mesengýsis*); l-aċċettazzjoni provviżorja tat-talbiet (*prosorini epidikasi apaitíseon*); mandat li jirregola l-kwistjoni fuq bażi provviżorja (*prosorini rýthmisi katástasis*); l-issiġillar (*sfrágisi*), il-ftuħ (*aposfrágisi*), l-inventarju (*apografi*) u d-depożitu pubbliku (*dimósia katáthesi*) tal-propjetà; u l-miżuri biex jiġi ssalvagwardat il-pussess (*asfalistiká métra nomís*).

## 2 X'in huma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

Il-miżuri ta' dan it-tip għandhom dejjem jiġu ordnati minn qorti.

Il-ġurisdizzjoni ġenerali biex jinħarġu dawn il-miżuri hija tal-qorti tal-prim'istanza b'imħallef uniku (*monomelés protodikeío*). Madankollu, il-qorti tal-prim'istanza b'imħallef uniku jista' jkollha ċċedi din il-ġurisdizzjoni ġenerali lill-qorti ċivili distrettwali (*eirnodikeío*) f'każ tar-regolament provviżorju ta' drittijiet ta' pussess jew użu, u f'każijiet fejn skont id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili il-qorti ċivili distrettwali għandha ġurisdizzjoni biex tisma' t-talba prinċipali. Il-qorti ċivili distrettwali għandha ġurisdizzjoni esklużiva f'każijiet fejn tiġi rreġistrata jew imħassra ipoteka bi ftehim bejn il-partijiet. Ir-rimedji provviżorji jistgħu jiġu ordnati wkoll mill-qorti tal-prim'istanza f'furmata minn diversi membri (*polymelés protodikeío*) jekk il-qorti qiegħda tisma' l-kawża prinċipali; f'dawn il-każijiet il-ġurisdizzjoni tagħha hija konkorrenti ma' dik tal-qorti tal-prim'istanza b'imħallef uniku. Il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali hija normalment il-qorti li għandha ġurisdizzjoni territorjali biex tisma' l-kawża prinċipali, iżda r-rimedji provviżorji jistgħu jiġu ordnati wkoll mill-qorti l-aktar viċin il-post fejn se jiġu implimentati. Id-deċiżjoni tal-qorti li tordna dawn il-miżuri tiġi notifikata lill-parti li trid ttwettaqhom u tiġi eżegwita minn bailiff (*dikastikós epimelítis*). Jekk l-eżekuzzjoni ma tkunx tista' ssir, il-bailiff jista' jitolb l-għajjnuna tal-pulizija. L-ispejjeż diffiċli jiġu determinati, għaliex it-tariffi tal-avukati u tal-bailiffs ivarjaw. Ammont indikattiv jkun ta' madwar EUR 250.

### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-qorti tordna l-miżuri ta' rimedju provviżorji jekk:

- (a) hemm bżonn urġenti jew periklu imminenti, sabiex jiġi protett jew preservat interess leġittimu jew biex tiġi regolata sitwazzjoni, u
- (b) hemm raġunijiet raġonevoli li jafu x'jifhem illi d-dritt li għalih qed jintalab rimedju provviżorju tabilħaqq jeżisti.

Iridu jiġu prodotti provi preliminari li juru illi hemm raġunijiet raġonevoli għall-miżura: Mhemmx bżonn tal-provi kollha, u jkun biżżejjed illi jkun hemm xi provi li jagħtu inqas ċertezza dwar il-fatti li jridu jiġu stabbiliti; Il-qorti tista' tagħti protezzjoni hekk kif tiddeċiedi illi l-fatti allegati x'aktarx minnhom. Il-qorti tagħti protezzjoni biss fejn ikun hemm bżonn urġenti jew periklu imminenti illi d-debitur jista' jeħles mill-propjetà ipotekata tiegħu b'mod illi t-talba ma tkunx tista' tiġi eżegwita aktar tard jekk il-kreditor jingħata titolu eżekuttiv fi tmien il-proċedimenti ewlenin.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

L-assi tad-debitur ta' kull xorti jistgħu jkunu suġġetti għal din il-miżura, kemm jekk huma fil-pussess tiegħu kif ukoll fil-pussess ta' parti terza, sakemm ikunu trasferibbli skont ir-regoli tad-dritt privat u mhumiex legalment eżenti mill-eżekuzzjoni. B'mod partikolari, dawn il-miżuri jistgħu jinħarġu fuq proprjetà immobbli, u fuq proprjetà mobbli li tista' tkun suġġetta għal qbid, inklużi l-bastimenti, l-inġenji tal-ajru, il-vetturi fit-toroq, id-depożiti bankarji u l-ishma dematerjalizzati.

#### 3.2 X'in huma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Hekk kif jingħata ordni tal-qorti provviżorju fuq l-assi, pereżempju mandat ta' sekwestru kawtelatorju jew ordni għar-reġistrazzjoni ta' avviż ta' ipoteka fuq proprjetà immobbli, id-debitur ma jifhalliex jittrasferixxi l-assi lill-partijiet terzi. In-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-ordni jgħib miegħu piena minima ta' sitt xhur ħabs skont l-Artikolu 232A tal-Kodiċi Kriminali.

Id-Digriet Leġiżlattiv (*nomothetikó díatagma*) Nru 1059/1971 jintroduċi obbligu ta' kunfidenzjalità fir-rigward tal-kontijiet bankarji u jipprovdi għal piena minima ta' sitt xhur ħabs għad-diretturi, għall-manigġers jew għall-impjegati tal-bank li jiksru dan l-obbligu. Dan mhux ostaklu għall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, għaliex l-ordni tal-qorti li jimponi s-sekwestru ma hemmx għalfejn jispeċifika liema depożiti jew ishma intanġibbli se jiġu sekwestrati. Il-mandat ma jħallix lill-banek jittrasferixxu l-assi, iżda ma jiksirx l-obbligu tal-kunfidenzjalità, għaliex il-banek ma jintalabx jikxfu jekk hemmx depożiti. Partijiet terzi oħra fil-pussess ta' proprjetà li hija sekwestrata jridu jiddikjaraw jekk it-talbiet jew drittijiet sekwestrati jeżistux fil-verità, jekk sarx xi sekwestru ieħor fuq il-propjetà fil-pussess tagħhom u jekk iva l-valur tas-sekwestru.

#### 3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Skont il-liġi, dawn il-miżuri huma validi:

- (a) sakemm tingħata sentenza finali fil-proċedimenti ewlenin kontra l-parti li talbet għall-mandat, u s-sentenza saret *res judicata*;
  - (b) sakemm tingħata sentenza finali lill-parti li talbet għall-mandat, u dik is-sentenza ġiet eżegwita;
  - (c) sakemm jinstab ftehim bejn il-partijiet fil-proċedimenti ewlenin;
  - (d) għal 30 ġurnata wara d-data li fiha waslu fi tmienhom il-proċedimenti jew ġew imħassra mill-qorti;
  - (e) sakemm l-ordni li timponi l-miżura tiġi revokata jew riveduta mill-qorti li oriġinarjament ħarġet l-ordni, abbażi ta' provi ġodda, jew mill-qorti li qed tisma' t-talba ewlenija, li ma għandhiex għalfejn tistrieħ fuq provi ġodda; jew
  - (f) jekk l-ordni jispeċifika perjodu li fih ir-rikorrent irid iressaq it-talba ewlenija quddiem il-qorti, u r-rikorrent jonqos li jagħmel dan fil-perjodu stabbilit.
- Jekk waħda mill-partijiet ma tidherx għas-seduta ta' smiġh dwar ir-rikors, għalkemm tkun ġiet imħarrka fil-ħin, is-seduta ta' smiġh isseħħ fin-nuqqas ta' dik il-parti. Il-qorti madankollu tisma' l-kawża bħallikieku huma preżenti l-partijiet kollha, għaliex in-nuqqas ta' dehra matul il-proċedimenti għal rimedji provviżorji ma jitqies bħala ammissjoni tal-fatti allegati fir-rikors. Il-qorti tista' terġa tappunta kawża għas-smiġh biss jekk il-parti li naqqset milli tidher titobha tirrevika jew tirrevedi d-deċiżjoni tagħha u tistrieħ fuq provi ġodda li setgħu wasslu lill-qorti għal konklużjoni differenti li kieku kienet konxja minnhom.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

L-ordnijiet għal rimedji provviżorji normalment ma jistgħux jiġu appellati, l-unika eċċezzjoni hija għal dawk li jimponu regolazzjoni provviżorja tad-drittijiet ta' pussess u tal-użu, li, skont it-test ċar tal-liġi, jistgħu jiġu appellati quddiem il-qorti tal-prim'istanza f'furmata minn diversi membri fi żmien għaxart'ijiem min-notifika. Il-prosekutur pubbliku tal-Qorti Suprema (*Áreios Págos*) jista' jressaq appell fuq punti ta' liġi kontra kull ordni tal-qorti, għal raġunijiet ta' interess pubbliku. Il-Qorti Suprema mbagħad tiddeċiedi l-każ u jew tilqa' jew tiċħad l-ordni kontestat. Din id-deċiżjoni għandha biss effett temporanju. Kif isemma' diġà, il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jitolbu lill-qorti li ħarġet dak l-ordni biex tirrevoka jew tirrevedi d-deċiżjoni tagħha. Kull parti terza li ma ġietx imsejja u li ma dehrix għall-proċedimenti wkoll tista' tressaq talba għall-istess għan, sakemm ikollha interess leġittimu.

L-aħħar aġġornament: 04/01/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Spanja

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-Liġi proċedurali ċivili (bażikament, il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili (Ley de Enjuiciamiento Civil) – LEC) hija s-sors primarju għall-miżuri kawtelatorji; madankollu, miżuri oħra huma stabbiliti fl-iġijiet sostantivi speċjali.

Fost il-miżuri previsti fl-LEC (l-Artikolu 727) hemm dawn li ġejjin:

**Mandat ta' qbid kawtelatorju [el embargo preventivo de bienes]**, bl-għan li jiżgura l-eżekuzzjoni ta' sentenza li jordnaw il-kunsinna ta' ammonti ta' flus jew rendimenti, kirjiet u beni funġibbli li jistgħu jiġu stmati fi flus billi jiġu applikati prezzijiet fissi.

**Amministrazzjoni ġudizzjarja jew riċevitura ordnata mill-qorti ta' assi produttivi [la intervención o la administración de bienes productivos]**, meta tintalab sentenza li tordna l-konsenja tagħhom taħt it-titlu ta' sid, użufрутtwarju jew kwalunkwe titlu ieħor li jinvolvi interess leġittimu fiż-żamma jew it-tiġib tal-produttività jew meta l-garanzija ta' dan tal-aħħar tkun ta' importanza fundamentali għall-effettività tas-sentenza biex tingħata fiż-żmien dovut.

**Il-konfiska ta' assi mobbli [el depósito de cosa mueble]**, meta t-talba tftitex ordni biex jiġi kkonsejnat l-imsemmi assi u dan tal-aħħar ikun jinsab għand l-intimat.

**Il-mandat ta' deskrizzjoni [la formación de inventarios de bienes]**, f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati fil-qorti.

**Il-preżentazzjoni provviżorja ta' talbiet [la anotación preventiva de demanda]**, meta tikkonċerna l-assi jew id-drittijiet soġġetti għal reġistrazzjoni fir-reġistri pubbliċi.

**Entrati oħra tar-reġistri [otras anotaciones registrales]**, f'każijiet meta n-natura pubblika tar-reġistru tista' tgħin jinkiseb riżultat sodisfaċenti.

**Mandat ta' inibizzjoni [la orden judicial de cesar provisionalmente en una actividad]**; ordni biex wieħed jastjeni temporanjament milli jaġixxi b'ċertu mod; jew projbizzjoni temporanja li tipprevjeni l-interruzzjoni jew l-irtirar ta' servizz li kien qed jiġi pprovdut.

**Qbid u konfiska tad-dħul [la intervención y depósito de ingresos]** miksuba permezz ta' attivitá meqjusa illeċita u li l-projbizzjoni jew it-twaqqif tagħha jkun rikjest fit-talba, kif ukoll il-konsenja jew id-depożitu tal-ammonti mitluba bħala kumpens għal proprjetá intellettuali.

**Il-konfiska temporanja ta' kopji oriġinali tax-xogħlijiet jew ta' oġġetti [el depósito temporal de ejemplares de las obras u objetos]** allegatament magħmula kontra r-regoli dwar il-proprjetá intellettuali jew industrijali, kif ukoll id-depożitu tal-materjal użat għall-produzzjoni tagħhom.

**Is-sospensjoni ta' deċiżjonijiet korporattivi kkontestati [la suspensión de acuerdos sociales]**, meta l-attur jew l-atturi jirrappreżentaw tal-inqas 1 jew 5 fil-mija tal-kapital azzjonarju, skont jekk il-kumpanija konvenuta kinitx ħarġet titoli li, fiż-żmien tal-kontestazzjoni, kienu ammessi għall-kummerċ fuq suq sekondarju uffijjali.

Flimkien ma' dawn, l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 727 tal-LEC jippermetti li l-imħallef jaqbel ma' miżuri oħra mhux inklużi fost dawn ta' hawn fuq, li jfisser li l-lista mhijex eżawrita (pereżempju, dawk stabbiliti fl-Artikolu 762 tal-LEC):

Kwalunkwe **miżura oħra** stabbilita espressament bil-liġi għall-protezzjoni ta' ċerti drittijiet jew li huma meqjusa neċessarji biex jiżguraw l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja li tista' tkun mogħtija fis-sentenza li tista' tingħata fil-proċess quddiem il-qorti.

Barra minn din is-sistema ġenerali, hemm dispożizzjonijiet legali oħra dwar il-kwistjoni ta' protezzjoni provviżorja, li fosthom hemm is-segwenti:

Proċedimenti dwar il-**kapaċitá ġuridika tal-persuni**: L-Artikolu 762 tal-LEC jippermetti lill-qorti tadotta uffijjalment il-miżuri li hija tqis neċessarji għall-protezzjoni tal-persuna li allegatament ikollha nuqqas ta' kapaċitá jew tal-patrimonju tagħha.

Proċedimenti rigward **l-istat ta' ġenitur, il-paternitá u l-maternitá**: L-Artikolu 768 tal-LEC jipprovdi miżuri ta' protezzjoni għall-persuna u l-assi taħt l-awtoritá ta' kull min jista' jidher li huwa ġenitur u l-ġhoti ta' manteniment provviżorju lill-attur, inkluż mingħajr seduta ta' smiġ minn qabel f'każijiet urġenti.

Protezzjoni tal-**patrimonju ta' persuna deċeduta**: jista' jkun neċessarju li jiġu protetti l-assi tal-patrimonju u d-dokumenti tal-persuna deċeduta jew li jiġu vverifikati l-qraba tal-persuna deċeduta, fost miżuri oħra (l-Artikoli 790 sa 796 tal-LEC).

Miżuri kawtelatorji speċifiċi jistgħu jinstabu wkoll f'regoli speċjali inklużi, iżda mhux biss, dawn li ġejjin:

Il-liġi dwar il-Proprjetá Intellettuali (Id-Digriet Leġiżlattiv Irjali 1/1996 tat-12 ta' April 1996), l-Artikoli 138 u 141 (qbid u konfiska ta' dħul li jkun ġej mill-attivitá illeċita inkwistjoni, sospensjoni ta' attivitá ta' riproduzzjoni, distribuzzjoni u komunikazzjoni pubblika, il-konfiska tal-oġġetti prodotti, il-qbid ta' tagħmir, apparat u mezzi materjali, eċċ.).

Il-Liġi dwar it-Trademarks (il-Liġi 17/2001 tas-7 ta' Diċembru 2001), l-Artikolu 61b (il-preżentazzjoni preventiva tat-talba fir-Reġistru tat-Trademarks).

Il-Liġi dwar il-Privattivi (Il-Liġi 24/2015 tal-24 ta' Lulju 2015), l-Artikolu 11 (sospensjoni tal-proċedura għall-ġhoti ta' privattiva) u l-Artikoli 117 u 127 et seq. (il-waqfien ta' atti li jistgħu jiksru d-drittijiet tar-rikorrent, il-qbid u ż-żamma tal-oġġetti li allegatament jiksru d-drittijiet tal-propjetarju tal-privattiva, garanzija ta' kumpens għad-danni u l-entrati sussegwenti fir-reġistru).

Il-Liġi dwar il-Falliment (Id-Digriet Leġiżlattiv Reġju 1/2020 tal-5 ta' Mejju 2020, li japprova t-test riformulat tal-Liġi dwar il-Falliment). L-Artikolu 133 (il-qbid kawtelatorju tal-assi u d-drittijiet tal-amministraturi jew tal-likwidaturi, fid-dritt u fil-fatt, u diretturi ġenerali tal-persuna ġuridika jew soċji insolventi, fejn applikabbli), l-Artikolu 18 (L-iżgurar tan-nondisponiment tal-assi tad-debitur, *inter alia*).

Il-Liġi dwar in-Navigazzjoni Marittima (il-Liġi 14/2014 tal-24 ta' Lulju 2014), l-Artikolu 43 u l-Artikolu 470 et seq. (arrest ta' bastimenti li jbaħħru).

Il-Liġi dwar il-Koproprietá (il-Liġi 49/1960 tal-21 ta' Lulju 1960), l-Artikolu 7 (il-waqfien ta' attivitá pprojbata) u l-Artikolu 28 (is-sospensjoni ta' ftehimiet adottati mill-assoċjazzjonijiet tas-sidien).

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

#### 2.1 Il-proċedura

Il-miżuri jingħataw mill-imħallef jew mill-qorti b'ġurisdizzjoni fuq is-suġġett jew it-territorju. Dan ikun l-imħallef jew il-qorti li tisma' l-kawża, jew jekk il-proċedimenti ma jkunux indew, l-imħallef jew il-qorti li jkun id-dover tagħha li tisma' l-kawża.

Wieħed jista' jitlob miżuri kawtelatorji qabel ma titressaq talba, dment li n-natura tagħhom ma tagħmilhiex impossibbli li jingħataw (bħal fil-każ ta' preżentazzjoni provviżorja ta' talba), u dment li l-liġi ma tkunx teħtieġ rikors flimkien mat-talba (bħall-waqfien ta' attivitajiet projbiti, jew is-sospensjoni ta' ftehimiet komunitarji f'każijiet ta' tilwim dwar koproprietá). Minħabba n-natura eċċezzjonali tagħhom (ġeneralment it-talba biss tiġi trrattata), irid ikun każ ta' ħtieġa u urġenza simultanji. Jistgħu jiġu adottati mingħajr ma tinstema' l-parti opposta għall-proċedimenti (mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħhom li joġġezzjonaw għall-miżuri ladarba jingħataw); madankollu, dawn jiskadu jekk it-talba korrispondenti ma tiġix ippreżentata fi żmien għoxrin jum mill-ġhotja tagħhom.

Kif indikat hawn fuq, madankollu, huwa iktar komuni li wieħed jitlob il-miżuri fl-istess żmien tal-preżentata tat-talba. F'dan il-każ, l-imħallef jew il-qorti tordna t-tfhejja ta' att separat biex il-miżura kawtelatorja tiġi trrattata fl-istess ħin tal-kawża prinċipali, li fiha tista' tiġi offruta u prodotta evidenza biex jintwera li l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' protezzjoni provviżorja ġew issodisfati. Ir-regola ġenerali hija li l-partijiet ikunu msejħa għal seduta ta' smiġ fil-qorti qabel ma jiġu adottati l-miżuri kawtelatorji. Isiru d-dikjarazzjonijiet u tista' tiġi prodotta kwalunkwe evidenza relatata mal-kwistjoni ta' jekk jiġux adottati l-miżuri kawtelatorji jew le; fejn ikun xieraq, titqies il-garanzija li tkun meħtieġa mill-parti li titlob il-miżura kawtelatorja, f'każ li t-talba ma tiġix aċċettata. Minkejja dan, il-parti li titlob il-miżura tista' titlob l-adozzjoni tagħha mingħajr ma tinstema' l-parti l-oħra, jekk turi evidenza li hemm raġunijiet urġenti jew jekk is-seduta ta' smiġ tista' xxekkel s-suċċess tal-miżura – pereżempju, jekk ikun hemm ir-riskju ta' ħabi jew il-ħela tal-patrimonju tad-debitur. F'dan il-każ, il-parti leża tista' toġġezzjona ladarba tiġi adottata l-miżura.

Tista' ssir ukoll talba għal miżuri wara t-talba jew waqt appell, għalkemm talba bħal din trid tiġi appoġġata b'fatti jew ċirkostanzi li jiġġustifikaw iż-żmien tagħha.

F'każijiet fejn ikun meħtieġ l-intervent ta' avukat u prosekutur ġenerali, l-involvement tagħhom ikun meħtieġ biex tintalab l-adozzjoni ta' miżura kawtelatorja. Fil-każ ta' miżuri urġenti qabel it-talba, ir-rappreżentanza legali mhijex meħtieġa (l-Artikoli 23 u 31 tal-LEC).

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Sabiex qorti tagħti kwalunkwe miżura elenkata hawn fuq, irid japplika dan li ġej:

Riskji li jirriżultaw biż-żmien, jew *periculum in mora*: dan huwa kostitwit mir-riskju ta' dannu li jista' jsofri r-rikorrent minħabba dewmien fil-proċedimenti, li jista' jhawnaw l-eżekuzzjoni ta' dak li jingħata fis-sentenza jew fid-deċiżjoni li tikkonkludi l-proċedimenti. Il-parti li titlob il-miżura trid temmen li jekk il-miżuri mitluba ma jiġux adottati, is-sitwazzjonijiet li jxekklu jew jimpedixxu l-effettività tal-protezzjoni li tista' tingħata f'sentenza pożittiva jistgħu jiġru matul il-pendenza tal-proċedimenti. Fi kwalunkwe każ, mhuwix xieraq li tingħata l-miżura jekk ir-rikorrent ikun ilu jgħarrab is-sitwazzjoni li tikkawża r-riskju għal żmien twil, sakemm ma jurix evidenza biex jispjega għalfejn ma talabx il-miżura qabel.

L-apparenza ta' liġi tajba jew kawża *prima facie*: Ir-rikorrent irid jipprovi lill-qorti raġunijiet li jwassluha tagħti sentenza preliminari dwar kemm hi xierqa t-talba fid-dritt. Ir-rekwiżit ifisser li r-rikorrent irid jissottometti d-dettagli, l-argumenti u l-evidenza dokumentata li l-qorti tista' tibbaża fuqhom, mingħajr preġudizzju għall-merti tal-kawża (minħabba li fi Spanja, il-miżuri kawtelatorji jiġu adottati mill-istess qorti li mbagħad tagħti sentenza għall-kawża), sentenza provviżorja u ċirkostanzjali favur il-bażi tat-talba, l-Artikolu 728(2) tal-LEC. Barra mill-evidenza dokumentata, tipi differenti ta' evidenza (xhieda, esperti, dikjarazzjonijiet tal-partijiet) huma ammissibbli.

Garanzija: sakemm ma jiġix deċiż espressament mod ieħor, ir-rikorrent li jitlob il-miżura jrid jiddepożita garanzija biżżejjed biex tikkumpensa, b'mod rapidu u effettiv, id-danni li l-adozzjoni tal-miżura kawtelatorja tista' tikkawża lill-assi tal-intimat. Il-qorti trid tiddetermina l-ammont fil-waqt li tqis: a) in-natura u l-kontenut tat-talba; b) il-valutazzjoni tagħha tal-bażi tat-talba għall-miżura; u c) ir-raġunijiet għall-idoneità jew l-adekwatezza tagħha fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-dannu li l-miżuri jistgħu jikkawżaw.

Proporzjonalità: dan ir-rekwiżit mhuwix stabbilit b'mod espliċitu fil-LEC, iżda ġeneralment inqisu li jissupplimenta lill-oħrajn, peress li l-qorti kieku tagħti biss miżuri li huma strettement neċessarji biex jinkiseb l-għan tal-iżgurar tal-proċedimenti pprovdut mill-protezzjoni provviżorja. Dan jirriżulta mill-prinċipji tal-Istat tad-Dritt, u ta' intervent minimu fl-isfera tal-libertà tal-individwu. Permezz tal-Kostituzzjoni, dawn il-prinċipji jirregolaw l-ordinament ġuridiku kollu.

Komplementarjetà: Il-miżuri kawtelatorji jsegwu n-natura tal-proċedura prinċipali li jkun marbuta magħha.

Varjabbiltà: Il-miżuri kawtelatorji jistgħu jiġu emendati jekk jiġu invokati u pprovat fatti jew ċirkostanzi li ma setgħux jitqiesu fiż-żmien li ngħataw, jew fil-perjodu għall-oġġezzjoni għalihom.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

Fl-adozzjoni ta' miżura kawtelatorja, l-intenzjoni hija li tiġi ssodisfata jew koperta l-possibbiltà li, matul kawża attwali jew futura, l-intimat jista' jiġi obligat jew li ma jwettaqx ċerti azzjonijiet bl-assi tiegħu, jew li jwettaq oħrajn. Dan huwa tentattiv biex l-intimat ma jitħallix iwettaq azzjonijiet li jipprevjenu l-aċċess għall-assi u d-drittijiet tiegħu, b'mod li jikkawża jew jippermetti dannu lil dawk l-assi, jew ineħħi ċerti assi minn taħt idejn il-liġi billi joħloq insolvenzi, sabiex kwalunkwe sentenza possibbli ma tkunx tista' tiġi eżegwita.

Fil-leġiżlazzjoni Spanjola, il-miżuri kawtelatorji jistgħu jiġu adottati biss mill-qorti. Ma jistgħux jiġu adottati minn arbitri jew medjaturi; ma hemmx numru speċifiku u fiss tagħhom; fin-natura tagħhom huma normattivi (jistgħu jiġu adottati biss permezz ta' talba minn waħda mill-partijiet); jirrigwardaw il-proprjetà, peress li jaffettwaw l-assi u d-drittijiet tal-konvenut; l-iskop tagħhom hu li jiżguraw l-eżegwibilità ta' sentenza pożittiva possibbli; huma strumentali fid-deċiżjoni li trid tingħata fil-proċedimenti prinċipali.

Jistgħu jiġu adottati fir-rigward kemm ta' assi materjali kif ukoll dawk immaterjali. Mhumiex unikament ekonomiċi fin-natura tagħhom; il-miżuri kawtelatorji jistgħu jiġu adottati biex jillimitaw id-drittijiet personali.

Huma jippermettu l-adozzjoni ta' ordnijiet u projbizzjonijiet, allura jistgħu jinkludu affarijiet li għandhom isiru jew li m'għandhomx isiru.

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkun suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-miżuri kawtelatorji jistgħu jingħataw rigward assi konkreti u speċifiċi, u rigward kulma jista' jiġi kwantifikat f'termini monetarji, bħall-prodotti, il-kirjiet u r-rendimenti li jinkisbu mill-affarijiet.

Jista' jintalab ordni ta' qbid fuq dawn il-beni, biex jinkiseb dritt għal irkupru li jirriżulta minn obligu ġeneriku li fi affarijiet ma jiġux individwalizzati iżda sostitwiti minn ammont ta' flus speċifiku u valutabbli permezz ta' operazzjonijiet matematiċi sempliċi.

Beni mobbli speċifiċi jiġu ddepożitati ma' depożitarju xieraq maħtur mill-imħallief.

Hemm ukoll il-possibbiltà ta' qbid, spedizzjoni u konfiska ta' ammonti ta' flus. Hemm distinzjoni bejn il-qbid u l-konfiska ta' dħul li jirriżulta minn attivitajiet illegali, u ta' dħul li jirriżulta minn attivitajiet permessi, bħal dak li jirriżulta minn proprjetà intellettuali.

Grupp ieħor ta' miżuri li jistgħu jiġu adottati huma atti li l-qorti tista' tagħti fir-rigward ta' talba li tingħata n-notifika tagħha li ma taffettwax assi speċifiku. Għalhekk, hemm il-possibbiltà tal-intervent jew tal-amministrazzjoni ġudizzjarja ta' assi produttivi ordnata mill-qorti, meta tintalab sentenza li tordna l-konsenja tagħhom bit-titlu ta' sid, użufuttwarju jew kwalunkwe titlu ieħor li jinvolti interess leġittimu.

Jista' wkoll jintalab mandat ta' deskrizzjoni tal-assi, f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-qorti.

Il-preżentata kawtelatorja ta' talba hija permessa meta din tirreferi għal assi jew drittijiet soġġetti għal skrizzjoni f'reġistri pubbliċi, jew entrati tar-reġistri oħrajn f'każijiet fejn in-natura pubblika tar-reġistru tista' tgħin biex jinkiseb eżitu sodisfaċenti.

Finalment, tista' tingħata ordni tal-qorti biex attivitajiet titwaqqaf provviżorjament, biex wieħed jastjeni temporanjament milli jaġixxi b'ċertu mod, jew għal projbizzjoni temporanja li tissospendi jew twaqqaf il-forniment ta' servizz li kien qed jingħata.

L-aħħar grupp ta' affarijiet li jistgħu jiġu affettwati mill-miżuri huma materjali u oġġetti marbuta ma' reġim esklussiv (fir-realtà din hija amministrazzjoni ġudizzjarja jew intervent fl-assi użati fil-produzzjoni ta' dritt ta' proprjetà intellettuali u industrijali).

Id-deċiżjonijiet korporattivi ta' kull tip ta' kumpanija kummerċjali wkoll jistgħu jiġu sospiżi.

Finalment, fil-leġiżlazzjoni Spanjola hemm il-possibbiltà li tiġi adottata sensiela ta' miżuri mhux speċifikati għall-protezzjoni ta' ċerti drittijiet stabbiliti bil-liġi jew meqjusa neċessarji biex jiżguraw l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja. X'jistgħu jaffettwaw mhux speċifikat, u jistgħu jkun ta' kull tip dment li jkun neċessarji.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Mandat ta' qbid kawtelatorju ta' beni, flus, dħul, prodotti kwantifikabbli jintuża biex jiġi żgurat bilanċ biex l-intimat ikun jista' jħallas il-kostijiet ta' kwalunkwe ordni possibbli miksuba, speċjalment f'kawżi jingħata biss meta r-rikors ikun għall-konsenja ta' oġġett speċifiku li jkun fil-pussess tal-konvenut.

Id-depożitu ta' proprjetà mobbli jista' jingħata biss meta r-rikors ikun għall-konsenja ta' oġġett speċifiku li jkun fil-pussess tal-konvenut.

Meta tingħata l-amministrazzjoni ġudizzjarja jew ir-riċevitura, l-intenzjoni tkun biex jiġu żgurati assi partikolarment produttivi sabiex tiġi evitata ġestjoni ħażina li tippermetti li r-rendimenti produttivi tagħhom jonqsu jew jegħbu.

It-tqegħid ta' oġġetti kapitali taħt il-kura ta' amministraturi jinvolti kontroll ġudizzjarju iżda ma jċaħħadx l-intimat mill-ġestjoni; l-amministrazzjoni ġudizzjarja, min-naħa l-oħra, tinvolti pass ieħor fil-waqt li r-riċevitur jissostitwixxi l-ġestjoni tal-konvenut.

Talba għal mandat ta' deskrezzjoni tista' tintlaqa' f'kull tip ta' proċedimenti, ikun xi jkun l-għan tagħhom, bl-uniku rekwiżit ikun li d-deskrizzjoni tkun neċessarja biex tiżgura li tkun tista' tinkiseb sentenza pożittiva. L-imħallef irid jistabbilixxi b'mod ċar id-dettalji li jrid jinkludi u l-mod kif iridu jinkisbu.

L-effetti tal-preżentata kawtelatorja tat-talba jestendu sal-isfera proċedurali marbuta mal-proċedimenti li fihom jingħataw. Il-proċedura tftitex li tissospendi l-protezzjoni provduta min-natura pubblika tar-reġistri u l-kunfidenza li dan jista' jagħti lid-detentur tal-assi jew dritt, filwaqt li partijiet terzi ma jistgħux jgħidu li ma jafux l-effett tal-preżentata fuqhom. Din il-preżentazzjoni kawtelatorja tista' tingħata f'kull tip ta' proċedimenti, u tagħti protezzjoni fi kwalunkwe tip ta' reġistru pubbliku, bħal reġistri tal-proprietà u kummerċjali.

Limiti temporanji fuq il-kondotta tal-konvenut: ir-regolamentazzjoni ta' dawn hija żviluppata f'liġijiet speċjali separati. Għalhekk għandhom jiġu adottati skont id-dispożizzjonijiet tal-liġijiet rilevanti. L-effetti tagħhom jestendu sal-għotja ta' ordni biex titwaqqaf provviżorjament attività mwettqa mill-konvenut: ordni biex wieħed jastjeni temporanjament milli jaġixxi b'ċertu mod, jew għal projbizzjoni temporanja li tipprevjeni l-irtirar jew l-interruzzjoni ta' servizz li kien qed jingħata. Qbid, konsenja u konfiska ta' ammonti ta' flus: din hija b'mod ċar miżura kawtelatorja u tikkostitwixxi ordni ta' qbid kawtelatorju peress li tiżgura t-tweqqig ta' talba b'kontenut ekonomiku speċifiku. Din il-miżura tippermetti l-għotja ta' qbid u konfiska ta' dħul li jirriżulta minn attività illeċita. Ma jistgħux jiġu adottati b' mod separat, allura huwa neċessarju li jingħata kemm il-qbid kif ukoll il-konfiska. Jekk mill-banda l-oħra jkun hemm il-ħsieb ta' waħda biss minnhom, għandhom jintużaw il-miżuri ġeneriċi deskritti hawn fuq. Din il-miżura tista' wkoll tiġi adottata għall-konsenja jew il-konfiska ta' ammonti ta' flus mitluba bħala remunerazzjoni għal proprjetà intellettuali, id-drittijiet tal-awturi li jirċievu ammonti ta' flus għal xogħolhom, li jikkonsisti minn sehem proporzjonali tad-dħul iġġenerat minn espressjonijiet pubbliċi differenti li huma rikonossuti mil-Liġi dwar il-Proprietà Intellettuali.

Depożitu ta' materjali jew oġġetti marbuta ma' reġim esklussiv: din hija miżura kawtelatorja li għandha l-oriġini tagħha fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet għal sfruttament esklussiv, li l-liġijiet speċjali dwar il-proprietà industrijali u intellettuali jagħtu lid-detenturi tad-drittijiet. Hija amministrazzjoni ġudizzjarja speċifikament għall-oġġetti li għalih tapplika l-ordni, l-oġġetti jew il-materjal meħtieġa għall-produzzjoni.

Sospensjoni ta' deċiżjonijiet korporattivi: id-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura jiddependu fuq ir-rekwiżiti meħtieġa għall-applikazzjoni tal-miżura: 1 % tal-kapital azzjonarju jekk il-kumpanija tkun ħarġet ishma li, fl-istess żmien tat-talba jiġu ammessi għan-negozjar fuq suq sekondarju uffċjali; jew 5 % tal-kapital azzjonarju jekk dan mhux il-każ. Tista' tiġi applikata għal kull tip ta' kumpanija kummerċjali.

### 3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Il-miżuri kawtelatorji normalment jiġu adottati wara li jinstema' l-konvenut. Jekk ir-rikorrent jitleb hekk, u jipprovi evidenza tar-raġunijiet għall-urġenza, jistgħu jingħataw mill-imħallef mingħajr formalitajiet ulterjuri, filwaqt li jingħataw raġunijiet fi żmien ħamest (5) ijiem għaliex ma nstemax l-intimat. Ladarba jiġu adottati, jistgħu jiġu emendati jekk jiġu invokati u evidenzjati fatti jew ċirkostanzi li ma setgħux jitqiesu fiż-żmien li ngħataw, jew fil-perjodu għall-oġġezzjoni tal-għotja tagħhom.

Jekk is-sentenza tiċħad it-talba tar-rikorrent, l-imħallef jeħtieġu jordna mill-ewwel it-tneħħija tal-miżura, sakemm ma ssirx talba kontra dan, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-kawża u wara żieda fil-garanzija.

Jekk il-kawża tiġi parzjalment ikkonfermata, wara s-seduta ta' smigħ tal-parti li toġġezzjona l-imħallef jeħtieġu jiddeċiedi jekk ineħħix jew iżommx il-miżura.

Jekk iċ-ċaħda tat-talba tiġi kkonfermata, ladarba tingħata deċiżjoni finali, il-qorti tneħħi l-miżuri *ex officio* u l-parti affettwata minnhom tista' tressaq talba għad-dannu kkawżat (dan japplika wkoll fil-każ ta' abbandun tal-azzjoni jew irtirar mill-proċedimenti mir-rikorrent).

Każ ieħor fejn il-miżuri kawtelatorji jistgħu jiġu emendati huwa meta miżura tintalab qabel it-talba u tiġi adottata ma jinstema' l-konvenut. F'dan il-każ, jekk ir-rikorrent ma jikkonformax mal-perjodu stabbilit legalment ta' għoxrin (20) jum biex jippreżenta t-talba u dan jiskadi, il-miżura trid titneħħa minnufih u l-konvenut jiġi kkompensat għad-dannu, filwaqt li r-rikorrent iħallas il-kostijiet akkumulati tal-proċedimenti.

Bl-istess mod, il-miżura ma tistax tinżamm jekk il-kawża tiġi sospiża għal perjodu itwal minn sitt (6) xhur, għal raġuni attribwibbli għar-rikorrent.

Jekk tiġi ordnata l-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenza, kwalunkwe miżura kawtelatorja mogħtija li tkun relatata ma' dik l-eżekuzzjoni trid titneħħa u tiġi sostitwita bil-miżuri ta' eżekuzzjoni, b'tali mod li l-miżuri adottati l-ewwel darba bħala kawtelatorji jibdlu n-natura tagħhom.

Finalment, l-intimat jista' jitleb li l-qorti tissostitwixxi l-miżura kawtelatorja b'biżżejjed garanzija biex jiġi garantit it-tweqqig effettiv tas-sentenza. L-imħallef li adotta din il-miżura jkollu guriżidzzjoni fuq dan u jista' jistabbilixxi l-garanzija biex tinħareġ jew fi flus kontanti jew bħala garanzija.

### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Ir-regoli proċedurali jipprevedu l-possibiltà ta' appell quddiem qorti superjuri.

Għalhekk hemm rikors għal appell kontra l-ordni li tagħti l-miżuri, għalkemm il-preżentata ta' appell ma tissospendix il-miżuri. Jista' jsir appell ukoll kontra ordni li tirrifjuta l-miżuri.

Minkejja dan, flimkien ma' din il-possibiltà ta' appell, fi kwalunkwe każ ir-rikorrent jista' jirrepeti r-rikors tiegħu jekk iċ-ċirkostanzi jinbidlu minn dawk fi żmien ir-rikors oriġinali.

Ma hemm l-ebda dritt ta' appell kontra ordni li tagħti l-miżuri kawtelatorji qabel ma jinstema' l-konvenut, peress li l-proċedura t-tajba f'dan il-każ hija l-oġġezzjoni, li ssir quddiem l-imħallef li adotta l-miżura kawtelatorja. L-intimat jista' jippreżenta appell, li ma jkollu l-ebda effett sospensiv, kontra ordni li tiċħad dik l-oġġezzjoni. Ir-rikorrent li jkun talab il-miżuri kawtelatorji għandu l-istess dritt li jippreżenta appell jekk l-oġġezzjoni tal-konvenut tiġi kkonfermata, jew fl-intier tagħha jew parzjalment.

B'kuntrast ma' dan ta' hawn fuq, ma hemm l-ebda dritt ta' appell meta tingħata jew ma tingħatax garanzija.

Il-preparazzjoni u s-sostanzjar tal-appell huma sempliċment regolati mir-regoli ġenerali (l-Artikolu 458). Jekk ikun hemm diversi appellanti, it-termini perentorji tagħhom jiġu kkalkulati individwalment.

Kif imsemmi hawn fuq, fil-proċedura għall-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji, il-preżentata ta' appell ma għandha l-ebda effett sospensiv: l-imħallef ikompli jagħti kwalunkwe ordni meqjusa neċessarja biex tiġi adottata l-miżura kawtelatorja.

Id-deċiżjonijiet li jirrifjutaw il-miżuri għandhom prijorità fil-qorti tal-appell; id-dati għad-deliberazzjoni, il-votazzjoni u l-għoti tas-sentenza jridu jingħataw malajr kemm jista' jkun.

### KOSTIJET TAL-MIŻURA KAWTELATORJA

Ġeneralment, il-kostijiet huma rregolati mir-regola li l-parti rebbieħa tista' tirkupra l-kostijiet tagħha li jiġu koperti mill-kontroparti tal-parti li t-talba tagħha (il-konferma jew iċ-ċaħda tal-miżura) tinsab fid-deċiżjoni. L-Artikolu 736 tal-LEC, b'mod partikolari, jordna lir-rikorrent iħallas il-kostijiet f'każ ta' rifjut (il-prinċipju tat-"tellief iħallas") iżda ma hemmx dispożizzjoni simili (li l-konvenut jiġi ordnata iħallas il-kostijiet) jekk il-miżuri jingħataw. F'dan il-każ, hemm opinjonijiet differenti fil-letteratura ġuridika u fil-ġurisprudenza b'rabta mal-kostijiet.

L-aħħar aġġornament: 30/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Franza**

**1 X'in huma t-tipi differenti ta' miżuri?**

L-imħallef li jisma' rikorsi għal miżuri *interim* (proċeduri urġenti, ħlasijiet *interim*, żgumbramenti, interdizzjoni ta' ċerti azzjonijiet taħt piena ta' penali, konservazzjoni ta' provi) huwa intitolat jorndna tali miżuri fi kwalunkwe waqt bħala kwistjoni ta' urġenza.

Ma teżistix lista restrittiva ta' miżuri *interim*; tista' ssir talba għall-miżuri *interim* urġenti quddiem il-qorti, sakemm ma tkun teżisti l-ebda oġġezzjoni impellanti jew sakemm dawn ikunu ġustifikati mil-eżistenza ta' tilwima (ħlasijiet *interim*, żgumbrament ta' okkupanti mingħajr titolu, rapport tal-espert jew avviż ta' danni, eċċ.). Barra minn hekk, il-qorti tista' tordna b'mod urġenti l-miżuri *interim* kollha li jitqiesu neċessarji jew sabiex tiġi evitata ħsara imminenti (fost oħrajn, miżuri ta' protezzjoni tas-sit) jew sabiex jintem disturb manifestament illegali.

Jeżisti reġim speċjali għall-miżuri kawtelatorji (mandat ta' qbid kawtelatorju u ipoteki ġudizzjarji), li jippermettu lill-kreditur, ħafna drabi bl-awtorizzazzjoni tal-qorti, li jċaħħad lid-debitur mill-aċċess għall-assi kollha tiegħu jew parti minnhom jew li jirreġistra dritt speċjali ipotekarju fuq dawn l-assi, sabiex jiggarrantixxi l-ħlas tad-dejn li jkun għadu ma ġiex rikonoxxut permezz ta' sentenza, iżda li l-irkupru tiegħu jidher li huwa mhedded.

Il-miżuri kawtelatorji jistgħu jkunu f'waħda miż-żewġ forom li ġejjin:

qbid preventiv, li jippermetti l-qbid kawtelatorju ta' assi tanġibbli (għamara, vetturi, eċċ.), assi mhux tanġibbli (somma flus, drittijiet f'kumpanija, stokks u ishma, eċċ.) jew pretensjonijiet oħra (kontijiet bankarji, ħlasijiet tal-kiri, eċċ.);

l-ipoteki ġudizzjarji fuq il-propjetà immobbli, avvjament, ishma tal-azzjonisti, jew titoli (iskrizzjoni proviżorja ta' ipoteka, rahan tal-ishma jew tat-titoli).

## **2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?**

### **2.1 Il-proċedura**

Miżuri *interim*: dawn għandhom jitressqu quddiem il-qorti permezz ta' taħrika (notifikata minn uffiċjal ġudizzjarju (bailiff) (huissier de justice)). Dan jinvolvi proċedura kontenzjuża urġenti. Taħt ċerti kundizzjonijiet, il-miżuri *interim* jistgħu jiġu ordnati fuq rikors, mingħajr dibattitu kontenzjuż preċedenti.

Miżuri kawtelatorji: bħala prinċipju, hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-qorti. Madankollu, il-kreditur huwa eżentat minn tali awtorizzazzjoni meta jinvoka titolu eżekuttiv jew deċiżjoni ġudizzjarja li għadha ma hijiex eżegwibbli. L-istess jgħodd f'każ ta' inadempjenza ta' ħlas ta' kambjala aċċettata, ta' ċedola, ta' ċekk jew ta' kera mhux imħallsa dovuta għal propjetà mikrija (fil-każ ta' kuntratt bil-miktub).

Għall-miżuri proviżorji, il-qorti li għandha ġurisdizzjoni tiġi ddeterminata abbażi tan-natura tat-talba. Il-ġurisdizzjoni ordinarja tiġi eżerċitata mill-President tal-qorti (Tribunal judiciaire). Madankollu, il-qorti lokali (Tribunal de proximité), u l-presidenti tal-Qorti Kummerċjali (Tribunal de commerce), il-Qorti Industrijali (Conseil des prud'hommes) u l-Qorti tal-Qbiela (Tribunal paritaire des baux ruraux) jistgħu wkoll jiddeċiedu dwar miżuri *interim* fl-ambitu tal-ġurisdizzjoni tagħhom.

Fil-każ ta' miżuri kawtelatorji, il-ġurisdizzjoni hija vestita fl-imħallef li jippresjedi l-qorti tal-posta tal-eżekuzzjoni jew fil-President tal-Qorti Kummerċjali, meta r-rikors, li jiġi ppreżentat qabel kull proċediment ġudizzjarji, jitlob il-preservazzjoni ta' dejn taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kummerċjali.

Il-Qorti li għandha ġurisdizzjoni hija dik li tinsab fil-post tar-residenza tad-debitur, meta d-domiċilju tiegħu ikun fi Franza. Inkella, il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tkun dik tal-post tal-eżekuzzjoni.

Bħala prinċipju, ir-rappreżentazzjoni minn avukat hija obligatorja quddiem l-imħallef li jkun qiegħed jiehfu konjizzjoni ta' rikors għal miżuri *interim* u l-imħallef responsabbli għall-eżekuzzjoni, bl-eċċezzjoni tal-każ ta' ċerti rikorsi, b'mod partikolari meta dawn ikunu jikkonċernaw ammont inferjuri għal EUR 10,000. Il-mandati ta' qbid jridu jiġu eżegwiti minn uffiċjal ġudizzjarju (bailiff). Dan ma huwiex neċessarju għall-iskrizzjoni tal-ipoteki ġudizzjarji. Madankollu, minħabba l-kumplessità ġuridika tal-iskrizzjoni ta' ipoteka, il-kredituri dejjem jiġu assistiti minn professjonist legali.

L-ispejjeż għall-miżuri kawtelatorji eventwalment iridu jitħallsu mid-debitur, anke jekk il-kreditur jista' jkun meħtieġ jagħmel ħlasijiet bil-quddiem. L-ispejjeż tal-eżekuzzjoni huma soġġetti għal tariffa, li tistabbilixxi r-remunerazzjoni dovuta lill-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) għal kull att ta' eżekuzzjoni u kull miżura kawtelatorja.

Skont id-Digriet Nru 96-1080 tat-12 ta' Diċembru 1996, l-iskala tar-remunerazzjoni tal-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) tinkludi somma f'daqqa, espressa kumulattivament jew alternattivament skont il-każ inkwistjoni, f'imposti fissi jew proporzjonali, kif ukoll tariffa amministrattiva, fejn xieraq.

Fir-rigward tal-miżuri kawtelatorji, l-imposti proporzjonali għall-irkupru, ikkalkulati abbażi tal-ammont irkuprat, ikunu dovuti biss jekk l-uffiċjali ġudizzjarji (bailiffs) jiġu ordnati jirkupraw l-ammonti dovuti. Barra minn hekk, il-lista ta' imposti annessi mad-digriet imsemmi hawn fuq teskludi l-possibbiltà ta' kull remunerazzjoni addizzjonali li tiġi liberament maqbula, bl-eċċezzjoni tal-qbid kawtelatorju ta' drittijiet f'kumpanija, u ta' stokks u ishma.

### **2.2 Il-kundizzjonijiet ewleni**

Il-qorti ma teżegwixxi miżura kawtelatorja, iżda sempliċment tawtorizzaha. Il-miżura tiġi eżegwita mill-uffiċjal ġudizzjarju (bailiff), fuq talba tal-benefiċjarju tal-awtorizzazzjoni.

Jekk tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-imħallef, it-talba trid tkun "ibbażata fuq il-prinċipju".

Fil-każ ta' miżuri kawtelatorji, ma teżisti l-ebda kundizzjoni espressa ta' urġenza.

Il-kreditur jenħtieġ li juri illi jeżistu "ċirkostanzi li probabbilment jheddu l-irkupru" tad-dejn (pereżempju il-*mala fide* tad-debitur li jaħbi l-assi tiegħu, l-eżistenza ta' diversi kredituri, eċċ.).

## **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?**

Il-proprietà kollha tad-debitur illi ma hijiex iddikjarata mil-liġi bħala li "ma tistax tkun soġġetta għall-qbid" (bħall-assi neċessarji għall-ħajja ta' kuljum jew biex tiġi eżerċitata professjoni) tista' tiġi soġġetta għal mandat ta' qbid kawtelatorju. L-istess jgħodd għad-djun; madankollu, is-salarji ma jistgħu qatt ikunu soġġetti għal miżuri kawtelatorji (anke jekk jistgħu jiġu maqbuda skont deċiżjoni ġudizzjarja jew b'titolu eżekuttiv ieħor, f'konformità mal-proċedura tal-qbid tas-salarju).

### **3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?**

Il-beni maqbuda bħala miżura kawtelatorja isiru inaċċessibbli. Id-debitur xorta jibqa' fil-pussess tal-assi u jibqa' responsabbli għalihom iżda ma jistax jiddisponi minnhom. Jekk id-debitur iwettaq approprjazzjoni bla jedd fuq l-assi maqbuda, dan ikun qiegħed iwettaq reat punibbli b'multa jew bi priġunerija. Is-somom ta' flus maqbuda jiġu ddepożitati f'kont miżmum minn terzi.

Il-beni soġġetti għal ipoteka ġudizzjarja jistgħu jiġu mibjugħa mid-debitur, imma l-kreditur għandu dritt li jiġi infurmat u li jitħallas mill-prezz tal-bejgħ tal-assi inkwistjoni.

L-assi li jiġu maqbuda bħala miżura kawtelatorja jitpoġġew taħt ir-responsabbiltà tad-debitur li jsir il-"kustodju" tagħhom. Tali qbid ma huwiex eżegwibbli fil-konfront ta' terzi. Bil-maqlub ta' dan, l-ipoteki ġudizzjarji, li l-eżistenza tagħhom trid tiġi pubblikata (kummerċjali jew fuq il-propjetà immobbli), huma eżegwibbli fil-konfront ta' kulħadd.

Il-bankier (u kull debitur terz) li jirċievi talba għal qbid kawtelatorju fir-rigward ta' wieħed mill-klijenti tiegħu huwa obligat jinforma immedjatament lill-uffiċjal ġudizzjarju (bailiff) bl-obbligi kollha li għandu fil-konfront tad-debitur (jiġifieri il-kontijiet kollha miftuħa f'isem id-debitur kif ukoll l-ammonti kollha depożitati fil-kontijiet tad-debitur). Jekk il-bankier jirrifjuta li jipprovi din l-informazzjoni, mingħajr raġuni leġittima, huwa jista' jiġi kkundannat iħallas id-dejn minflok id-debitur.

### **3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?**

Il-miżura kawtelatorja trid tittieħed azzjoni warajha fi żmien tliet xhur minn meta tkun inħarġet l-ordni mill-qorti awtorizzanti. Inkella, l-awtorizzazzjoni ma tibqax valida.

Jekk il-kreditur ma jkunx għadu beda proċedura għar-rikonoxximent tal-kreditu tiegħu, dan irid isir f'dak ix-xahar li fih tittieħed il-miżura. Inkella, l-awtorizzazzjoni ma tibqax valida.

Il-miżura kawtelatorja trid tiġi notifikata lid-debitur sa mhux iktar tard minn tmint ijiem. Id-debitur għandu dritt jappella quddiem il-qorti tal-eżekuzzjoni sabiex jikkontesta l-miżura jew l-awtorizzazzjoni. Barra minn dan, il-qorti għandha dritt li tistabbilixxi d-data tas-seduta bil-quddiem, li fiha l-partijiet jiġu msejja biex jiddiskutu l-miżura. Bħala prinċipju, il-kontestazzjoni tad-debitur hija ammissibbli dment li l-qbid kawtelatorju ma jkunx ġie eżegwit wara li l-kreditur ikun kiseb deċiżjoni ġudizzjarja dwar il-pretensjoni tiegħu.

#### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

L-ordni tista' tiġi kontestata mid-debitur kontestwalment mal-miżura nnifisha.

Il-qorti tal-eżekuzzjoni, li għandha ġurisdizzjoni biex tagħti awtorizzazzjoni għal miżuri kawtelatorji, tista' tisma' wkoll rikorsi kontra l-ordni. Id-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jiġu appellati quddiem il-qorti tal-appell.

Billi d-debitur isir jaf bl-awtorizzazzjoni tal-miżura fl-istess żmien li jsir jaf bil-miżura nnifisha, il-kontestazzjoni tal-ordni tkun soġġetta għall-istess regoli bħall-kontestazzjoni tal-miżura, jiġifieri, hija tkun ammissibbli sakemm il-miżura kawtelatorja ma tkunx ġiet eżegwita.

L-appell ma jwaqqafx l-effett tal-miżura kawtelatorja, li tiġi eżegwita sakemm il-qorti ma tkunx ordnat l-eżenzjoni minnha jew iddikjaratha invalida.

L-ordnijiet għal miżuri *interim* jistgħu jiġu kkontestati permezz ta' appell jekk il-miżuri rriżultaw minn proċedimenti kontenzjużi, jew billi jiġu ritirati jekk irriżultaw minn proċedimenti mhux kontenzjużi.

#### Links relatati

[Is-sit web Legifrance](#)

[Is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja \(\*Ministère de la Justice\*\)](#)

[Is-sit web tal-Kamra Nazzjonali Franċiża tal-Uffiċjali Ġudizzjarji \(\*Bailliffs\*\) \(\*Chambre Nationale des Huissiers de Justice\*\)](#)

L-aħħar aġġornament: 05/04/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  għet

emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment

qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

#### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - il-Kroazja

##### 1 X'in huma t-tipi differenti ta' miżuri?

L-Att dwar l-Eżekuzzjonijiet (*Ovršni zakon*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja), Nru 112/12, 25/13, 93/14, 55/16 u 73/17; minn hawn 'il quddiem: OZ) fit-tielet taqsima intitolata: Garanzija permezz ta' miżuri preliminari (*Osiguranje*), jippreskrivi l-miżuri li ġejjin:

- garanzija permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' dritt ta' rahan fuq proprjetà immobbli - it-titolu 28
- garanzija ġudizzjarja u notarij permezz ta' rahan fuq il-bażi ta' ftehim tal-partijiet - it-titolu 29,
- garanzija ġudizzjarja u notarij permezz ta' trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u trasferiment tad-drittijiet - it-titolu 30,
- garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari - it-titolu 31,
- garanzija permezz ta' miżuri preliminari - it-titolu 32,
- miżuri interim - titolu 33.

Skont l-OZ, huma biss il-miżuri definiti bħala tali minn dan l-Att jew minn Att ieħor li jistgħu jiġu ddeterminati bħala miżuri ta' prekawżjoni. Mhumiex permessi miżuri kawtelatorji fuq oġġetti u drittijiet li, skont l-OZ, jistgħu ma jkunx soġġetti għal eżekuzzjoni, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn dik il-liġi.

##### 2 X'in huma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

###### 2.1 Il-proċedura

Bħala miżura (fit-tul) skont it-tifsira tal-garanzija obligatorja tal-pretensjonijiet, l-OZ jippermetti l-garanzija permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' dritt ta' rahan fuq proprjetà immobbli u beni mobbli (eż. pretensjonijiet monetarji, introjtu - salarju, pensjoni, eċċ., kont tal-bank, titoli u ishma) u l-garanzija permezz ta' trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u trasferiment ta' drittijiet. Il-garanzija permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan tista' tkun volontarja jew obligatorja, filwaqt li l-garanzija permezz ta' trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u trasferiment ta' drittijiet tista' tkun biss volontarja, fi proċedimenti quddiem qorti jew nutar pubbliku.

Miżuri oħrajn irregolati mill-OZ huma garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari, garanzija permezz ta' miżuri preliminari u miżuri interim. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu ddeterminati biss mill-qorti b'mod obligatorju, fuq talba ta' parti jew *ex officio*.

Il-qorti tal-muniċipalità huma kompetenti sabiex jordnaw u jimplimentaw garanzija, sakemm dan il-kompitu ma jkunx ġie fdat lil xi qorti oħra skont il-liġi, filwaqt li l-qorti kummerċjali huma kompetenti sabiex jordnaw u jimplimentaw garanzija f'kawżi fejn ikunu kompetenti sabiex jordnaw l-eżekuzzjoni.

Il-ġurisdizzjoni sabiex tiġi ordnata u implimentata garanzija *ex officio* tinsab f'idejn il-qorti b'ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-mozzjoni tal-kreditur garantit, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi.

Il-ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-mozzjonijiet għall-garanzija ta' pretensjonijiet monetarji permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' drittijiet ta' rahan fuq proprjetà immobbli tinsab f'idejn il-qorti li żżomm ir-reġistru tal-artijiet li fih għandu jsir id-dħul abbażi tad-dokument eżegwibbli li jiddetermina l-pretensjoni monetarja. L-iskop tad-determinazzjoni ta' din il-miżura huwa li tiġi garantita l-pretensjoni monetarja permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli mid-dħul. L-effett ta' dħul ta' rahan huwa tali li l-eżekuzzjoni fuq din il-proprjetà immobbli tista' tiġi implimentata wkoll kontra terzi li sussegwentement jakkwistaw din il-proprjetà immobbli.

Il-qorti tista' tordna l-garanzija ġudizzjarja ta' pretensjoni monetarja permezz tal-istabbiliment ta' rahan fuq il-bażi ta' ftehim bejn il-partijiet fuq it-talba konġunta tal-kreditur garantit u d-debitur garantit għal ċerti oġġetti sabiex tiġi garantita l-pretensjoni monetarja. Il-ġurisdizzjoni territorjali għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet sabiex jiġu garantiti l-pretensjonijiet monetarji tal-kreditur garantit fuq l-oġġetti u d-drittijiet tad-debitur garantit u għall-implimentazzjoni tal-garanzija tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tal-OZ dwar il-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti fi proċedimenti tal-eżekuzzjoni għall-ġbir ta' pretensjonijiet monetarji fuq tipi individwali ta' oġġetti ta' eżekuzzjoni. Il-minuti tal-qorti jirreġistraw il-ftehim tal-partijiet dwar l-eżistenza ta' pretensjoni u ż-żmien tal-maturità tagħha, kif ukoll il-qbil tal-partijiet li din il-pretensjoni għandha tiġi garantita permezz tal-istabbiliment ta' dritt ta' rahan. Il-ftehim iffirmat għandu l-effett ta' soluzzjoni bil-qorti.

Il-garanzija notarij ta' pretensjoni monetarja permezz tal-istabbiliment ta' rahan fuq il-bażi ta' ftehim bejn il-partijiet hija possibbli abbażi ta' ftehim ta' kreditur u debitur, magħmul fil-forma ta' dokument notarij jew dokument privat legalizzat fir-rigward tal-kontenut, li jinkludi wkoll id-dikjarazzjoni tal-qbil tad-debitur li jista' jinholq rahan fuq xi oġġetti minn tiegħu.



Il-garanzija ġudizzjarja permezz ta' trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u trasferiment ta' drittijiet hija possibbli abbażi ta' ftehim bejn il-partijiet li jiddaħħal fil-minuti tas-seduta ta' smiġh ftehim bejniethom dwar it-trasferiment tas-sjeda (ta' wħud mill-oġġetti tad-debitur garantit lill-kreditur garantit sabiex tiġi garantita l-pretensjoni monetarja speċifika ta' kreditur garantit) jew it-trasferiment ta' wħud mid-drittijiet tad-debitur garantit (lill-kreditur garantit għall-istess skop). Il-pretensjonijiet futuri jistgħu jiġu garantiti wkoll. Il-ftehim għandu l-effett ta' soluzzjoni bil-qorti. Il-qorti b'għurizdizzjoni territorjali għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet sabiex jiġu garantiti l-pretensjonijiet monetarji permezz tat-trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u t-trasferiment tad-drittijiet tiġi ddeterminata permezz tal-applikazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet tal-OZ dwar il-għurizdizzjoni territorjali tal-qorti fi proċedimenti tal-eżekuzzjoni għall-eżekuzzjoni ta' pretensjonijiet monetarji fuq tipi individwali ta' oġġetti ta' eżekuzzjoni.

Il-garanzija notarili permezz tat-trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u t-trasferiment ta' drittijiet, jiġifieri t-trasferiment ta' ishma jew parteċipazzjoni huwa possibbli abbażi ta' ftehim bejn il-kreditur u d-debitur, magħmul fil-forma ta' dokument notarili jew dokument privat legalizzat fir-rigward tal-kontenut. L-awtorizzazzjoni ta' nutar pubbliku sabiex iwettaq azzjonijiet individwali ta' garanzija tiġi ddeterminata f'konformità mar-regoli dwar l-uffiċċju rreġistrat u t-territorju tan-nutara pubbliċi.

Il-għurizdizzjoni territorjali għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-eżekuzzjoni preliminari u għall-implimentazzjoni ta' tali eżekuzzjoni hija tal-qorti li kien ikollha għurizdizzjoni għall-eżekuzzjoni abbażi ta' dokument ta' titolu ta' eżekuzzjoni. Il-garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari tiġi ordnata u implimentata mill-qorti. Abbażi ta' sentenza mogħtija fi proċeduri ta' qorti ċivili, il-qorti tordna eżekuzzjoni preliminari sabiex tiggarrantixxi pretensjoni mhux monetarja li ma tistax tiġi garantita permezz ta' dħul preliminari fir-reġistru pubbliku jekk il-kreditur tal-eżekuzzjoni juri li hemm riskju probabbli, minħabba d-diferiment tal-eżekuzzjoni sakemm is-sentenza ssir legalment effettiva, li l-eżekuzzjoni ssir impossibbli jew ferm aktar diffiċli u jekk il-kreditur tal-eżekuzzjoni jipprovi garanzija għad-dannu li jista' jgħarrab id-debitur tal-eżekuzzjoni minħabba tali eżekuzzjoni.

Il-għurizdizzjoni territorjali għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-garanzija permezz ta' miżuri preliminari u għall-implimentazzjoni ta' tali miżuri hija tal-qorti li kien ikollha għurizdizzjoni abbażi ta' dokument ta' titolu ta' eżekuzzjoni li f'konformità miegħu tkun għet ordnata l-garanzija. It-test sabiex jiġi ddeterminat jekk jistgħu jiġu ordnati miżuri preliminari huwa bbażat fuq jekk il-kreditur garantit jurix li hemm riskju probabbli li, mingħajr dawn il-miżuri, l-issodisfar tal-pretensjoni jkun impossibbli jew ferm aktar diffiċli. F'ċerti kawżi, il-qorti tista' tikkundizzjona l-miżura preliminari fuq l-għoti ta' garanzija għad-dannu li d-debitur garantit jista' jgħarrab minħabba l-ordni tagħha. Deċiżjoni motivata li tordna miżura preliminari trid tinkludi indikazzjoni tal-valur tal-pretensjoni li tkun qed tiġi garantita, inklużi l-imgħax u l-ispejjeż, il-miżura użata sabiex tiġi garantita l-pretensjoni u ż-żmien li għalih tkun qed tiġi ordnata (mhux aktar minn 15-il jum wara li jkun ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni).

Qabel jiġu istitwiti proċedimenti ta' litigazzjoni jew kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji oħrajn fuq pretensjoni li tkun qed tiġi garantita, il-għurizdizzjoni territorjali għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-garanzija permezz ta' miżuri interim hija tal-qorti li altrimenti kien ikollha għurizdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar il-mozzjonijiet biex issir l-eżekuzzjoni. Il-għurizdizzjoni territorjali għall-implimentazzjoni ta' miżuri interim tinsab f'idejn il-qorti li altrimenti kien ikollha għurizdizzjoni sabiex timplimenta l-eżekuzzjoni. Wara li jiġu istitwiti l-proċedimenti, il-għurizdizzjoni għall-aġġudikazzjoni dwar mozzjonijiet għall-garanzija permezz ta' miżuri interim hija tal-qorti li l-proċedimenti ġew istitwiti quddiemha. Jekk iċ-ċirkostanzi ta' kawża individwali hekk jiġġustifikaw, tista' titressaq ukoll mozzjoni quddiem il-qorti b'għurizdizzjoni territorjali sabiex timplimenta l-eżekuzzjoni. Il-qorti li kien ikollha għurizdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar rikors għal eżekuzzjoni abbażi ta' dokument ta' titolu ta' eżekuzzjoni prodott fi proċedimenti amministrattivi għandu jkollha wkoll għurizdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar mozzjonijiet sabiex tordna miżuri interim wara t-terminazzjoni ta' tali proċedimenti. Il-miżuri interim jiġu ordnati mill-qorti abbażi ta' rikors ippreżentat qabel l-istituzzjoni ta' proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji jew matulhom u wara t-terminazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, sakemm tiġi implimentata l-eżekuzzjoni. Id-deċiżjonijiet dwar l-ordni ta' miżuri interim għandhom l-awtorità ta' mandat ta' eżekuzzjoni. It-tipi ta' miżuri interim jiddependu mill-fatt jekk il-miżura interim tiggarrantix pretensjoni monetarja jew mhux monetarja. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi tal-kawża, tordna diversi miżuri interim, jekk ikunu meħtieġa.

Il-gravami, id-drittijiet jew il-projbizzjonijiet fuq beni mobbli, ishma jew parteċipazzjonijiet jiddaħħlu, abbażi ta' deċiżjoni tal-qorti, jiġifieri dokument notarili jew dokument privat legalizzat fir-rigward tal-kontenut, fir-Reġistru tal-pretensjonijiet tal-kredituri soġġett għal garanzija tal-qorti u notarili (Reġistru ta' rahan) (*Upisnik založnih prava*) li jinżamm fl-Aġenzija Finanzjarja, li huwa bażi ta' data tal-gravami, id-drittijiet jew il-projbizzjonijiet imdaħħlin, filwaqt li d-dħul ta' rahan jew bidliet fid-drittijiet tal-proprjetà ta' proprjetà immobbli jiġi rreġistrat permezz ta' entrati fir-reġistri tal-artijiet.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewleni

Meta tordna garanzija permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' dritt ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli, il-qorti tiddeċiedi dwar mozzjoni sabiex tiggarrantixxi pretensjonijiet monetarji abbażi ta' dokument ta' titolu ta' eżekuzzjoni li f'konformità miegħu għet ordnata l-pretensjoni monetarja. Ma jeżisti ebda rekwiżit speċjali sabiex tiġi ordnata l-garanzija u, abbażi tal-mozzjoni, il-qorti tordna l-garanzija u, abbażi tal-proprjetà immobbli mdaħħla fir-reġistru tal-artijiet, iddaħħal dritt ta' rahan tal-kreditur garantit, kif ukoll tindika l-eżegwibilità tal-pretensjoni. Jekk id-debitur garantit ma jiddaħħal fir-reġistru tal-artijiet bħala s-sid tal-proprjetà immobbli, il-kreditur garantit għandu, flimkien mal-mozzjoni, jippreżenta dokument addattat għad-dħul tad-dritt ta' sjeda tad-debitur garantit.

Il-kreditur garantit u d-debitur garantit jistgħu, bl-iskop li jipprovdur garanzija għal pretensjoni monetarja ta' kreditur garantit billi jiksbu rahan fuq ċerti oġġetti ta' garanzija, jitolbu b'mod kunsenswali lill-qorti sabiex tordna u timplimenta, għall-benefiċċju tal-kreditur garantit, ir-reġistrazzjoni ta' rahan fuq il-proprjetà immobbli, beni mobbli, pretensjoni monetarja u oġġetti u drittijiet oħrajn tad-debitur garantit, jew inkella jistgħu jilħqu ftehim bħal dan fil-forma ta' dokument notarili jew dokument privat, inkluża d-dikjarazzjoni ta' qbil ta' debitur li jista' jinħoloq rahan fuq xi oġġetti minn tiegħu.

L-att ġudizzjarju ffirmat, jiġifieri dokument notarili jew dokument privat legalizzat fir-rigward tal-kontenut, għandu wkoll l-awtorità ta' soluzzjoni bil-qorti kontra l-persuna li tkun qabliet li jinħoloq rahan fuq l-oġġett jew id-dritt tagħha, u abbażi ta' dawn id-dokumenti, sabiex tinġabar il-pretensjoni garantita, jipproponi direttament eżekuzzjoni kontra l-persuna li r-għan ikun inkiseb fuq l-oġġett tagħha għall-fini ta' garanzija ta' pretensjoni.

Il-partijiet jistgħu b'mod konġunt jitolbu lill-qorti sabiex tiskeda seduta ta' smiġh u ddaħħal fil-minuti ta' din is-seduta ta' smiġh, il-ftehim tagħhom dwar it-trasferiment tas-sjeda ta' wħud mill-oġġetti tad-debitur garantit lill-kreditur garantit bl-iskop li tiġi garantita l-pretensjoni monetarja partikolari ta' kreditur garantit, jew jiġu ttrasferiti wħud mid-drittijiet tad-debitur garantit lill-kreditur garantit għal dak l-iskop. Il-pretensjonijiet futuri jistgħu jiġu garantiti wkoll. Ftehim bħal dan jista' jiġi ffirmat bħala dokument notarili jew dokument privat, legalizzat fir-rigward tal-kontenut. Il-ftehim għandu jkun fih dispożizzjoni dwar iż-żmien tal-maturità tal-pretensjoni garantita, kif ukoll dwar kif se jiġi ddeterminat dan. Id-debitur garantit jista' jkun ukoll persuna li kontrihha l-kreditur garantit ma jkollux il-pretensjoni li tkun qed tiġi garantita, jiġifieri parti terza li tagħti l-kunsens sabiex din ix-xorta ta' pretensjoni tiġi garantita. Il-ftehim jista' japplika wkoll għall-garanzija ta' pretensjonijiet mhux monetarji, madankollu, f'dan il-każ, il-ftehim irid jispeċifika l-valur monetarju tal-pretensjoni. Il-pretensjoni għandha tkun aċċertata jew tista' tiġi aċċertata. Ma' ftehim tista' tiżdied ukoll dikjarazzjoni tal-kunsens mid-dikjarazzjoni tad-debitur garantit li tippermetti lill-kreditur garantit sabiex jitlob direttament, skont il-minuti, eżekuzzjoni kontrih għaċ-ċediment tal-oġġett tal-garanzija wara l-maturità tal-pretensjoni garantita. Il-minuti li fihom dikjarazzjoni bħal din jikkostitwixxu dokument ta' titolu ta' eżekuzzjoni. Meta s-sjeda ta' proprjetà immobbli mdaħħla fir-reġistru tal-artijiet tiġi ttrasferita permezz tal-ftehim, dan il-ftehim għandu jkun fih id-dikjarazzjoni ta' kunsens tad-debitur garantit li t-trasferiment jista' jiġi eżegwit direttament fir-reġistru tal-artijiet abbażi tal-ftehim u li d-dħul fir-reġistru tal-artijiet jittrasferixxi s-sjeda tal-proprjetà immobbli lill-kreditur garantit, b'annotazzjoni li t-trasferiment tawtaq bl-iskop li tiġi garantita pretensjoni speċifika ta' kreditur garantit. Sakemm ma jiġix previst mod ieħor, id-debitur garantit huwa awtorizzat li jkompli juża l-oġġett li s-sjeda tiegħu tkun għet ittrasferita lill-kreditur garantit, jiġifieri jeżerċita d-dritt ittrasferit lill-kreditur garantit, filwaqt li l-kreditur garantit huwa awtorizzat li jbigħ il-proprjetà jew id-dritt ittrasferit lilu mal-maturità tal-pretensjoni tiegħu, jew inkella li jagħmel tajjeb għall-proprjetà immobbli b'ipoteka.

Il-garanzija permezz ta' miżuri preliminari tista' tiġi ordnata sabiex jiġu garantiti pretensjonijiet monetarji abbażi ta' deċiżjoni ta' qorti jew korp amministrattiv li jkun għadu ma sarx legalment effettiv, abbażi ta' ftehim magħmul quddiem qorti jew korp amministrattiv, jekk il-pretensjoni ddeterminata fih tkun għadha ma mmaturatx, jew abbażi ta' deċiżjoni notarili jew dokument notarili, jekk il-pretensjoni ddeterminata fihom tkun għadha ma mmaturatx. Il-qorti għandha, abbażi ta' dawn id-dokumenti, tordna miżura preliminari jekk il-kreditur garantit juri bħala probabbli r-riskju li r-realizzazzjoni tal-pretensjoni ssir impossibbli jew ferm aktar diffiċli jekk ma tkunx garantita. Ir-riskju jitqies bħala probabbli jekk l-ordni ta' miżura preliminari tkun għet proposta abbażi ta' ordni ta' h'las jew mandat ta' eżekuzzjoni, abbażi ta' dokument awtentiku maħruġ skont dokument pubbliku jew dokument legalizzat minn nutar pubbliku, kambjala jew ċekk, li kontrihom tkun tqajmet oġġezzjoni fi żmien debitu; sentenza mogħtija fi proċedimenti kriminali dwar pretensjoni tal-liġi tal-proprietà li kontrihom huwa possibbli li jsir proċess għid; deċiżjoni li trid tiġi eżegwita barra l-pajjiż; sentenza abbażi ta' ammissjoni li jkun tressaq appell kontra; ftehim li jiġi kkontestat bil-mod previst mil-liġi; deċiżjoni jew dokument notarili, jekk il-pretensjoni ddeterminata fihom tkun għadha ma mmaturatx, li jkunu qegħdin jiġu kkontestati bil-mod previst mil-liġi. Il-qorti għandha tirrifjuta l-mozzjoni li tiggarantixxi b'miżura preliminari, jiġifieri tirrevoka miżura preliminari partikolari u tissospendi l-proċedimenti, jekk id-debitur garantit juri bħala probabbli li ma hemm ebda riskju jew li tali riskju ntemm.

Il-garanzija permezz ta' miżura interim tista' tiġi proposta qabel l-istituzzjoni tal-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji jew matulhom u wara t-terminazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, sakemm tiġi implimentata l-eżekuzzjoni. F'mozzjoni li tordna miżura interim, kreditur garantit irid iressaq talba li fiha għandu jindika eżattament il-pretensjoni li jrid jiggarantixxi, jiddetermina t-tip ta' miżura li qed ifittex u t-tul ta' żmien tagħha u, fejn meħtieġ, il-mezzi tal-garanzija li permezz tagħhom il-miżura interim tiġi eżegwita b'mod obligatorju, kif ukoll l-oġġett tal-garanzija. Il-mozzjoni jrid ikun fiha indikazzjoni tal-fatti li fuqhom tkun ibbażata t-talba sabiex tiġi ordnata miżura interim u tressaq evidenza li tikkorroboraw dawn id-dikjarazzjonijiet. Il-kreditur garantit huwa obligat li jehmeż din l-evidenza, jekk possibbli, mal-mozzjoni. Tista' tiġi ordnata miżura interim sabiex tiggarantixxi pretensjonijiet kundizzjonali u li ma mmaturawx u din ma tkunx permessa jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet sabiex tiġi ordnata miżura preliminari li permezz tagħha jkun jista' jintlaħaq l-istess effett ta' garanzija. Tista' tiġi ordnata miżura interim sabiex tiggarantixxi pretensjoni monetarja jekk il-kreditur garantit juri bħala probabbli l-eżistenza tal-pretensjoni u r-riskju li, mingħajr miżura bħal din, id-debitur garantit jimpedixxi jew jagħmel ferm aktar diffiċli l-għir tal-pretensjoni billi jittrasferixxi t-titolu tal-proprietà tiegħu, jaħbiha jew jiddisponi minnha b'xi mod ieħor. Kreditur garantit ma għandux bżonn jipprova riskju jekk huwa juri li probabbli li d-debitur garantit ikun se jġarrab biss dannu insinifikanti mill-miżura proposta u jitqies li r-riskju jkun intwera jekk il-pretensjoni trid tiġi eżegwita barra l-pajjiż. Sabiex tiġi garantita pretensjoni mhux monetarja, tista' tiġi ordnata miżura interim jekk il-kreditur garantit juri li l-eżistenza tal-pretensjoni tiegħu hija probabbli u jekk huwa juri bħala probabbli r-riskju li, mingħajr din il-miżura, id-debitur garantit jimpedixxi jew jagħmel ferm aktar diffiċli l-eżekuzzjoni tal-pretensjoni, b'mod partikolari billi jbidel is-sitwazzjoni attwali, jew jekk juri li l-miżura probabbli tkun meħtieġa sabiex tiġi evitata l-vjolenza jew l-okkorrenza ta' ħsara irreparabbli. Barra minn hekk, kreditur garantit ma għandux bżonn jipprova riskju jekk huwa juri li huwa probabbli li d-debitur garantit ikun se jġarrab biss dannu insinifikanti mill-miżura proposta u jitqies li r-riskju jkun intwera jekk il-pretensjoni trid tiġi eżegwita barra l-pajjiż. Il-qorti tista' tordna miżura interim fuq proposta tal-kreditur garantit anki meta huwa ma jkunx wera bħala probabbli l-eżistenza ta' pretensjoni u riskju, jekk qabel ikun ipprova, f'limitu ta' żmien stabbilit mill-qorti, garanzija għad-dannu li d-debitur garantit jista' jġarrab mill-ordni u l-implimentazzjoni ta' miżura interim. Jekk il-kreditur garantit ma jipprova id-depożitu tal-garanzija fil-limitu ta' żmien stabbilit, il-qorti għandha tirrifjuta l-mozzjoni sabiex tagħmel il-garanzija. Il-qorti tista', fid-dawl ta' ċirkostanzi ta' kawża partikolari, tordna diversi miżuri interim, jekk dan ikun meħtieġ; jekk f'kawża partikolari, ikun possibbli li jiġu ordnati diversi miżuri interim, il-qorti għandha tordna dik li tkun l-aktar adattata sabiex jintlaħaq l-iskop tal-garanzija (u jekk kollha jkunu ugwalment xierqa, il-qorti għandha tordna dik li tkun l-inqas oneruża għad-debitur garantit).

### **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

#### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?**

Is-suġġett tal-miżuri ta' garanzija u l-miżuri interim jista' jkun oġġett jew dritt tad-debitur garantit, pereżempju, proprjetà immobbli, beni mobbli, pretensjonijiet monetarji, pensjonijiet, benefiċċji tad-diżabilità, depożiti ta' flus f'kontijiet tal-bank jew kontijiet tat-tfaddil u drittijiet ta' proprjetà oħrajn, sa fejn dawn ma jkunux oġġetti eżentati mill-eżekuzzjoni skont il-liġi jew ma jkun hemm ebda dritt legalment ristrett għall-eżekuzzjoni fuq oġġetti (pereżempju, oġġetti li mhumiex fiċ-ċirkolazzjoni, pakketti agricoli u bini tal-farms tal-bdiewa sal-limitu meħtieġ għas-sussistenza u s-sussistenza ta' membri tal-familja immedjata u persuni oħrajn li legalment jeħtieġu appoġġ, eċċ.).

#### **3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?**

Il-garanzija tal-proprietà immobbli permezz tal-istabiliment ta' dritt ta' rahan (volontarju jew obligatorju, ġudizzjarju jew notarili) tiġi stabbilita permezz tad-dħul tar-għan fir-reġistru tal-artijiet, li fih tkun iddaħħlet il-proprietà immobbli.

Permezz ta' garanzija notarili u ġudizzjarja li tinvolvi t-trasferiment tas-sjieda ta' oġġetti u t-trasferiment ta' drittijiet, il-kreditur garantit isir is-sid ta' oġġett jew dritt permezz ta' entrata fil-kotba jew ir-reġistri pubbliċi legalment meħtieġa. Il-kreditur garantit u d-debitur garantit jistgħu, bl-iskop li jipprova garanzija għal pretensjoni monetarja ta' kreditur garantit billi jiksbu rahan fuq ċerti oġġetti ta' garanzija, jitolbu b'mod kunsenswali lill-qorti sabiex tordna u timplimenta, għall-benefiċċju tal-kreditur garantit:

1. ir-reġistrazzjoni ta' rahan fuq il-proprietà immobbli tad-debitur garantit,
2. l-iddepożitar ta' ftehim bejn il-partijiet dwar l-istabiliment tad-dritt ta' rahan fuq il-proprietà immobbli mhux imdaħħla fir-reġistri tal-artijiet fil-qorti tar-reġistru tal-artijiet,
3. l-istituzzjoni ta' rahan fuq il-beni mobbli tad-debitur garantit,
4. l-istituzzjoni ta' rahan fuq il-pretensjoni monetarja tad-debitur garantit,
5. l-istituzzjoni ta' rahan fuq parti mill-introjtu tad-debitur garantit abbażi ta' kuntratt ta' impjeg jew servizz,
6. l-istituzzjoni ta' rahan fuq parti mill-pensjoni, il-benefiċċju ta' diżabilità jew il-kumpens għall-introjtu mitluf,
7. l-istituzzjoni ta' rahan fuq il-pretensjoni tad-debitur garantit fuq kont tal-bank jew ktieb tat-tfaddil,
8. l-istituzzjoni ta' rahan fuq pretensjoni għaċ-ċediment jew il-konsenja ta' beni mobbli jew għaċ-ċediment ta' proprjetà immobbli,
9. l-istituzzjoni ta' rahan fuq proprjetà oħra jew fuq drittijiet reali,
10. l-istituzzjoni ta' rahan fuq ċertifikati ta' ishma u titoli oħrajn u l-konsenja tagħhom għal kustodja,
11. l-istituzzjoni ta' rahan fuq ishma li għalihom ma nħarġux ċertifikati ta' ishma u fuq ishma u parteċipazzjonijiet f'kumpaniji,
12. l-istituzzjoni ta' titoli miżmuma għand il-Kumpanija Depożitarja (*Depozitno društvo*).

Garanzija permezz ta' eżekuzzjoni preliminari: Sabiex jiġi pprovdut titolu għal eżekuzzjoni mhux monetarja li ma jistax jiġi garantit permezz ta' reġistrazzjoni kundizzjonali fi ktieb pubbliku, il-qorti tista', abbażi ta' sentenza mogħtija fi proċeduri ta' qorti ċivili, tordna eżekuzzjoni preliminari.

Garanzija permezz ta' miżuri preliminari: il-qorti tista' tordna l-miżuri preliminari li ġejjin:

1. Ir-reġistrazzjoni ta' rahan fuq il-proprietà immobbli ta' debitur garantit jew fuq dritt imdaħħal fuq proprjetà immobbli,
2. l-iddepożitar tal-ftehim bejn il-partijiet dwar l-istabiliment tad-dritt ta' rahan fuq il-proprietà immobbli mhux imdaħħla fir-reġistri tal-artijiet fil-qorti tar-reġistru tal-artijiet,
3. l-istituzzjoni ta' rahan fuq il-beni mobbli tad-debitur garantit,
4. l-istituzzjoni ta' rahan fuq il-pretensjoni monetarja tad-debitur garantit,

5. I-istituzzjoni ta' rahan fuq parti mill-introjtu tad-debitur garantit abbażi ta' kuntratt ta' impjeg jew servizz,
  6. I-istituzzjoni ta' rahan fuq parti mill-pensjoni, il-benefiċċju ta' diżabilità jew il-kumpens għall-introjtu mitluf,
  7. I-istituzzjoni ta' rahan fuq il-pretensjoni tad-debitur garantit fuq kont tal-bank jew ktieb tat-tfaddil,
  8. I-istituzzjoni ta' rahan fuq il-pretensjoni għaċ-ċediment jew il-konsenja ta' beni mobbli jew għaċ-ċediment ta' proprjetà immobbli,
  9. I-istituzzjoni ta' rahan fuq proprjetà oħra jew fuq drittijiet reali,
  10. I-istituzzjoni ta' rahan fuq ċertifikati ta' ishma u titoli oħrajn u l-konsenja tagħhom għal kustodja,
  11. I-istituzzjoni ta' rahan fuq ishma li għalihom ma nħarġux ċertifikati ta' ishma u fuq ishma u parteċipazzjonijiet f'kumpaniji,
  12. I-istituzzjoni ta' titoli miżmuma għand il-Kumpanija Depożitarja (*Depozitno društvo*).
  13. Il-projbizzjoni ta' bank li jħallas, mill-kont ta' debitur garantit jew ta' terzi, ammont li għalih tkun ġiet ordnata miżura preliminari.
- Kreditur garantit jista' jikseb rahan fuq l-oġġetti ta' garanzija abbażi ta' miżura preliminari. Meta tkun ġiet ordnata projbizzjoni ta' flus fuq ammont ta' flus tad-debitur garantit miżmum f'bank, dak l-ammont ma jistax jiġi ttrasferit mill-kont għat-tul tal-projbizzjoni, flief sabiex titħallas il-pretensjoni garantita.

Miżuri interim

- Għall-fini tal-garanzija ta' pretensjoni monetarja, tista' tiġi ordnata kwalunkwe miżura li tilħaq dak l-għan u, speċifikament, dawn li ġejjin:

1. li tipprojbixxi lid-debitur garantit milli jittrasferixxi t-titolu tal-beni mobbli jew jaggravahom, sabiex jikkonfiska dawn l-oġġetti u jafdahom lill-kreditur garantit jew lil parti terza għall-kustodja;
2. li tikkonfiska u tiddepożita flus, titoli u simili lil qorti jew nutar pubbliku;
3. li tipprojbixxi lid-debitur garantit milli jittrasferixxi t-titolu ta', jew jaggrava, proprjetà immobbli jew drittijiet *in rem* li huma rreġistrati fuq il-proprjetà immobbli favur tiegħu, b'annotazzjoni ta' din il-projbizzjoni f'reġistru tal-artijiet;
4. li tipprojbixxi lid-debitur tad-debitur garantit milli jissodisfa l-obbligu tiegħu lid-debitur garantit volontarjament u li tipprojbixxi lid-debitur garantit milli jirċievi l-issodisfar ta' dan l-obbligu, jiġifieri li jiddisponi mill-pretensjonijiet tiegħu;
5. li tordna lil bank jirrifuta pagament mill-kont tad-debitur garantit lid-debitur garantit jew lil terzi fuq talba tad-debitur garantit, fl-ammont li għalih tkun ġiet ordnata l-miżura interim.

- Għall-fini tal-garanzija ta' pretensjoni mhux monetarja, tista' tiġi ordnata kwalunkwe miżura li tilħaq l-għan ta' tali garanzija u, speċifikament, dawn li ġejjin:

1. li tipprojbixxi t-trasferiment tat-titolu u l-gravami tal-beni mobbli li kontra tagħhom tkun indirizzata l-pretensjoni, il-konfiska tagħhom u l-inkarigu tagħhom għal kustodja lill-kreditur garantit jew lil terzi;
2. li tipprojbixxi t-trasferiment tat-titolu u l-gravami tal-ishma jew tal-parteċipazzjonijiet li l-pretensjoni tkun indirizzata kontriom, b'annotazzjoni tal-projbizzjoni fir-reġistru tal-ishma u, fejn meħtieġ, fil-minuti tal-qorti; li tipprojbixxi l-użu jew l-eżerċitar tad-drittijiet abbażi ta' tali ishma jew ishma azzjonarji; li l-ishma jew il-parteċipazzjonijiet jiġu fdati lill-maniġment ta' parti terza; li jitwaqqaf bord maniġerjali interim f'kumpanija;
3. li tipprojbixxi t-trasferiment tat-titolu u l-gravami ta' drittijiet oħrajn li l-pretensjoni tkun indirizzata kontriom u li tafda l-immaniġġjar ta' dawn id-drittijiet lil parti terza;
4. li tipprojbixxi t-trasferiment tat-titolu u l-gravami tal-proprjetà immobbli li l-pretensjoni tkun indirizzata kontriha jew tad-drittijiet *in rem* irreġistrati fuq il-proprjetà immobbli li l-pretensjoni tkun indirizzata kontriha, b'annotazzjoni tal-projbizzjoni fir-reġistru tal-artijiet; li tikkonfiska l-proprjetà immobbli u tafdaha lill-kreditur garantit jew lil parti terza għal kustodja;
5. li tipprojbixxi lid-debitur tad-debitur garantit milli jċedi oġġetti, jittrasferixxi dritt jew iwettaq kwalunkwe obbligu mhux monetarju ieħor li l-pretensjoni tkun indirizzata kontri lid-debitur garantit;
6. li tipprojbixxi lid-debitur garantit milli jwettaq kwalunkwe azzjonijiet li jistgħu jikkawżaw dannu lill-kreditur garantit u li tipprojbixxi kwalunkwe bidliet fl-oġġetti li l-pretensjoni tkun indirizzata kontriom;
7. li tordna lid-debitur garantit iwettaq ċerti azzjonijiet meħtieġa sabiex jippreserva l-beni mobbli jew il-proprjetà immobbli jew jippreserva l-istat attwali tal-oġġetti;
8. li tawtorizza lill-kreditur garantit sabiex iżomm l-oġġetti tad-debitur garantit li jinżammu miegħu u li l-pretensjoni tirreferi għalihom sakemm tiġi riżolta l-litigazzjoni;
9. li tawtorizza lill-kreditur garantit sabiex iwettaq ċerti azzjonijiet jew jikseb ċerti oġġetti waħdu jew bi prokura, speċjalment bl-iskop li jerġa' jinkiseb stat preċedenti tal-affarijiet;
10. li tippermetti lill-impjegat jirritorna temporanjament għax-xogħol; li jitħallas kumpens waqt tilwima fuq ix-xogħol, jekk dan ikun meħtieġ għall-manteniment tiegħu u għall-manteniment tal-persuni li huwa obbligat li jmantni skont il-liġi.

### 3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Il-garanzija notarili u ġudizzjarja permezz ta' rahan jew permezz ta' trasferiment tas-sjeda ta' oġġetti u trasferiment tad-drittijiet huma, bħala regola, validi sal-konklużjoni finali tal-proċedura.

Deċiżjoni li tordna miżura preliminari trid tinkludi indikazzjoni tal-valur tal-pretensjoni li tiġi garantita, inklużi imgħax u spejjeż, il-miżura użata sabiex tiġi garantita l-pretensjoni u ż-żmien li għalih qed tiġi ordnata. Iż-żmien li għalih tiġi ordnata miżura preliminari jista' jidmugħ għal mhux aktar minn 15-il jum wara li jkun għew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni. Jekk iż-żmien jgħaddi qabel ma d-deċiżjoni, li abbażi tagħha ġiet ordnata l-miżura preliminari, issir eżekutorja, il-qorti għandha, fuq il-proposta tal-kreditur garantit ippreżentata lill-qorti qabel l-iskadenza tal-perjodu li l-miżura preliminari tkun ġiet ordnata għalih, testendi dan iż-żmien, diment li ma jkunux inbidlu ċ-ċirkostanzi li fihom kienet ordnata din il-miżura.

Id-deċiżjoni li permezz tagħha tiġi ordnata miżura interim tiddefinixxi wkoll it-tul ta' żmien ta' din il-miżura u, jekk il-miżura tiġi ordnata qabel ma tkun tressqet azzjoni jew ma jkun istitwit xi proċediment ieħor, hija tiddefinixxi wkoll il-limitu ta' żmien li matulu l-kreditur garantit irid iressaq azzjoni, jiġifieri mozzjoni sabiex jinbdew proċedimenti oħrajn, bil-għan li tiġi ġġustifikata l-miżura. Il-qorti għandha, fuq il-proposta tal-kreditur garantit, testendi t-tul ta' żmien tal-miżura interim, diment li ma jkunux inbidlu ċ-ċirkostanzi li fihom kienet ordnata l-miżura.

### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Appell kontra deċiżjoni meħuda fil-prim'istanza jista' jiġi ppreżentat fi żmien tmint ijiem minn dak inhar li tiġi nnotifikata d-deċiżjoni tal-prim'istanza, sakemm ma jkunx stabbilit mod ieħor mill-OZ. Bħala regola, appell ma jipposponix l-eżegwibiltà ta' sentenza. Qorti tal-appell tiddeċiedi dwar l-appell.

Appell kontra deċiżjoni dwar mozzjoni sabiex tinħareġ miżura interim ma jintbagħtax lill-parti opposta għal risposta, u l-qorti tal-appell tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-appell fi żmien tletin jum minn meta tircevh.

Ma hemm ebda rimedju ġudizzjarju disponibbli kontra dokument notarili jew dokument privat legalizzat fir-rigward tal-kontenut, madankollu, debitur jista' jressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu kontra garanzija notarili fl-litigazzjoni speċjali li fiha għandu jikkontesta l-ftehimiet. Il-partijiet terzi jistgħu jressqu l-oġġezzjonijiet tagħhom kontra garanzija notarili fi proċedura quddiem il-qorti f'konformità mar-regoli li japplikaw għall-oġġezzjonijiet kontra garanzija ġudizzjarja.

Reviżjoni fil-garanzija tal-proċedimenti hija permessa biss jekk is-sentenza mogħtija fit-tieni istanza tkun tiddependi fuq is-soluzzjoni ta' materja proċedurali jew sostantiva importanti għall-iżgurar ta' applikazzjoni uniformi tal-liġi u għall-ugwaljanza tal-partijiet kollha fl-applikazzjoni tagħha, f'konformità mar-regoli tal-litigazzjoni. Mhuwiex permess li jsir proċess ġdid u t-treġġiġ lura ta' status preċedenti huwa permess biss jekk tinqabeż l-iskadenza għall-appelli jew l-oġġezzjonijiet.

L-aħħar aġġornament: 06/02/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fl-applikazzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Italja

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Is-sistema legali Taljana tipprovdi għal miżuri interim li jistgħu jkunu ta' natura antiċipatorja u li huma, fil-prattika, kawtelatorji. Il-miżuri intermi jistgħu jittieħdu "qabel" ma tinfetħ il-kawża (miżuri *ante causam*) jew matul il-proċedimenti. Jistgħu jiġu mitluba wkoll meta tibda t-tilwima. Ir-regoli ġenerali dwar il-proċedimenti interim qiegħdin fl-Artikoli 669-*bis et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Hemm diversi tipi ta' miżuri interim: (a) miżuri "kawtelatorji" li huma mfassla biex jikkonservaw l-istat attwali matul il-proċedimenti jew biex iħarsu l-assi. Mandat ta' sekwestru kawtelatorju huwa eżempju wieħed ta' miżuri li taqa' f'din il-kategorija. Essenzjalment, il-miżuri kawtelatorji protettivi għandhom l-għan li jiżguraw li minħabba d-durata tal-proċedimenti l-applikazzjoni ta' ordni eżekuttiv li jinkiseb wara ma jitliff il-valur tiegħu, minħabba l-fatt li, pereżempju, l-ass li qiegħed jintalab intilef jew ġie meqrud; (b) miżuri "antiċipatorji" huwa dawk li jantiċipaw, qabel l-eżitu tal-proċedimenti, l-effetti tal-ordni finali. Il-miżuri antiċipatorji interim għalhekk għandhom l-għan li jiżguraw li l-persuna li għandha dak id-dritt ma tibqax fi stat fejn mhix sodisfatta, li jwassal għal danni li wara ma jistgħux jiġu kumpensati.

Il-miżuri interim huma, in ġenerali, "tipiċi" u huma previsti wkoll minn liġijiet speċjali, bħal dawk, pereżempju, marbuta mal-kwistjonijiet tal-familja, il-manteniment, il-privattivi eċċ. Madankollu, jistgħu jintalbu wkoll miżuri interim "atipiċi": dawn huma magħrufa bħala miżuri urġenti, u huma regolati mill-Artikolu 700 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Din id-dispożizzjoni tiżgura li dawk li għandhom biża ġustifikata li ż-żmien meħtieġ għall-eżekuzzjoni tad-drittijiet tagħhom bil-proċedura ordinarja tista' potenzjalment tikkawżalhom dannu imminenti u irreparabbli jistgħu jitolbu lill-qorti biex tapplika miżuri urġenti, li jidhru, skont iċ-ċirkostanzi, aktar kapaċi jiżguraw b'mod provviżorju l-effetti tad-deċiżjoni fuq il-mertu.

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

Il-ħruġ ta' miżuri provviżorji huwa soġġett għal żewġ rekwiżiti:

(A) *Periculum in mora*, jiġifieri l-biża' fondata li, sakemm tingħata s-sentenza fuq il-mertu, id-dritt li l-miżura provviżorja għandha l-għan li tħares tista' ssirli ħsara irreparabbli;

(B) *Fumus boni juris*, jiġifieri li jrid ikun hemm każ prima facie għall-pretensjoni.

#### 2.1 Il-proċedura

Ir-regoli proċedurali qiegħdin fl-Artikoli 669-*bis et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. It-talba ssir permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-qorti kompetenti. Qabel jibdw il-proċedimenti ewlenin, it-talba titressaq quddiem qorti kompetenti fuq il-mertu. Meta l-proċedimenti ewlenin ikunu pendenti, it-talba trid titressaq lill-qorti li qed tiddeċiedi dwar il-kawża. Wara li tkun semgħet lill-partijiet u mingħajr xi formalità li mhix essenzjali għal proċedura kontradittorja, il-qorti tkompli biex teżamina, bil-mod li tqis l-aktar xieraq, ir-rekwiżiti meħtieġa għall-għanijiet tal-miżura proposta, qabel taċċetta jew tiċħad it-talba permezz ta' ordni. Jekk it-taħrika tal-parti avversarja tista' tipperikola l-eżekuzzjoni tal-miżura, il-qorti tista' toħroġ deċiżjoni bir-raġunijiet fil-forma ta' ordni li tinkludi, fejn meħtieġ, informazzjoni fil-qosor. F'dan il-każ, permezz tal-istess ordni, il-qorti għandha tagħżel data biex tisma' lill-partijiet, mhux aktar tard minn ħmistax-il ġurnata, u tagħti lir-rikorrent perjodu ta' żmien perentorju ta' mhux iktar minn tmien ijiem biex fiha jinnotifika r-rikors u l-ordni. Fis-seduta ta' smiġħ, il-qorti tista', permezz ta' ordni, tikkonferma, temenda jew tħassar il-miżuri fl-ordni inizjali.

Il-qorti tista' tiddeċiedi dwar il-proċedimenti billi tagħti ordni li tiċħad, tawtorizza parzjalment jew kompletament it-talba. Jekk it-talba tiġi milqugħa, u tiġi ppreżentata qabel jibdw il-proċedimenti ewlenin, l-ordni li tawtorizza t-talba trid tistabbilixxi perjodu ta' żmien perentorju ta' mhux iktar minn sittin jum biex jibdw il-proċedimenti ewlenin: din ir-regola ma tapplikax għal miżuri antiċipatorji u urġenti kif stabbilit fl-Artikolu 700 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

#### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-ħruġ ta' miżura provviżorja huwa soġġett għaż-żewġ rekwiżiti msemmija hawn qabel: *periculum in mora* u *fumus boni juris*.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

Dawn huma miżuri ta' natura provviżorja sakemm tinqata' s-sentenza fil-proċedimenti prinċipali. Madankollu, jekk dan huwa l-każ dejjem għal miżuri ta' protezzjoni, li jeħtieġu li l-kawża prinċipali tkun pendenti, dan huwa l-każ parzjalment biss fil-każ ta' miżuri antiċipatorji, li jibqgħu effettivi jkun hemm kawża pendenti jew le, għalkemm ma jkollhomx l-istess saħħa daqs is-sentenza finali li tiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet involuti fil-kawża.

Il-kontenut tal-miżuri provviżorji jvarja skont it-tip ta' periklu (*periculum*) li huma maħsuba jevitaw. Pereżempju, is-sekwestru kawtelatorju japplika għall-assi tad-debitur; min-naħa l-oħra, l-ordni sabiex jerġa' jitħaddem impjegat li jkun tkeċċa inġustament, huwa obligu sabiex tittieħed azzjoni (*facere*).

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Skont il-bżonn, il-miżuri jistgħu japplikaw għal proprjetà immobbli kif ukoll proprjetà mobbli, iżda wkoll għall-proprjetà intellettwali u x-xoġġlijiet protetti bid-dritt tal-awtur.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Il-miżuri kawtelatorji huma mfassla biex jippreservaw is-sitwazzjoni fil-fatt u fid-dritt li tkun teżisti meta jkun tressaq ir-rikors, sabiex jassiguraw li ż-żmien meħtieġ għall-konklużjoni tal-proċedimenti prinċipali ma jikkawżax ħsara lid-drittijiet tar-rikorrent. Il-miżuri antiċipatorji, min-naħa l-oħra, huma mfassla biex jantiċipaw l-effetti tas-sentenza finali tal-proċediment prinċipali.

#### 3.3 X'inhom l-validità ta' dawn il-miżuri?

Il-miżuri provviżorji jibqgħu fis-seħħ sakemm tingħata s-sentenza finali fil-proċediment prinċipali, li tieħu posthom. Il-miżuri protettivi, li għalihom tinħtieġ kawża (pereżempju awtorizzazzjoni għal sekwestru ġudizzjarju fl-Artikolu 670 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew sekwestru kawtelatorju fl-Artikolu 671 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), ukoll jitliffu l-effikaċja tagħhom jekk ma ssirx kawża jew ma titkomplix fiż-żmien stabbilit bil-liġi jew mill-qorti, jew fejn il-garanzija meħtieġa mill-qorti ma tingħatax. Il-miżuri antiċipatorji, anki dawk atipiċi (dawk li l-kontenut tagħhom jiġi stabbilit mhux mil-liġi iżda mill-qorti, skont l-Artikolu 700 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), anki jekk ma jistgħux jiġu inklużi fis-sentenza finali, jibqgħu fis-seħħ anki jekk ma ssirx kawża jew jekk il-kawża tinfetħ iżda mbagħad tiġi deżerta.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Jista' jsir appell mid-deċiżjonijiet dwar miżuri provviżorji, kemm jekk jilqgħu jew jiċħdu r-rikors (l-Artikolu 669-*terdecies*) jew għaliex huma vizzjati, jew billi jiġu ppreżentati ċirkostanzi u raġunijiet addizzjonali lill-Qorti tal-Appell mhux inklużi fir-rikors oriġinali.

#### Fotoġ relatati

► [The Italian Constitution](#) (EN)

[https://www.senato.it/sites/default/files/media-documents/COST\\_INGLESE.pdf](https://www.senato.it/sites/default/files/media-documents/COST_INGLESE.pdf)

► [Il-Kodiċijiet u l-Liġijiet Taljani](#) (IT)

<https://www.normattiva.it/?language=en>

► [Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Taljan](#) (IT)

<http://www.altalex.com/documents/codici-altalex/2015/01/02/codice-di-procedura-civile>

► [Il-Kodiċi tal-Proċess Amministrattiv](#) (EN)

[https://www.giustizia-amministrativa.it/cdsintra/wcm/idc/groups/public/documents/document/mday/mzk3/~edisp/nsiga\\_4276977.pdf](https://www.giustizia-amministrativa.it/cdsintra/wcm/idc/groups/public/documents/document/mday/mzk3/~edisp/nsiga_4276977.pdf)

► [Code de justice administrative](#) (FR)

[https://www.giustizia-amministrativa.it/cdsintra/wcm/idc/groups/public/documents/document/mday/njiz/~edisp/nsiga\\_4506451.pdf](https://www.giustizia-amministrativa.it/cdsintra/wcm/idc/groups/public/documents/document/mday/njiz/~edisp/nsiga_4506451.pdf)

► [Italienische Verwaltungsprozessordnung](#) (DE)

[https://www.giustizia-amministrativa.it/cdsintra/wcm/idc/groups/public/documents/document/mday/nda5/~edisp/nsiga\\_4289867.pdf](https://www.giustizia-amministrativa.it/cdsintra/wcm/idc/groups/public/documents/document/mday/nda5/~edisp/nsiga_4289867.pdf)

► [Italy's judicial system](#) (EN)

[https://www.csm.it/web/csm-international-corner/consiglio-superiore-della-magistratura/sistema-giudiziario-italiano?show=true&title=&show\\_breadcrumb=](https://www.csm.it/web/csm-international-corner/consiglio-superiore-della-magistratura/sistema-giudiziario-italiano?show=true&title=&show_breadcrumb=)

► [Il-Kodiċi Proċedurali tat-Taxxa](#) (IT)

<http://def.finanze.it/DocTribFrontend/getAttoNormativoDetail.do?id=%7bECD81E71-D37B-4722-AA36-116B5BCB2232%7d>

► [Il-Ministeru tal-Ġustizzja](#) (IT)

<https://www.giustizia.it/giustizia>

L-aħħar aġġornament: 28/12/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Ċipru

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

A. Kull qorti, fl-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni ċivili tagħha, tista' tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (interlokutorju, permanenti jew obligatorju) jew taħtar riċevitur fil-każijiet fejn il-qorti jidhrilha li huwa ġust jew xieraq, anke jekk ma jkunux intalbu jew ingħataw danni jew rimedji oħra. Inibizzjoni interlokutorja ma tingħatax jekk il-qorti ma tkunx issodisfata illi hemm kwistjoni serja li għandha tiġi trattata waqt is-seduta ta' smiġħ, li hemm il-possibbiltà illi r-rikorrent għandu dritt għal kumpens u li, jekk l-inibizzjoni interlokutorja ma tingħatax, ikun diffiċli jew impossibbli li ssir ġustizzja fi stadju ulterjuri (l-Artikolu 32(1) tal-Att dwar il-Qrati 14/1960, kif emendat).

B. Il-qorti tista', f'kull ħin filwaqt li hemm kawża ċivili pendenti quddiemha, tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għas-sekwestru, preservazzjoni, kustodja, bejgħ, żamma jew spezzjoni tal-proprjetà li hija l-oġġett tal-kawża jew mandat ta' inibizzjoni sabiex ma jkunx hemm telf jew ħsara jew effett avvers li, jekk ma jinħariġx il-mandat, ikollhom jiġġarrbu mill-persuna jew il-proprjetà sakemm tingħata s-sentenza finali fuq kwistjoni li tikkonċerna lil dik il-persuna jew proprjetà jew sakemm tiġi eżegwita s-sentenza tal-qorti (l-Artikolu 4(1) tal-Att tal-Proċedura Ċivili, Kapitolu 6). L-għan tal-inibizzjoni mogħtija skont din id-dispożizzjoni hija li tħares (bl-għoti tal-inibizzjonijiet speċifiċi msemmija hawn qabel) il-proprjetà oġġett tal-kawża filwaqt li għandha pendenti jew sakemm tiġi eżegwita s-sentenza.

C. Kull qorti li quddiemha hemm pendenti kawża ċivili dwar djun jew danni tista', kull ħin wara l-ftuħ tal-kawża, tordna illi l-konvenut jiġi pprojbit milli jiddisponi minn kwantità ta' proprjetà immobbli reġistrata f'ismu jew li fuqha għandu dritt irregjistra lillu nnifsu bħala s-sid li, fid-diskrezzjoni tal-qorti, hija biżżejjed biex tissodisfa l-pretenzjoni tar-rikorrent u l-ispejjeż tal-kawża. L-inibizzjoni ma tingħatax jekk il-qorti ma tkunx tal-fehma illi l-bażi għall-kawża tar-rikorrent hija soda u illi, wara l-bejgħ jew it-trasferiment tal-proprjetà lil terzi, ir-rikorrent ma jkunx jista' jeżegwixxi s-sentenza tal-qorti li tista' tingħata (l-Artikolu 5(1) u (2), Kapitolu 6). Dan l-Artikolu japplika għal kawżi dwar djun jew danni u jawtorizza l-ħruġ ta' inibizzjonijiet relatati ma' proprjetà immobbli li hija rregjistrata f'isem il-konvenut jew li fuqha l-konvenut għandu dritt jiġi rregjistrat bħala s-sid. L-Artikolu għandu l-għan li jiffriża l-proprjetà immobbli sakemm tingħata sentenza aktar 'il quddiem favur ir-rikorrent.

Is-setgħa tal-qorti deskritta fil-paragrafu A msemmi aktar 'il fuq tidher biċ-ċar li hija aktar wiesgħa minn dik deskritta fil-paragrafi B u C u tistabbilixxi il-parametri tal-ġuriżdizzjoni ġenerali tal-qrati biex jordnaw inibizzjonijiet interlokutorji restrittivi. Il-paragrafi B u C jindikaw it-tipi speċifiċi ta' inibizzjonijiet li jistgħu jordnaw il-qrati.

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Suprema, is-setgħa ġenerali msemmija fil-paragrafu A (l-Artikolu 32 tal-Att dwar il-Qrati) hija wiesgħa u tippermetti l-għoti ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju fuq proprjetà li mhix l-oġġett tal-kawża prinċipali. Skont il-ġurisprudenza, il-qrati ta' Ċipru għandhom is-setgħa illi, skont l-Artikolu 32 tal-Att dwar il-Qrati, joħorġu mandati ta' inibizzjoni interlokutorji Mareva [inibizzjonijiet biex jiffriżaw l-assi (flus jew assi mobbli) li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tal-qorti, sabiex ma jkunux jistgħu jinħarġu mill-ġuriżdizzjoni jew jintefqu].

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

#### 2.1 Il-proċedura

Ir-rikors għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jista' jiġi ppreżentat f'kull stadju tal-proċedimenti li dwarhom għad hemm kawża pendenti. Il-proċedimenti għall-preżentata tar-rikors huma regolati mir-Regolamenti Proċedurali dwar il-Proċedura Ċivili. Kull dewmien min-naħa tar-rikorrent li jitlob miżura kawtelatorja huwa fattur li għandu jittqies mill-qorti.

Skont il-liġi Ċiprijotta, mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jista' jinħareġ mingħajr avviż lill-parti l-oħra (*ex parte*, ara l-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili, Kapitolu 6). Dawn il-proċedimenti huma miżura eċċezzjonali u, f'dan il-każ, l-urġenza tal-kwistjoni hija kundizzjoni proċedurali li trid tiġi ssodisfata sabiex il-qorti tkun tista' teżerċita d-diskrezzjoni tagħha mingħajr ma tisma' lill-parti l-oħra. Il-qrati japplikaw dan il-prinċipju partikolari b'mod restrittiv ħafna. Il-konsegwenzi tar-rikorrent li ma jiddikjarax fatti materjali wkoll huma serji frikors (*ex parte*) unilaterali għall-għoti ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju mogħti unilateralment għandu effett immedjat man-notifika lill-konvenut, iżda jista' jerġa' jittressaq quddiem il-qorti malajr kemm jista' jkun wara n-notifika sabiex il-konvenut ikun jista' jiddikjara jekk għandux oġġezzjoni għall-ħruġ tal-mandat. Kull parti terza li tkun affettwata direttament mill-inibizzjoni tista' titlob lill-qorti biex tisma' l-fehma tagħha fuq il-kwistjoni. Jekk il-konvenut jikkontesta l-inibizzjoni, il-qorti żżomm seduta ta' smiġħ sabiex tiddeċiedi jekk l-inibizzjoni għandhiex tibqa' fis-seħħ jew għandhiex tiġi revokata jew emendata. Jekk l-inibizzjoni tiġi revokata, ir-rikorrent għandu dritt jerġa' jindirizza lill-qorti, jekk ikunu nbidlu ċ-ċirkostanzi materjali tal-każ. Għandu jiġi nnutat illi f'kull każ fejn tingħata inibizzjoni kawtelatorja bbażata fuq rikors unilaterali (*ex parte*), il-qorti tordna lir-rikorrent sabiex, abbażi ta' dispożizzjoni ġuridika espliċita, jagħti garanzija ta' ammont partikolari kif stabbilit mill-qorti bħala garanzija għal kull telf li jista' jgħarrab il-konvenut. Skont il-ġurisprudenza, il-qorti ma għandhiex setgħa biex tordna l-ħruġ tal-inibizzjoni jekk ir-rikorrent innifsu ma jipprovdix il-garanzija.

Madanakollu l-inibizzjoni kawtelatorja tista' tinħareġ permezz ta' rikors b'avviż (jiġifieri billi tiġi avżata l-parti l-oħra). F'dak il-każ, madanakollu, il-fattur ta' urġenza ma' jiġix meqjus mill-qorti.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

L-għoti ta' inibizzjoni interlokutorja restrittiva jifhalla fid-diskrezzjoni tal-qorti. Hemm tliet kundizzjonijiet ewlenin li jridu jiġu ssodisfati qabel il-qorti tiddeċiedi li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha, skont il-bżonn, dwar jekk tordnax il-ħruġ jew le tal-inibizzjoni mitluba:

irid ikun hemm kwistjoni serja li trid tinstema' (żvelar ta' preżunzjoni dibattibbli bbażata fuq il-każ huwa biżżejjed);

hemm il-possibbiltà ta' suċċess (possibbiltà ċara ta' suċċess/prospett ċar illi r-rikorrent għandu dritt għal kumpens);

jekk ma tingħatax l-inibizzjoni tkun diffiċli jew impossibbli li ssir ġustizzja fi stadju ulterjuri (minkejja li l-għoti ta' kumpens lir-rikorrent fl-aħħar stadju mhux biżżejjed biex jiġu assigurati d-drittijiet tiegħu).

Kif imsemmi aktar 'il fuq, il-kwistjoni ta' jekk għandhiex tingħata jew le inibizzjoni kawtelatorja tifhalla fid-diskrezzjoni assoluta tal-qorti. Inibizzjoni ma tingħatax awtomatikament meta ma jiġux issodisfati t-tliet kundizzjonijiet msemmija qabel. Il-qorti tiġi msejħa sabiex tqis ikunx ġust u xieraq li tordna l-ħruġ tal-inibizzjoni mitluba lilha fid-dawl tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-ġurisprudenza wriet illi n-natura/tip ta' assi mhux fattur li jista' jillimita s-setgħa eżerċitata mill-qorti. In-natura tal-assi, madanakollu, tista' tkun fattur rilevanti fl-ewvalwazzjoni tal-qorti tal-bilanċ ta' adegwatezza meta tkun qed teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fl-għoti ta' inibizzjoni. Huwa aktar faċli għar-rikorrent biex juri li hemm riskju li jittef il-flus minn kont tal-bank milli li hemm riskju ta' aljenazzjoni tal-proprjetà immobbli.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Mal-ħruġ tal-inibizzjoni, kull parti li għaliha hija maħsuba l-inibizzjoni għandha l-obbligu bil-liġi li tħares dik l-inibizzjoni. In-nuqqas ta' osservanza tal-inibizzjoni jikkostitwixxi disprezz lejn il-qorti u huwa punibbli bil-liġi. Barra minn hekk, kull persuna li tinċita jew tiffaċilita l-ksur ta' inibizzjoni mogħtija mill-qorti tista' tinstab haġja ta' disprezz lejn il-qorti (l-Artikolu 42 tal-Att dwar il-Qrati 14/1960, kif emendat).

### 3.3 X'inhuma l-valdità ta' dawn il-miżuri?

Inibizzjoni mogħtija mill-qorti tinkludi klawwsola speċifika li tistabilixxi l-perjodu ta' validità tagħha. L-inibizzjoni normalment tibqa' fis-seħħ sakemm tingħata s-sentenza finali fil-kawża prinċipali jew sakemm tiġi revokata jew emendata minn inibizzjoni tal-qorti sussegwenti. Filwaqt li tkun qed tingħata s-sentenza finali għall-kawża prinċipali, il-qorti tista' tinkludi klawwsola speċifika fis-sentenza sabiex l-inibizzjoni tibqa' valida għal perjodu ta' żmien speċifiku wara l-għoti tas-sentenza, sabiex tiffaċilita l-eżekuzzjoni tas-sentenza.

## 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Jista' jsir appell minn sentenza tal-qorti li biha tingħata inibizzjoni kawtelatorja quddiem il-Qorti Suprema. Sentenza tal-qorti li tiċħad rikors għal inibizzjoni kawtelatorja tista' tiġi appellata wkoll.

Fis-smiġħ tal-kawża, il-Qorti Suprema għandha setgħat wiesa'. Il-qorti tista' tordna l-ħruġ ta' inibizzjoni li ġiet miċħuda mill-qorti tal-prim'istanza jew tista' tirrevoka jew temenda inibizzjoni li nġhatat minn qorti inferjuri. Għandu jiġi nnutat, madanakollu, illi l-proċedimenti fl-appell ma jikkostitwixxux smiġħ mill-ġdid tal-kawża. Is-sentenza tal-qorti tal-prim'istanza ma tiġix maqluba fl-appell sempliċement għaliex il-Qorti Suprema kieku kienet teżerċita d-diskrezzjoni tagħha b'mod differenti. Il-Qorti Suprema tintervjeni biss meta tiddeċiedi illi l-qorti tal-prim'istanza eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod *żbaljat*.

L-aħħar aġġornament: 07/12/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Latvja

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Skont il-leġiżlazzjoni Latvjana l-miżuri provviżorji u kawtelatorji disponibbli waqt li l-kawża tkun għadha pendenti għandhom l-għan li jggarantixxu talba attwali jew potenzjali, jew jggarantixxu l-ħarsien ta' dirttijiet ta' proprjetà intellettuali kontestati, jew biex jinkisbu l-provi. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu ordnati biss minn qorti u b'talba ta' parti interessata. Il-proċedura hija stabbilita fl-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Civilprocesa likums*).

#### Il-miżuri li ġejjin, li jggarantixxu t-talba, huma disponibbli malli ssir it-talba jew qabel:

qbid ta' proprjetà mobbli jew fondi tal-konvenut;

ir-reġistrazzjoni ta' caution li tindika projbizzjoni (*aizlieguma atzīme*) f'reġistru ta' proprjetà mobbli jew xi reġistru pubbliku ieħor;

ir-reġistrazzjoni ta' caution fir-rigward tal-garanzija ta' talba fir-reġistru tal-artijiet jew tal-bastimenti;

il-qbid ta' bastiment b'rabta ma' talba navali;

projbizzjoni li żżomm lill-konvenut milli jwettaq ċerti atti;

is-sekwestru ta' pagamenti dovuti minn terzi, inklużi l-fondi miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

il-posponiment tal-eżekuzzjoni (li tinkludi l-projbizzjoni tal-bailiffs milli jittrasferixxu flus jew proprjetà lill-parti li favuriha tkun inqatgħet is-sentenza jew lid-debitur, jew is-sospensjoni tal-bejgħ tal-proprjetà).

It-talba tista' tiġi żgurata biss jekk tikkonċerna l-proprjetà.

Jekk it-talba trid tiġi garantita permezz ta' caution biex tindika li hemm projbizzjoni fir-reġistru tal-proprjetà mobbli jew reġistru pubbliku ieħor, id-deċiżjoni trid tindika t-tip ta' projbizzjoni li se tiddaħħal.

Jekk is-suġġett tat-talba huwa s-sjeda ta' proprjetà, mobbli jew immobbli, jew jekk il-kawża għandha l-għan li tistabilixxi d-drittijiet ta' sjeda, it-talba tista' tiġi garantita b'ipoteka fuq il-proprjetà mobbli kontestata, jew b'caution biex tindika projbizzjoni fit-taqsimha rilevanti tal-proprjetà immobbli tar-reġistru tal-artijiet.

Jekk is-suġġett ta' talba hija talba monetarja, it-talba tista' tiġi garantita kontra proprjetà immobbli permezz ta' caution li turi dritt ta' pleġġ (*ķīlas tiesības atzīme*) fit-taqsimha rilevanti tal-proprjetà immobbli fir-reġistru tal-artijiet.

Jekk is-suġġett ta' kawża huwa dritt *in rem* fuq proprjetà immobbli, it-talba tista' tiġi garantita permezz ta' caution li tindika piż (*apgrūtinājuma atzīme*) fit-taqsimha rilevanti tal-proprjetà immobbli tar-reġistru tal-artijiet.

Il-bastimenti jistgħu jinqabdu biss fil-kuntest ta' talbiet navali.

Is-sospensjoni tal-bejgħ ta' proprjetà mhix permessa f'każijiet fejn it-talba tikkonċerna l-irkupru ta' flus.

Is-sekwestru ta' pagamenti dovuti minn terzi, inklużi l-fondi miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra mhux permess f'każijiet fejn it-talba qed issir għal kumpens li tifhalla fid-diskrezzjoni tal-qorti.

#### F'kawżi dwar il-proprjetà intellettuali, huma disponibbli l-miżuri ta' protezzjoni provviżorja li ġejjin:

il-qbid ta' proprjetà immobbli li minħabba fih qed jiġi allegat li qed jinkisru drittijiet ta' proprjetà intellettuali;

obbligu biex jiġu ritornati oġġetti li minħabba fihom qed jiġi allegat li qed jinkisru drittijiet ta' proprjetà intellettuali;

projbizzjoni fuq il-prestazzjoni ta' atti speċifiċi mill-konvenut, jew minn persuni li jipprovdu servizzi li jintużaw sabiex jinkisru drittijiet ta' proprjetà intellettuali, jew minn persuni li jiffaċilitaw it-tweġiq ta' dan il-ksur.



## Il-kisba tal-provi

Jekk persuna jkollha raġunijiet biex temmenli l-preżentazzjoni ta' provi meħtieġa tista' tkun impossibbli jew diffiċli, hija tista' titlob għal garanzija fuq dawn il-provi.

Ir-rikor sabiex il-ġbir tal-provi jkun garantit jista' jiġi ppreżentat f'kull stadju tal-proċedimenti, u anki qabel ma tiġi mressqa l-kawża l-qorti.

Qabel ma titressaq il-kawża l-provi jistgħu jiġu garantiti mill-qorti distrettwali jew tal-belt (*rajona tiesa*) tal-post fejn qiegħed is-sors tal-provi. Ladarba titressaq il-kawża l-provi jistgħu jiġu garantiti mill-qorti presjedenti.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

#### Il-garanzija ta' talba

Jekk ikun hemm raġunijiet fejn jidherli l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti tista' tkun diffiċli jew impossibbli, il-qorti jew l-imħallef tista', bi tweġiba għar-rikors bir-raġunijiet tar-rikorrent, tiegħu deċiżjoni li tiggarantixxi t-talba. It-talba tista' tiġi żgurata biss jekk tikkonċerna l-proprietà. Rikors sabiex tiġi garantita talba jista' jiġi ppreżentat f'kull stadju tal-proċedimenti, u anki qabel ma tiġi mressqa l-kawża l-qorti.

Rikors għal talba għandu jkun fih:

l-isem tal-qorti li quddiemha se jiġi ppreżentat ir-rikors;

L-isem tar-rikorrent, kunjom, in-numru personali tal-identità u l-post ta' residenza reġistrat, jew fin-nuqqas, dak tal-post ta' residenza *de facto*; għal persuna ġuridika - l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju reġistrat. Jekk ir-rikorrent jaqbel li jikkomunika mal-qorti b'mezzi elettroniċi, u jekk huma nklużi fost il-persuni/entitajiet imniżżla fl-Artikolu 56(23) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili, jenħteġ li jiġu indikati wkoll indirizz tal-posta elettronika, u jekk ikun irreġistrat fis-sistema online għall-korrispondenza mal-qorti, ir-referenza ta' reġistrazzjoni. Barra minn hekk, ir-rikorrent jista' jagħti indirizz ieħor għall-korrispondenza mal-qorti;

L-isem, il-kunjom, in-numru personali tal-identità u l-post ta' residenza reġistrat, jew fin-nuqqas, dak tal-post ta' residenza *de facto* tal-konvenut u kull parti terza; għal persuna ġuridika - l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju reġistrat. In-numru personali tal-identità jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-konvenut għandhom jiġu indikati jekk magħrufin;

L-isem, il-kunjom, in-numru personali tal-identità u l-indirizz għall-korrispondenza tar-rappreżentant tar-rikorrent (jekk il-kawża tinfetaħ minnu); għal persuna ġuridika - l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-uffiċċju reġistrat. Jekk ir-rappreżentant tar-rikorrent, b'post ta' residenza reġistrat jew indirizz ta' korrispondenza fil-Latvja, jaqbel li jikkomunika mal-qorti b'mezzi elettroniċi, jenħteġ li jiġu indikati wkoll l-indirizz tal-posta elettronika, u jekk huma rreġistrati fis-sistema online għall-korrispondenza mal-qorti, ir-referenza ta' reġistrazzjoni. Jekk il-post ta' residenza reġistrat jew l-indirizz ta' korrispondenza tar-rappreżentant tar-rikorrent ma jkunux fil-Latvja, l-indirizz tal-posta elettronika u l-parteċipazzjoni fis-sistema online għall-korrispondenza iridu jiġu indikati wkoll. Jekk ir-rappreżentant tar-rikorrent huwa avukat, għandu jkun hemm ukoll l-indirizz tal-posta elettronika tal-uffiċċju tiegħu;

is-suġġett tat-talba;

l-ammont tat-talba;

il-mezzi biex tiġi garantita t-talba li għaliha qiegħed jitlob l-eżekuzzjoni r-rikorrent;

iċ-ċirkostanzi li bihom ir-rikorrent qiegħed jiġġustifika l-bżonn biex jiggarantixxi t-talba.

Rikors għall-garanzija ta' talba qabel ma titressaq il-qorti għandu jiġi ppreżentat lill-qorti li tkun se tisma' t-talba nnifisha. Fejn il-partijiet ikunu fteħmu li jmorru għall-arbitraġġ, għandu jiġi ppreżentat rikors lill-qorti ordinarja tal-post fejn jinsab id-debitur jew il-proprietà tiegħu.

Is-sospensjoni tal-bejgħ ta' propjetà mhix permessa f'każijiet fejn it-talba tikkonċerna l-irkupru ta' flus.

Is-sekwestru ta' pagamenti dovuti minn terzi, inklużi l-fondi miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra mhux permess f'każijiet fejn it-talba qed issir għal kumpens li titfalla fid-diskrezzjoni tal-qorti.

Meta tisma rikors minn xi waħda mill-partijiet, il-qorti tista' tbiddel il-mezz ta' garanzija tat-talba b'mezzi oħra.

Rikorrent prospettiv jista' jitlob għall-garanzija tat-talba anki qabel ma tinfetaħ il-kawża, u anki qabel ma jsir dovut l-obbligu, jekk id-debitur, bil-għan li ma jwettaqx l-obbligu, jeħles minn jew jittrasferixxi l-proprietà tiegħu, jivvaka l-post ta' residenza tiegħu mingħajr ma javża lill-kreditur jew iwettaq atti oħra li jindikaw li mhux jaġixxi in buona fede. Mal-preżentazzjoni tar-rikors għall-garanzija ta' talba qabel il-ftuħ tal-kawża, ir-rikorrent prospettiv irid jippreżentaw provi li jappoġġaw id-drittijiet tiegħu u l-ħtieġa li tiġi garantita t-talba.

Id-deċiżjoni fuq rikors għall-garanzija tat-talba tittieħed minn qorti jew imħallef mhux aktar tard mill-ġurnata ta' wara, mingħajr notifika lill-konvenut jew lill-partijiet interessati oħra. Fid-deċiżjoni tagħha l-qorti jew imħallef jikkunsidraw il-bażi ġuridika formali *prima facie*. Jekk ir-rikors għall-garanzija tat-talba jiġi milqugħ, il-qorti jew imħallef jistgħu jitolbu lir-rikorrent biex jagħti garanzija għal kull telf li jista' jġarrab il-konvenut minħabba l-miżura ta' garanzija tat-talba, billi jiddepożita somma ta' flus speċifika f'kont ta' depożitu ta' bailiff.

Jekk tittieħed id-deċiżjoni biex tiġi garantita talba attwali jew potenzjali, il-qorti tagħti ordna ta' eżekuzzjoni (*izpilda raksts*), li jingħata għall-eżekuzzjoni lill bailiff ċertifikat (*zvērināts tiesu izpildītājs*).

It-talba tiġi garantita sakemm tidħol fis-seħħ is-sentenza finali. Jekk ma tingħata l-ebda deċiżjoni fuq it-talba jew jintemmu l-proċedimenti, id-deċiżjoni tal-qorti tħassar il-miżuri li jiggarantixxi t-talba. It-talba tiġi garantita sakemm tidħol fis-seħħ is-sentenza finali. Jekk it-talba tiġi miċħuda, id-deċiżjoni tal-qorti tħassar il-miżuri li qiegħda tiggarantixxi t-talba.

Jekk id-deċiżjoni li tiggarantixxi t-talba tittieħed qabel it-talba nfisha tasal quddiem il-qorti, u t-talba ma titressaqx quddiem il-qorti fiż-żmien speċifikat mill-qorti, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jħassar il-miżura fuq rikors tar-rikorrent jew konvenut prospettiv.

#### Miżuri provviżorji ta' protezzjoni

Jekk hemm il-ħsiebli jista' jkun hemm ksur jew qed jiġi miksura d-drittijiet ta' propjetà intellettuali ta' detentur, il-qorti tista', fuq rikors dettaljat tar-rikorrent, tordna miżuri provviżorji ta' protezzjoni. Rikors għal miżuri provviżorji ta' protezzjoni jridu jindikaw liema minn dawn il-miżuri se jittieħdu (l-Artikolu 250.10 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili).

Ir-rikor għall-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jista' jiġi ppreżentat f'kull stadju tal-proċedimenti, u anki qabel ma tiġi mressqa l-kawża l-qorti.

Rikors għall-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jiġi deċiż minn qorti jew imħallef fi żmien għaxart ijiem mill-wasla tar-rikors, jew mill-bidu tal-proċedimenti jekk ir-rikors għal miżuri provviżorji ta' protezzjoni jsir flimkien mat-talba nfisha.

Jekk id-dewmien jikkawna ħsara irreparabbli lid-detentur ta' dritt ta' propjetà intellettuali, il-qorti jew imħallef jrid jiddeċiedi fuq rikors għal miżuri provviżorji ta' protezzjoni mhux aktar tard mill-ġurnata ta' wara l-wasla tar-rikors, mingħajr ma jinnotifika minn qabel lill-konvenut u lill-partijiet interessati l-oħra. Jekk id-deċiżjoni li tordna miżuri provviżorji ta' protezzjoni tittieħed fl-assenza tal-konvenut jew ta' xi parti interessata oħra, huma għandhom jiġu nnotifikati bid-deċiżjoni mhux aktar tard mill-eżekuzzjoni tas-sentenza.

Jekk il-qorti jew l-imħallef jilqa' rikors sabiex it-talba tiġi garantita qabel ma titressaq it-talba nfisha, il-qorti jew l-imħallef jista' jitlob lir-rikorrent biex jagħti garanzija għal kull telf li jista' jiġi kkaġunat lill-konvenut jew lill-fornituri tas-servizzi minħabba l-miżuri provviżorji ta' protezzjoni, billi jiddepożita somma speċifika ta' flus f'kont ta' depożitu ta' bailiff jew jipprovdi garanzija ekwivalenti.

B'rikors tar-rikorrent, il-qorti tista' tissosstitwixxi l-miżuri provviżorji ta' protezzjoni li tkun diġà ordnat ma' miżuri oħra.

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jistgħu jiġu mħassra mill-istess qorti fuq rikors ta' parti interessata.

Jekk il-qorti tiċċad it-talba, is-sentenza tagħha tħassar il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni. Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jibqgħu fis-seħħ sal-gurnata meta tidhol fis-seħħ is-sentenza.

Jekk ma tingħata l-ebda deċiżjoni fuq it-talba jew jintemmu l-proċedimenti, id-deċiżjoni tal-qorti tħassar il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni. Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jibqgħu fis-seħħ sal-ġurnata meta tidħol fis-seħħ is-sentenza.

Jekk id-deċiżjoni li tilqa' l-miżuri provviżorji ta' protezzjoni tittieħed qabel it-talba nfisha tasal quddiem il-qorti, u t-talba ma titressaqx quddiem il-qorti fiż-żmien speċifikat mill-qorti, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jħassar il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni fuq rikors tar-rikorrent jew parti interessata oħra jew il-konvenut prospettiv.

Jekk ir-rikors għall-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jsir flimkien mat-talba nfisha, deċiżjoni li tilqa' l-miżuri provviżorji ta' protezzjoni trid tiġi eżegwita fi żmien 30 ġurnata mid-data tad-deċiżjoni. Il-fatt li ġiet ippreżentata oġġezzjoni anċillari (*blakus sūdztba*) kontra d-deċiżjoni mhix ta' xkiel għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Deċiżjoni li tilqa' l-miżuri provviżorji ta' protezzjoni minħabba li d-dewmien jista' jikkawża ħsara irreparabbli lid-detentur ta' dritt ta' proprjetà intellettuali trid tiġi eżegwita wara li r-rikorrent ikun ħallas is-somma speċifikata mill-qorti jew imħallef fil-kont ta' depożitu tal-bailiff jew ikun ipprovdva garanzija ekwivalenti. Id-dokument ta' eżekuzzjoni jiġi nnotifikat wara l-irċevuta tal-pagament tas-somma speċifikata jew il-garanzija ekwivalenti.

Deċiżjoni li tordna protezzjoni provviżorja permezz tal-qbid tal-proprjetà mobbli li permezz tagħha qiegħdin allegatament jiġu miksurha drittijiet ta' proprjetà intellettuali għandha tiġi eżegwita skont il-proċedura mniżżla fl-Att dwar il-Proċedura Ċivili rigward il-qbid tal-proprjetà mobbli.

Deċiżjoni li tordna protezzjoni provviżorja fejn tipprohibixxi ċerti atti jew obbligu biex jissejju lura oġġetti li minħabba fihom qiegħdin allegatament jiġu miksurha drittijiet ta' proprjetà intellettuali għandha tiġi eżegwita minn bailiff, u notifikata lill-konvenut jew xi parti interessata oħra permezz ta' firma jew ittra reġistrata.

Jekk tiġi mħassra l-miżura provviżorja, il-kanċellament jiġi eżegwit mill-bailiff li eżegwixxa l-ordni oriġinali li impona l-miżura.

Jekk tiġi mħassra l-miżura provviżorja, il-kanċellament jiġi eżegwit mill-bailiff li eżegwixxa l-ordni oriġinali li impona l-miżura.

Il-Kapitolu 30.5 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili jipprovi wkoll għall-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza.

Il-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza tista' tingħata b'rabta mal-kawża għad-divorzu jew annullament taż-żwieġ; kawżi minħabba korriment personali; kawżi għall-irkupru tal-manteniment; kawżi minħabba d-diviżjoni tad-dar matrimonjali, jew kif se tintuża d-dar matrimonjali, jekk il-partijiet jgħixu taħt l-istess saqaf; u kwistjonijiet ta' trusteeship u drittijiet ta' aċċess.

Rikors għal protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza jista' jittressaq mill-konjuġi jew l-ekskonjuġi; minn persuni li fejn waħda minnhom hija l-ġenitur u l-oħra hija l-wild; persuni marbuta bi trusteeship jew kull relazzjoni oħra ta' kura mhux familjari; persuni li bejniethom hemm rabta ta' parentela jew affinità; persuni li jgħixu jew għexu taħt l-istess saqaf; persuni li għandhom jew qed jistennu tarbija, irrispettivament minn jekk humiex miżżewwġin jew jgħixu flimkien; jew bejn persuni li bejniethom hemm jew kien hemm relazzjoni personali mill-qrib jew intima.

Jistgħu jiġu imposti simultanjament diversi miżuri biex tingħata l-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza.

Jekk il-vjolenza fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika tkun seħħet bejn konjuġi jew eskonjuġi jew persuni relatati mill-qrib mod ieħor, irrispettivament jekk il-parti responsabbli għall-vjolenza tgħix jew kienet tgħix fl-istess dar mal-vittma, qorti jew imħallef jistgħu jordnaw protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza bi tweġiba għar-rikors dettaljat tal-persuna jew permezz ta' rikors ippreżentat lill-pulizija.

Huma disponibbli miżuri simili jekk persuna tbat kontroll abbużiv, jiġifieri att jew diversi atti, inkluż il-fastidju, l-aggressjoni sesswali, it-theddid, l-umiljazzjoni, l-intimidazzjoni jew atti abbużivi oħra, li għandhom l-għan li jikkawzunaw ħsara, jippenalizzaw jew jintimidaw lill-vittma.

Il-protezzjoni provviżorja tista' tiġi mitluba f'kull stadju tal-proċedimenti, u anki qabel ma tiġi mressqa l-kawża l-qorti.

### Il-kisba tal-provi

Jekk persuna jkollha raġunijiet biex temmenli l-preżentazzjoni ta' provi meħtieġa tista' tkun impossibbli jew diffiċli, hija tista' titlob għal garanzija fuq dawn il-provi. Ir-rikor sabiex il-ġbir tal-provi jkun garantit jista' jiġi ppreżentat f'kull stadju tal-proċedimenti, u anki qabel ma tiġi mressqa l-kawża l-qorti.

Rikors għall-garanzija tal-provi jinstema' f'seduta tal-qorti fejn jiġu msejja jattendu r-rikorrent u l-partijiet interessati. Madankollu, il-qorti tista' tqis ir-rikors anki jekk il-partijiet ma jidhrux.

Meta jsir rikors għall-ġbir tal-provi qabel ma titressaq il-kawża, il-qorti jew l-imħallef jieħdu deċiżjoni fuq ir-rikors fi żmien għaxart ijiem mill-wasla tiegħu.

Il-provi jistgħu jiġu garantiti fin-nuqqas tal-partijiet interessati potenzjali f'każijiet urġenti biss, inklużi vjolazzjonijiet jew vjolazzjonijiet potenzjali tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew każijiet fejn ma jistax jiġi stabbilit minn huma l-partijiet interessati.

Jekk id-deċiżjoni li tordna miżuri provviżorji ta' protezzjoni tittieħed fl-assenza tal-konvenut jew ta' xi parti interessata oħra, huma għandhom jiġu nnotifikati bid-deċiżjoni mhux aktar tard mill-eżekuzzjoni tas-sentenza.

Jekk l-imħallef jilqa' rikors għall-garanzija tal-provi qabel ma titressaq il-kawża l-qorti, huma jiffissa żmien għall-preżentata tat-talba, li ma jistax jaqbeż it-30 jum.

Jekk l-imħallef jilqa' rikors sabiex it-talba tiġi garantita qabel ma titressaq it-talba nfisha, l-imħallef jista' jitlob lir-rikorrent biex jagħti garanzija għal kull telf li jista' jiġi kkaġunat lill-konvenut minħabba l-miżura ta' garanzija tal-provi, billi jiddepożita somma speċifika ta' flus f'kont ta' depożitu ta' bailiff jew jipprovi garanzija ekwivalenti.

Il-minuti tas-seduta tal-qorti u d-dokumenti miġbura matul il-ġbir tal-provi jinżammu kemm ikun meħtieġ mill-qorti li tiddeċiedi dwar il-kawża prinċipali.

Jekk il-qorti li tkun qed tittratta kawża ma tkunx tista' tiġbor provi li jinsabu f'belt jew distrett ieħor, il-qorti jew l-imħallef jistaqsu lill-qorti rilevanti biex tiegħu l-passi proċedurali speċifiċi f'isem l-ewwel qorti.

### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jistgħu jittieħdu biss jekk ikun hemm raġuni għalfejn wieħed jista' jaħsebli l-eżekuzzjoni ta' sentenza tal-qorti f'tilwima dwar proprjetà tista' ssir problematika jew impossibbli; jew li d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali tad-detentur tagħhom qiegħdin jiġu miksurha jew jistgħu jiġu miksurha; jew li l-preżentazzjoni tal-provi meħtieġa tista' ssir impossibbli jew problematika.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

Rikors għall-protezzjoni provviżorja tal-proprjetà intellettuali jrid jindika l-miżura ta' protezzjoni provviżorja mixtieqa.

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni disponibbli huma:

il-qbid ta' proprjetà immobbli li minħabba fih qed jiġi allegat li qed jinkisru drittijiet ta' proprjetà intellettuali;

obbligu biex jiġu ritornati oġġetti li minħabba fihom qed jiġi allegat li qed jinkisru drittijiet ta' proprjetà intellettuali;

projbizzjoni fuq il-prestazzjoni ta' atti speċifiċi mill-konvenut, jew minn persuni li jipprovdv servizzi li jintużaw sabiex jinkisru drittijiet ta' proprjetà intellettuali, jew minn persuni li jiffaċilitaw it-tweġiq ta' dan il-ksur.

Rikors għall-garanzija tat-talba jrid jindika l-mezz li bih tixtieq issir il-garanzija tat-talba.

Il-miżuri disponibbli għall-garanzija tat-talba huma:

qbid ta' proprjetà mobbli jew fondi tal-konvenut;

ir-reġistrazzjoni ta' caution li tindika projbizzjoni (*aizlieguma atzime*) f'reġistru ta' proprjetà mobbli jew xi reġistru pubbliku ieħor;

ir-reġistrazzjoni ta' caution fir-rigward tal-garanzija ta' talba fir-reġistru tal-artijiet jew tal-bastimenti;  
il-qbid ta' bastiment b'raba ma' talba navali;  
projbizzjoni li żżomm lill-konvenut milli jwettagħtaq ċerti atti;  
is-sekwestru ta' pagamenti dovuti minn terzi, inklużi l-fondi miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra;  
il-posponiment tal-eżekuzzjoni (li tinkludi l-projbizzjoni tal-bailiffs milli jittrasferixxu flus jew proprjetà lill-parti li favurha tkun inqatgħet is-sentenza jew lid-debitur, jew is-sospensjoni tal-bejgħ tal-proprjetà).

Rikors għall-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza jrid jindika l-miżura ta' protezzjoni provviżorja mixtieqa.

Għal protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza huma disponibbli l-miżuri li ġejjin:

il-konvenut jista' jiġi ordnat jittlaq mid-dar fejn huwa abitalment residenti r-rikorrent, u ma jerġax jirritorna jew jibqa' hemm;

il-konvenut jista' jiġi ordnat iżomm distanza speċifika mid-dar fejn huwa abitwalment residenti r-rikorrenti;

il-konvenut jista' jiġi projbit milli jersaq lejn ċerti nħawi;

il-konvenut jista' jiġi projbit milli jiltaqa' mar-rikorrent u milli jkollu kuntatt fiżiku jew mill-bogħod miegħu;

il-konvenut jista' jiġi projbit milli jkollu kull tip ta' komunikazzjoni mar-rikorrent;

il-konvenut jista' jiġi projbit milli jiltaqa' mar-rikorrent permezz ta' ftehim ma persuni oħra jew li jkollu komunikazzjoni mar-rikorrent;

il-konvenut jista' jiġi projbit milli juża d-dejta personali tar-rikorrent;

il-qorti jew l-imħallef jistgħu jimponu aktar projbizzjonijiet u obbligi fuq il-konvenut sabiex jagħtu protezzjoni provviżorja lir-rikorrent kontra l-vjolenza.

### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?**

Il-proprjetà mobbli u immobbli inklużi l-bastimenti, flus kontanti u fondi f'istituzzjonijiet ta' kreditu u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

### **3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?**

Il-proprjetà immobbli tad-debitur tinqabad permezz ta' inventarju tal-proprjetà, l-issiġġillar tagħha (b'indikazzjoni ta' min huwa responsabbli mill-qbid tagħha u kif) u t-tqegħid tagħha taħt sorveljanza. Il-proprjetà ma hemmx għalfejn tiġi sigillata jekk dan jista' jikkawżaha ħsara jew jaffettwa b'mod sinifikanti l-valur tagħha.

Il-bailiff iqiegħed il-proprjetà maqbuda fidejn persuna fiżika, li tiffirma l-irċevuta. Id-debitur jew il-membri tal-familja tiegħu xorta jista' jużaw il-proprjetà jekk, minħabba l-karatteristiċi tagħha, l-użu minnha ma jeqridhiex jew inaqqsilha sostanzjalment mill-valur tagħha.

Jekk ir-rikors għall-garanzija tat-talba jiġi milqugħ, il-qorti jew imħallef jistgħu jitolbu lir-rikorrent biex jagħti garanzija għal kull telf li jista' jġarrab il-konvenut minħabba l-miżura ta' garanzija tat-talba, billi jiddepożita somma ta' flus speċifika f'kont ta' depożitu ta' bailiff. Id-depożiti u garanziji oħra tad-debitur miżmuma f'istituzzjonijiet ta' kreditu jew x'imkien ieħor jistgħu jinqabdu biss permezz ta' dokument ta' eżekuzzjoni maħruġ minn qorti, jew mandat tal-bailiff, jew mandat tal-prosekutur pubbliku.

Caution fir-reġistru tal-proprjetà immobbli li jindika l-irkupru jew il-garanzija ta' talba jwaqqaf kull reġistrazzjoni volontarja min-naħa tas-sid.

Jekk ir-rikors għall-garanzija tat-talba qabel titressaq il-kawża jiġi milqugħ, l-imħallef jista' jitolb lir-rikorrent biex jagħti garanzija għal kull telf li jista' jġarrab il-konvenut minħabba l-miżura ta' garanzija tat-talba, billi jiddepożita somma ta' flus speċifika f'kont ta' depożitu ta' bailiff jew jagħti garanzija ekwivalenti.

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jippermettu lir-rikorrent jitolb lill-qorti tiggarrantixxi talba ċivili anki jekk hija ma tkunx tirrigwarda proprjetà, u b'hekk inaqqs in-numru ta' vjolazzjonijiet potenzjali ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali u l-firxa tat-telf imġarrab mir-rikorrent. Dawn il-miżuri jippermettu l-prevenzjoni ta' vjolazzjonijiet ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali u r-restawr tad-drittijiet u interessi legali tar-rikorrent li qegħdin jiġu miksuru mill-vjolazzjoni.

### **3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?**

Il-miżuri li jggarantixxu t-talba jibqgħu fis-seħħ sal-għurnata tad-dħul fis-seħħ tas-sentenza jew it-tmiem tal-proċedimenti, jew sakemm imħallef iħassar il-miżura, jew jissostitwiha b'miżura oħra.

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jibqgħu fis-seħħ sal-għurnata meta tidhul fis-seħħ is-sentenza.

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jistgħu jiġu mħassra mill-istess qorti fuq rikors ta' parti interessata. Jekk il-qorti tiċħad it-talba, is-sentenza tagħha tħassar il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni. Jekk ma tingħata l-ebda deċiżjoni fuq it-talba jew jintemmu l-proċedimenti, id-deċiżjoni tal-qorti tħassar il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni. Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jibqgħu fis-seħħ sal-għurnata meta tidhul fis-seħħ is-sentenza.

Jekk id-deċiżjoni li tilqa' l-miżuri provviżorji ta' protezzjoni tittieħed qabel it-talba nfisha tasal quddiem il-qorti, u t-talba ma titressaqx quddiem il-qorti fiż-żmien speċifikat mill-qorti, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jħassar il-miżura fuq il-ġbir ta' provi fuq rikors tar-rikorrent jew parti interessata oħra jew il-konvenut prospettiv.

Jekk id-deċiżjoni li tiggarrantixxi t-talba tittieħed qabel it-talba nfisha tasal quddiem il-qorti, u t-talba ma titressaqx quddiem il-qorti fiż-żmien speċifikat mill-qorti, l-imħallef jista' jiddeċiedi li jħassar il-miżura li tiggarrantixxi l-provi fuq rikors tar-rikorrent jew konvenut prospettiv.

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni kontra l-vjolenza jibqgħu fis-seħħ sal-għurnata tad-dħul fis-seħħ tas-sentenza. F'ċerti każijiet, qorti tista' tispeċifika fis-sentenza tagħhali l-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza se tibqa' fis-seħħ wara d-dħul fis-seħħ tas-sentenza, iżda għal mhux aktar minn sena minn dik id-data. Jekk il-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza ġiet ordnata kontra konvenut li kien abitwalment residenti fl-istess dar bħar-rikorrent, pereżempju fejn il-konvenut jiġi ordnat jittlaq mid-dar fejn jirrisjedi abitwalment ir-rikorrent u ġie projbit milli jmur lura jew jgħix hemmhekk, jew fejn il-konvenut ġie ordnat iżomm ċerta distanza mid-dar fejn huwa residenti abitwalment ir-rikorrent, qorti tista' tispeċifikali l-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza għandha tibqa' fis-seħħ għal mhux aktar minn 30 jum wara d-dħul fis-seħħ tas-sentenza.

Il-miżuri ta' protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza jibqgħu fis-seħħ sal-jum meta tidhul fis-seħħ id-deċiżjoni tal-imħallef li tħassar il-miżuri jew id-deċiżjoni li tissostitwixxi l-miżura ta' protezzjoni provviżorja b'miżura oħra.

## **4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?**

### **Il-garanzija ta' talba**

Bi tweġiba għal rikors bir-raġunijiet, miżura li tiggarrantixxi talba tista' tiġi mħassra mill-istess qorti li ordnat dik l-istess miżura, jew minn qorti li se tisma' l-mertu tal-kawża.

Oġġezzjoni anċillari (*blakus sūdżiba*) tista' tiġi preżentata fi żmien għaxart ijiem kontra deċiżjoni tal-qorti biex tiġi sostitwita miżura ta' garanzija b'oħra, kontra deċiżjoni li tiċħad ir-rikors għall-garanzija tat-talba, jew kontra deċiżjoni li ċaħdet rikors għat-tħassir ta' miżura li tiggarrantixxi t-talba.

Jekk ir-rikors għall-garanzija tat-talba jiġi milqugħ, ir-rikorrent jista' jippreżenta oġġezzjoni anċillari kontra parti mid-deċiżjoni tal-qorti li tordna lir-rikorrent biex jagħti garanzija għal kull telf li jista' jseħħ minħabba l-miżura li tiggarrantixxi t-talba tar-rikorrent.

Jekk id-deċiżjoni għall-garanzija tat-talba tittieħed fin-nuqqas ta' parti interessata, il-perjodu ta' għaxart ijiem għall-preżentazzjoni ta' oġġezzjoni anċillari jibda jgħodd minn meta l-parti tirċievi d-deċiżjoni.

### **Miżuri provviżorji ta' protezzjoni**

Il-miżuri provviżorji ta' protezzjoni jistgħu jiġu mħassra mill-istess qorti fuq rikors ta' parti interessata.

Oġġezzjoni anċillari tista' tiġi ppreżentata kontra deċiżjoni fuq rikors tar-rikorrent biex tiġi sostitwita miżura provviżorja ta' protezzjoni ordnata qabel b'miżura oħra, kontra deċiżjoni li tiċħad rikors għal miżura provviżorja ta' protezzjoni, jew kontra deċiżjoni li tiċħad rikors għat-tħassir ta' miżura provviżorja ta' protezzjoni.

Jekk id-deċiżjoni li tordna miżura provviżorja ta' protezzjoni tittieħed fin-nuqqas ta' parti interessata, il-perjodu ta' għaxart ijiem għall-preżentazzjoni ta' oġġezzjoni anċillari jibda jgħodd minn meta ssir in-notifika tad-deċiżjoni.

#### **Il-kisba tal-provi**

Deċiżjoni li tilqa' rikors għall-garanzija tal-provi ma tistax tiġi kontestata. Madankollu, il-konvenut jista' jitlob kumpens għat-telf li jkun ġarrab minħabba tal-miżura li tiġgarantixxi l-provi fejn:

il-provi jiġu garantiti qabel ma ssir il-kawża, u l-kawża ma ssirx fiż-żmien stabbilit mill-qorti;

it-talba miġjuba kontra l-konvenut tiġi miċhuda;

ma tingħatax deċiżjoni dwar it-talba;

il-proċedimenti jintemmu għaliex it-talba tkun tressqet minn persuna li ma kellhiex locus standi jew għaliex ir-rikorrent irtira t-talba.

Oġġezzjoni anċillari tista' tiġi preżentata kontra d-deċiżjoni ta' mħallef li kaħdet rikors għall-garanzija tal-provi, jew kontra deċiżjoni li ngħatat fin-nuqqas tal-partijiet prospettivi. Jekk id-deċiżjoni dwar il-garanzija tal-provi tittieħed fin-nuqqas ta' parti interessata, il-perjodu ta' għaxart ijiem għall-preżentazzjoni ta' oġġezzjoni anċillari jibda jgħodd minn meta ssir in-notifika tad-deċiżjoni.

#### **Il-protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza**

Bi tweġiba għal rikors bir-raġunijiet, miżura ta' protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza tista' tiġi sostitwita b'miżura oħra mill-istess qorti li ordnat dik l-istess miżura, jew minn qorti li se tisma' l-mertu tal-kawża.

Bi tweġiba għal rikors bir-raġunijiet, miżura ta' protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza tista' tiġi mħassra mill-istess qorti li ordnat dik l-istess miżura, jew minn qorti li se tisma' l-mertu tal-kawża.

Oġġezzjoni anċillari tista' tiġi preżentata fi żmien għaxart ijiem kontra deċiżjoni tal-qorti biex tiġi sostitwita miżura ta' protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza b'oħra, kontra deċiżjoni li tiċħad ir-rikors għal miżura ta' protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza jew kontra deċiżjoni li kaħdet rikors għat-tfassir ta' miżura ta' protezzjoni provviżorja kontra l-vjolenza. Jekk id-deċiżjoni tittieħed fin-nuqqas ta' parti interessata, il-perjodu ta' għaxart ijiem għall-preżentazzjoni ta' oġġezzjoni anċillari jibda jgħodd minn meta ssir in-notifika tad-deċiżjoni.

L-aħħar aġġornament: 05/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### **Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Litwanja**

##### **1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?**

L-Artikolu 145 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Civilinio proceso kodeksas*) jelenka d-diversi tipi ta' miżuri provviżorji. Il-miżuri provviżorji jistgħu jkunu dawn li ġejjin:

il-qbid tal-proprjetà immobbli tal-intimat;

l-entrata fir-reġistru pubbliku ta' projbizzjoni li ma tippermettix it-trasferiment ta' titlu;

is-sekwestru ta' proprjetà mobbli, flus jew drittijiet ta' proprjetà tal-intimat i miżmuma mill-intimat jew partijiet terzi;

iż-żamma ta' proprjetà tal-intimat;

il-ħatra ta' amministratur għall-proprjetà tal-intimat;

projbizzjoni li ma tippermettix lill-intimat milli jieħu sehem f'ċerti tranżazzjonijiet jew li jieħu ċerti miżuri;

projbizzjoni li ma tħallix lil persuni oħra milli jittrasferixxu proprjetà lill-intimat jew li jissodisfa obbligi oħra;

f'ċirkonstanzi eċċezzjonali, projbizzjoni li ma tippermettix lill-intimat milli jittlaq mir-residenza permanenti tiegħu u/jew projbizzjoni li ma tippermettix it-trasferiment ta' wild mir-residenza permanenti tiegħu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti;

is-sospensjoni tar-realizzazzjoni tal-assi fejn tressqet talba għall-kanċellament tal-qbid ta' dawn l-assi;

is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-irkupru;

l-għoti ta' manteniment temporanju jew l-impożizzjoni ta' limitazzjonijiet provviżorji;

ordni sabiex jittieħdu passi biex jiġi evitat jew ma jiżdiedx id-dannu;

miżuri oħra previsti mil-liġi jew ordnati mill-qorti li fin-nuqqas tagħhom l-osservazzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tkun aktar diffiċli jew impossibbli.

##### **2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?**

Fuq talba tal-persuni involuti fil-kawża jew ta' persuni konċernati oħra, il-qorti tista' tordna miżuri provviżorji jekk dawn il-persuni jipprovdu ġustifikazzjoni kredibbli għat-talba tagħhom u għalfejn in-nuqqas ta' adozzjoni ta' dawn il-miżuri tista' ssarraf f'konformità mad-deċiżjoni tal-qorti iktar diffiċli jew impossibbli. Il-qorti tista' tordna miżuri provviżorji *ex officio* biss meta jkunu meħtieġa biex jipproteġu l-interess pubbliku u fejn in-nuqqas ta' adozzjoni ta' dawn il-miżuri jikser id-drittijiet u l-interessi leġittimi ta' persuna, tas-soċjetà jew tal-Istat.

Il-miżuri provviżorji jistgħu jinħarġu kemm fin-nuqqas ta' kawża u f'kull stadju tal-proċedura ċivili.

#### **2.1 Il-proċedura**

It-talbiet marbuta mal-miżuri provviżorji jiġu eżaminati minn qorti tal-prim'istanza jew, fil-każijiet speċifikati fil- [Liġi dwar l-Arbitraġġ Kummerċjali \(Komerċinio arbitražo įstatymas\)](#), mill-Qorti Reġjonali ta' Vilnius (*Vilniaus apygardos teismas*). Meta' t-talba għal miżuri provviżorji titniżżel fir-rikors ippreżentat, l-għoti ta' miżuri provviżorji jiġi deċiż biss wara li tiġi riżolta l-kwistjoni tal-ammissibilità tar-rikors. Il-qorti tiddeċiedi dwar it-talba għal miżuri provviżorji mill-aktar fis possibbli fil-proċedura bil-miktub, iżda trid tagħmel dan mhux aktar tard minn tliet ijiem ta' xogħol wara li tirċievi t-talba. Fejn il-qorti tara illi huwa meħtieġ, l-intimat jiġi notifikat bl-eżaminazzjoni tat-talba għal miżuri provviżorji.

Il-persuni involuti fil-kawża għandhom dritt iressqu talbiet għal miżuri provviżorji quddiem il-qorti tal-appell jew il-qorti tal-kassazzjoni li quddiemha l-kawża fuq il-merti hija pendent.

Il-qorti tista' tordna miżuri provviżorji abbażi ta' talba bil-miktub bir-raġunijiet għal miżuri provviżorji mill-persuna konċernata qabel id-data tal-ftuħ tal-kawża. F' din it-talba, ir-rikorrent irid jindika għalfejn il-miżura ma tressqitx flimkien mat-talba, jipproduċi provi tar-riskju għall-interessi tar-rikorrent, u jħallas depożitu ta' valur ta' 50% tat-tariffa tal-qorti li trid titallas għat-talbiet għal miżuri provviżorji, jiġifieri LTL 100. Irid jitħallas depożitu ta' LTL 1 000 fil-każ ta' talbiet għal miżuri provviżorji marbuta mal-kawża pendent quddiem qrati nazzjonali jew barranin ta' arbitraġġ jew quddiem qrati barranin. Il-qorti tista' tnaqqas l-ammont tad-depożitu fid-dawl tas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tar-rikorrent jekk huwa jkun ippreżenta talba dettaljata għal dan il-għan flimkien ma' provi ta' sostenn. Meta timponi miżuri provviżorji, il-qorti tistabbilixxi perjodu ta' żmien preċiż biex tinftaħ il-kawża. Dan il-perjodu ta' żmien ma jistax jaqbeż 14-il ġurnata. Jekk il-kawża trid titressaq quddiem qorti barranija jew tribunal ta' arbitraġġ, il-perjodu ta' żmien ma jistax jaqbeż 30 ġurnata. Jekk il-kawża ma titressaqx fil-perjodu ta' żmien stabbilit, il-miżuri provviżorji jitħassru. Jekk il-kawża ma tkunx tressqet minħabba nuqqas tal-parti konċernata, id-depożitu ma jiġix rifuż. Talba għal miżuri provviżorji trid tiġi mressqa quddiem l-istess qorti li se tisma' l-kawża prinċipali skont ir-regoli ta' ġurisdizzjoni. Talba għal miżuri provviżorji marbuta ma' kawża pendent quddiem qorti barranija jew tribunal nazzjonali jew barrani tal-arbitraġġ trid titressaq quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Vilnius.

Fuq talba motivata tal-persuni involuti fil-kawża jew ta' persuni oħra kkonċernati, il-qorti tista' tibdel miżura provviżorja b'oħra. Il-qorti trid tinforma lill-persuna involuti fil-kawża jew lill-persuni oħra kkonċernati dwar din it-talba, u għandhom dritt jopponuha.

Il-qorti tista' tiddeċiedi li ma toħroġ miżuri provviżorji jekk l-intimat iħallas l-ammont mitlub il-qorti jew tinħareġ garanzija għalih. Barra minn hekk, l-intimat jista' jagħti l-assi tiegħu bi pleġġ għall-benefiċċju tar-rikorrent.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

(ara t-taqsima 2)

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-miżuri provviżorji jistgħu japplikaw fil-konfront ta' proprjetà immobbli, proprjetà mobbli, fondi u drittijiet ta' proprjetà.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Il-miżuri provviżorji huma miżuri oħra li fin-nuqqas tagħhom l-osservazzjoni tad-deċiżjoni tal-qorti tkun aktar diffiċli jew impossibbli. F'każijiet li jinvolvu r-restrizzjoni temporanja tad-drittijiet ta' proprjetà fuq oġġetti li huwa taħt sjienda konġunta, il-qbid jista' jiġi impost biss fuq dak is-sehem mill-proprjetà li huwa tal-persuna soġġetta għall-miżuri provviżorji. Meta sehma fil-proprjetà konġunta ma jkunx ġie identifikat, il-proprjetà kollha tiġi maqbuda sakemm jiġi identifikat dak is-sehem.

Mal-qbid ta' fondi minn kontijiet bankarji u minn istituzzjonijiet ta' kreditu oħra l-użu ta' dawn il-fondi jiġi awtorizzat biss għall-operazzjonijiet speċifikati fl-ordni tal-qorti.

F'każijiet fejn jinqabdu oġġetti fuq is-suq, materji primi, oġġetti semi manifatturati jew prodotti lesti, is-sid jista' jbidel il-kompożizzjoni u l-forma ta' din il-proprjetà biss jekk il-valur totali tagħhom ma jonqosx, sakemm l-ordni tal-qorti ma jipprovdix mod ieħor.

Persuna b'proprjetà soġġetta għal mandat ta' qbid hija responsabbli għal kull ksar tar-restrizzjonijiet imposti minn dakinhar tan-notifika tal-mandat ta' qbid u, jekk in-notifika ma tkunx possibbli, anke fejn il-mandat ta' qbid jiġi awtorizzat fl-assenza ta' dik il-persuna, mill-mument ta' reġistrazzjoni tal-mandat fir-reġistru tal-proprjetajiet maqbuda.

#### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Jekk il-qorti tiċħad it-talba, kull miżura provviżorja preċedenti tibqa' fis-seħħ sakemm tidħol fis-seħħ is-sentenza tal-qorti. Il-kwistjoni tat-tfassir tal-miżuri provviżorji tiġi deċiża biss permezz ta' sentenza tal-qorti.

Jekk it-talba tiġi milqugħa, kull miżura provviżorja preċedenti tibqa' valida sakemm tiġi eżegwita s-sentenza tal-qorti. Il-bailiff li jeżegwixxi s-sentenza tal-qorti jinforma lill-kustodju tar-reġistru pubbliku rispettiva dwar it-terminazzjoni tal-miżuri provviżorji tal-kawża kkonċernata.

Fil-każ ta' mandat ta' sekwestru fuq proprjetà mobbli li ma tistax tiġi reġistrata fir-reġistru tal-artijiet, jew jekk fid-data tal-mandat il-qorti ma tkunx taf bil-valur u n-natura tal-proprjetà tal-intimat, il-persuna li tkun qed titlob il-mandat trid titlob lill-bailiff biex isib u jiddeskrivi l-proprjetà tal-intimat. Meta l-bailiff ma jirċievix talba b'hal din u d-dettalji tal-proprjetà sekwestrata jibqgħu anonimi, il-miżuri provviżorji jibqgħu validi għal 14-il ġurnata mid-data tal-ordni għalihom. Fuq talba tal-persuni involuti fil-kawża jew persuni oħra kkonċernati, il-miżuri provviżorji jistgħu jitneħħew b'ordni tal-qorti li tkun qed tisma' l-kawża fuq il-mertu.

Il-qorti tħassar il-miżura provviżorja ex officio jekk il-persuna li qed titlob għaliha tonqos milli tressaq il-kawża fil-perjodu ta' żmien ordnat mill-qorti. Ordni għal dan il-għan mhux soġġett għal appell separat. Il-qorti tista' tħassar miżuri provviżorji ex officio wkoll meta jkunu meħtieġa biex jipproteġu l-interess pubbliku u fejn in-nuqqas ta' tħassar tagħhom jkser id-drittijiet u l-interessi leġittimi ta' persuna, tas-soċjetà jew tal-Istat.

Jekk il-miżuri provviżorji ordnati mill-qorti jillimitaw, jiksru jew jirrestrinġu d-drittijiet ta' persuni li mhux involuti fil-kawża, huma għandhom dritt jitolbu lill-qorti li qed tisma' l-kawża biex ex officio tħassar il-miżuri provviżorji ordnati fil-konfront tagħhom.

## 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Kull ordni dwar miżuri provviżorji adottat mill-qorti tal-prim'istanza skont il-proċedura applikabbli jista' jiġi opost mill-persuni involuti fil-kawża permezz ta' appell separat quddiem qorti superjuri, ħliet f'numru ta' każijiet elenkati fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Il-persuni mhux involuti fil-kawża jistgħu jressqu appell separat biss fir-rigward ta' dawk l-ordnijiet tal-qorti tal-prim'istanza li rtiraw it-talbiet tagħhom għall-kanċellament tal-miżuri provviżorji imposti fuqhom. It-tressqi ta' appell separat ma jissospendix il-proċedimenti.

L-ordnijiet tal-qorti dwar miżuri provviżorji mhumiex soġġetti għal appell quddiem il-qorti ta' kassazzjoni.

L-aħħar aġġornament: 21/10/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Lussemburgu

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Skont il-liġi Lussemburgiża hemm firxa ta' miżuri disponibbli sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet tal-partijiet sakemm tkun għadha pendenti l-konklużjoni ta' kawża ġudizzjarja sħiħa li tkun se tiddeċiedi definittivament dwar it-talbiet tagħhom.

Dawn jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji:

miżuri ordnati mill-qorti mingħajr seduta fejn tinstema' l-parti l-oħra: f'dawn il-każijiet il-qorti tirċievi rikors ex parte għal ordni provviżorja jew kawtelatorja mingħand waħda mill-partijiet u tagħti d-deċiżjoni tagħha abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn dik il-parti; u

miżuri ordnati mill-qorti wara seduta li fiha nstemgħu l-partijiet: f'dawn il-każijiet il-qorti tagħti d-deċiżjoni tagħha biss wara li jkun hemm seduta miftuħa għall-pubbliku (jew kultant seduta bil-bibien magħluqa (*en chambre du conseil*)) fejn il-partijiet jistgħu jesprimu l-fehmiet tagħhom; is-seduta tissejjaħ permezz ta' taħrika (*assignation*, innotifikata mill-uffiċjal ġudizzjarju) jew mir-reġistratur, skont il-proċedura meħtieġa bil-liġi.

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

Fil-każijiet urġenti kollha, l-imħallef li jippresjedi proċedimenti sommarji (*juge des référés*) jista' jordna miżuri provviżorji li għalihom ma jkunx hemm oġġezzjoni ġustifikata jew li huma oġġettivi minħabba l-eżistenza ta' tilwima.

L-imħallef jista' jiddeċiedi wkoll dwar diffikultajiet b'raba mal-eżekuzzjoni tal-ordnijiet tiegħu stess.

L-imħallef li jippresjedi jew is-sostitut tiegħu dejjem jista' jordna miżuri kawtelatorji jew rimedjali li huma neċessarji biex jiġu evitati danni imminenti jew biex jinġieb fi tmiemu disturb manifestament illegali.

### 2.1 Il-proċedura

Ir-rikors isir b'taħrika (*assignation*) biex wieħed jidher f'seduta organizzata għal dan il-għan fil-ħin u l-ġurnata normali għal dawn is-seduti orali.

Jekk il-każ ikun urġenti, madankollu, l-imħallef li jippresjedi jew is-sostitut tiegħu jistgħu jippermettu t-taħrika ta' parti biex tattendi għas-seduta f'ħin stabbilit anke matul tmiem il-ġimgħa, festi pubbliċi jew ġranet li normalment ma humiex ġranet tax-xogħol, kemm fil-qorti kif ukoll fid-dar tal-imħallef stess, li tkun miftuħa għall-pubbliku f'dik l-okkażjoni.

Fil-każijiet urġenti kollha, l-imħallef li jippresjedi l-proċedimenti sommarji jista' jordna miżuri proviżorji li ma jkunx hemm oġġezzjoni ġustifikata għalihom jew li jkunu oġġustifikati mill-eżistenza ta' tilwima. Huma jistgħu jiddeċiedu wkoll dwar diffikultajiet b'rabta mal-eżekuzzjoni ta' sentenza jew xi ordni eżegwibbli oħra. Meta l-proċeduri sommarji jikkonċernaw diffikultajiet rigward l-eżekuzzjoni ta' ordni jew sentenza, il-qorti li jkollha ġuriżdizzjoni hija l-qorti tal-post fejn għandha tiġi eżegwita l-miżura.

L-imħallef li jippresjedi jew is-sostitut tiegħu jista' dejjem jordna miżuri proviżorji jew rimedjali li huma neċessarji biex jiġu evitati danni imminenti jew biex iġibu fi tmiemu disturb manifestament illegali. Sabiex ma jintifexx il-provi, il-qorti tista' tordna kull miżura ta' investigazzjoni li tista' tkun meħtieġa, inkluż is-smiġh tax-xhieda.

Hemm bosta dispożizzjonijiet ġuridiċi speċifiċi li jipprevedu miżuri proviżorji jew kawtelatorji fi kwistjonijiet speċifiċi (pereżempju l-kiri tal-proprjetà, proprjetà indiviżva, koproprietà, suċċessjonijiet, reġimi tal-proprjetà matrimonjali, eċċ.). Ir-regoli speċifiċi dwar il-ġuriżdizzjoni normalment ikunu stabbiliti fit-test tal-liġi li jagħti s-setgħa lill-qorti biex tadotta tali miżura. Ma hemmx regola ġenerali dwar il-ġuriżdizzjoni, apparti l-fatt li l-ġuriżdizzjoni biex jiġu adottati miżuri proviżorji normalment tkun għand l-imħallef li jippresjedi l-qorti li tkun mitluba tiegħu konjizzjoni tal-mertu tat-tilwima.

Fin-nuqqas ta' proċedura speċifika, parti li tkun tixtieq li tiġi ordnata miżura trid titlob lill-imħallef li jkollu l-ġuriżdizzjoni biex jisma rikorsi b'urġenza. Skont l-ammont ikkonċernat, il-ġuriżdizzjoni tkun vestita fil-kummissarju tal-ġustizzja (*Juge de paix* – sa massimu ta' EUR 15,000) jew fl-imħallef għal proċedimenti sommarji (*Juge des référés*) fil-Qorti Distrettwali (*tribunal d'arrondissement*). Dawn l-imħallfin għandhom il-ġuriżdizzjoni biex jordnaw miżuri proviżorji jew rimedjali jew biex jiġu evitati danni imminenti jew biex iġibu fi tmiemu disturb manifestament illegali.

Ġeneralment, ma hijiex obligatorja r-rappreżentanza minn avukat.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-qorti tista' ġeneralment tadotta miżuri proviżorji biss jekk, fil-fehma tagħha, ikun hemm bżonn reali għalihom jew il-kwistjoni tkun urġenti.

Meta l-kreditur japplika għal awtorizzazzjoni biex jissekwestra l-assi, il-qorti jeħtieġ li tivverifika jekk, fuq il-bażi tad-dokumenti u l-ispejgazzjonijiet li nġatat, it-talba hijiex fondata mqar fil-prinċipju.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-miżuri proviżorji jistgħu jikkonċernaw l-assi mobbli kollha ta' individwu. Huma eżenti mis-sekwestru biss ċerti oġġetti meqjusa bħala essenzjali għal ħajja ta' kuljum. Ara wkoll l-iskeda informativa "Kif għandha tiġi eżegwita deċiżjoni tal-qorti – Il-Lussemburgu".

Il-liġi Lussemburgiża tippermetti s-sekwestru ta' pagi u salarji u ta' dħul alternattiv (pensjonijiet, dħul indipendenti eċċ.). Dik il-parti mid-dħul ekwivalenti għal dak li huwa meqjus bħala essenzjali għal ħajja ta' kuljum jibqa' dejjem eżentat.

Il-kreditur ma jistax jissekwestra assi immobbli. Dan it-tip ta' sekwestru jeħtieġ deċiżjoni definittiva mill-qorti.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

F'ħafna mill-każijiet, il-qorti li tordna l-miżura tispeċifika wkoll l-effetti tagħha. Il-qorti tista' tiffissa perjodu ta' żmien għall-ordni tagħha, jew tillimita l-ordni għal assi jew atti speċifiċi.

Meta l-qorti tawtorizza s-sekwestru b'rispons għal rikors *ex parte* minn waħda mill-partijiet, il-liġi tistabilixxi perjodi ta' preskrizzjoni li fihom għandu jiġi ppreżentat quddiem il-qorti rikors għal validazzjoni (*demande de validation*). Jekk it-talba għall-awtorizzazzjoni ma ssirx fil-ħin, is-sekwestru awtomatikament isir null.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Il-liġi tagħti s-setgħa lill-qorti biex jadottaw miżuri proviżorji sabiex jirregolaw b'mod temporanju tilwima bejn diversi partijiet sakemm tingħata soluzzjoni definittiva fl-aħħar tal-proċess fuq il-mertu.

Skont definizzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tali miżuri "huma intiżi biex tiġi ppreservata sitwazzjoni fattwali jew legali biex jiġu ssalvagwardjati drittijiet li qed jintalab ir-rikonossiment tagħhom xi mkien ieħor minbarra l-qorti li għandha l-ġuriżdizzjoni fuq il-mertu tal-kwistjoni".

Il-miżuri proviżorji jistgħu jittieħdu wkoll sabiex sitwazzjoni ma tkompli tmur għall-aġġar.

Fil-prattika, dawn il-miżuri jippermettu lill-kredituri jiproteġu ruħhom mir-riskju li ma jitħallsux bl-użu ta' waħda minn dawn iż-żewġ tekniki: jew id-debituri ma jitħallewx jiddisponu mill-assi tagħhom, jew jiġu reġistrati ipoteki fuq l-assi sabiex jekk l-assi jbiddu l-idejn id-dejn ikun jista' jiġi rkuprat mill-akkwirenti futuri.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Meta miżura proviżorja tittieħed minn qorti wara seduta li fiha nkunu nstengħu l-partijiet, din tista' tiġi appellata. Il-preskrizzjoni għall-appell hija ta' 15-il ġurnata wara n-notifika tad-deċiżjoni.

Ma hemmx appell minn deċiżjonijiet meħuda fuq rikors *ex parte*. Jekk parti fil-kawża tkun tal-fehma li l-miżura tteħdet bi żball hija tista' titlob lill-qorti għal miżura proviżorja ġdida li tissospendi l-effetti tal-miżura li kienet ġiet ordnata b'risposta għal rikors *ex parte* preċedenti.

### Links relatati

<http://www.legilux.lu/>

L-aħħar aġġornament: 11/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx it-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Ungerja

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

L-Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistipula żewġ tipi ta' miżuri ġuridiċi biex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni ta' talba kkontestata: mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u eżekuzzjoni proviżorja, li jipprovdu protezzjoni qabel deċiżjoni finali tal-qorti. Hemm ukoll miżuri kawtelatorji kif previst mill-Att LIII tal-1994 dwar l-Eżekuzzjoni Ġudizzjarja.

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

#### 2.1 Il-proċedura

Mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jista' jintalab matul il-proċedimenti u qabel ma jiġi ppreżentat ir-rikors promotur. Il-qorti teżamina talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jekk il-fażi preparatorja tal-proċedimenti tkun tista' titwettaq fuq il-bażi tar-rikors promotur. Il-qorti trid tiddeċiedi dwar talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju b'urġenza u trid tiegħu miżuri mingħajr dewmien, fi żmien mhux aktar minn tmint ijiem. Fid-deċiżjoni tagħha, il-qorti trid teżamina jekk il-miżuri jikkawżawx żvantaġġ ikbar lill-parti opposta minn dak li kieku kienet issofri l-parti li qed titlob il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, u trid tqis ukoll il-possibiltà li tkun meħtieġa garanzija. Il-qorti tippermetti lill-parti opposta twieġeb għat-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Il-qorti tistieden lill-partijiet jesprimu l-pożizzjonijiet tagħhom dwar it-talba bil-mod li tħoss li jkun l-aktar xieraq. Hija tista' tordna s-smiġh tal-partijiet jekk issib li jkun meħtieġ għall-eżami tat-talba, b'mod partikolari meta jkollha tiddeċiedi dwar l-għoti ta' garanzija. Il-partijiet li jonqsu milli jżommu mal-iskadenza stabbilita għas-seduta ta' smiġh ma jistgħux jippreżentaw talba għal estensjoni. Meta tittieħed deċiżjoni dwar mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, il-provi jistgħu jinġabru biss jekk ma



jkunx possibbli li l-mertu tat-talba jiġi eżaminat mingħajrhom. Il-qorti tista' wkoll tiġbor kull prova meħtieġa matul il-fażi preparatorja tal-proċedimenti. Il-qorti tiddeċiedi dwar talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju permezz ta' digriet, li jista' jiġi appellat separatament. Il-qorti tista' tibdel id-digriet hi stess wara li ssir it-talba. Id-digriet dwar il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju huwa eżegwibbli b'mod provviżorju. Sakemm il-qorti ma tordnax mod ieħor, it-terminu għall-konformità mad-digriet jibda mill-għada li jiġi nnotifikat bil-miktub. Id-digriet jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi revokat mill-qorti permezz ta' digriet mogħti wara talba minn waħda mill-partijiet, wara li tkun semgħet lill-parti l-oħra, jew fis-sentenza tagħha jew f'deċiżjoni oħra li tagħlaq il-proċedimenti. Jekk id-deċiżjoni dwar il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ma tiġix irrevokata mill-qorti fis-sentenza jew b'deċiżjoni li tagħlaq il-proċedimenti, tifflekk l-effett tagħha ladarba s-sentenza tal-ewwel istanza ssir finali. Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jiskadi jekk il-proċedimenti jintemmu jew ma jtkomplewx wara li jiġu sospiżi. Il-qorti trid tistabbilixxi dan il-fatt fid-digriet tagħha li jtemm il-proċedimenti jew li jstabbilixxi t-tmiem tal-proċedimenti. L-effett tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ma jiġix affettwat mill-interruzzjoni jew mis-sospensjoni tal-proċedimenti.

Talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tista' tiġi ppreżentata qabel ir-rikors promotur jekk ir-rikorrent juri li d-dewmien ikkawżat mill-preżentazzjoni tar-rikors wara l-ftuħ tal-proċedimenti x'aktarx li jfjikk l-għan tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju trid tiġi ppreżentata lill-qorti kompetenti b'għurizzjoni fuq il-proċedimenti. Jekk iktar minn qorti waħda jkollha għurizzjoni territorjali fuq il-proċedimenti, ir-rikors jista' jiġi ppreżentat quddiem kwalunkwe waħda minn dawk il-qorti. Il-qorti magħżula jkollha l-għurizzjoni esklussiva fuq il-proċedimenti li jkunu se jinfetħu. Ir-regoli ġenerali tal-proċedura ċivili japplikaw għar-rappreżentanza legali obligatorja fil-proċedimenti. Il-qorti tisma' t-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju bi prijorità. Fid-deċiżjoni tagħha fejn tordna mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, il-qorti tiffissa terminu għall-ftuħ tal-proċedimenti, li ma jstax ikun itwal minn ħamsa u erbgħin jum wara n-notifika tad-deċiżjoni. Jekk il-proċedimenti ma jinfetħux fit-terminu stabbilit mill-qorti, jew jekk, fi żmien tmint ijiem mill-iskadenza tad-terminu, ir-rikorrent jonqos milli jagħti prova lill-qorti li ordnat il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju li fetaħ il-proċedimenti, il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jiskadi, b'digriet ta' dik il-qorti, l-għada li jintemm it-terminu għall-ftuħ tal-proċedimenti. Jekk jinfetħu l-proċedimenti, mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ordnat qabel il-preżentata tar-rikors promotur jibqa' effettiv sakemm jiġi rrevokat jew, jekk ikun il-każ, sakemm issir finali s-sentenza fl-ewwel istanza. Jekk ir-rikors promotur jiġi ppreżentat fit-terminu stabbilit, iżda jiġi miċħud mill-qorti, il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jibqa' effettiv sal-iskadenza tal-effetti legali tal-ftuħ tal-proċedimenti.

Il-qorti tiddeċiedi dwar eżekuzzjoni provviżorja fid-deċiżjoni tagħha fl-ewwel istanza.

Il-qorti trid tiddeċiedi dwar miżuri kawtelatorji b'urġenza – fi żmien mhux aktar minn tmint ijiem – u tibgħat l-ordni għal miżura kawtelatorja mingħajr dewmien lill-marixxall tal-qorti, li jibda l-eżekuzzjoni immedjatament. Appell kontra digriet tal-qorti għal miżura kawtelatorja ma għandux effett sospensiv.

Tista' tintalab ukoll Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet bħala miżura kawtelatorja, anki qabel ma l-kreditur jiftaħ il-proċedimenti dwar il-mertu tal-kawża. F'dan il-każ, il-proċedimenti dwar il-mertu tal-kawża iridu jinfetħu fi żmien qasir.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Jekk tintalab il-qorti tista' tordna mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju sabiex tipprevjeni kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni kurrenti jekk ikun impossibbli li terġa' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni oriġinali sussegwentement, jew sabiex tiġi evitata l-frustrazzjoni tal-eżerċizzju sussegwenti tad-drittijiet tar-rikorrent, jew biex jiġi evitata kwalunkwe żvantaġġ imminenti għar-rikorrent, jew għal kwalunkwe raġuni oħra li jistħoqqilha konsiderazzjoni speċjali. Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jista' jimponi obbligu li jitwettagħ att li r-rikorrent ikun intitolat li jtitol bis-saħħa tad-dritt li jrid jiġi eżegwit fil-proċedimenti. Fil-każijiet meta l-kundizzjonijiet ta' hawn fuq ikunu ġew issodisfati, it-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tista' tiġi ppreżentata qabel ir-rikors promotur jekk ir-rikorrent juri li d-dewmien ikkawżat mill-preżentazzjoni tar-rikors wara l-ftuħ tal-proċedimenti x'aktarx li jfjikk l-għan tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. It-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jrid ikollha referenza għat-tweġġ tal-kundizzjoni li tagħti lok għall-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u trid tippreżenta u tissostanzja l-fatti li jsostnu li dik il-kundizzjoni ġiet issodisfata. Ir-rikorrent irid ikun speċifiku dwar il-kontenut tal-miżuri mitluba. Jekk it-talba għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tiġi ppreżentata qabel ir-rikors promotur, ir-rikorrent irid jipprovi wkoll id-*data* neċessarja biex tiġi ddeterminata l-qorti li jkollha l-għurizzjoni biex tinbeda l-proċedura. Id-dritt li jrid jiġi eżegwit fil-proċedimenti jrid jiġi speċifikat ukoll. Il-qorti tagħmel il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju suġġett għall-għoti ta' garanzija jekk il-parti opposta turi l-probabbiltà li ssوفي żvantaġġ li jirriżulta mill-miżuri mitluba b'tali mod li tagħti lok għal talba għad-danni jew għotja ta' restituzzjoni kontra r-rikorrent jekk il-parti opposta tirbaħ il-każ. Meta tiddeċiedi dwar l-għoti ta' garanzija, il-qorti trid tqis il-grad ta' probabbiltà tal-fatti li jsostnu r-rikors. Jekk l-iżvantaġġ ma jkun sinifikanti, il-qorti ma għandhiex tordna li tingħata garanzija. Il-qorti tordna l-għoti ta' garanzija f'żewġ każijiet: meta l-parti opposta titlob għaliha u tkun tista' turi l-probabbiltà li ssوفي żvantaġġ li jikkorrispondi għall-garanzija mitluba; meta tkun offruta mir-rikorrent u aċċettata mill-parti opposta. Fl-ewwel każ, l-ammont tal-garanzija jikkorrispondi għall-iżvantaġġ probabbli indikat mill-parti opposta. Fit-tieni każ, ikun l-ammont offrut mir-rikorrent u aċċettat mill-parti opposta. Jekk r-rikorrent joffri ammont speċifiku bħala garanzija, il-qorti tistieden lill-parti opposta taċċettaha f'dikjarazzjoni separata b'urġenza. L-aċċettazzjoni tal-ammont ta' garanzija ma tikkostitwix rikonossiment tal-fatti ppreżentati bħala l-bażi għall-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. L-għoti ta' garanzija jinvolvi li d-depożitu l-qorti ta', b'mod partikolari, flus, titoli, sostituti tal-flus jew, fil-każ ta' garanzija bankarja, id-dikjarazzjoni tal-garanzija. Sentenza trid tiġi ddikjarata eżegwibbli irrispettivament minn jekk ikunx hemm appell jekk timponi kwalunkwe wieħed mill-obbligi li ġejjin: l-għoti ta' ħlas ta' manteniment, annwalità jew servizz perijodiku ieħor għall-istess skop; il-waqfien ta' dħul fi proprjetà privata; il-ħlas ta' pretensjoni aċċettata mill-intimat; il-ħlas ta' flus fuq il-bażi ta' obbligu li sar f'att pubbliku jew f'kuntratt privat ta' valur probatorju sħiħ jekk iċ-ċirkostanzi sottostanti jkunu ppruvati b'dawk id-dokumenti; u obbligi mhux monetari oħra meta l-eżekuzzjoni tardjata tikkawża dannu serju sproporzjonat lir-rikorrent jew dannu li jkun diffiċli li jiġi ddeterminat u li r-rikorrent ikun ipprova garanzija adegwata għaliha. Il-qorti tista' tiddeċiedi li ma tilqax talba għal eżekuzzjoni provviżorja jekk il-piż impost fuq il-parti mill-eżekuzzjoni tkun sproporzjonatament agħar mill-piż impost fuq il-parti l-oħra billi ma tintlaqgħalhiex it-talba għal eżekuzzjoni provviżorja. L-intimat irid jippreżenta talba għal dan l-għan qabel ma tingħalaq is-seduta. Il-qorti tista' tiddikjara s-sentenza eżegwibbli parzjalment sa fejn possibbli fiċ-ċirkostanzi. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-qorti tista' tirrifjuta li tiddikjara s-sentenza eżegwibbli provviżorjament fir-rigward tal-elementi li jkunu diġà tilfu r-rilevanza tagħhom sakemm tkun inqatgħet is-sentenza. L-eżekuzzjoni provviżorja ma tkoprix l-ispejjeż tal-proċedimenti, id-drittijiet proċedurali mhux imħallsin u l-ispejjeż imħallsin mill-Istat.

Jekk id-dokument li jimplimenta deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni ta' pretensjoni ma jkunx jista' jinħareġ imma l-parti li titlob l-eżekuzzjoni turi li hemm riskju plawżibbli li l-pretensjoni ma tkunx tista' tiġi ssodisfata aktar 'il quddiem, il-qorti tista' tissekwestra l-fondi pretiżi jew tordna l-qbid ta' ċerti oġġetti fuq talba ta' dik il-parti f'forma ta' miżura kawtelatorja. Il-qorti tista' tordna miżura kawtelatorja, pereżempju, jekk it-talba tiddependi minn deċiżjoni li d-dokument tal-eżekuzzjoni jkun jista' jinħareġ fuq il-bażi tagħha imma d-deċiżjoni tkun għadha ma saritx definittiva jew ma tkunx eżegwibbli provviżorjament, jew tkun definittiva imma t-terminu iffissat għall-eżekuzzjoni tagħha jkunx għadu ma skadiex. Jista' jkun hemm ukoll miżuri kawtelatorji fir-rigward ta' talbiet imressqa quddiem qorti domestika permezz ta' talba skont il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-proprjetà matrimonjali jew il-protezzjoni ta' privativi, il-mudelli ta' utilità, it-topografiji ta' prodotti semikondutturi, il-varjetajiet tal-pjanti, it-trademarks, id-disinj u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, jew iċ-ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni, jew il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur, jew skont l-Artikoli 4 u 6 tal-Att LVII tal-1996 dwar il-projbizzjoni ta' Prattiki tas-suq iġusti u restrittivi, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-liġijiet applikabbli, jew permezz ta' kwalunkwe talba oħra, li tissostanzja l-orijini, il-valur u l-iskadenza tad-talba permezz ta' strument pubbliku jew strument privat b'forza probatorja sħiħa ppreżentata fl-istess ħin.

Bħala miżura kawtelatorja tista' tintalab Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet bl-użu tal-formola stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkun suġġetti għal dawn il-miżuri?

Fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, il-qorti tordna li jitwettqu l-azzjonijiet mitluba f'talba jew rikors għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Dan jista' jinvolvi kwalunkwe pretensjoni jew proprjetà speċifikata fir-rikors. Nuqqas ta' osservanza ta' ordni ġudizzjarju fuq bażi volontarja twassal għall-eżekuzzjoni. Minn dan il-mument 'il quddiem, proprjetà li tkun eżenti minn miżuri ta' eżekuzzjoni tiġi identifikata fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni dwar l-eżekuzzjoni.

Eżekuzzjoni proviżorja tisser l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' sentenza mhux finali mogħtija minn qorti tal-ewwel istanza. Kull proprjetà tal-intimat tista' tkun suġġetta għall-eżekuzzjoni sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni mil-leġiżlazzjoni dwar l-eżekuzzjoni.

Fil-qafas ta' miżura kawtelatorja, ċerti oġġetti jistgħu jiġu maqbuda jew fondi jistgħu jiġu sekwestrati b'ordni ġudizzjarju. Fil-każ ta' ordni ġudizzjarju biex jiġu sekwestrati fondi għal pretensjoni, il-marixxall tal-qorti jgħaddi l-ordni lid-debitur fil-post, fl-istess ħin li jorndu jgħallas l-ammont rilevanti mingħajr dewmien direttament lill-marixxall. Jekk id-debitur ma jikkonformax, il-marixxall jista' jaqbad kwalunkwe beni tad-debitur u jiffrizalu l-kontijiet; madankollu, il-pagi u l-benefiċċji tad-debitur jistgħu jiġu ffriżati biss jekk id-debitur ma jkollu l-ebda proprjetà oħra li tista' tkun suġġetta għall-eżekuzzjoni biex ikunu koperti l-fondi pretiżi. Mandati ta' qbid ta' ċerti oġġetti jistgħu jestendu għal kull proprjetà mobbli jew proprjetà li jkollha valur.

Fi proċedimenti għall-ħruġ ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet, tista' tiġi ppreżentata talba biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kontijiet, li abbażi tagħha l-awtorità kompetenti tipprova tikseb id-*data* tal-kontijiet tad-debitur mill-fornituri ta' servizzi ta' pagament li jiġġestixxu dawk il-kontijiet.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Fil-każ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju u eżekuzzjoni proviżorja, id-debitur irid jirrispetta l-ordni tal-qorti. Jistgħu jinfetħu proċedimenti għall-eżekuzzjoni kontra d-debitur ibbażati fuq l-ordni.

Hemm żewġ tipi ta' miżuri kawtelatorji b'effetti differenti. Fil-każ ta' miżuri ta' qbid ta' fondi għal pretensjoni, id-debitur irid jgħaddi ammont speċifiku lill-marixxall. Jekk dan ma jsirx, il-marixxall jeżegwixxi l-miżura billi jaqbad il-proprjetà jew jiffriża l-kont tad-debitur sa valur ugwali għall-ammont pretiż. Il-fondi miġbura mingħand id-debitur jew waqt il-proċedimenti ma jistgħux jifhallow għad-dispożizzjoni tal-parti li titlob l-eżekuzzjoni. Minflok, huma jinżammu f'kont ta' depożitu mill-awtorità eżekuttiva. Meta oġġett ikun sekwestrat, ikun maqbud fil-prinċipju, fis-sens li d-debitur jista' jkompli jużah imma ma jkunx liberu li jiddisponi minnu. L-oġġetti jistgħu barra minn hekk jinżammu taħt detenzjoni uffiċjali. F'dan il-każ, ikunu fiżikament imsakkra mill-marixxall jew ġestiti minn riċevitur.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Ordni tal-qorti għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju tibqa' effettiva sakemm tiġi rritata jew, skont il-każ, sakemm is-sentenza fl-ewwel istanza ssir finali. Il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju jiskadi jekk il-proċedimenti jintemmu jew ma jtkomplewx wara li jiġu sospiżi. Il-qorti trid tistabbilixxi dan il-fatt fid-digriet tagħha li jtemm il-proċedimenti jew li jistabbilixxi t-miem tal-proċedimenti. L-effett tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju ma jiġix affettwat mill-interruzzjoni jew mis-sospensjoni tal-proċedimenti.

Eżekuzzjoni proviżorja tisser eżekuzzjoni tal-obbligu stabbilit f'sentenza tal-qorti qabel ma ssir finali, irrispettivament mill-appelli. Din il-miżura, għalhekk, ma għandha l-ebda limitu ta' żmien.

Miżuri kawtelatorji jibqgħu fis-seħħ sakemm tinħareġ ordni għall-eżekuzzjoni tal-pretensjoni jew sakemm il-qorti tiddeċiedi li ttemm il-miżura kawtelatorja.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Hemm il-possibbiltà li jiġi ppreżentat appell separat kontra l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Ir-regoli ġenerali japplikaw għall-preżentazzjoni ta' appelli bħal dawn. Il-limitu ta' żmien għall-preżentata ta' appell huwa ta' 15-il jum. L-appell irid jirtressaq fl-istess qorti li tat id-deċiżjoni. Jekk l-appell ikun fondat, il-qorti tirtira l-ordni tagħha għal mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju. Inkella, wara talba, jew *ex officio* jekk ir-rikorrent inaqqas it-talba, il-qorti tista' tibdel l-ordni hija stess.

Il-qorti hija obbligata li tordna eżekuzzjoni proviżorja fil-każijiet speċifikati mil-liġi. Parti tista' titlob lill-qorti biex ma tordnax l-eżekuzzjoni proviżorja f'każijiet fejn timponi piż sproporzjonat kbir fuq dik il-parti. It-talba trid tiġi ppreżentata fil-qorti li tkun qed tisma' l-kawża.

L-ordni għal miżura kawtelatorja tista' tiġi appellata fil-qorti li tkun qed tisma' l-kawża. Dan, madankollu, ma għandux effett sospensiv fuq l-eżekuzzjoni tagħha. Il-partijiet jistgħu jippreżentaw appell fi żmien 15-il jum mit-tħabbir tal-ordni.

It-talba għal rimedju kontra Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet jew l-eżekuzzjoni tagħha trid tiġi ppreżentata fil-qorti li qed tisma' l-kawża. Ir-regoli ġenerali japplikaw għall-appell kontra deċiżjoni dwar rimedju.

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Malta

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

It-tipi differenti ta' miżuri kawtelatorji huma dawn li ġejjien:

il-mandat ta' deskrizzjoni;

il-mandat ta' qbid;

il-mandat ta' qbid fuq azjenda kummerċjali;

il-mandat ta' sekwestru;

il-mandat ta' impediment tas-safar;

il-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar;

mandat ta' arrest ta' inġenji tal-ajru;

il-mandat ta' inibizzjoni.

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

Il-miżuri huma regolati permezz tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta taħt l-Artikoli 829 et seq. Jista' ukoll jatgħti l-każ li japplikaw disposizzjonijiet f' xi liġijiet speċjali.

#### 2.1 Il-proċedura

It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-miżuri msemmija għandha ssir b'rikors ġuramentat imħejji mir-rikorrenti u għandu jkun fiha l-orijini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur, u fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.

#### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

4 Dawn il-mandati jinħarġu mill-Qorti. Il-mandati ta' deskrizzjoni jew ta' impediment tas-safar sabiex tittieħed is-subizzjoni tal-parti kuntrarja ma jistgħux jiġu maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri. Barra minn hekk, ma jistgħux jiġu maħruġa mandati ta' qbid jew ta' sekwestru biex jitqiegħdu fiż-żgur jeddijiet jew pretensjonijiet kontra l-Gvern ta' Malta. Ma jista' jiġi maħruġ ebda mandat ta' qbid jew ta' sekwestru, biex jitqiegħdu fiż-żgur jeddijiet jew pretensjonijiet kontra in-nies tal-forzi armati ta' xi pajjiż jew dawk ta' xi bastiment li jkun mikri għal kolloxx fis-

servizz tal- Gvern ta' Malta meta dawn in-nies ikunu jinsabu f'Malta mal-forza jew bastiment li miegħu jkun jagħmlu. Ebdha mandat ta' impediment tas-safar biex jitqiegħdu fiż-żgur jeddijiet jew pretenzjonijiet kontra il-kaptani, il-baħrin, jew nies oħra tal-baħar ingaġġati regolament, meta l-bastiment li jkun fuq ngaġġati jkun irċieva l-karti tas-safar, u l-inġinieri ta' kull grad, li jkun fis-servizz ta' bastiment tal-istim.

Wieheċ għandu dejjem jirreferi għall-Artikoli 829 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jista' ukoll jagħti l-każ li japplikaw disposizzjonijiet f' xi liġijiet speċjali.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkun suġġetti għal dawn il-miżuri?

L-assi li huma soġġetti għal dawn il-miżuri huma assi mobbli kif ukoll immobbli. Jista' jinħareġ ukoll mandat ta' qbid fuq azjenda kummerċjali. Mandat ta' arrest kawtelatorju jista' jinħareġ fuq bċeġjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri, kif ukoll fuq inġenji tal-ajru.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

L-effett tagħhom iwarja skont in-natura tal-miżura, iżda b'mod ġenerali, l-assi kemm mobbli kif ukoll immobbli ma jkunux jistgħu jinbiegħu jew jiġu trasferiti lil terzi.

Il-mandat ta' deskrizzjoni jista' jinħareġ biex iqiegħed fiż-żgur jedd fuq ħwejjeġ mobbli, li, sabiex dak il-jedd jista' jiġi eżerċitat, ir-rikorrenz ikollu interess li dawk il-ħwejjeġ mobbli jibqgħu fil-lok u fl-istat li fih ikunu jinsabu. Fil-waqt li mandat ta' qbid ta' ħwejjeġ mobbli ir-Reġistratur jaqbad mingħand id-debitur l-oġġetti jew l-oġġett imsemmi fir-rikors. L-effett ta' mandat ta' qbid kawtelatorju ta' azjenda kummerċjali huwa li jippreserva l-assjem sħiħ tal-assi ta' azjenda, inklużi l-liċenzi u l-avvjament, jordna li l-istess ma tiġix mibjugħa in parti jew totalment u fl-istess ħin iżommha għaddeġja fin-negozju, iżda f'kull każ il-qorti ma għandhiex tilqa' talba għal mandat jekk tkun sodisfatta li hemm mezz oħra għall-kawtela tal-ammont pretiż. Min-naħa l-oħra, il-mandat ta' arrest ta' bċeġjeċ tal-baħar kif ukoll inġenji tal-ajru ikollu l-effett li jaqbad il-biċċa tal-baħar ta' 'il fuq minn għaxar metri jew inġenji tal-ajru mingħand id-debitur kif ukoll li jissekwestra l-istess għand l-awtorità li f'idejha tinsab, kif ukoll li jordna li l-istess awtorità ma tirlaxxax il-biċċa tal-baħar jew ta' l-ajru jew li tippermetti lid-debitur milli b'xi mod jitlaq mill-pussess tiegħu l-istess fis-sħiħ jew in parti jew li jagħti jew iċedi xi drittijiet fuq l-istess. L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

#### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Sakemm ma jiġix imħassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li toħroġ il-mandat, kull mandat kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ sa ħmistax-il ġurnata wara li l-kawża tgħaddi f'ġudikat.

### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Appell kontra dawn il-miżuri m'hemm iżda hemm dak li jissejjaħ kontro-mandat. F'dan il-każ, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qiegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;

li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;

li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjeċ il-pretensjoni; jew

jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew

jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjeċ; jew

jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

L-aħħar aġġornament: 22/03/2017

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebdha responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Olanda

#### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Liema huma t-tipi differenti ta' miżuri?

Hemm żewġ tipi ta' miżuri: miżuri provviżorji u kawtelatorji.

Il-miżuri provviżorji huma miżuri li jiġu qabel is-sentenzi tal-qorti fil-proċedimenti dwar il-merti. Is-sentenza mogħtija mill-qorti fil-proċedimenti dwar il-merti tista' tikkonferma l-miżura provviżorja jew twarrabha.

Il-miżuri kawtelatorji huma miżuri maħsuba li jassiguraw li d-debitur jissodisfa l-obbligi tiegħu. Dawn il-miżuri jippermettu lill-kredituri li jkopru lilhom infushom kontra r-riskju li ma jirċevux dak li huwa dovut lilhom.

Il-qorti tista' timponi miżuri provviżorji u kawtelatorji fuq il-propjetà tad-debitur. Il-kreditur huwa intitolat bil-liġi biex jitlob ċerti miżuri qabel is-sentenza u anke qabel il-proċedimenti li għandhom l-għan li jippreservaw id-drittijiet li jistgħu jiġu eżerċitati biss wara s-sentenza. L-intenzjoni hi li jiġi evitat li l-parti l-oħra tirrendi illużorju d-dritt tal-kreditur għall-irkupru, pereżempju billi tbigħ' beni, taħbihom, tagħtihom lil ħaddieħor jew li xxekkilmhom b'rahan jew b'ipoteka.

##### 1.1 Miżuri provviżorji

Il-miżuri provviżorji jistgħu jiġu imposti fi proċedimenti speċifikament maħsuba biex jinkisbu tali miżuri jew fi proċedimenti dwar il-merti pendenti quddiem il-qorti.

Regoli speċjali japplikaw għal mandati provviżorji ta' inibizzjoni fi proċedimenti ta' divorzju.

##### 1.2 Miżuri kawtelatorji

###### A. Il-qbid (*conservatoir beslag*)

Il-qorti tista' tagħti permess lill-kreditur biex jaqbad il-propjetà tad-debitur bil-għan li tiġi ppreżervata l-propjetà sakemm jiġi stabbilit d-dritt allegat minn min jottjeni l-qbid.

Hemm erba' tipi ta' qbid:

Qbid għall-irkupru ta' krediti (*conservatoire verhaalsbeslagen*). Il-propjetà tinqabad wara li l-qorti tiddeċiedi li pretensjoni monetarja trid tiġi ssodisfata.

Il-qbid bl-iskop ta' ċediment ta' propjetà mobbli jew konsenja ta' beni (*conservatoir beslag tot afgifte van roerende zaken of levering van goederen*). F'dan il-każ, il-qbid jiġi impost fuq id-debitur biex tiġi żgurata l-preservazzjoni tad-drittijiet bħala sid jew benefiċjarju intitolat għall-konsenja.

Il-qbid matrimonjali qabel is-sentenza (*conservatoir marital beslag*). Il-konjuġi li jixtieq divorzju, separazzjoni legali jew il-likwidazzjoni mill-komunjoni tal-akkwist tal-propjetà jista' jippreżenta dan il-qbid sabiex jipprevjeni li jitneħħew beni mill-komunjoni qabel ma sseħħ id-distribuzzjoni.

Il-qbid biex tiġi ppreżervata l-evidenza (*conservatoir bewijsbeslag*). L-għan ta' dan il-qbid huwa li tissalvagwardja l-evidenza.

B. Konsenja

Din il-miżura tirrelata l-iktar ma' każijiet fejn hemm riskju li l-oġġetti maqbudin jitneħħew. Fuq talba tal-persuna li qed tippreżenta dan il-qbid, il-qorti tordna li l-beni maqbudin jew li għandhom jiġu maqbudin jingħataw lil kustodju li għandu jiġi indikat mill-qorti.

Il-konsenja tista' tiġi ordnata separatament mill-qbid.

C. It-tqegħid taħt amministrazzjoni

Propjetà li hija s-suġġett ta' kontestazzjoni dwar il-proprietà tista' titqiegħed taħt amministrazzjoni mill-qorti. Pereżempju: hemm kontestazzjoni dwar id-dritt għall-konsenja ta' kumpanija. Il-qbid jew il-konsenja tal-beni tal-kumpanija jistgħu jwaqqfu l-kontinwazzjoni tal-operazzjoni kummerċjali tiegħu. L-amministratur jista' jmessi l-kumpanija sakemm isiru l-proċedimenti.

D. It-tqegħid tal-issigillari u l-inventarji

Bil-permess tal-qorti tas-sottodistrett (*kantonrechter*), beni li jagħmlu parti minn suċċessjoni jew minn ċertu propjetà ta' sjieda konġunta jistgħu jitqiegħdu taħt issigillari min-nutar. Ma hemmx bżonn ta' avukat. Din il-miżura rari tintuża. Din il-miżura, pereżempju, tista' tintalab mill-eredi, mill-konjuġi superstiti jew minn soċju reġistrat, eżekutor u partijiet li għandhom dritt (limitat) għal sehem tal-propjetà bi sjieda konġunta.

Talba għat-tneħħija tal-issigillari għandha tiġi sottomessa wkoll fil-qorti tas-sottodistrett.

Fuq talba tal-persuni hawn qabel imsemmija, l-imħallef tal-qorti tas-sottodistrett jista' jordna inventarju tal-beni magħmul minn nutar. Ma hemmx bżonn ta' avukat. L-iskop tal-miżura hu li jiġi determinat id-daqs (u l-valur) tal-beni. Ir-rikors jista' jsir flimkien ma' talba għall-issigillari jew għat-tneħħija tal-issigillari. Il-miżura tinvolvi deskrizzjoni qasira tal-attivi u l-passivi kompriżi fil-beni u, fuq talba ta' parti, stima tal-valur tal-proprietà mobbli. Jekk il-partijiet ma jaslux fi ftehim dwar il-ħatra ta' valutatur(i) (i)ċċertifikat(i), il-valutatur(i) jinħatar/ru min-nutar.

1.3 L-eżekuzzjoni provviżorja

Jekk inhu meħtieġ, il-qorti tista' tiddikjara li s-sentenza tagħha għandha tkun provviżorjament eżekutorja fil-każijiet kollha li jinqalgħu, sakemm mhux determinat mod ieħor mil-liġi jew min-natura tal-każ. Jekk ma tippermettix il-liġi, l-ordni ta' eżekuzzjoni provviżorja għandu jintalab mir-rikorrent. Il-qorti ma tistax tordna dan minn jeddha.

Sentenza ddikjarata bħala provviżorjament eżekutorja tista' tiġi eżegwita immedjatament anki jekk tiġi ppreżentata oġġezzjoni jew jiġi ppreżentat appell jew appell fil-kassazzjoni kontra s-sentenza. L-ordni ta' eżekuzzjoni jista' jkopri s-sentenza kollha jew parti minnha. Is-sentenza tista' tiġi eżegwita wkoll mingħajr ma din tkun iddikjarata provviżorjament eżekutorja, iżda l-eżekuzzjoni tagħha tkun sospiża bil-preżentazzjoni ta' appell. Jekk sentenza tiġi ddikjarata bħala provviżorjament eżekutorja, l-eżekuzzjoni tagħha tista' titkompla jew anke tinbeda wara li jiddaħħal appell kontra s-sentenza.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

A. Il-qbid

Il-qbid jinħareġ bil-permess tal-imħallef tal-qorti distrettwali li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji. Applikazzjoni għall-permess issir minn avukat. Fil-prinċipju l-imħallef jista' jistrieħ fuq l-allegazzjonijiet tar-rikorrent. Fil-prinċipju d-debitor ma jinstemax. L-ordni tal-qorti s-soltu tingħata propju fl-istess ġurnata. F'każ ta' talba monetarja, l-imħallef jistabbilixxi l-ammont kopert mill-awtorizzazzjoni. L-imħallef jista' jordna li tingħata garanzija biex tkopri d-danni possibbli kaġunati mill-qbid.

Il-qbid jiġi eżegwit b'taħrika notifikata minn bailiff. Il-persuna li tottjeni l-qbid illi sussegwentament tinstab li aġixxiet ħażin tista' tiġi ordnata li tħallas id-danni. Il-proċedura li titlob il-qbid tiġġenera spejjeż bħal: id-dritt tar-reġistru (<http://www.rechtspraak.nl/>), spejjeż imġarrba biex jitqabba avukat (<http://www.advocatenorde.nl/>) u t-tariffi tal-bailiff (<http://www.kbvg.nl/>).

B. Konsenja

Il-konsenja tiġi ordnata mill-imħallef tal-qorti distrettwali li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji fuq talba tal-parti li tottjeni l-qbid. Il-parti maqbuda u kwalunkwe parti interessata oħra jinstemgħu sakemm ċirkustanzi urġenti ma jipprekludux li dan isir. L-ebda appell mhu permess kontra din l-ordni. L-imħallef jista' jordna li tingħata garanzija.

L-imħallef tal-qorti distrettwali li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji jista' jordna l-konsenja separatament mill-qbid.

Il-proċedura li tirrekjedi l-konsenja tiġġenera spejjeż bħal: id-dritt tar-reġistru tal-qorti (<http://www.rechtspraak.nl/>), spejjeż imġarrba biex jitqabba avukat (<http://www.advocatenorde.nl/>) u t-tariffi tal-bailiff.

C. It-tqegħid taħt amministrazzjoni

Fuq talba tal-parti interessata, l-imħallef tal-qorti distrettwali li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji jqiegħed il-propjetà kkontestata taħt amministrazzjoni. Il-miżura mhi relatata mal-ebda qbid eżegwit. Kwalunkwe qbid eżegwit fuq il-propjetà ma jirrestrinġix is-setgħat tal-amministratur. Il-miżura tista' tkopri kwalunkwe tip ta' beni, propjetà mobbli jew immobbli u d-drittijiet tal-propjetà. L-amministrazzjoni hija ta' interess prinċipalment biex tiżgura l-ġestjoni kontinwa minn parti terza indipendenti tal-beni ta' kumpaniji, pereżempju, waqt il-proċedimenti.

Il-proċedura li titlob it-tqegħid taħt amministrazzjoni tiġġenera spejjeż bħal: id-dritt tar-reġistru tal-qorti (<http://www.rechtspraak.nl/>), spejjeż imġarrba biex jitqabba avukat (<http://www.advocatenorde.nl/>) u s-salarju tal-amministratur.

D. Il-miżuri provviżorji

Il-proċedimenti provviżorji jistgħu jinstemgħu b'mod kompletament separat mill-proċedimenti dwar il-merti u ma għandhomx għalfejn jiġu segwiti minnhom.

L-imħallef tal-qorti distrettwali li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji għandu l-ġurisdizzjoni li jagħti miżuri provviżorji fil-kwistjonijiet kollha, fejn xieraq. L-imħallef tal-qorti subdistrettwali għandu l-ġurisdizzjoni wkoll f'każijiet fejn għandu jagħti sentenza fil-proċedimenti dwar il-merti. Barra mill-ġurisdizzjoni territorjali normali, il-qorti li l-miżura għandha tittieħed fil-ġurisdizzjoni tagħha, għandha ġurisdizzjoni addizzjonali. Kull ordni jew projbizzjoni li jistgħu jintalbu fil-proċedimenti dwar il-merti jistgħu jintalbu fil-proċedimenti provviżorji. Talbiet monetarji jistgħu jkunu permessi taħt ċerti kundizzjonijiet (ara 2.2).

Fil-proċedimenti quddiem l-imħallef li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji, ir-rikorrent għandu jiġi assistit minn avukat. L-intimat jista' jiġi assistit minn avukat. Fil-proċedimenti quddiem l-imħallef tal-qorti subdistrettwali, il-partijiet jistgħu jipproċedu mingħajr avukat. Is-smiġġ huwa orali u informali. Is-sentenza normalment tingħata wara fit ġimgħat. Il-qorti tista' tiddikjara minn jeddha li l-miżura provviżorja hija provviżorjament eżekutorja. "Provviżorja" ifisser li s-sentenza hija legalment riversibbli. Tista' tingħata sentenza differenti fi kwalunkwe proċediment dwar il-merti.

Din il-proċedura tiġġenera l-ispejjeż li ġejjin: id-dritt tar-reġistru tal-qorti (<http://www.rechtspraak.nl/>), it-tariffi tal-bailiff (<http://www.kbvg.nl/>) u, għar-rikorrent, l-ispejjeż imġarrba biex jitqabba avukat (<http://www.advocatenorde.nl/>).

Il-miżuri provviżorji ta' rimedju jistgħu jingħataw ukoll fi proċeduri tal-qorti pendenti dwar il-merti, li japplikaw għat-tul tal-litigazzjoni. Il-miżuri provviżorji li għandhom jintalbu għandhom ikunu relatati mat-talba fil-proċedimenti ewlenin. Din il-proċedura rari tintuża.

F'każijiet ta' divorzju, mandati provviżorji ta' inibizzjoni jintalbu għat-tul tal-proċedura u għal xi żmien wara. Xi eżempji jinkludu: id-dar matrimonjali, il-beni għall-użu ta' kuljum, it-tfal u l-manteniment għal konjuġi li għandu jitħallas mill-konjuġi l-ieħor.

Dawn il-miżuri jintalbu permezz ta' talba separata, qabel, waqt u anke wara l-proċedimenti ta' divorzju sal-mument meta ma jibqgħux effettivi. Il-proċedimenti orali jridu jkunu bdew sa mhux iktar tard mit-tielet ġimgħa wara l-preżentazzjoni tat-talba u l-imħallef għandu jiddeċiedi kemm jista' jkun malajr.

Din il-proċedura tiġġenera l-ispejjeż li ġejjin: id-dritt tar-reġistru tal-qorti (<http://www.rechtspraak.nl/>), u l-ispejjeż imġarrba biex jitqabba avukat (<http://www.advocatenorde.nl/>).

## E. L-eżekuzzjoni provviżorja

Fi proċedimenti ordinarji b'ċitazzjoni, il-qorti tista', wara talba mir-rikorrent, tiddikjara s-sentenza kollha jew parti minnha b'ħala provviżorjament eżekutorja, sakemm ma jkunx determinat mod ieħor mil-liġi jew min-natura tal-każ. Hija tista' tagħmel li l-eżekutorjetà provviżorja tkun soġġetta għall-kundizzjoni tal-għoti ta' garanzija. Id-dikjarazzjoni ta' eżekutorjetà provviżorja hija possibbli wkoll fuq l-inizjattiva tagħna stess fi proċedimenti provviżorji. L-istess japplika fi proċeduri b'talba.

### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

#### A. Il-qbid

It-talba jrid ikun fiha ċertu informazzjoni: In-natura tal-qbid li qed jintalab u d-dritt invokat minn min jippreżenta t-talba u f'każ ta' talba monetarja, l-ammont (massimu) mitlub ukoll. B'żieda ma' dan, skont il-qbid li qed jintalab, trid tintwera jekk il-biża' ta' miżapproprjazzjoni hiż fundata. Mhux meħtieġ interess urġenti.

#### B. Konsenja

F'każ ta' talba magħmula mill-parti li talbet il-qbid, l-urġenza mhix meħtieġa. Madankollu, fi proċedimenti provviżorji, ir-rikorrent jeħtieġ li jkollu interess urġenti. Mhux meħtieġ li tintwera biża' ta' miżapproprjazzjoni.

#### C. It-tqegħid taħt amministrazzjoni

Din tinvolvi proċedimenti provviżorji u għaldaqstant ir-rikorrent jeħtieġ li jkollu interess urġenti. Mhux meħtieġ li tintwera biża' ta' miżapproprjazzjoni.

#### D. Il-miżuri provviżorji

Fi proċedimenti provviżorji, ir-rikorrent jeħtieġ li jkollu interess urġenti, il-qorti tiżen bejn l-interessi tal-partijiet u d-deċiżjoni tipprovdi rimedju provviżorju. Mhux meħtieġ li l-interess urġenti tal-attur ikun ibbażat fuq ċirkostanzi relatati mal-intimat. It-talba tista' tiġi kkontestata jew tkun kontestabbli. Talbiet monetarji jridu jissodisfaw kriterji aktar strinġenti biex ikunu ammissibbli taħt proċedimenti provviżorji. L-interess urġenti tar-rikorrent jirċievi skrinju addizzjonali, filwaqt li r-riskju tal-impossibbiltà tal-ħlas lura – li jista' jwassal biex ir-rimedju jiġi miċħuda – irid ukoll jitqies meta jitwieżnu l-interessi kontropposti. Fil-qrati distrettwali kollha, proċeduri provviżorji għal għbir ta' dejn jistgħu jiġu istitwiti fuq talbiet mhux kontestati jew li ma jkunux raġjonevolment kontestabbli li jirriżultaw minn ftehim dwar beni konsenjati u/jew servizzi pprovduti.

Ma japplikawx rekwiżiti dwar kemm hu kontestabbli jew urġenti l-każ biex jingħata rimedju provviżorju fi proċedimenti ta' divorzju u proċedimenti oħra fil-mertu. Il-biża' ta' miżapproprjazzjoni hija irrelevanti wkoll.

## E. L-eżekuzzjoni provviżorja

Ma japplikax.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

L-iskop tal-miżuri kawtelatorji huwa li jżommu sitwazzjoni ta' *de facto* jew *de jure* sabiex jiġu salvagwardjati drittijiet (ta' rimedju). L-iskop tal-miżuri provviżorji huwa li jżommu sitwazzjoni ta' *de facto* jew *de jure* qabel sentenza dwar il-proċedimenti dwar il-merti.

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

##### A. Il-qbid

Fil-prinċipju, il-qbid huwa possibbli fuq kull tip ta' beni, bl-eċċezzjoni ta' assi maħsuba għas-servizzi pubbliċi u l-oġġetti mniżżla fl-Artikolu 447, 448 u 712 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Wetboek van Burgerlijke Rechtsvordering*). Parti mis-salarji u talbiet oħra għal pagamenti perjodiċi mhix eliġibbli għall-qbid. Il-qbid jista' jiġi eżegwit ukoll fuq dritt limitat jew fuq sehem f'beni. Ir-regoli għall-qbid fuq assi ta' dan it-tip, f'dak il-każ, japplikaw *mutatis mutandis* (Artikolu 707 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

##### B. Konsenja

Propjetà mobbli li mhix propjetà reġistrata.

##### C. It-tqegħid taħt amministrazzjoni

Il-beni kollha li għandhom l-intitolament kontestat.

##### D. Il-miżuri provviżorji

It-tipi kollha ta' beni jistgħu jkunu soġġetti għal talba fi proċedimenti provviżorji jew għal intitolament provviżorju fil-proċedimenti dwar il-merti.

## E. L-eżekuzzjoni provviżorja

Ma japplikax.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

##### A. Il-qbid

Il-konsegwenza ta' qbid hi li l-assi maqbuda jiġu friżati. Il-parti maqbuda ma tistax iżjed tbiġh il-propjetà, tagħtiha b'donazzjoni, tagħti xi dritt fuqha jew tikriha eċċ. Din l-inkapaċità milli wieħed jiddisponi mill-propjetà hija waħda relattiva: Hija effettiva biss fil-konfront tal-parti li ottjeniet il-qbid. Fil-każ ta' sekwestru, is-sekwestratarju jrid joqgħod lura milli jħallas xi flus jew jikkonsenja propjetà. Madankollu t-terz akkwirent b'*bona fidi* huwa protett f'ċerti kundizzjonijiet. Fil-każ ta' sekwestru, is-sekwestratarju huwa obligat jiddikjara l-flus jew propjetà f'idejhi illi huma dovuti lill-parti li s-sekwestru sar kontra tagħna. L-irtirar ta' beni sekwestrati huwa punibbli.

##### B. Konsenja

L-irtirar ta' beni konsenjati huwa punibbli.

##### C. It-tqegħid taħt amministrazzjoni

L-amministrazzjoni tal-beni hija ttrasferita lill-amministratur.

##### D. Il-miżuri provviżorji

Il-konformità spiss tiġi eżegwita permezz ta' ħlas perjodiku b'ħala penali.

#### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

##### A. Il-qbid

Il-qorti għandha dejjem tispeċifika t-terminu perentorju biex tinfetaħ il-kawża prinċipali meta tagħti permess għall-qbid. Jekk il-kawża prinċipali ma tkunx għadha nfetħet, il-qorti tispeċifika terminu perentorju għall-qbid, fi żmien tmient ijiem wara l-qbidbiex tinfetaħ il-kawża prinċipali. Jistgħu jiġu kkunsidrati biss b'ħala kawżi prinċipali dawk il-proċeduri għall-ksib ta' ordni eżekutorju ta' ħlas tat-talba li għaliha ġie eżegwit il-qbid b'ħala assigurazzjoni. Sadanittant, il-qbid jista' jitneħħa mill-qorti fuq talba tal-persuna li l-beni tagħna ġew maqbuda jew fuq talba ta' parti interessata oħra. Jekk jinqabeż it-terminu perentorju, jieqaf il-qbid.

Il-qbid isir eżekutorju malli l-persuna li qed tottjeni l-qbid tkun akkwistat titolu eżekutorju u l-parti li l-qbid sar kontra tkun ġiet notifikata b'dan it-titolu (u fil-każ ta' sekwestru, il-parti terza wkoll).

Jekk il-pretensjoni tat-talba fil-kawża prinċipali tiġi irrevokabbilment miċħuda, jieqaf il-qbid. Il-qbid jista' jitneħħa fuq talba tal-parti li l-qbid sar kontra.

##### B. Konsenja

Il-konsenja tista' titnefha mill-imħallef li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji fuq talba ta' kull parti interessata fi proċedimenti provviżorji. L-imħallef jiddetermina, jekk meħtieġ, lil liema parti s-sekwestrarju għandu jikkonsenja l-propjetà. It-tnefħija tal-qbid li l-konsenja hija bbażata fuq irriżulta fit-terminazzjoni tal-konsenja. Is-sekwestrarju mbagħad jikkonsenja l-propjetà lill-parti li l-qbid sar kontrih. Ladarba jiġi ddeterminat liema parti hija intitolata għall-propjetà permezz ta' sentenza finali jew sentenza li tiġi ddikjarata provviżorjament eżekutorja, is-sekwestrarju jikkonsenja l-propjetà lill din il-persuna.

C. It-tqegħid taħt amministrazzjoni

Jekk it-talba fl-azzjoni prinċipali għadha ma ġietx ippreżentata l-qorti, din trid issir fi żmien li jiġi determinat mill-qorti. Jekk dan il-perjodu ma jiġix osservat, l-amministrazzjoni tiġi terminata.

Ladarba jiġi ddeterminat liema parti hija intitolata għall-propjetà permezz ta' sentenza finali jew sentenza li tiġi ddikjarata provviżorjament eżekutorja, l-amministratur jikkonsenja l-propjetà lill din il-persuna. L-amministrazzjoni tiġi terminata b'deċiżjoni konġunta bejn il-partijiet, jew fuq talba ta' waħda minnhom, mill-imħallef li jisma' t-talbiet għal miżuri provviżorji.

D. Il-miżuri provviżorji

Il-miżuri provviżorji ta' rimedju japplikaw sa mal-qorti tgħaddi s-sentenza fil-proċeduri dwar il-merti.

L-imħallef fil-proċedimenti provviżorji jista' wkoll jillimita l-perjodu ta' validità tal-miżuri jew jagħmilhom soġġetti għall-kundizzjoni li l-proċeduri dwar il-merti jiġu ppreżentati fi żmien speċifiku. Mandati provviżorji ta' inibizzjoni li jinħarġu fi proċedimenti dwar il-merti jispiċċaw ukoll jekk tiġi terminata l-azzjoni prinċipali qabel iż-żmien.

Mandati provviżorji ta' inibizzjoni fi proċedimenti ta' divorzju jistgħu jibqgħu fis-sefħ għal xi żmien wara d-divorzju. Dawn jistgħu jiġu emendati jew jitnefħew. Mandati provviżorji ta' inibizzjoni maħruġa qabel ma l-proċedimenti ta' divorzju jieqfu jekk it-talba għad-divorzju ma ssirx fi żmien erba' ġimgħat mid-deċiżjoni li tordna l-mandati provviżorji ta' inibizzjoni.

E. L-eżekuzzjoni provviżorja

Il-qorti tal-appell tista' tissospendi l-eżekuzzjoni. Is-sospensjoni tista' tinkiseb permezz ta' proċedimenti eżekuttivi.

#### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Regoli ġenerali

Oppożizzjoni, appell u appell fil-kassazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati kontra sentenza.

Oppożizzjoni tista' tiġi ppreżentata fil-qorti li tat sentenza fil-kontumacia tal-konvenut mill-istess konvenut kontumaċi fi żmien erba' ġimgħat (il-bidu tal-perjodu jvarja).

Appell (għal ammonti ta' aktar minn EUR 1750) jista' jiġi ppreżentat fil-qorti tal-appell mill-parti telliefa fi żmien tliet xhur mis-sentenza.

Appell fil-kassazzjoni jista' jiġi ppreżentat fil-Qorti Suprema tan-Netherlands (*Hoge Raad der Nederlanden*) mill-parti telliefa fi żmien tliet xhur mis-sentenza ta' qorti jew fl-ewwel u fl-ogħla istanza, jew fil-qorti tal-appell.

Appell u appell fil-kassazzjoni kontra ordni tal-qorti tal-Qorti Suprema tan-Netherlands huma wkoll possibbli.

Appell jiġi ppreżentat mill-rikorrent u l-partijiet interessati li deheru fil-proċeduri, fi żmien tliet xhur mis-sentenza, u fil-każ ta' persuni interessati oħra, fi żmien tliet xhur minn meta jiġu nnotifikati bl-ordni tal-qorti.

Appell fil-kassazzjoni jista' jiġi ppreżentat mill-partijiet li deheru f'waħda mill-qorti preċedenti fi żmien tliet xhur mis-sentenza.

L-effett ta' dawn ir-rimedji legali huwa li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni, sakemm is-sentenza ma tiġix iddikjarata provviżorjament eżekutorja.

A. Il-qbid

M'hemmx appell quddiem qorti superjuri kontra l-permess mogħti biex jinkiseb il-qbid (l-Artikolu 700(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Il-parti li titlob il-qbid tista' tappella u wara tappella fil-kassazzjoni kontra deċiżjoni li tiċħad it-talba.

B. Konsenja

Jekk konsenja tingħata b'ordni mogħtija fuq talba tal-parti li titlob il-qbid, mhux permess appell quddiem qorti superjuri kontra dik l-ordni.

Ir-rikorrent jista' jappella u wara jappella fil-kassazzjoni kontra deċiżjoni li tiċħad it-talba.

Oppożizzjoni, appell u appell fil-kassazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati kontra ordni tal-qorti provviżorju.

C. It-tqegħid taħt amministrazzjoni

Oppożizzjoni, appell u appell fil-kassazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati kontra ordni li tqiegħed propjetà taħt amministrazzjoni.

D. Il-miżuri provviżorji

Oppożizzjoni, appell u appell fil-kassazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati kontra proċedimenti provviżorji mogħtija waqt proċedimenti provviżorji jew waqt proċedimenti dwar il-merti. Appell jew appell fil-kassazzjoni kontra mandati provviżorji ta' inibizzjoni mogħtija fi proċedimenti tad-divorzju mhux permess.

E. L-eżekuzzjoni provviżorja

Jekk sentenza ma ġietx iddikjarata bħala provviżorjament eżekutorja, dikjarazzjoni ta' dan it-tip xorta tista' tinkiseb f'appell jew f'appell ta' kassazzjoni jew permezz ta' proċedimenti eżekuttivi. Jekk sentenza ġiet dikjarata provviżorjament eżekutorja, il-qorti tal-appell tista' tissospendi l-eżekuzzjoni. Dan mhux possibbli b'appell fil-kassazzjoni. Is-sospensjoni tista' wkoll tinkiseb permezz ta' proċedimenti eżekuttivi.

L-aħħar aġġornament: 10/05/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Awstrija

##### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-miżuri kawtelatorji u dawk ta' prevenzjoni huma eżempji ta' miżuri kawtelatorji. Il-liġi Awstrijaka tipprovdi għall-proċedimenti kawtelatorji li ġejjin:

miżuri għall-protezzjoni tal-provi;

miżuri biex isir il-bejgħ obligatorju tal-kollateral;

mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni.

Il-fattur komuni f'dawn il-miżuri kawtelatorji kollha huwa li l-partijiet m'għandhomx għalfejn iġibu prova konkreta ta' dak li jsostnu; iżda biss provi *prima facie* tiegħu (jiġifieri li juruh b'mod kredibbli).

Il-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni huma l-aktar importanti fost dawn il-miżuri, u huwa għalhekk li n-noti ta' hawn taħt huma limitati għalihom biss.

Il-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni huma deċiżjonijiet tal-qorti fil-forma ta' ordni li tiggarrantixxi l-eżekuzzjoni fil-futur, tirregola ċ-ċirkostanzi preżenti għal ċerti tul ta' żmien jew tikseb issodisfar provviżorju ta' xi pretensjoni.

Il-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni jinqasmu fis-sottodivizionijiet li ġejjin:

dawk li jiggarrantixxu pretensjoni għal pagament fi flus;

dawk li jiggarrantixxu pretensjoni li titwettaq xi azzjoni;



dawk li jiproteġu dritt jew relazzjoni legali.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

Il-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni jingħataw biss wara li ssir talba. Il-partijiet huma r-rikorrent u l-intimat. Il-qrati li ġejjin għandhom ġurisdizzjoni biex joħroġu mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni:

meta jkun diġà b'dew il-proċedimenti: il-qorti fejn ikun qed isir il-proċess fl-istess istanza;

waqt il-proċess ta' eżekuzzjoni: il-qorti ta' eżekuzzjoni;

qabel l-azzjoni ewlenija fi proċedimenti kontenzjużi jew bejn il-proċess u l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni: il-qorti distrettwali (*Bezirksgericht*) fid-distrett fejn hemm il-ġurisdizzjoni ġenerali tal-intimat;

inkella, il-post ta' ġurisdizzjoni tas-suġġett tal-mandat ta' inibizzjoni jew tal-post ta' residenza permanenti jew temporanju tad-debitur terz, jew il-qorti distrettwali fejn issir l-ewwel seduta ta' eżekuzzjoni.

Peress li l-proċedimenti huma konformi mad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-eżekuzzjoni, ir-rappreżentanza legali mhux obligatorja fl-ewwel istanza.

L-atti propja ta' eżekuzzjoni (bħal pereżempju sekwestru mill-qorti) isiru *ex officio* (mill-marixxal tal-Qorti). Bħala regola, l-ispejjeż ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni, li jiddependu fuq il-valur tal-pretensjoni, inizzjalment jitħallsu mir-rikorrent. Rikorrenti jista' jitolb rimbors tal-ispejjeż biss jekk jingħata raġun fil-proċedimenti ewlenija. Madankollu, jekk intimat jingħata raġun fil-mument tad-deċiżjoni dwar il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni, dan diġà jkun intitolat għar-rimbors tal-ispejjeż.

### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Sabiex jinkiseb mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni, il-parti leża trid tippreżenta rikors li jasserixxi u jipprovdi prova *prima facie* ta' pretensjoni monetarja, pretensjoni mhux monetarja għal xi prestazzjoni oħra jew għal xi dritt ikkontestat jew relazzjoni legali kif ukoll li jkun jeżisti riskju.

Sabiex jinkiseb mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni bħala garanzija għal pretensjoni monetarja, ir-rikorrent irid jipprovdi prova *prima facie* ta' riskju suġġettiv; jiġifieri prova *prima facie* li, mingħajr il-mandat, l-intimat se jieħu miżuri li jfikklu jew jikkumplikaw il-ġbir tal-pretensjoni monetarja.

Fil-każ tat-tipi kollha l-oħra ta' mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni, hija meħtieġa biss prova *prima facie* ta' riskju oġġettiv, jiġifieri li, mingħajr il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni, is-segwitu u l-ġbir tal-pretensjoni permezz tal-qrati jiġu ostakolati jew jiġu kkumplikati b'mod konsiderevoli, speċjalment bħala riżultat ta' bidla fis-sitwazzjoni preżenti tas-suġġett tal-mandat ta' inibizzjoni.

Fil-każ ta' mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni biex jiġu eżegwiti pretensjonijiet monetarji u forum oħra ta' mandati kawtelatorji, ikun biżżejjed bħala prova *prima facie* tar-riskju li l-pretensjoni jkollha tiġi eżegwita f'pajjiżi li fihom l-eżekuzzjoni tal-pretensjonijiet ta' tkun garantita minn Trattati internazzjonali u lanqas mid-dritt tal-UE.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkun suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-mezzi kollha biex il-pretensjoni monetarja tiġi eżegwita huma nklużi fil-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni (*Exekutionsordnung*). Il-miżuri huma dawn:

miżuri biex jiġu sekwestrati u amministrati assi mobbli;

ordni li ttiprobixxi d-disponiment jew ir-raham ta' assi fiżiċi mobbli

ordni ta' projbizzjoni ta' partijiet terzi;

miżuri għall-amministrazzjoni tal-proprjetà tal-intimat;

ordni li ttiprobixxi d-disponiment jew l-iskrizzjoni ta' piżijiet fuq proprjetà jew drittijiet reġistrati fir-Reġistru tal-Artijiet.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

L-effetti ta' dawn il-miżuri jvarjaw skont il-garanzija pprovduta. Is-sekwestru u l-amministrazzjoni ta' assi fiżiċi tneħħi dawn l-assi mill-influenza diretta tal-intimat. Fil-prinċipju, anki d-disponiment legali tal-assi sekwestrati u amministrati huwa null u bla effett. Il-liġi tikkonċedi lill-qrati diskrezzjoni wiesgħa biex tagħti direttivi "neċessarji jew utili" waqt li l-oġġetti jkun qed jinżammu jew amministrati sabiex ma jsirux tibdiliet li jistgħu jnaqqsulhom il-valur jew id-dħul minnhom. Tali struzzjonijiet jistgħu, pereżempju, jinkludu l-bejgħ ta' oġġetti sekwestrati li jitħassru.

Id-disponimenti kollha li jksru projbizzjoni fuq id-disponiment jew l-għoti bħala rahan ta' assi mobbli u tanġibbli huma nulli u bla effett.

Ordnijiet ta' projbizzjoni ta' parti terza konċessi mill-qorti jipprojbixxu li l-intimat jiddisponi minn jew jiġbor kull pretensjoni kontra partijiet terzi. Fl-istess fin, il-partijiet terzi jiġu ordnati biex ma jħallsu l-ebda dejn li jkollhom mal-intimat u biex ma jikkonsenjaw l-ebda oġġett li jkun dovut lilu jew li jagħmlu xi ħaġa oħra li tista' ttelef jew tikkompjika b'mod konsiderevoli l-eżekuzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-pretensjoni jew l-oġġetti dovuti jew li għandhom jiġu kkonsenjati sakemm il-qorti ma toħroġ avvżi ieħor. Fi kliem ieħor, id-debituri terzi jistgħu jiġu pprojbiti biss milli jwettqu obbligu jew itellfu l-eżekuzzjoni; ma jistgħux jiġu pprojbiti li jagħmlu pagament lill-rikorrent jew milli jeżerċitaw xi dritt. Partijiet terzi li ma jikkonformawx ruħhom mal-ordni huma responsabbli għal danni. Jekk id-disponimenti bi ksur ta' mandati ta' inibizzjoni humiex nulli u bla effett mhux regolati espressament bil-liġi u l-opinjoni legali fl-Awstrija hija maqsuma dwar dan is-suġġett.

Sabiex tiġi amministrata l-proprjetà immobbli tal-intimat, jinħatar amministratur li jkun sussegwentement taħt is-superviżjoni tal-qorti.

Fir-Reġistru tal-Artijiet tiddaħħal annotazzjoni fis-sens li d-debitur ikun ipprojbit milli jiddisponi minn jew li jsiru xi piżijiet fuq il-proprjetajiet jew id-drittijiet tiegħu reġistrati fir-Reġistru tal-Artijiet. Meta ssir dik l-annotazzjoni, id-disponiment volontarju tal-proprjetà jew tad-drittijiet mill-intimat, u l-annotazzjonijiet korrispondenti fir-Reġistru tal-Artijiet jibqgħu possibbli, iżda b'effett limitat fejn jidħol ir-rikorrent. Ikun biss f'każ li l-pretensjoni tar-rikorrent tiġi miċħuda mill-qorti f'sentenza finali, jew jekk il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni jiġi xort'oħra kkanċellat li l-parti terza tkun tista' tidħol f'pussess sħiħ tad-drittijiet tagħha, inkluż fejn jidħol ir-rikorrent, u l-projbizzjoni tkun tista' titneħħa.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni jkun validu biss għal perġodu speċifiku ta' żmien, għalkemm jista' jiġi estż fuq talba tar-rikorrent. Jekk mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni jiġi ordnat b'mod separat mill-proċedimenti sostantivi, il-qorti trid tistabbilixxi terminu raġonevoli biex il-pretensjoni ggarantita tiġi ssostanzjata u biex tiġi ppreżentata talba jew rikors għall-eżekuzzjoni. L-intimat jista' jissospendi l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' inibizzjoni u jħassar il-mandati ta' inibizzjoni li jkun diġà fis-seħħ billi jiddepożita somma għall-fidi.

Il-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni jkun jridu jiġi kkanċellati fuq talba, jew *ex officio*, jekk:

l-iskadenza biex tiġi ssostanzjata l-pretensjoni tkun għaddiet;

il-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni jkun ġie eżegwit b'mod aktar wiesa' milli kien meħtieġ għall-protezzjoni tar-rikorrent;

ma jkunx għandhom issodisfati l-kundizzjonijiet biex ikun hemm mandat;

l-intimat ikun ħallas somma għall-fidi jew ikun ipprovda garanzija;

ma jkunx għad hemm raġuni għall-mandat.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Hemm żewġ tipi ta' appell skont il-proċedura tal-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni, li l-ebda wieħed minnhom ma jtawwal il-proċedimenti:

oġġezzjoni għall-mandat kawtelatorju stess: jekk l-intimat u d-debitur terz ma jkunux instemgħu qabel, dawn jistgħu jippreżentaw oġġezzjoni fi żmien 14-il jum. Tista' tiġi ppreżentata evidenza ġdida sabiex jiġi żgurat smiġh ġust. Il-qorti tal-ewwel istanza tiddeċiedi dwar dawn l-oġġezzjonijiet permezz ta' ordni u s-seduta tal-appell ma tkunx miftuħa għall-pubbliku;

huwa disponibbli wkoll appell magħruf bħala *Rekurs* kontra kull ordni mogħtija fi proċedimenti ta' mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni. Il-perjodu ta' żmien biex jiġi ppreżentat appell bħal dan huwa ta' 14-il jum. Il-proċess tal-appell huwa proċedura purament bil-miktub li fiha tapplika ma jistgħux jiġu ppreżentati provi ġodda. Jista' jiġi ppreżentat ukoll appell dwar punt legali kontra xi ordni kkonfermat li jikkonċedi mandat ta' inibizzjoni, iżda mhux jekk ikun ġie miċħud ir-rikors għal mandat ta' inibizzjoni.

#### **Regoli speċjali:**

Il-liġi tipprevedi dan li ġej:

akkomodazzjoni temporanja għall-konjuġi (ddivorzjata);

regolazzjoni temporanja, l-użu jew is-salvagwardja ta' assi matrimonjali u tfaddil matrimonjali;

akkomodazzjoni temporanja għat-tfal;

mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni kontra l-vjolenza domestika;

mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni kontra l-vjolenza b'mod ġenerali;

mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni kontra l-invażjoni tal-privatezza;

miżuri biex jiġi ssodisfat il-bżonn urġenti ta' akkomodazzjoni ta' konjuġi.

kera temporanja.

Fost dawn ir-regoli speċjali, il-mandati ta' inibizzjoni kawtelatorji kontra l-vjolenza għandhom importanza speċjali. L-Awstrija għandha sistema sempliċi ħafna iżda effiċjenti ta' protezzjoni kontra l-vjolenza li tippermetti residenti vjolenti li jitkeċċa mid-dar u ma jitħallix jirritorna. Persuna li minħabba l-imġieba vjolenta tagħha ma jkunx raġonevoli li tistenna li l-persuna l-oħra tiltaqa' magħha tista' wkoll tiġi pprobita milli tiffrekwenta ċerti postijiet jew li tagħmel kuntatt magħha. L-aktar fattur importanti huwa li din is-sistema tipprovi għal kooperazzjoni mill-qrib għall-prevenzjoni tal-vjolenza domestika bejn il-pulizija, il-qrati, iċ-ċentru lokali dwar il-vjolenza domestika u, fejn ikunu involuti l-minuri, l-aġenziji tal-protezzjoni taż-żgħażaġh. F'ċerti każijiet jiġi pprovdut rappreżentant minn organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi.

Il-forzi tal-ordni għandhom il-poter skont il-liġijiet tal-pulizija li joħroġu ordni ta' tkeċċija jew ta' trażżin ta' ġimgħatejn għal persuni li jkunu pperikolaw il-ħajja, is-saħħa jew il-libertà ta' persuni oħra. Jekk jiġi ppreżentat rikors għal mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni lill-qorti, l-ordni tiġi estiża għal massimu ta' erba' ġimgħat. Il-pulizija trid tinforma wkoll liċ-ċentru lokali dwar il-vjolenza domestika, sabiex dan ikun jista' jipprovi sostenn lill-vittmi.

Jekk persuna tagħmel il-koabitazzjoni kontinwament intollerabbli għall-persuna l-oħra b'attakk fiżiku, bit-theddid ta' attakk fiżiku, jew bi kwalunkwe imġieba li tagħmel ħsara kbira lis-saħħa mentali tal-persuna l-oħra, il-Qorti għandha, meta l-persuna l-oħra tressaq rikors:

tordna lill-ewwel persuna biex titlaq mir-residenza u mill-viċinat tagħha u

li ma tirritornax lejn id-dar jew il-viċinat waqt li d-dar tkun qed tintuża biex tissodisfa l-bżonn urġenti tar-rikorrent għall-akkomodazzjoni.

Il-qorti tista' wkoll tipprobbixxi li l-persuna mkeċċija tiffrekwenta ċerti postijiet speċifiċi (bħat-triq barra d-dar jew l-iskola tat-tfal) u tordnala biex ma tiltaqax jew ma tikkuntattjax lir-rikorrent, sakemm ma jkunx hemm kunflitt mal-interessi serji tal-intimat stess.

Il-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni, mogħtija b'rabta mal-proċedimenti ewlenin, bħal ma huma l-proċedimenti ta' divorzju, proċedimenti ta' annullament, proċedimenti dwar id-diviżjoni tal-proprjetà jew il-proċedimenti biex jikkjarifikaw id-drittijiet ta' użu tad-dar, japplikaw sakemm tingħata s-sentenza finali fil-proċedimenti ewlenin. Il-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni jistgħu jinħarġu irrispettivament minn jekk il-partijiet ikunux għadhom jgħixu flimkien jew le, kif ukoll indipendentement mill-proċedimenti ewlenin. Madankollu, jekk il-proċedimenti ewlenin ikunu pendenti, ma jistax jinħareġ mandat ta' inibizzjoni għal aktar minn sitt xhur.

Jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet, mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni jrid jiġi infurzat immedjatament jew *ex officio* jew inkella fuq talba. L-awtorità tal-eżekuzzjoni (l-uffiċjal ġudizzjarju) trid toħroġ lill-intimat mid-dar u teħodlu ċ-ċwieviet kollha tad-dar li jkollu u tiddepożithom il-qorti. Meta jkun qed jiġi infurzat ordni ta' protezzjoni kontra l-vjolenza domestika, il-qorti tista' tagħti struzzjonijiet lill-forzi tal-ordni biex tuża l-uffiċjali tal-forzi tal-ordni li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. Dan isseħħ ta' spiss fil-prattika, li jfisser li l-mandati kawtelatorji ta' inibizzjoni kontra l-vjolenza ġeneralment jiġu eżegwiti mill-pulizija aktar milli minn uffiċjal ġudizzjarju.

L-aħħar aġġornament: 01/08/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [pl](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

#### **Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Polonja**

##### **1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?**

It-tip ta' miżura jiddependi min-natura tat-talba li trid tiġi żgurata. Skont l-Artikolu 747 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ('*kodeks postępowania cywilnego*'), it-talbiet monetarji jiġu żgurati permezz ta':

il-qbid tal-assi mobbli, il-pagi u s-salarji, kontijiet bankarji jew talbiet oħra, jew drittijiet ta' proprjetà oħra;

l-impożizzjoni ta' piż fuq il-proprjetà immobbli tal-parti obligata b'ipoteka obligatorja;

projbizzjoni fuq it-trasferiment jew l-impożizzjoni ta' piż fuq il-proprjetà immobbli li għaliha ma hemmx reġistru tal-artijiet jew għall-ipoteki jew fejn dawn ir-reġistri ġew meqruda;

l-impożizzjoni ta' piż fuq bastiment jew bastiment li għadu qed jinbena b'ipoteka marittima;

l-impożizzjoni ta' projbizzjoni fuq it-trasferiment tad-dritt ta' sjieda f'kooperattiva fuq il-bini;

l-impożizzjoni ta' riċevitura fuq l-impriża jew l-azjenda agrikola tal-obbligant jew fuq stabiliment li jiffirma parti minn impriża jew parti minnha, jew parti mill-azjenda agrikola tal-obbligant.

Jekk l-inġunzjoni tinalab għal talbiet għajr dawk monetarji, il-qorti tawtorizza l-inġunzjoni li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkonstanzi, mingħajr ma jiġu esklużi miżuri maħsuba biex jiggarrantixxu talbiet monetarji (l-Artikolu 755 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). B'mod partikolari, il-qorti tista':

tistandardizza d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet jew tal-parteċipanti fil-proċedimenti matul il-proċedimenti;

tipprobbixxi t-trasferiment ta' oġġetti jew drittijiet involuti fil-proċedimenti;

tissospendi l-eżekuzzjoni jew proċedimenti oħra li għandhom l-għan li jeżegwixxu deċiżjoni;

tiddeċiedi dwar il-kustodja ta' minuri u kuntatti ma' wild;

tordna illi tiddaħħal l-entrata adatta fir-reġistru tal-artijiet u tal-ipoteki jew reġistru rilevanti ieħor.

L-interessi tal-partijiet jew tal-parteċipanti fil-proċedimenti għandhom jiġu kkunsidrati meta ssir l-għażla tal-forma tal-garanzija, sabiex ikun hemm protezzjoni legali adegwata għal dik il-parti li għandha dritt għall-garanzija u biex l-obbligant ma jkollux piż żejjed fuqu.

## **2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?**

### **2.1 Il-proċedura**

Il-proċedimenti għal inġunzjoni jsiru:

fuq talba tal-parti jew parteċipant fil-proċedimenti quddiem il-qorti kompetenti biex tisma' l-kawża fil-prim'istanza. Jekk il-qorti ma tistax tiġi identifikata, il-qorti kompetenti tkun il-qorti tal-post fejn se tiġi eżegwita d-deċiżjoni dwar il-garanzija jew, fin-nuqqas ta' din il-bażi jew jekk id-deċiżjoni dwar il-garanzija trid tiġi implimentata fil-ġurisdizzjoni ta' qrati differenti, il-qorti distrettwali tal-belt kapitali ta' Varsavja ('*sąd rejonowy dla m.st. Warszawy*'). Ir-rikors għal garanzija mressaq matul il-proċedimenti jitqies mill-qorti tal-istanza fejn tinsab pendenti l-kawża, ħlief jekk din il-qorti hija l-Qorti Suprema ('*Sąd Najwyższy*'). F'dawn il-każijiet, il-qorti tal-prim'istanza tiddeċiedi jekk għandix tingħata garanzija jew le (l-Artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) *ex officio* fil-każ ta' proċedimenti li jistgħu jibdwex *ex officio* (l-Artikolu 732 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Ir-rikors għal garanzija jsir bil-miktub. Huwa għandu jissodisfa r-rekwiżiti għat-talbiet u jspecifika l-forma li biha għandha tingħata l-garanzija u, f'każ ta' talba monetarja, l-ammont tal-garanzija (li ma jistax jaqbeż l-ammont tat-talba, kalkolata flimkien mal-interessi mid-data li fiha tingħata d-deċiżjoni dwar il-garanzija, kif ukoll l-ispejjeż għall-garanzija u l-ispejjeż previsti tal-proċedimenti) kif ukoll iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw ir-rikors. Jekk ir-rikors għal inġunzjoni jiġi ppreżentat qabel jibdwex il-proċedimenti, jenħtieġ li tingħata taqsira tas-suġġett tal-kawża (l-Artikolu 736 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-garanzija tista' tingħata qabel jibdwex jew matul il-proċedimenti. Wara li l-obbligant ikun kiseb titolu eżekuttiv, il-garanzija tista' tingħata biss jekk hija maħsuba biex tiżgura talba li għaliha għadu ma skadiex iż-żmien għall-eżekuzzjoni (l-Artikolu 730(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Meta l-inġunzjoni tingħata qabel ma jibdwex il-proċedimenti, il-qorti tistabbilixxi skadenza li qabel tiskadi jrid jiġi ppreżentat ir-rikors promotur, li fin-nuqqas tiffassar l-inġunzjoni. Din l-iskadenza ma tridx tkun itwal minn żewġ ġimgħat (l-Artikolu 733 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Ir-rikors għall-garanzija jrid jitqies mingħajr dewmien, fi żmien ġimgħa mid-data li fiha tressaq il-qorti, sakemm ma jkunx provdut mod ieħor minn dispożizzjonijiet speċjali. Jekk ikun hemm liġi li tipprovdi illi r-rikorsi għandhom jiġu eżaminati matul is-seduta ta' smiġħ, dik is-seduta għandha ssir fi żmien xahar mid-data ta' tressiq tar-rikors (l-Artikolu 737 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-garanzija tingħata abbażi ta' sentenza tal-qorti.

### **2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Il-garanzija tista' tiġi mitluba fil-kawżi ċivili kollha eżaminati minn qorti jew tribunal ta' arbitraġġ (l-Artikolu 730 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-kundizzjonijiet għall-garanzija huma kif ġej: it-talba u l-interess legali għall-garanzija jridu jiġu ppruvati. Ikun hemm interess legali fil-garanzija jekk l-eżekuzzjoni tas-sentenza tkun impossibbli jew diffiċli ħafna jew jekk l-għanijiet tal-kawża diffiċilment jew impossibbli li jinkisbu jekk ma tingħatax garanzija (l-Artikolu 730(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-għan tal-garanzija ma jistax ikun li jiżgura talba, sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor (l-Artikolu 731 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' garanzija tista' tkun soġġetta għall-għoti ta' depożitu mill-parti li qed titlobha biex tiżgura t-talbiet tal-obbligat ġejjin mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni dwar il-garanzija, ħlief meta' l-parti li għandha dritt titlob il-garanzija hija t-Teżor u fejn il-garanzija qed tintalab minħabba manteniment, pensjoni ta' diżabbiltà jew ammonti ta' flus dovuti lil impjegat fi kwistjonijiet marbuta mal-liġi tax-xogħol li ma jaqbżux is-salarju sħiħ fix-xahar tal-impjegat (l-Artikolu 739 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?**

Garanzija tista' tingħata għal:

assi mobbli,

pagi u salarji,

talbiet fuq kont bankarju jew oħrajn, jew dritt ta' proprjetà ieħor.

proprjetà immobbli,

bastimenti jew bastimenti li għandhom qed jinbnew,

id-dritt ta' sjieda f'kooperattiva fuq bini,

impriża jew azjenda agrikola, stabbiliment li jiffirma parti minn impriża jew parti minnha, jew parti minn azjenda agrikola

Il-garanzija ma tistax tkopri oġġetti, dejn jew drittijiet esklużi mill-eżekuzzjoni. L-oġġetti li jitħassru jistgħu jservu ta' garanzija jekk il-parti obbligata ma jkollhiex aktar proprjetà li biha tista' tiżgura t-talbiet tal-parti li għandha pretensjoni u l-oġġetti jistgħu jinbiegħu minnufih.

### **3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?**

L-għan prinċipali tal-proċedimenti għal garanzija huma li jiżguraw illi l-parti li għandha pretensjoni (normalment il-kreditur) tiġi protetta kontra l-effetti potenzjalment ta' ħsara minħabba d-dewmien fil-kawżi pendenti quddiem il-qorti u biex itejbu s-sitwazzjoni tal-parti li għandha l-pretensjoni fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni jekk is-suġġett tal-proċedimenti tal-qorti u l-garanzija huwa talba li tista' tiġi eżegwita. B'mod limitat, il-garanzija tista' tippermetti lil dik il-parti li għandha pretensjoni biex tirċievi benefiċċji fi flus kontanti.

Garanzija tista' tkun ukoll rispons għal miżura meħuda mill-parti li trid tissodisfa dik il-pretensjoni b'dannu għall-parti li għandha pretensjoni.

L-effetti ta' inġunzjoni fuq il-parti li trid tissodisfa l-pretensjoni jvarjaw skont il-forma li jieħdu:

jekk jinqabdu assi mobbli, il-ġestjoni tal-assi mobbli wara l-qbid ma jkollix effett fuq kif jitmexxew il-proċedimenti aktar il-quddiem, u l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni għall-assi mobbli maqbuda jistgħu jsiru wkoll kontra x-xerrej;

jekk jinqabdu kont bankarju ta' impriża jew ta' sid ta' azjenda agrikola bħala garanzija, il-parti li għandha l-pretensjoni tista' tiġbor biss dawk l-ammonti speċifikati mill-qorti għal flus tal-pagi u salarji attwali, kif ukoll it-taxxa u ammonti statutorji oħra, kif ukoll l-ispejjeż ġenerali;

jista' jsir użu limitat mid-dejn u d-drittijiet ta' proprjetà oħra maqbuda (kif għandhom jintużaw jiġi deċiż mill-qorti);

bailliff ibiġħ l-oġġetti maqbuda kollha flimkien mad-drittijiet għall-istrumenti finanzjarji reġistrati f'arkivju tat-titoli jew fuq kont ieħor skont it-tifsira tar-regoli dwar l-ispekulazzjoni ta' strumenti finanzjarji, u l-ammont miksub jiġi depożitat fil-kont tal-qorti;

ikun hemm projbizzjoni fuq it-trasferiment jew piżijiet fuq proprjetà immobbli u fuq id-dritt ta' sjieda f'kooperattiva ta' bini;

jiġi rreġistrat piż permezz ta' ipoteka marittima fuq bastiment jew fuq bastiment li għadu qed jinbena;

l-obbligant jiġi mċaħħad mid-drittijiet ta' ġestjoni u ssir riċevitura, u d-dħul mir-riċevitura jservi ta' garanzija;

fi kwistjonijiet ta' manteniment, l-obbligant irid iħallas somma speċifika lill-parti li għandha dritt tirċevih fuq bażi ta' darba jew perjodikament.

### **3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?**

Il-parti li għandha l-pretensjoni tista' titlob f'kull ħin illi tiffassar jew tiġi emendata deċiżjoni legalment vinkolanti dwar il-garanzija jekk ir-raġuni għala ngħatat il-garanzija tinbidel jew ma tibqax teżisti (l-Artikoli 742,754(3) u 757 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-garanzija tinneħħi jekk:

I-obbligant jiddepożita l-qorti l-ammont ta' garanzija mitlub mill-parti opposta fir-rikors għall-garanzija fil-kont ta' depożitu tal-Ministru tal-Finanzi it-talba jew ir-rikors jintbagħtu lura jew jiġu miċħuda wara s-sentenza finali;  
it-talba jew ir-rikors jiġu miċħuda jew jitwaqqfu l-proċedimenti,  
il-parti li għandha l-pretensjoni ma titlobx għall-ammont kollu matul il-proċedimenti jew tressaq talbiet oħra li ma jkunux dawk li għalihom intalbet il-garanzija qabel bdew il-proċedimenti,  
is-sentenza li tawtorizza l-garanzija ssir finali (il-garanzija titfassar fi żmien xahar minn meta s-sentenza ssir finali),  
il-parti li għandha l-pretensjoni ma tressaqx talba għal miżuri provviżorji addizzjonali fi żmien ġimgħatejn mis-sentenza li biha t-talba tkun saret finali f'każijiet fejn ingħatat garanzija permezz ta' mandat ta' qbid fuq assi mobbli, pagi u salarji, talbiet fuq kontijiet bankarji jew talbiet oħra, drittijiet ta' proprjetà oħra jew permezz ta' riċevitura fuq impriża jew azjenda agrikola tal-obbligant jew stabbiliment li jiffirma parti minn intrapriża jew parti minnha, jew parti minn azjenda agrikola tal-obbligant.

Il-garanzija tiġi mħassra wkoll (l-Artikolu 754 1 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili):

xahrejn wara li ssir finali s-sentenza li tikkonferma t-talba garantita jew wara li ssir finali deċiżjoni dwar iċ-ċaħda ta' appell jew rimedju ġudizzjarju ieħor imressaq mill-parti li trid tissodisfa t-talba kontra sentenza li tawtorizza talba garantita;  
jekk il-parti li trid tissodisfa t-talba ma titlobx għal aktar miżuri ta' eżekuzzjoni fi żmien xahar wara s-sentenza li tawtorizza talba garantita ssir finali jew wara li ssir finali deċiżjoni li tiċċad l-appell jew rimedju ġudizzjarju ieħor imressaq mill-parti li trid tissodisfa t-talba kontra sentenza li tawtorizza t-talba garantita f'każ ta' inġunzjoni li tinvolvi *inter alia* il-qbid ta' assi mobbli.

#### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Kemm il-parti li għandha pretensjoni u l-obbligant jistgħu iressqu ilment kontra d-deċiżjoni tal-qorti tal-prim'istanza rigward il-garanzija (l-Artikolu 741 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 24/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Portugall 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-miżuri provviżorji u preventivi huma maħsuba għall-protezzjoni ta' ċerti sitwazzjonijiet legali, u jistgħu jinkludu: (a) miżuri provviżorji fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali għall-adulti akkumpanjati previsti [mil-Liġi Nru 49/2018 tal-14 ta' Awwissu 2018](#); (b) il-kurazija provviżorja tal-beni ta' persuna assenti (l-Artikolu 1021 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); (c) il-ħatra ta' kuratur *ad litem* (l-Artikolu 17 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); jew (d) miżuri meħtieġa għall-protezzjoni ta' beni li jinkludu patrimonju sospiż (l-Artikolu 938 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-iskop tal-proċedimenti kawtelatorji (eż. dawk previsti fl-Artikoli 362 et seq. tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) huwa li jiġi minimizzat ir-riskju ta' deċiżjoni tardiva u li tiġi ggarantita l-effettività tas-sentenza finali (l-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-proċedimenti kawtelatorji huma maħsuba biex jiżguraw l-eżitu prattiku tal-azzjoni, biex jiġu evitati danni serji jew biex tiġi antiċipata l-eżekuzzjoni tal-jedd, filwaqt li jinkiseb bilanċ, bl-aħjar mod possibbli, bejn l-interessi tar-rapidità u taċ-ċertezza legali.

Il-liġi proċedurali ċivili Portugiż tipprevedi żewġ tipi ta' proċedimenti kawtelatorji:

(a) proċedimenti kawtelatorji ordinarji (*procedimento cautelacomum*) (l-Artikoli 362 sa 376 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(b) proċedimenti kawtelatorji speċifiċi (*procedimentos cautelares especificados*) (l-Artikoli 377 sa 409 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Eżempji ta' dawn jinkludu:

(a) *ir-restituzzjoni provviżorja ta' l-pussess* (l-Artikolu 377 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(b) *is-sospensjoni ta' riżoluzzjonijiet ta' kumpanija* (l-Artikolu 380 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(c) *il-manteniment provviżorju* (l-Artikolu 384 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(d) *l-għoti ta' danni provviżorji* (l-Artikolu 388 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(e) *il-qbid* (l-Artikolu 391 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(f) *l-inibizzjonijiet fuq xogħlijiet ġodda* (l-Artikolu 397 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(g) *id-deskrizzjoni* (l-Artikolu 403 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

#### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

Meta persuna turi biża' ġustifikata li persuna oħra tista' tikkawża dannu serju u irreparabbli lill-jeddijiet tagħha, hija tista' titlob il-miżura preventiva jew antiċipatorja adegwata biex tiżgura l-effettività tal-jedd ipperikolat (l-Artikolu 362(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Li tirrikorri għal miżuri kawtelatorji ordinarja, billi huma rimedju supplimentari, jiddependi wkoll minn nuqqas ta' miżura kawtelatorja speċifika li tkun adegwata għall-fatti tal-kawża (l-Artikolu 362(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

B'hekk, il-miżuri kawtelatorji mhux speċifikati bnadi oħra msemmijin fl-Artikolu 362 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandhom il-prekondizzjonijiet legali li ġejjin:

(a) l-eżistenza apparenti ta' jedd;

(b) il-biża' fondata sew li persuna oħra tista' tikkawża dannu gravi u irreparabbli għall-jedd ta' dak li jkun (*periculum in mora*);

(c) l-adegwatezza prattika tal-miżura preventiva jew antiċipatorja għall-iżgurar tal-effettività tal-jedd ipperikolat;

(d) il-miżura li trid tinkiseb ma tridx tkun koperta minn proċeduri kawtelatorji oħrajn.

Sabiex il-qorti tordna miżuri kawtelatorji, huwa biżżejjed għaliha li jkun hemm każ *prima facie* li l-jedd pretiż jeżisti u li hemm biża' ġustifikata li ż-żmien jkun naturalment iddedikat sabiex tinstab riżoluzzjoni finali għat-tilwima jista' jikkawża dannu irreparabbli jew li diffiċilment jiġi kkompensat. L-imħallef irid ikun suffiċjentement konvint li l-eżitu tal-kawża prinċipali se jkun favur ir-rikorrent, peress li miżuri kawtelatorji jinvolvu interferenza ċara mas-sitwazzjoni legali tal-intimat (l-Artikolu 368(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

#### 2.1 Il-proċedura

Ħlief għall-inibizzjoni fuq xogħlijiet ġodda, li tista' tittieħed azzjoni ekstraġudizzjarja inizjali għaliha li tiġi segwita minn rikors għall-konferma mill-qorti (l-Artikolu 397(2) u (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-proċedimenti l-oħrajn kollha huma bbażati fuq rikors inizjali quddiem il-qorti fejn ir-rikorrent jipprovi provi sommarji tal-jedd ipperikolat u jiġġustifika l-biża' ta' dannu. F'dan ir-rikors, tintbagħat il-lista tax-xhieda u tintalab evidenza oħra, b'limitu ta' ħames xhieda, f'konformità mal-Artikolu 365 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Fir-rigward tal-ġurisdizzjoni territorjali, l-Artikolu 78 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddikjara li:

(a) rikorsi għall-qbid u d-deskrizzjoni tal-beni jistgħu jsiru fil-qorti fejn trid tinftax l-kawża relatata, jew fil-post fejn jinsabu l-beni jew, jekk ikun hemm beni f'għadd ta' distretti, f'wieħed minnhom (l-Artikolu 78(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(b) għal inibizzjoni fuq xogħlijiet ġodda, il-ġurisdizzjoni tkun tal-qorti tal-post fejn ikun irid isir ix-xogħol (l-Artikolu 78(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(c) għall-proċedimenti kawtelatorji l-oħrajn, il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni hija l-qorti fejn trid tinfetaħ il-kawża relatata (l-Artikolu 78(1)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ir-rappreżentanza minn avukat hija mandatorja meta l-valur tal-miżura jeċċedi EUR 5 000.00 jew meta huma ammissibbli l-appelli, skont l-Artikoli 58 u 1090 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili flimkien mal-Artikolu 44(1) tal-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Fil-valutazzjoni tal-kriterji biex tordna miżura kawtelatorja, il-qorti trid teżamina dejjem jekk il-biża' invokata hijiex fondata sew u kemm ikun serju u diffiċli li jiġi kkompensat id-dannu potenzjali. Hija tivvaluta wkoll jekk il-miżura preventiva jew antiċipatorja tkunx xierqa fil-każ speċifiku kkonċernat, bil-ħsieb li jkun issalvagwardjat il-jedd li allegatament ikun ipperikolat. Trid tistabilixxi li hemm riskju marbut ma' kwalunkwe dewmien.

Hija teżamina wkoll jekk il-proċedimenti jkunux effettivament jew potenzjalment dipendenti fuq kawża miftuħa jew li se tinfetaħ abbażi tal-jedd protett mill-miżura.

F'dan it-tip ta' proċediment, hija l-qorti li trid tikseb provi *prima facie* (jiġifieri provi inqas rigorużi milli fil-kawża prinċipali) li hemm probabbiltà reali li l-jedd li jrid ikun salvagwardat jeżisti u li l-biża' li jinkiser huwa suffiċjentement iġġustifikat.

Il-miżuri kawtelatorji kollha jitqiesu bħala urġenti, u jieħdu prijorità fuq kwalunkwe xogħol ġudizzjarju ieħor li ma jkunx urġenti (l-Artikolu 363(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), u jridu jkunu deċiżi fl-ewwel istanza fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn jew, jekk l-intimat ma jkollux għalfajn jiġi mħarrek, fi żmien 15-il jum (l-Artikolu 363(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Jeddijiet u proprjetà mobbli u immobbli li ma humiex totalment jew parzjalment esklużi mil-liġi jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri kawtelatorji.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Peress li jiġu ordnati mill-qorti, il-miżuri kawtelatorji huma vinkolanti fuq l-entitajiet pubbliċi u privati kollha u jieħdu preċedenza fuq miżuri adottati minn kwalunkwe awtorità oħra (l-Artikolu 205(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Portugiża). Kull persuna li tikser il-miżura kawtelatorja ordnata teħel il-piena għarreat ta' diżobbedjenza aggravata ta' ordni uffiċjali (*desobediência qualificada*), minkejja kull miżura ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 375 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### 3.3 X'inhuma l-validi ta' dawn il-miżuri?

Mingħajr ma tkun affettwata l-possibbiltà li r-rikorrent jiġi eżentat mir-responsabbiltà li jiftaħ l-kawża prinċipali, l-Artikolu 373 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jstabilixxi li l-proċedimenti kawtelatorji jiġu fi tmieħhom u kull miżura ordnata tiskadi:

(a) jekk ir-rikorrent ma jiftaħx il-kawża li l-miżura tiddependi fuqha fi żmien 30 jum minn dakinhar li jkun ġie nnotifikat li d-deċiżjoni li tordna l-miżura saret finali (l-Artikolu 373(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(b) jekk, wara li tiġi ppreżentata l-kawża, il-proċedimenti twaqqfu għal aktar minn 30 jum minħabba n-negliġenza tar-rikorrent (l-Artikolu 373(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(c) jekk il-kawża tiġi miċħuda minn deċiżjoni finali (l-Artikolu 373(1)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(d) jekk il-kawża tiġi miċħuda fuq bażi proċedurali u r-rikorrent ma jiftaħx kawża ġdida fil-ħin sabiex jibbenefika mill-effetti tal-kawża preċedenti (l-Artikolu 373(1)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

(e) jekk il-jedd li r-rikorrent qed jipprova jissalvagwardja skada (l-Artikolu 373(1)(e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Iva. L-appelli ordinarji huma ammissibbli meta l-valur tal-miżuri jeċċedi l-limitu tal-qorti li d-deċiżjoni tkun qed tiġi appellata quddiemha u d-deċiżjoni kkontestata tkun sfavorevoli għall-parti li tkun qed tappella b'aktar minn nofs dan l-ammont (l-Artikolu 629(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jistgħu dejjem jiġi ppreżentati appelli wkoll kontra deċiżjonijiet marbuta mal-valur tal-miżuri kawtelatorji fuq il-bażi li l-valur jeċċedi l-limitu tal-qorti li ħadet id-deċiżjoni kkontestata (l-Artikolu 629(3)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) u kontra ċaħdjet preliminari ta' rikorsi inizjali għal miżuri kawtelatorji (l-Artikolu 629(3)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Id-deċiżjonijiet li jordnaw it-tneħħija tar-responsabbiltà għall-preżentata tal-kawża jistgħu jiġu appellati biss flimkien ma' appelli kontra deċiżjonijiet dwar il-miżura mitluba; id-deċiżjonijiet biex tiġi miċħuda t-tneħħija huma finali u ma jstgħux jiġu appellati (l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ma jstgħux isiru appelli quddiem il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja (*Supremo Tribunal de Justiça*) kontra deċiżjonijiet li jordnaw miżuri kawtelatorji, inklużi dawk li jordnaw it-tneħħija tar-responsabbiltà għall-preżentata tal-kawża, mingħajr preġudizzju għall-kawża fejn appell ikun ammissibbli dejjem (l-Artikolu 370(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ordni kawtelatorja tista' tiġi kkontestata minn:

kwalunkwe parti fil-proċedimenti li titlef il-kawża (l-Artikolu 631(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

kull persuna li ma hijiex parti fil-proċedimenti iżda li ġġarrab ħsara diretta u reali minnhom (l-Artikolu 631(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni li tisma' l-appell hija l-qorti tal-appell fl-istess distrett ġudizzjarju fejn tinsab il-qorti li tat id-deċiżjoni kkontestata.

Il-limitu taż-żmien għall-preżentata ta' appell huwa ta' 15-il jum min-notifika tad-deċiżjoni (l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk l-appell ikun jikkonċerna wkoll ir-rieżami ta' evidenza rreġistrata, il-limitu taż-żmien jidied b'għaxart ijiem (l-Artikolu 638(7) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Appell ippreżentat kontra ordni li tiċħad b'mod totali jew li ma tordnax il-miżura għandu effett sospensiv (l-Artikolu 647(3)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). F'każijiet oħra din ikollha effett purament devoluttiv.

## Leġiżlazzjoni applikabbli

[Il-Liġi Nru 41/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013](#) - Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili

[Il-Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013](#) – Il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja

## Links relatati

Tista' tikseb aktar informazzjoni mis-siti li ġejjin:

[Il-Portal tal-Ġustizzja;](#)

[Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja](#)

[Il-Portal CITIUS](#)

[Il-Bażi tad-data tad-Dokumenti Ġuridiċi](#)

[Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Portugall](#)

## Nota:

Il-Punt ta' Kuntatt NĠE-Ċivili, il-qorti jew l-entitajiet u l-awtoritajiet l-oħrajn ma humiex marbutin bl-informazzjoni li tinsab f'din l-iskeda informattiva. Għalkemm tiġi aġġornata fuq bażi regolari, din l-iskeda informattiva ma tiħux post il-ħtieġa li tinqara l-leġiżlazzjoni rispettiva fis-seħħ u tista' tkun suġġetta għal bidliet fl-interpretazzjoni mill-ġurisprudenza.

L-aħħar aġġornament: 01/08/2024



Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Asskurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Rumanija

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

*It-tipi differenti ta' miżuri kawtelatorji huma l-qbid kawtelatorju u ġudizzjarju u s-sekwestru kawtelatorju.* Miżuri kawtelatorji huma mandati għall-iffriżar u l-konservazzjoni waqt il-proċeduri, ordnati mill-qorti fuq l-assi tad-debitur sabiex jiġi evitat li l-parti opposta teqred jew tittrasferixxi l-assi kkonċernati jew li tnaqqas dawk l-assi.

Il-qbid kawtelatorju jikkonsisti fl-iffriżar tal-assi traċċabbli tad-debitur sabiex jiġu rkuprati meta l-kreditur ikun kiseb ordni ta' eżekuzzjoni. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili fih serje ta' dispożizzjonijiet speċjali dwar il-proċedura għall-eżekuzzjoni ta' arrest kawtelatorju ta' bċejjeċ tal-baħar ċivili.

Il-qbid ġudizzjarju jikkonsisti fl-iffriżar tal-assi billi jafdahom lil uffiċjal tas-sekwestru għall-kustodja.

Il-qbid ġudizzjarju jista' jiġi applikat kull darba li jkun hemm proċedimenti legali li jittrattaw proprjetà jew dritt prevalenti ieħor *in rem*, bi sjieda ta' assi jew bil-użu jew immaniġġjar ta' proprjetà konġunta, meta l-qorti tkun kompetenti li tapprova l-qbid ġudizzjarju tal-assi.

Is-sekwestru kawtelatorju jista' jiġi applikat għal flus, titoli jew assi intanġibbli mobbli traċċabbli oħra dovuti lil debitur minn terzi.

*Is-sekwestru eżekuttiv* huwa forma ta' eżekuzzjoni indiretta fejn jiġu rkuprati l-flus, titoli jew assi intanġibbli mobbli traċċabbli oħra..

Uħud mis-sentenzi tal-qorti tal-prim'istanza huma *legalment provviżorjament eżekutorji* meta l-għan tagħhom ikun li jstabbilixxu l-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, id-dritt li jkollhom relazzjoni personali mal-minuri u r-residenza tal-minuri; rimunerazzjoni, benefiċċju tal-qgħad; kumpens għal inċidenti fuq il-post tax-xogħol; annwalitajiet, obbligi ta' manteniment; benefiċċji tat-fal u pensjonijiet; kumpens għall-mewt jew korrimment fiżiku jew ħsara għas-saħħa tal-bniedem; tiwrijiet immedjati; issiġillar, tneħħija tal-issiġillar jew inventarju; talbiet rigward pussess; sentenzi deċiżi fuq il-bażi tal-ammissjoni mill-intimat ta' talbiet ta' rikorrent eċċ. Dawn is-sentenzi għandhom ikunu provviżorjament eżekutorji.

*Il-Qorti tista' taċċetta l-eżekuzzjoni provviżorja ta' sentenzi dwar l-assi.*

*Għall-preżentazzjoni tal-provi, kull persuna li jkollha interess li tistabbilixxi, b'urġenza, ix-xhieda ta' persuna, opinjoni ta' espert jew il-kundizzjoni ta' ċerti assi jew li jkollha sottomissjoni, fatt jew dritt rikonoxxut tkun intitolata li titlob, kemm qabel kif ukoll matul il-kawża, l-amministrazzjoni ta' tali provi.*

Jekk id-detentur jipprovi evidenza li d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tiegħu jkunu soġġetti għal azzjoni illegali, kurrenti jew imminenti u li tali azzjoni x'aktarx tikkawżalu dannu li diffiċli jissewwa, huwa jista' jitlem miżuri kawtelatorji mill-qorti (projbizzjoni tal-ksur jew waqfien provviżorju tiegħu; teħid tal-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-preżervazzjoni tal-evidenza).

Fil-każ ta' dannu kkawżat permezz ta' midja miktuba jew awdjoviżiva, il-qorti tista' tordna waqfien provviżorju tal-azzjoni ta' ħsara biss jekk id-dannu kkawżat lir-rikorrent ikun serju, jekk l-azzjoni tkun manifestament inġustifikata u jekk il-miżura meħuda mill-qorti ma tkunx jidher li tkun sproporzjonata fir-rigward tad-dannu kkawżat.

Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar it-talba skont id-dispożizzjonijiet relatati mal-inġunzjoni interlokutorja. Meta t-talba tiġi ppreżentata qabel ma titressaq azzjoni fuq il-merti tal-każ, is-sentenza li tordna l-miżura kawtelatorja għandha tistabbilixxi wkoll il-limitu ta' żmien li fih għandha titressaq l-azzjoni fuq il-merti, fin-nuqqas tagħha dik il-miżura għandha tintemm awtomatikament. Jekk il-miżuri meħuda x'aktarx jikkawżaw dannu lill-parti opposta, il-qorti tista' tordna lir-rikorrent jipprovi garanzija tal-ammont stabbilit minnu.

Il-miżuri meħuda qabel jinbdew proċedimenti legali biex jiddefendu d-dritt miksur jiġu tterminati awtomatikament jekk r-rikorrent ma jkunx ippreżenta r-rikors lill-qorti fil-limitu ta' żmien stabbilit minnha, iżda mhux aktar tard minn 30 jum wara d-data ta' meta jkunu tiegħu.

Ir-rikorrent għandu jkun meħtieġ li jagħmel tajjeb, fuq talba tal-parti kkonċernata, għal kwalunkwe dannu kkawżat mill-miżuri kawtelatorji meħuda jekk l-azzjoni fuq il-merti tal-każ tiġi miċħuda bħala infondata. Madankollu, jekk ir-rikorrent ma kellux tort jew kelli tort żgħir, il-qorti tista', fir-rigward ta' ċirkostanzi speċifiċi, jew tirrifjuta li tordnah iħallas id-danni mitluba mill-parti opposta, jew tordna li dawn jitnaqqsu.

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

#### 2.1 Il-proċedura

Mandat ta' qbid kawtelatorju tiġi ammissa mill-qorti u l-eżekuzzjoni titwettaq mill-uffiċjal tal-eżekuzzjoni mingħajr ebda awtorizzazzjoni jew formalità għajr ir-reġistrazzjoni. Barra minn hekk, il-qbid għandu jiġi applikat mingħajr avviż jew avviż minn qabel lid-debitur.

L-ordnijiet jistgħu jinħarġu biss mill-qorti tal-prim'istanza b'għurizdizzjoni fuq il-materja (qbid ġudizzjarju, sekwestru kawtelatorju) jew mill-qorti tal-prim'istanza li tittratta l-kawża jew il-qorti li l-assi jkunu jinsabu fil-għurizdizzjoni tagħha (qbid ġudizzjarju). F'tali proċedimenti speċjali, mhijiex obbligatorja assistenza minn avukat. Is-sentenzi dwar il-qbid kawtelatorju u s-sekwestru kawtelatorju għandhom jiġi eżegwiti minn uffiċjal ġudizzjarju. L-uffiċjal tal-qbid jista' jħejji d-dokumenti kollha għall-konservazzjoni u l-amministrazzjoni, jirċievi xi dħul u ammonti dovuti u jħallas id-djun attwali u d-djun stabbiliti skont ordni ta' eżekuzzjoni. L-ispejjeż prevedibbli huma taxxi tal-boll ġudizzjarji biss li, skont l-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament dwar l-Ordni ta' Emerġenza tal-Gvern Nru 80 tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar it-taxxi tal-boll ġudizzjarji huma RON 100 għall-pretensjonijiet marbutin ma' miżuri kawtelatorji u RON 1 000 għal pretensjonijiet dwar arrest ta' bċejjeċ tal-baħar u inġenji tal-ajru. Il-kreditur jista' jkun obligat iħallas depożitu ta' sigurtà stabbilit mill-qorti. Jekk il-pretensjoni tal-kreditur ma tkunx iddikjarata bil-miktub, id-depożitu ta' garanzija huwa stabbilit mil-liġi bħala nofs il-valur iddikjarat.

Sekwestru eżekuttiv jiġi eżegwit, fuq talba tal-kreditur, minn uffiċjal ġudizzjarju li l-uffiċċju tiegħu jkun fil-għurizdizzjoni tal-qorti tal-appell fejn id-debitur jew parti terza soġġetta għas-sekwestru jkollha d-domiċilju/l-uffiċċju tagħha jew, fil-każ ta' kontijiet bankarji, minn uffiċjal ġudizzjarju mill-post fejn id-debitur ikollu d-domiċilju/l-uffiċċju rregistraat jew mill-post fejn l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha l-uffiċċju prinċipali/sekondarju tagħha.

*Għall-eżekuzzjoni provviżorja*, it-talba tista' tiġi ppreżentata bil-miktub u bil-fomm fil-qorti qabel l-għeluq tad-dibattiti. Il-Qorti tista' taċċetta l-eżekuzzjoni provviżorja ta' mandati li japplikaw għal assi meta hija tqis li l-miżura tkun meħtieġa b'rabta mar-raġunijiet legali manifesti jew għall-kundizzjoni ta' insolvenza tad-debitur u meta tqis li jekk ma teżegwix ordni bħal din immedjatament dan ikun għad-detriment evidenti tal-kreditur. F'dawn il-każijiet, il-qorti tista' tobbliga lill-kreditur biex iħallas depożitu ta' garanzija.

*Għall-preżentazzjoni tax-xhieda, it-talba tkun indirizzata, qabel il-proċess quddiem il-qorti, lill-qorti tad-distrett li x-xhud jinsab fil-għurizdizzjoni tagħha jew is-suġġett tas-sejba u, matul proċedimenti ta' proċess, lill-qorti li tkun qed tittratta l-kwistjoni fil-prim'istanza. It-talba tal-parti tiddikjara l-provi u l-fatti li għandha l-ħsieb tagħti prova tagħhom, kif ukoll ir-raġunijiet għall-ħtieġa li tingħata tali evidenza jew il-kunsens tal-parti opposta.*

#### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewleni

Biex ikun hemm *qbid u sekwestru kawtelatorji*, kawża għandha tkun pendenti. Fil-każ ta' qbid ġudizzjarju jista' jinħareġ mandat anke jekk ma jkun hemm l-ebda kawża pendenti. Kreditur li ma jkollu l-ebda ordni ta' eżekuzzjoni jista' jitlem l-eżekuzzjoni ta' qbid jew sekwestru kawtelatorji jekk iġib provi li jkun ressaq it-talba tiegħu.

F'każijiet urġenti, talba għall-arrest kawtelatorju ta' biċċa tal-baħar tista' tiġi ppreżentata anki qabel ma jiġi ppreżentat rikors dwar il-merti tal-każ.

Qorti tista' taċċetta t-talba għal qbid ġudizzjarju jew sekwestru kawtelatorju jekk din il-miżura tkun meħtieġa biex tħares id-dritt rispettiv u li tkun pendenti kawża rigward id-dritt ta' sjieda jew dritt prevalenti ieħor *in rem*, il-pussess ta' beni jew l-użu jew amministrazzjoni ta' proprjetà konġunta.



Qbid ġudizzjarju jista' jiġi approvat, anke fin-nuqqas ta' proċedimenti ta' proċess dwar il-merti rigward assi li joffri d-debitur għar-rilaxx tiegħu, sabiex jinqabdu assi li fir-rigward tagħhom il-parti konċernata jkollha raġunijiet raġonevoli biex tibża' li jistgħu jtnefhew, jinqerdu jew jinbidlu mis-sid; għal assi mobbli li jammontaw għall-garanzija tal-kreditur, meta jitlob l-insolvenza tad-debitur tiegħu jew meta l-kreditur ikollu raġunijiet biex jissuspetta li d-debitur jevita l-eżekuzzjoni jew ikun qiegħed jibża' mit-tnefhija jew mid-deterjorament tal-assi.

Qorti toħroġ deċiżjoni b'rabta mat-talba ta' qbid kawtelatorju / sekwestru kawtelatorju b'urġenza *in camera*, mingħajr ma jitħarrku l-partijiet, b'konklużjoni eżekutorja, u, fejn applikabbli, il-valur tal-garanzija u l-limitu ta' żmien għall-ħlas tagħha. Talba għal qbid ġudizzjarju tiġi trattata b'urġenza u l-partijiet jitħarrku. F'każ ta' ammissjoni, il-qorti tista' tobbliga lir-rikorrent iħallas depożitu ta' garanzija u, fil-każ ta' beni immobbli, li jkunu elenkati fir-reġistru tal-artijiet. Ma hemm l-ebda rekwiżit rigward l-urġenza tat-talba iżda, għall-kreditur, fil-każ ta' qbid kawtelatorju u sekwestru kawtelatorju, hemm il-possibbiltà li juri li d-deċiżjoni ma tiġix eżegwita fuq il-bażi tat-tnefhija jew il-qerda tal-assi kkonċernati tad-debitur anke jekk it-talba ma tkunx dovuta.

*Sekwestru eżekuttiv* jiġi stabbilit mingħajr taħrika, b'konklużjoni li tagħraf l-eżekuzzjoni, b'nota li tindika wkoll l-ordni ta' eżekuzzjoni, li trid tintbagħat lil terzi, flimkien ma' dik il-konklużjoni li tagħraf l-eżekuzzjoni. Id-debitur jiġi infurmat ukoll bil-mandat. Il-mandat ta' sekwestru tal-qorti jinforma lit-terzi, li jiksbo l-istatus ta' terzi b'mandat ta' sekwestru, li huma pprojbti li jħallsu lid-debitur, flus jew assi mobbli dovuti jew li se jkunu dovuti, u jistqarru li huma suġġetti għall-mandat ta' sekwestru sa fejn dan ikun meħtieġ biex jinkiseb l-obbligu eżegwit.

*Għall-preżentazzjoni tax-xhieda*, ir-rekwiżit huwa li għandu jkun hemm theddida li l-evidenza probabbli li tgħib jew tkun diffiċli li tiġi indirizzata fil-futur. Jekk il-parti opposta tagħti l-kunsens tagħha, it-talba tista' tiġi ppreżentata anki fl-assenza ta' kwalunkwe urġenza. Il-Qorti tħarrek lill-partijiet u tagħti kopja tat-talba lill-parti opposta. Il-Qorti tittratta din it-talba f'sessjoni magħluqa biex tasal għal konklużjoni. Meta jkun hemm periklu ta' dewmien, il-Qorti tista' taċċetta t-talba, mingħajr ma tħarrek lill-partijiet.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Kontijiet tal-bank, assi intanġibbli, garanziji, eċċ. jistgħu jkunu suġġetti għal sekwestru kawtelatorju.

Assi tanġibbli mobbli, mezzi ta' trasport reġistrati, beni immobbli, eċċ. jistgħu jkunu suġġetti għal qbid kawtelatorju.

Beni immobbli, assi mobbli, eċċ. jistgħu jkunu suġġetti għal qbid ġudizzjarju.

Flus, titoli jew assi intanġibbli mobbli oħrajn jistgħu jkunu suġġetti għal sekwestru eżekuttiv.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

*Għal qbid u sekwestru kawtelatorju*, l-assi maqbuda jew sekwestrati jistgħu jiġu rkuprati biss wara li l-kreditur ikun kiseb ordni eżekutorja.

Mandat ta' arrest kawtelatorju ta' b'cejjeċ tal-baħar tiġi eżegwita billi l-bastiment jinżamm mill-uffiċċju tal-kaptan tal-port fejn ikun jinsab dak il-bastiment. F'dan il-każ, l-uffiċċju tal-kaptan tal-port ma jirrilaxx id-dokumenti tat-trasport meħtieġa u ma jippermettix li l-bastiment jitlaq mill-port.

Tiġi imposta multa bħala piena biss jekk l-attur jikseb b'*mala fede* miżura kawtelatorja li tkun ta' dannu għall-intimat. L-intimat/debitur jista' jkun suġġett għal piena skont il-liġi kriminali għal nuqqas ta' konformità ma' sentenzi tal-qorti.

Jekk id-debitur jippreżenta garanzija suffiċjenti, il-qorti tista' tannulla l-mandat ta' qbid kawtelatorju fuq talba tad-debitur. It-talba għall-ħelsien ta' assi tiġi trattata f'sessjoni magħluqa, b'urġenza, u l-partijiet jitħarrku fi żmien qasir b'konklużjoni.

Bl-istess mod, jekk it-talba prinċipali li t-talba għal miżura kawtelatorja hija bbażata fuqhom tiġi annullata, miċħuda jew tiskadi b'sentenza finali jew jekk il-persuna li tkun ressqet dik it-talba tkun tkun ċediet l-eżerċizzju tagħha, id-debitur jista' jitlob ir-rilaxx tal-assi mingħand il-qorti li tkun ħarġet il-mandat. Il-Qorti tagħti sentenza finali dwar it-talba, mingħajr ma tħarrek lill-partijiet.

*Għal sekwestru eżekuttiv*, il-flus u l-assi kollha suġġetti għal sekwestru jiġu ffriżati mid-data meta l-mandat ta' sekwestru jintbagħat lil parti terza suġġetta għas-sekwestru. Mill-ħin tal-iffriżar sal-ħlas sħiħ tal-obbligi ddiċjarati fl-ordni ta' eżekuzzjoni, il-parti terza suġġetta għas-sekwestru ma tagħmel l-ebda ħlas u ma twestaq l-ebda operazzjoni li x'aktarx li tnaqqas l-assi ffriżati. Meta l-pretensjoni tas-sekwestru tiġi ggarantita b'ipoteka jew garanzija oħra *in rem*, il-kreditur li qed jitlob is-sekwestru jkun intitolat jitlob li tiġi mniżżla fir-reġistru tal-artijiet jew f'reġistri pubbliċi oħra.

#### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

*Għal qbid u sekwestru kawtelatorju*, il-limiti ta' żmien li ma jkoprx il-perjodu tal-mandat maħruġ mill-qorti jistgħu jiġu stabbiliti skont deċiżjoni tal-qorti (pereżempju, il-limitu ta' żmien meħtieġ għall-kreditur biex jippreżenta garanzija suġġett għal piena ta' rilaxx ta' assi).

Din l-ordni tkun valida sakemm is-sentenza tat-talba għar-rilaxx tal-assi jekk din it-talba tkun ġiet miċħuda, ma tkunx għadha valida jew titwarrab, jekk it-talba tkun aċċettata, sal-eżekuzzjoni tas-sentenza jew sakemm id-debitur jipprovdni garanzija suffiċjenti.

L-appell dejjem jiġi riżolt bit-taħrika tal-partijiet.

*Għal sekwestru eżekuttiv*, il-flus u l-assi kollha suġġetti għal sekwestru jiġu ffriżati mid-data meta l-mandat ta' sekwestru jintbagħat lit-terzi suġġetti għas-sekwestru. Mill-ħin tal-iffriżar sal-ħlas sħiħ tal-obbligi ddiċjarati fl-ordni ta' eżekuzzjoni, inkluż għall-perjodu ta' sospensjoni tal-eżekuzzjoni permezz tas-sekwestru, il-parti terza suġġetta għas-sekwestru ma tagħmel l-ebda ħlas u ma twestaq l-ebda operazzjoni li x'aktarx li tnaqqas l-assi ffriżati, sakemm il-liġi ma tipprevedix mod ieħor.

Terzi suġġetti għal sekwestru għandhom jirreġistraw l-ammont ta' flus jew jiffriżaw l-assi intanġibbli mobbli suġġetti għas-sekwestru fi żmien ħamest ijiem mill-avviż tas-sekwestru jew mid-data ta' meta kellu jsir il-ħlas tal-ammonti dovuti fil-ġejjieni. Il-marixxall tal-qorti jirrilaxxa jew jagħti l-ammont ta' flus irreġistrat.

Jekk terzi suġġetti għal sekwestru jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom, il-kreditur ta' rintraċċar, id-debitur jew il-marixxall tal-qorti, jistgħu jinnotifikaw lill-qorti li tkun ħarġet l-ordni eżekuttiva sabiex tivvalida s-sekwestru. Jekk l-evidenza amministrata turi li t-terzi li kienu suġġetti għas-sekwestru għandhom jagħtu flus lid-debitur, il-qorti għandha tieħu deċiżjoni li tivvalida s-sekwestru u b'hekk torbot lit-terzi suġġetti għas-sekwestru biex iħallsu lill-kreditur l-ammont dovut lid-debitur u, jekk le, tiddeċiedi li twarrab is-sekwestru. Jekk is-sekwestru jkun ġie eżegwit fuq assi intanġibbli mobbli, li fid-data tal-eżekuzzjoni, kienu miżmuma minn terzi suġġetti għal sekwestru, il-qorti tiddeċiedi li tbigħhom.

*Għall-preżentazzjoni tal-evidenza*, l-evidenza ppreżentata tiġi eżaminata fil-qorti, waqt is-sentenza tal-kawża, b'rabta mal-ammissibbiltà u l-konklussività tagħha. Ix-xhieda ppreżentata tista' tintuża wkoll mill-parti li ma tkunx talbet l-amministrazzjoni tagħhom. Spejjeż imġarrba mal-amministrazzjoni tal-evidenza huma reġistrati mill-qorti li tkun qed tittratta l-każ fuq il-merti tiegħu.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Għall-qbid u s-sekwestru kawtelatorji il-konklużjoni tkun suġġetta biss għal appell fi żmien ħamest ijiem mid-data tad-deċiżjoni jew tan-notifika, skont jekk il-proċess kien sar bil-partijiet imħarrkin jew mingħajrhom, quddiem il-qorti ġerarkikament superjuri. Jekk il-ġurisdizzjoni tal-prim' istanza tirrigwarda l-qorti tal-appell, ir-rimedju jkun appell. L-effett ta' dawn ir-rimedji huwa jew ir-rilaxx tal-assi jew iż-żamma tal-miżuri kawtelatorji. Kwalunkwe parti interessata tista' tippreżenta oġġezzjoni kontra l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' qbid/sekwestru.

*Għal sekwestru eżekuttiv*, id-deċiżjoni maħruġa fir-rigward tal-validazzjoni tas-sekwestru tkun suġġetta biss għal appell fi żmien ħamest ijiem min-notifika. Id-deċiżjoni ta' validazzjoni finali jkollha l-effetti ta' ċessjoni tal-pretensjonijiet u tammonta għal ordni ta' eżekuzzjoni kontra t-terzi suġġetti għall-ordni ta' sekwestru sa ftehim dwar l-ammonti li nġatat validazzjoni għalihom. Wara li l-anness jiġi vvalidat, it-terzi suġġetti għas-sekwestru jipproċedu għal reġistrazzjoni jew ħlas, fil-limiti tal-ammont indikat espressament fid-deċiżjoni tal-validazzjoni.

Għal eżekuzzjoni provviżorja, jekk it-talba tkun ġiet miċħuda mill-qorti tal-prim'istanza, din tista' tkun suġġetta għal appell. Is-sospensjoni ta' eżekuzzjoni provviżorja tista' tintalab jew permezz tal-appell ippreżentat, jew b'mod distint matul il-proċedura ta' appell. Sakemm it-talba għal sospensjoni tiġi solvuta, l-eżekuzzjoni tista' tiġi aċċettata b'mod provviżorju permezz ta' inġunzjoni interlokutorja anke qabel il-wasla tal-atti tal-kawża.

**Għall-preżentazzjoni tal-evidenza, il-konklużjoni li ssostni t-talba għall-preżentazzjoni tal-evidenza hija eżekutorja u ma hija soġġetta għal ebda rimedju. Il-konklużjoni li tiċħad talba tista' tiġi appellata biss fi żmien ħamest ijiem mid-deċiżjoni, jekk il-partijiet ikun ġew imħarrkin, u mid-data tan-notifika, jekk il-partijiet ma jkunux ġew imħarrkin.**

**Ix-xhieda li għandha tiġi ppreżentata tista' tiġi amministrata biss fil-limitu ta' żmien stipulat f'dan ir-rigward. L-amministrazzjoni tax-xhieda ppreżentata tiġi aċċertata f'konklużjoni li ma tkun soġġetta għal ebda rimedju.**

L-aħħar aġġornament: 08/08/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiż tal-UE - Slovenja

### 1 X'in huma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-miżuri temporanji u kawtelatorji stabbiliti mill-Att dwar l-Eżekuzzjoni u l-Garanzija ta' Talbiet Ċivili (Zakon o izvršbi in zavarovanju, ZIZ) huma ordnijiet preliminari u provviżorji.

Bħala miżuri kawtelatorji (fuq medda twila ta' żmien), fis-sens tal-eżekuzzjoni furzata tat-talbiet, iz-ZIZ jippermetti l-garanzija permess tal-iskrizzjoni ta' ipoteka fuq proprjetà immobbli, l-iskrizzjoni ta' ipoteka fuq proprjetà mobbli u l-iskrizzjoni ta' ipoteka fuq interess parteċipanti. Kreditur jista' jitlob miżuri għall-eżekuzzjoni furzata tat-talbiet fuq l-istess bażi tal-eżekuzzjoni, jiġifieri permezz ta' titolu eżekuttiv, b'differenza mill-miżuri preliminari u provviżorji, li huma miżuri ta' natura temporanja u jistgħu jintalbu skont il-kundizzjonijiet stabbiliti aktar 'l isfel.

### 2 X'in huma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

**Miżura preliminarja:** Qorti tordna miżura preliminarja wara deċiżjoni ta' qorti domestika jew ta' korp b'rabta ma' talba finanzjarja li għadha mhix eżegwibbli, jekk il-kreditur juri li probabbli hemm riskju li mingħajrha l-eżekuzzjoni tat-talba tkun impossibbli jew tkun sinifikament aktar diffiċli.

**Il-miżuri provviżorji** huma miżuri limitati bi żmien għall-eżekuzzjoni ta' miżuri maħsuba biex jew iżommu l-istatus quo jew biex jistabbilixxu sitwazzjoni għadha provviżorja li tippermetti l-eżekuzzjoni effettiva tat-talbiet tal-kreditur aktar 'il quddiem (miżuri ta' natura protettiva) jew biex jiġu evitati konsegwenzi serji u dannużi u t-tneħħija ta' vjolenza (miżuri ta' natura regolatorja).

Skont iz-ZIZ, **il-miżuri provviżorji** jistgħu jinqasmu f' **miżuri biex jiġu eżegwiti talbiet finanzjarji** u **miżuri sabiex jiġu eżegwiti talbiet mhux finanzjarji**.

Qorti tordna **miżura provviżorja biex tiġi eżegwita talba finanzjarja** jekk il-kreditur jista' juri l-probabbiltà tal-eżistenza ta' talba jew li se jkun hemm talba kontra d-debitur, fejn il-kreditur irid juri l-possibiltà reali ta' riskju li, minħabba t-tneħħija, il-ħabi jew użu ieħor tal-proprjetà mid-debitur, l-eżekuzzjoni tat-talba ssir impossibbli jew sinifikament aktar diffiċli.

Kreditur mhux obligat juri li hemm riskju, jekk huwa juri li huwa probabbli li d-debitur se jbatu biss minn ħsara żgħira minħabba l-miżura proposta. Riskju jitqies li ġie ppruvat jekk it-talba trid tiġi eżegwita barra l-pajjiż, sakemm trid tiġi eżegwita fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Qorti tordna **miżura provviżorja biex teżegwixxi talba mhux finanzjarja** jekk il-kreditur jista' juri l-probabbiltà tal-eżistenza ta' talba jew li se jkun hemm talba kontra d-debitur.

Il-kreditur irid juri wkoll li teżisti waħda mill-prekundizzjonijiet li ġejjin:

ir-riskju li l-eżekuzzjoni tat-talba tkun impossibbli jew sinifikament aktar diffiċli;

il-miżuri hija meħtieġa sabiex jiġi evitat l-użu tal-forza jew li jsir dannu li ma jistax jissewwa;

id-debitur ma jbatix aktar konsegwenzi ta' ħsara milli l-kreditur jekk il-miżura provviżorja tinstab li ma kellhiex bażi matul il-proċedimenti.

#### 2.1 Il-proċedura

**Miżura preliminarja:** Il-qorti kompetenti biex twettaq l-eżekuzzjoni fuq l-oġġett li għalih saret talba għall-eżekuzzjoni għandha ġurisdizzjoni territorjali biex tiddeċiedi dwar talba għall-eżekuzzjoni ta' talba permezz ta' miżura provviżorja u biex tiġi eżegwita t-talba nnifisha.

Wara li tkun ġiet ippreżentata talba għal miżura provviżorja u wara li tkun eżaminat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' miżura provviżorja, il-qorti tagħti deċiżjoni fejn tindika, inter alia, l-ammont tat-talba b'ipoteka, bl-ispejjeż u l-interessi, il-garanzija ordnata u l-perjodu ta' żmien mogħti mill-qorti. Miżura provviżorja ma tistax iddum fis-seħħ aktar minn ħmistax il-jum minn mindu jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni.

Jekk il-perjodu li fih il-qorti tippermetti miżura provviżorja jiskadi qabel ma ssir eżegwibbli d-deċiżjoni li fuqha nħarġet il-miżura provviżorja, il-qorti, wara talba tal-kreditur, testendi l-miżura, sakemm ma jkunux inbiddu ċ-ċirkustanzi li għalihom inħarġet.

**Miżura provviżorja:** Jekk ikunu bdew proċedimenti ċivili jew oħrajn, id-deċiżjoni tittieħed mill-qorti kompetenti li quddiemha se isiru l-proċedimenti. F'każ ta' talbiet għall-garanzija ta' talba permezz ta' miżura provviżorja ppreżentata qabel il-proċedimenti l-qorti li fihom il-qorti tiddeċiedi fi proċedimenti speċjali regoli għal tilwim matrimonjali u tilwim marbut mar-responsabbiltà għat-tfal, u biex tiggarrantixxi t-talba innifisha, il-qorti distrettwali li jkollha ġurisdizzjoni fuq dawn il-proċedimenti għandha ġurisdizzjoni. F'każ ta' talbiet għall-garanzija ta' talba permezz ta' miżura provviżorja ppreżentata qabel il-proċedimenti l-qorti ibbażati fuq att li jirregola l-vjolenza domestika u biex tiggarrantixxi t-talba nnifisha, il-qorti distrettwali li jkollha ġurisdizzjoni fuq dawn il-proċedimenti għandha ġurisdizzjoni. Jekk ikunu għadhom ma bdewx proċedimenti ċivili jew proċedimenti ġudizzjarji oħra, il-qorti kompetenti biex tiddeċiedi dwar it-talba biex tiġi eżegwita talba permezz ta' miżura provviżorja u biex tiġi eżegwita t-talba nnifisha hija l-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali li jkollha kompetenza tiddeċiedi dwar it-talba għall-eżekuzzjoni.

Għalhekk il-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti biex jordnaw miżuri provviżorji f'dawn il-każijiet tiġi determinata b'rabta mal-oġġett tal-eżekuzzjoni tat-talba. Jekk l-oġġett huwa proprjetà mobbli, il-qorti bil-ġurisdizzjoni territorjali hija l-qorti tal-eżekuzzjoni fiż-żona fejn tinsab il-proprjetà jew iż-żona fejn id-debitur għandu r-residenza temporanja jew permanenti tiegħu. Jekk it-talba li trid tiġi eżegwita hija talba finanzjarja, titolu bla ċertifikat jew xi dritt fuq proprjetà oħra tad-debitur, il-qorti bil-ġurisdizzjoni territorjali hija għeneralment il-qorti li tkopri ż-żona li fiha d-debitur għandu r-residenza permanenti tiegħu jew l-uffiċċju registrali. Jekk it-talba li trid tiġi eżegwita hija dwar sehem soċju f'kumpanija, il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali hija l-qorti li tkopri ż-żona li fiha jinsab l-uffiċċju registrali tal-kumpanija. Jekk it-talba li trid tiġi eżegwita hija dwar proprjetà immobbli, il-qorti b'ġurisdizzjoni territorjali hija l-qorti li tkopri ż-żona li fiha tinsab il-proprjetà immobbli.

#### 2.1 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Qorti tordna **miżura preliminarja** wara deċiżjoni ta' qorti domestika jew ta' korp b'rabta ma' talba finanzjarja li għadha mhix infurzabbli, jekk il-kreditur juri li probabbli hemm riskju li mingħajrha l-eżekuzzjoni tat-talba tkun impossibbli jew tkun sinifikament aktar diffiċli. Dan it-tip ta' riskju jitqies pruvat jekk it-talba għall-eżekuzzjoni ta' talba permezz ta' miżura preliminarja tkun ibbażata fuq waħda minn dawn li ġejjin:

fuq sentenza mogħtija fi proċedimenti kriminali li tkun laqgħet it-talba dwar proprjetà tar-rikorrent u jkun sar appell kriminali mis-sentenza;

fuq deċiżjoni li biha l-infurzar kien isir barra l-pajjiż, sakemm l-infurzar ma kienx isir fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

fuq sentenza ta' rikonoxximent li ġiet appellata (f'dan il-każ il-qorti tista', wara talba tad-debitur, tistabbilixxi kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tat-talba permezz ta' miżura preliminarija fejn il-kreditur jagħti depożitu bħala garanzija għall-ħsara li d-debitur jista' jsofri minħabba l-miżura preliminarija);

fuq ftehim konkluż quddiem qorti jew korp amministrattiv li ġie kkontestat skont il-liġi (f'dan il-każ il-qorti tista', wara talba tad-debitur, tistabbilixxi kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tat-talba permezz ta' miżura preliminarija fejn il-kreditur jagħti depożitu bħala garanzija għall-ħsara li d-debitur jista' jsofri minħabba l-miżura preliminarija);

fuq att notarili li huwa titolu eżekuttiv fuq talba finanzjarja li għadu ma skadiex iż-żmien tagħha.

Qorti tippermetti l-eżekuzzjoni ta' talba permezz ta' miżura preliminarija għal ammont ta' manteniment permess mil-liġi li għadu jrid jifhallas, kumpens għal manteniment mitluf minħabba l-mewt tal-persuna li kellha tħallsu, u kumpens għal danni kaġunati minn tnaqqis ta' attività jew tnaqqis fi jew telf tal-kapaċità għax-xogħol biss għal somom li jridu jitħallsu fi żmien sena.

F'dawn il-każijiet, ikun hemm preżunzjoni li riskju ġie ppruvat jekk l-infurzar ta' talba għall-irkupru ta' somma li trid tiffallas diġà ntab kontra d-debitur, jew jekk dan l-infurzar ġie propost.

Qorti tordna **miżura preliminari biex tiggarrantixxi talba finanzjarja** skont il-kundizzjonijiet li ġejjin: jekk il-kreditur jista' juri l-probabbiltà tal-eżistenza ta' talba jew li se jkun hemm talba kontra d-debitur, u jekk il-kreditur juri l-possibiltà reali ta' riskju, minħabba t-tneħħija, il-ħabi jew użu ieħor tal-proprjetà mid-debitur, l-eżekuzzjoni tat-talba ssir impossibbli jew sinifikament aktar diffiċli (riskju soġġettiv).

Qorti tordna **miżura preliminari biex tiggarrantixxi talba mhux finanzjarja** skont il-kundizzjonijiet li ġejjin: jekk il-kreditur jista' juri l-probabbiltà tal-eżistenza ta' talba jew li se jkun hemm talba kontra d-debitur, u jekk il-kreditur juri l-probabbiltà ta' waħda minn dawn il-prekundizzjonijiet li ġejjin: ir-riskju li l-infurzar tat-talba jkun impossibbli jew aktar diffiċli (riskju oġġettiv), li l-miżura hija meħtieġa sabiex tiġi evitata l-forza jew li ssir ħsara li ma tissewwhiex, u li d-debitur mhux se jsofri minn konsegwenzi aktar dannużi mill-kreditur jekk il-miżura provviżorja tinstab li nħarġet mingħajr raġuni valida matul il-proċedimenti.

Fiż-żewġ każijiet (miżuri provviżorji biex jiggarrantixxu talba finanzjarja u miżuri provviżorji biex jiggarrantixxu talba mhux finanzjarja), kreditur mhux obligat juri li hemm riskju, jekk juri li hemm il-probabbiltà li d-debitur se jġarrab biss ħsara żgħira minħabba l-miżura mitluba. Fiż-żewġ każijiet, riskju jitqies li ġie ppruvat jekk it-talba trid tiġi eżegwita barra l-pajjiż, sakemm trid tiġi eżegwita fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

### **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

#### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?**

Il-proprjetà kollha tad-debitur hija soġġetta għal miżura preliminari jew provviżorja, pereżempju flus depożitati f'kontijiet il-bank, proprjetà mobbli, vetturi reġistrati, proprjetà immobbli u drittijiet oħra fuq proprjetà sakemm mhumiex eżenti mill-infurzar skont il-liġi jew ma hemmx dritt limitat bil-liġi fuq l-infurzar fuq oġġetti (pereżempju oġġetti li mhumiex għall-bejgħ, il-ġid minerali, oġġetti meħtieġa mid-debitur biex jagħti servizz pubbliku, eċċ).

#### **3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?**

**Miżuri preliminari:** Qorti tista' tispeċifika l-miżuri preliminari li ġejjin: il-qbid ta' proprjetà immobbli u r-reġistrazzjoni tal-qbid fir-reġistru, jekk jinżamm reġistru għal dan il-għan; il-qbid ta' kreditu finanzjarju jew ordni sabiex jiġu jingħataw l-oġġetti; l-iskrizzjoni ta' drittijiet oħra fuq il-proprjetà jew drittijiet materjali; il-qbid ta' talbiet monetariju fuq il-kont tad-debitur f'istituzzjoni ta' ħlas; l-iskrizzjoni ta' ipoteka fir-reġistru tal-kumpaniji fuq sehem ta' soċju f'kumpanija, jew fir-reġistru ċentrali ta' titoli mingħajr ċertifikat fuq titolu mingħajr ċertifikat; l-iskrizzjoni provviżorja ta' ipoteka fuq il-proprjetà immobbli tad-debitur jew dritt iskritt fuq il-proprjetà immobbli.

Qorti tista' tawtorizza l-bejgħ tal-oġġetti mobbli maqbuda jekk ikun hemm riskju li jintilfu jew li l-prezz tagħhom jonqos sew, fejn il-bejgħ tal-oġġetti maqbuda jsir skont id-dispożizzjonijiet taz-ZIZ dwar l-infurzar fuq il-proprjetà mobbli.

Jekk il-qorti tilqa' talba permezz ta' ordni preliminari, hija tista', fuq talba tal-kreditur jew tad-debitur, tawtorizza t-trasferiment tal-kreditu projbit lill-kreditur għall-irkupru fejn ikun hemm riskju li d-dewmien iwassal għat-telf tal-kreditu jew li jintilf id-dritt għal kawża kontra terza persuna.

L-ammont miġjub mill-bejgħ tal-oġġetti jew l-irkupru ta' kreditu jinżamm mill-qorti sakemm tintemm il-miżura provviżorja jew sakemm il-kreditur jitleb l-infurzar, iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn 30 jum mid-data li fiha t-talba ssir eżegwibbli.

**Miżura provviżorja:** *Il-miżuri provviżorji biex jiggarrantixxu talbiet finanzjarji* jistgħu jkunu kull miżura li kapaċi tikseb l-għan li tiggarrantixxi talba u, skont l-għanijiet li trid tikseb, tista' tkun sempliċement ta' natura protettiva. Il-liġi tagħti lista tat-tip ta' miżuri provviżorji li ġejjin biex jiġu garantiti talbiet finanzjarji, pereżempju: projbizzjoni fuq debitor li ma jistax jagħmel użu ħieles minn proprjetà mobbli, u l-kustodja ta' din il-proprjetà; projbizzjoni fuq debitor fuq it-trasferiment jew l-ipotekar tad-drittijiet fuq il-proprjetà immobbli tiegħu jew id-drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli rreġistrati favur tiegħu, b'din il-projbizzjoni rreġistrata fir-reġistru tal-artijiet; projbizzjoni fuq debitor tad-debitur li qed iħallas krediti dovuti jew qed jagħti lura proprjetà lid-debitur, u projbizzjoni fuq debitor li jirċievi l-proprjetà, jifhallas tal-kreditu jew li jagħmel użu ħieles minnhom; struzzjonijiet lill-organizzazzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas biex tirrifuta ħlas mill-kont tad-debitur lid-debitur jew persuna oħra fuq struzzjonijiet tad-debitur tas-somma ta' flus li fuqha nħareġ mandat ta' qbid.

*Il-miżuri provviżorji biex jiggarrantixxu talbiet mhux finanzjarji* jistgħu jkunu kull miżura li kapaċi tikseb l-għan li tiggarrantixxi t-talba u, skont l-għanijiet li trid tikseb, tista' tkun sempliċement ta' natura protettiva. Il-liġi tagħti lista tat-tip ta' miżuri provviżorji li ġejjin biex jiġu garantiti talbiet mhux finanzjarji, pereżempju: projbizzjoni fuq it-trasferiment jew l-ipotekar tal-proprjetà immobbli li għaliha tirreferi t-talba, u l-ordni għall-kustodja ta' din il-proprjetà; projbizzjoni fuq debitor fuq it-trasferiment jew l-ipotekar tad-drittijiet fuq il-proprjetà immobbli li għaliha tirreferi t-talba, bir-reġistrazzjoni ta' din il-projbizzjoni fir-reġistru tal-artijiet; projbizzjoni fuq id-debitur milli jagħmel xi ħaġa li tista' tikkawża ħsara lill-kreditur, jew li jbidel xi ħaġa fil-proprjetà li għaliha tirreferi t-talba u multa f'każ ta' ksur ta' din il-projbizzjoni; projbizzjoni fuq id-debitur ta' debitor sabiex ma jkunx jista' jagħti lil dan tal-aħħar il-proprjetà li għalih tirreferi t-talba; l-għoti ta' kumpens lil impjegat għall-introjtu mitluf filwaqt li għaddejjia tilwima dwar il-legalità ta' deċizzjoni biex jintemm l-impjeg tiegħu, fejn dan il-kumpens huwa neċessarju għall-għajxien tal-impjegat u dawk il-persuni li huwa legalment obligat li jmantni.

Meta d-deċizzjoni fuq ordni provviżorju tingħata fi proċedimenti ċivili jew proċedimenti oħra, għandha l-effett ta' deċizzjoni ta' infurzar; dan jippermetti azzjoni biss fejn jidhru l-interessi tad-debitur u mhux ta' persuna terza. Il-ħruġ ta' miżura provviżorja għalhekk ma jwassalx għal ipoteka fuq l-oġġetti li jrid jitqiegħed fiż-żgur.

Għalhekk, meta pereżempju, il-miżura provviżorja żżomm lid-debitur milli jagħmel użu ħieles tal-oġġetti li jrid jiġi mqiegħed fiż-żgur, dan ma jwaqqafx persuna oħra milli tiegħu passi ġudizzjarji fir-rigward ta' dak l-oġġett (pereżempju fi proċedimenti ta' infurzar). Jekk id-debitur ma jagħtix kas miżura ta' dan it-tip, l-unika konsegwenza hija li l-kreditur għandu dritt jikkontesta l-atti ġudizzjarji li kkaġunaw l-ħsara, skont ir-regoli ġenerali tal-liġi tal-obbligazzjonijiet. Il-persuni li jakkwistaw il-proprjetà li ma jistax juża d-debitur f'dawn il-każijiet huma mħarsa jekk huma akkwistawha in bona fede (ma kenux jafu u ma setgħux ikunu jafu li dan l-att ikkaġuna ħsara lill-kreditur). Jekk il-persuna li akkwistat il-proprjetà għamlet dan b'mala fede, l-att ġudizzjarju ma jibqax jgħodd biss fir-rigward tal-kreditur (ir-rikorrent) u sa fejn hu meħtieġ biex tiffallas il-pretensjoni tal-kreditur.

Meta d-debitur jikser miżura provviżorja, huwa responsabbli kriminalment ukoll għar-reat tal-ksur tad-drittijiet ta' ħaddieħor. Il-qorti li tordna l-miżura provviżorja tista' twaħħal multa lid-debitur li jikser il-kundizzjonijiet tal-miżura provviżorja, filwaqt li d-debitur għandu dritt għal kumpens mill-kreditur għad-danni kkawżati lill-minħabba miżura provviżorja li ma kienetx fondata jew li għaliha ma kellux dritt il-kreditur.

miżura provviżorja tista' tipprojbixxi li jsiru pagamenti lid-debitur tad-debitur (pereżempju bank); f'dan il-każ il-projbizzjoni sseħħ mill-mument tan-notifika lid-debitur tad-debitur. Man-notifika tal-projbizzjoni, id-debitur tad-debitur ma jistax iwettaq l-obbligi tiegħu fil-konfront tad-debitur u jista' jkollu jħallas kumpens lill-kreditur. Fil-proċeduri ta' ħruġ ta' miżura provviżorja, il-bank jista' jagħti informazzjoni dwar l-eżistenza u n-numru ta' tranżazzjonijiet fil-kontijiet, jew mandati

oħra li d-debitur għandu fuq il-kont, wara talba tal-qorti biss; informazzjoni dwar in-numri tal-kontijiet kurrenti tal-persuni ġuridiċi u dwar jekk dwak il-kontijiet humiex iffriżati hija madankollu aċċessibbli lill-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija tar-Repubblika tas-Slovenja għall-Arkivji Legali u Servizzi Relatati (Agencija Republike Slovenije za javnopravne evidence in storitve).

### 3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Deċiżjoni dwar *miżura provviżorja maħruġa minn qorti għandha tindika, inter alia*-ammont tal-kreditu maqbud, bl-ispejjeż u l-interessi, il-garanzija ordnata u l-**perjodu ta' żmien li tippermetti l-qorti**, fejn il-miżura provviżorja ma' jistax idum *aktar minn ħmistax mid-dħul fis-seħħ tal-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni*.

Il-perjodu ta' validità ta' *miżura provviżorja* mhux iffissat mil-liġi; anzi jiġi determinat mill-qorti fid-deċiżjoni tagħha li toħroġ il-miżura provviżorja. Jekk l-ordni jinħareġ qabel is-sottomissjoni ta' rikors jew il-bidu ta' proċedura oħra, jew jekk jinħareġ mandat għal kreditu li għadu ma sarx dovut, il-qorti tagħti skadenza lill-kreditur sabiex jibda proċedura jew jippreżenta rikors. Jekk il-kreditur jonqos mill-jdaħħal rikors jew jibda proċedura oħra qabel ma jiskadi l-ħin mogħti lill-mill-qorti, il-qorti twaqqaf il-proċedimenti. Il-miżuri kawtelatorji jistgħu jibqgħu fis-seħħ wara d-data li fiha tiġi ppubblikata d-deċiżjoni li l-qorti tkun ħadet fir-rigward tagħhom.

### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Debitur jista' jippreżenta oġġezzjoni kontra deċiżjoni dwar miżura provviżorja jew deċiżjoni dwar miżura provviżorja fi żmien tmint'ijiem min-notifka tad-deċiżjoni. Dan għandu jsir quddiem il-qorti li ħarġet id-deċiżjoni dwar il-miżura preliminarja jew il-miżura provviżorja; dik l-istess qorti mbagħad tiddeċiedi dwar l-oġġezzjoni nnifisha.

Debitur jew kreditur jistgħu jappellaw deċiżjoni tal-qorti dwar oġġezzjoni u kontra deċiżjoni li tiċħad talba għal miżura provviżorja quddiem il-qorti li tat id-deċiżjoni fi żmien tmint'ijiem min-notifika ta' dik id-deċiżjoni. Dan l-appell jinstema' minn qorti tat-tieni istanza. Bħala regola ġenerali l-oġġezzjonijiet u l-appelli ma jwaqqfux il-proċedimenti.

#### Fonti relatati

<http://www.pisrs.si/Pis.web/>

<https://www.uradni-list.si/>

<http://www.dz-rs.si/wps/portal/Home/deloDZ/zakonodaja/preciscenaBesedilaZakonov>

<http://www.sodisce.si/>

<http://www.ajpes.si/>

L-aħħar aġġornament: 09/01/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Slovakkja

#### 1 X'in huma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-liġi Slovakka tirrikonoxxi l-kunċetti ta' "miżuri urġenti", "miżura ta' prekawzjoni", u l-"ħarsien tal-evidenza". Id-dispożizzjonijiet korrispondenti jistgħu jinsabu fl-Artikolu 324 *et seq.* tal-Att Nru 160/2015, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għat-Tilwim, u - għal proċedimenti speċjali - fl-Artikolu 360 *et seq.* tal-Att Nru 161/2015, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili għal dak li ma jirriżultawx mit-Tilwim.

Abbażi ta' miżura ta' prekawzjoni, il-qorti tista' tistabilixxi piż fuq il-proprietà, id-drittijiet jew l-assi oħra tad-debitur sabiex tassigura talba monetarja tal-kreditur fejn hemm biża' li l-infurzar se jiġi kompromess.

Tiġi ordnata miżura urġenti mill-qorti fejn jinħtieġ li ċ-ċirkustanzi jiġu rregolati minnufih jew fejn hemm biża' li l-infurzar se jiġi sfrattat, u jekk l-għan imfittex ma jistax jinkiseb permezz ta' miżura ta' prekawzjoni. It-tali deċiżjoni tista' sserve wkoll bħala garanzija tal-effiċjenza tal-infurzar futur ta' deċiżjoni tal-qorti.

Il-kunċett tas-salvagwardja tal-evidenza jippermetti sabiex l-evidenza (ta' kwalunkwe tip, kemm jekk minn xhud, espert jew xi ħadd simili) tiġi ssalvagwardjata qabel il-proċedimenti abbażi ta' mozzjoni - mhux bl-inizjattiva tal-qorti. Huwa antiċipat li din il-mozzjoni tista' tkun ippreżentata minn persuna li hija f'pożizzjoni li tagħmel rikors għall-ftuħ ta' proċedimenti li fihom jistgħu jintużaw ir-riżultati tas-salvagwardja ta' evidenza.

#### 2 X'in huma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

##### 2.1 Il-proċedura

Il-qorti distrettwali bil-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar każ hija kompetenti biex tordna miżura urġenti jew miżura ta' prekawzjoni.

Il-qorti tiddeċiedi dwar miżura urġenti jew miżura ta' prekawzjoni f'każ ta' mozzjoni. Ebda mozzjoni ma hija meħtieġa jekk miżura urġenti jew miżura ta' prekawzjoni tappartjeni lill-proċedimenti li jistgħu jinbdeu minn qorti *ex officio*.

Ir-rappreżentanza legali obbligatorja mhijiex preskritta mil-liġi.

Skont il-liġi rilevanti, hemm tariffa ta' EUR 33 għal mozzjoni għall-ħruġ jew il-kanċellazzjoni ta' miżura.

Ma hemm ebda spejjeż għall-ħarsien ta' evidenza. L-istat iħallas għall-ispejjeż tal-evidenza li mhumiex koperti minn avvanz. Madankollu, il-qorti tista' tordna parti li ma tikkwalifikax għall-eżenzjoni mit-tariffi tal-qorti biex jiġi ddepożitat avvanz għall-ispejjeż tal-evidenza, mingħajr ma jintilef l-intitolament għar-rimborż aktar tard.

Il-liġi ma tistipula lanqas rappreżentanza legali obbligatorja f'dan il-każ.

L-evidenza tista' tiġi mħarsa b'dan il-mod kemm fi proċedimenti kontenzjużi u mhux kontenzjużi.

##### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Il-qorti tista' tordna miżuri urġenti qabel, matul u wara l-proċedimenti. B'miżura ta' prekawzjoni, ikun hemm il-lok ta' tariffa meta jinħareġ ordni għal miżura ta' prekawzjoni.

Qabel, matul u wara l-proċedimenti prinċipali, l-evidenza tista' tiġi mħarsa abbażi ta' mozzjoni meta hemm biża' li mhumiex se jkun sussegwentement possibbli affattu, jew inkella b'diffikultà kbira biss, li tittieħed l-evidenza. Il-ħarsien ta' evidenza hija l-kompetenza ta' qorti bil-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi dwar każ jew qorti li fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tagħha tista' tinsab l-evidenza li hija f'riskju. Barra mid-dispożizzjonijiet ġenerali, il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għat-Tilwim fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-ħarsien ta' evidenza f'każijiet ta' proprietarjiet intellettwali.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Il-qorti tista' timponi miżura urġenti li teħtieġ, b'mod partikolari, li parti:

(a) tħallas il-manteniment sal-limitu meħtieġ;

(b) tqiegħed minuri f'kustodja tal-ġenitur l-ieħor jew f'kustodja ta' persuna maħtura mill-qorti;

(c) tipprovi tal-inqas parti mis-salarju tagħha, jekk hija impjegata, f'każ li r-rikorrent, għal raġunijiet serji, ma jaħdimx;

(d) tqiegħed somma ta' flus jew xi assi f'post sikur ġudizzjarju;

(e) ma tittrasferixxi ċerti assi jew drittijiet;

(f) twestaq, jew tieqaf milli twestaq, jew tippermetti attività partikolari;

(g) tieqaf temporanjament milli tidħol f'dar jew appartement li fih tgħix persuna viċina jew persuna li hija taħt il-kura jew akkarigu ta' dik il-parti, u li fir-rigward tagħha hemm suspett raġonevoli ta' vjolenza;

(h) tieqaf milli tmexxi, tikser jew tippreġudika dritt ta' proprjetà intellettuali.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Id-definizzjonijiet tat-tipi ta' miżuri urġenti huma ntiżi bħala eżempji, li jfisser li l-qorti tista' tordna miżuri urġenti li jkopru oqsma oħra.

Miżura urġenti jew miżura ta' prekawzjoni li abbażi tagħha parti għandha tieqaf milli tittrasferixxi l-assi jew id-drittijiet tikkostitwixxi interdizzjoni mit-trasferiment tal-assi jew mid-drittijiet, meta, pereżempju, hemm biża' li l-parti konvenuta tista' tagħmel użu ħażin tagħhom (tittrasferixxihom lil persuna oħra, teqridhom jew tikkawżalhom ħsara, eċċ.).

Il-qorti tista' tagħti deċiżjoni dwar miżura urġenti jew miżura ta' prekawzjoni mingħajr ma tisma' l-partijiet. Fi kliem ieħor, il-partijiet ma hemmx għalfjejn jinstemgħu qabel id-deċiżjoni. Dan huwa kunċett marbut mal-fatt li smiġh jista' jħassar l-għan tal-miżura urġenti u l-miżura ta' prekawzjoni u l-fatt li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, l-evidenza ma titteħidx fit-tali attività ġudizzjarja. Dan ma jfissirx li l-qorti ma tistax tordna l-partijiet sabiex jinstemgħu. Jekk tagħmel dan, hija trid tikkonforma mar-regoli kollha dwar it-teħid tal-evidenza proċedurali. Jekk il-qorti tiegħu l-evidenza unikament fil-forma ta' strumentazzjoni, it-tali evidenza ma titteħidx f'seduta pubblika. Minflok, il-qorti teżerċita s-setgħa ta' dixxerniment mingħajr ma tirreaġixxi mal-partijiet.

Miżura urġenti hija eżegwibbli man-notifika, sakemm ma jiġix previst mod ieħor permezz ta' leġiżlazzjoni speċjali.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Miżura urġenti jew protettiva tiġi mħassra:

(a) mal-iskadenza tal-perjodu li għalih tkun ġiet ordnata;

(b) jekk din tkun ġiet ordnata wara l-bidu tal-proċedimenti prinċipali u l-qorti tal-ewwel istanza jew il-qorti tal-appell tiċhaq l-azzjoni jew ma tkomplex il-proċedimenti;

(c) jekk, fid-digriet tagħha, il-qorti tistabbilixxi data ta' skadenza għal mozzjoni li għandha tingħieb fil-proċedimenti prinċipali, iżda ebda mozzjoni ma ssir sa dik id-data ta' skadenza;

(d) jekk il-qorti tilqa' l-azzjoni fil-proċedimenti prinċipali;

(e) fejn mhuwix aktar meħtieġ skont l-istatus ta' eżekuzzjoni.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Huwa possibbli li jsir appell kontra ordni għal miżura urġenti jew miżura ta' prekawzjoni. Il-qorti kompetenti biex tiddeċiedi dwar rimedju hija l-qorti tal-appell bil-ġurisdiżjoni debita, jiġifieri l-qorti tat-tieni istanza li hija oġġetta mill-qorti tal-ewwel istanza li ordnat il-miżura urġenti jew il-miżura ta' prekawzjoni.

L-appelli jridu jsiru fi żmien 15-il jum min-notifika tad-digriet tal-qorti li qed jiġi appellat. Il-preżentazzjoni ta' appell ma għandux effett sospensiv.

L-aħħar aġġornament: 06/05/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Finlandja

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Fil-Finlandja, il-kredituri u rikorrenti oħrajn fi proċedimenti ċivili jew kummerċjali jistgħu jiksibu miżuri kawtelatorji favorihom. L-iskop tal-miżuri kawtelatorji huwa li jiżguraw li kwalunkwe deċiżjoni mogħtija fi stadju aktar tard rigward il-merti tal-każ, tkun tista' tiġi eżegwita. Il-Kapitolu 7 tal-Kodiċi dwar il-Proċedura Ġudizzjarja (*oikeudenkäymiskaari*) jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-mandat ta' miżuri kawtelatorji u l-Kapitolu 8 tal-Kodiċi dwar l-Eżekuzzjoni (*ulosottokaari*) jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenzi. Hemm tliet tipi ta' miżuri kawtelatorji:

qbid biex jiġi garantit xi dejn dovut,

qbid biex jiġi garantit id-dritt ta' sjieda jew l-hekk imsejjaħ jedd ta' preferenza, u

miżuri kawtelatorji oħrajn (miżuri kawtelatorji ġenerali).

Dawn il-miżuri kawtelatorji, li jistgħu jintużaw fi kwistjonijiet ċivili ta' kwalunkwe tip, huma deskritti hawn taħt. Hemm ukoll miżuri kawtelatorji li jintużaw f'ċerti tipi ta' tilwim, abbażi ta' leġiżlazzjoni speċjali. Bħala eżempji nsibu l-miżura kawtelatorja biex tiġi garantita l-evidenza f'kawżi ċivili li jirrigwardaw id-drittijiet industrijali u d-drittijiet tal-awtur. Fil-kawżi kriminali jista' jiġi applikat l-Att dwar il-Miżuri Koersivi (*pakkokeinolaki*). Il-miżuri koersivi previsti fl-Att jinkludu l-mandat ta' qbid, il-mandat ta' deskriżjoni u l-mandat ta' sekwestru.

Hemm distinzjoni bejn il-miżuri kawtelatorji u l-eżekuzzjoni preliminari (provviżorja) tas-sentenzi f'kawżi ċivili. Din tal-aħħar tirreferi għall-eżekuzzjoni ta' sentenza qabel ma tkun saret definittiva u ma tkunx tista' tiġi appellata aktar. Sentenza f'kawża ċivili li tkun għadha mhux definittiva hija direttament eżegwibbli skont il-liġi, iżda normalment ma tkunx tista' tiġi eżegwita fl-integralità tagħha. Pereżempju, skont sentenza mhux definittiva mogħtija minn Qorti tal-prim'istanza fir-rigward ta' djun dovuti, il-beni tad-debitor jistgħu jiġu kkonfiskati jekk dan ma jagħtix xi garanzija għal dawn id-djun. Min-naħa l-oħra, il-beni kkonfiskati ma jistgħux jiġu aljenati u r-rikavati mill-bejgħ tagħhom ma jkunux jistgħu jingħataw lill-kreditur jekk dan tal-aħħar ma jagħtix xi garanzija. Għall-kuntrarju ta' dan, is-sentenzi f'kontumacia huma eżegwibbli fl-integralità tagħhom immedjatament.

### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

#### 2.1 Il-proċedura

Id-deċiżjonijiet biex jiġu ordnati t-tipi ta' miżuri kawtelatorji msemmija hawn fuq jittieħdu mill-Qrati Ġenerali, waqt li l-Qrati Distrettwali (*käräjäoikeus*) jieħdu r-rwol ta' Qrati tal-prim'istanza. Il-miżuri kawtelatorji ordnati mill-qorti jiġu eżegwiti mill-bailiffs. It-talbiet għall-miżuri kawtelatorji jitressqu quddiem il-qorti fejn ikunu għadhom għaddejnin il-proċedimenti legali dwar il-merti tal-każ. Jekk il-proċedimenti jkun għadhom ma nbdewx, it-talba għall-miżuri kawtelatorji trid tiġi indirizzata lill-Qorti Distrettwali li quddiemha jkun jridu jitressqu wkoll il-proċedimenti ewlenin dwar il-merti tal-każ.

Il-qorti ma tistax tapprova definittivament talba għall-miżuri kawtelatorji mingħajr ma toffri lill-intimat il-possibbiltà li jinstema'. Madankollu, il-qorti tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent għal miżuri kawtelatorji provviżorji mingħajr ma tisma' lill-parti l-oħra, jekk l-iskop ta' dawn il-miżuri kawtelatorji jkun qed jirriskja li jiġi kompromess. Fil-prattika, il-miżuri kawtelatorji jistgħu jinkisbu b'mod rapidu ħafna. Id-deċiżjonijiet provviżorji jibqgħu validi sakemm ma tingħatax deċiżjoni li tistabbilixxi l-kuntrarju.

Jekk ir-rikorrent diġà jkollu raġuni għall-eżekuzzjoni, iżda ma jkunx possibbli li din twestaq immedjatament, il-bailiff jista', soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, jordna direttament miżuri kawtelatorji fuq bażi temporanja. Hawn taħt se jiġu deskritti biss il-miżuri kawtelatorji ordnati mill-qrati.

#### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Ir-reqwiżiti għall-mandat ta' qbid biex jiġi garantit dejn dovut jew jedd ta' preferenza huma dawn li ġejjin:

Ir-rikorrent irid juri b'mod adegwat li, fil-konfront tal-intimat, ikollu dejn dovut li jista' jkun suġġett ta' mandat jew jedd ta' preferenza għal proprjetà partikolari; u Irid ikun hemm ir-riskju li l-intimat ikun qed jagħtixxi b'tali mod li jipperikola d-dejn dovut jew id-dritt tar-rikorrent.



Bl-istess mod, il-miżuri kawtelatorji l-oħrajn jirrikjedu evidenza *prima facie* ta' dritt ieħor u tar-riskju li l-intimat jista' jipperikola dak id-dritt.

Qabel ma l-miżuri kawtelatorji jkunu jistgħu jiġu eżegwiti, ir-rikorrent irid jippreżenta garanzija lill-bailiff.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Kwalunkwe tip ta' proprjetà tista' tkun soġġetta għall-miżuri kawtelatorji. Jekk il-qbid ikollu l-iskop li jggarantixxi dejn dovut, il-qorti tordna li l-proprjetà mobbli jew dik immobbli tal-intimat tinqabad għall-valur li jggarantixxi d-dejn dovut fil-konfront tar-rikorrent. Imbagħad il-bailiff jiddeċiedi liema oġġetti mill-proprjetà tal-intimat għandhom jinqabdu. Jekk il-qbid ikollu l-iskop li jggarantixxi jedd ta' preferenza, il-qorti tordna li tinqabad il-proprjetà li tkun soġġetta għall-jedd, u l-bailiff imbagħad jeżegwixxi l-mandat fuq dik il-proprjetà.

Permezz ta' miżuri kawtelatorji oħrajn, il-qorti tista'

tipprobjixxi lill-intimat, b'theddida ta' piena, milli jagħmel xi ħaġa jew milli jinvolvi ruħu f'xi ħaġa;

tordna lill-intimat, b'theddida ta' piena, biex jagħmel xi ħaġa;

tawtorizza lir-rikorrent biex jagħmel xi ħaġa jew biex iqabba lill xi ħadd jagħmel xi ħaġa;

tordna biex il-proprjetà tal-intimat tiġi fil-pussess jew fil-kustodja ta' rappreżentant; jew

tordna xi miżura kawtelatorja oħra li tkun meħtieġa sabiex jiġu ggarantiti d-drittijiet tar-rikorrent.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Meta l-mandat ta' qbid jiġi implimentat, id-debitur jitlef il-kontroll tiegħu fuq il-proprjetà kkonċernata. L-aljenazzjoni ta' proprjetà li tkun soġġetta għal mandat ta' qbid tiqies bħala reat kriminali. Meta l-mandat ikun ta' sekwestru ta' fondi fil-kont bankarju ta' debitur, il-bank ma jkun jista' jirrilaxxa dawn il-fondi lill ħadd ħlief il-bailiff. Madankollu, mandat ta' qbid jew ta' sekwestru ma jikkonferixxi lill-persuna li tkun applikat għalih jedd ta' preferenza fuq il-fondi kkonfiskati, fir-rigward tal-kredituri l-oħra.

L-effetti tal-miżuri kawtelatorji l-oħra jiddependu min-natura tagħhom.

#### 3.3 X'inhuma l-valdità ta' dawn il-miżuri?

Fi żmien xahar minn meta tittieħed id-deċiżjoni li tordna l-miżuri kawtelatorji, ir-rikorrent irid iressaq kawża dwar il-merti tal-każ quddiem il-qorti, jew inkella jagħti bidu għal proċedura oħra li tkun tista' twassal għal deċiżjoni eżegwibbli, bħall-arbitraġġ. Jekk hu jonqos milli jagħmel dan, il-miżuri kawtelatorji jiġu rtirati. Il-miżuri kawtelatorji jiġu rtirati wkoll jekk għal xi raġuni oħra, dawn ma jibqgħux iġġustifikati. Meta l-qorti tagħti sentenza dwar il-merti tal-każ, fl-istess ħin trid tiegħu deċiżjoni dwar il-miżuri kawtelatorji.

L-ispejjeż imġarrba minħabba l-miżuri kawtelatorji, primarjament jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tar-rikorrent. Jekk jinstab li l-miżuri kawtelatorji ma jkunux iġġustifikati, ir-rikorrent ikollu jikkompensa lill-intimat għad-dannu li jkun ġarrab, irrispettivament minn jekk kienx minħabba negliġenza jew le. Sabiex ikopri din l-eventwalità, ir-rikorrent irid jagħti garanzija qabel l-eżekuzzjoni tal-miżuri kawtelatorji. Min-naħa tiegħu, l-intimat jista' ġeneralment jevita l-eżekuzzjoni ta' miżuri kawtelatorji billi jagħti garanzija.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

Id-deċiżjonijiet ta' qrati li jordnaw miżuri kawtelatorji jistgħu jiġu appellati quddiem qorti superjuri, jiġifieri l-Qorti tal-Appell (*hovioukeus*) jew il-Qorti Suprema (*korkein oikeus*). L-appell ma jissospendix l-eżekuzzjoni tal-mandat, sakemm il-Qorti tal-Appell ma tiddeċidix mod ieħor. Madankollu, mhux possibbli li wieħed jappella kontra deċiżjoni dwar miżuri kawtelatorji provviżorji.

L-appelli kontra miżuri jew deċiżjonijiet meħuda minn bailiff fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' miżuri kawtelatorji, jiġu ttrattati mill-Qrati Distrettwali. Id-dritt għall-appell japplika wkoll għall-partijiet terzi li jqsu li l-proprjetà maqabuda minħabba d-dejn tad-debitur tkun tappartjeni lilhom.

L-aħħar aġġornament: 15/02/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Svezja

#### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Hemm dispożizzjonijiet bażiċi dwar il-miżuri kawtelatorji f'kawżi ċivili fil-Kapitolu 15 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja ("rättegångsbalken"). Ir-regola ġenerali hija li ma tista' ssir l-ebda miżura kawtelatorja marbuta ma' talba skont il-liġi ċivili sakemm ma tkunx ingħatat sentenza mill-qorti. Id-dispożizzjonijiet rigward miżuri kawtelatorji huma eċċezzjoni għal din ir-regola. Il-miżuri kawtelatorji normalment għandhom l-għan li jiżguraw li l-parti telliefa twestaq dak li jkun mitlub minnha wara deċiżjoni tal-qorti.

L-aktar miżura kawtelatorja komuni huwa l-mandat ta' *qbid*, li jfisser li r-rikorrent jista' jaqbad il-proprjetà tal-parti l-oħra, jew li jċaħħad lill-parti l-oħra mid-dritt li tiddisponi mill-proprjetà tagħha b'xi mod ieħor.

Skont il-Kapitolu 15, it-Taqsima 1 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja, il-mandat ta' qbid jista' jingħata sabiex jiżgura l-eżekuzzjoni futura ta' sentenza marbuta ma' *talba*. Bħala regola ġenerali, deċiżjoni dwar qbid skont din id-dispożizzjoni trid tkun miktuba b'mod li l-proprjetà tad-debitur tinqabad sabiex tkopri ammont speċifika fit-talba. F'każijiet eċċezzjonali, id-deċiżjoni tista', madankollu, tiddikjara liema proprjetà hija soġġetta għall-eżekuzzjoni.

Il-mandat ta' qbid jista' jinħareġ ukoll biex jiżgura l-eżekuzzjoni futura ta' sentenza marbuta ma' *dritt superjuri fuq ċerta proprjetà* (il-Kapitolu 15, it-Taqsima 2 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja). Eżempji ta' dawn is-sentenzi huma dawk li jinkludu deċiżjonijiet fejn jiġi ddikjarat li r-rikorrent għandu dritt superjuri għal ċerti ishma, kif ukoll dawk fejn il-konvenut jiġi obbligat jagħtih minnufih dawk l-ishma.

Fil-Kapitolu 5, it-Taqsima 3 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja hemm dispożizzjoni ġenerali dwar id-dritt tal-qorti sabiex *tordna miżura xierqa* biex tfares id-drittijiet tar-rikorrent. Din id-dispożizzjoni tapplika f'każ ta' inibizzjonijiet, pereżempju. Talba għal konferma li l-konvenut ma għandux dritt jaħdem b'ċerti prodotti speċifika f'kwalwzola ta' kompetizzjoni ġiet meqjusa wkoll li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

Barra minn hekk, skont il-Kapitolu 15, it-Taqsima 4 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja, il-qorti tista', f'każijiet ta' dritt superjuri għal ċerti sentenzi dwar *proprjetà tordna r-ritorn tal-ass trasferit*.

Barra minn hekk huwa stabbilit fil-Kapitolu 15, it-Taqsima 5, sottotaqsima 3 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja limiżura provviżorja kawtelatorja tista' tingħata f'ċerti kundizzjonijiet.

Barra minn hekk, hemm ukoll dispożizzjonijiet separati dwar il-miżuri kawtelatorji f'xi oqsma speċjali, pereżempju l-liġi dwar il-privattivi.

#### 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

##### 2.1 Il-proċedura

Id-deċiżjonijiet dwar il-miżuri kawtelatorji jingħataw mill-qorti meta jkunu pendenti l-proċedimenti. Jekk mhemmx proċedimenti pendenti, id-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni fil-biċċa l-kbira huma l-istess bħal dawk li japplikaw għall-kawżi ċivili b'mod ġenerali.

Il-qorti ma tistax tqajjem il-kwistjoni tal-miżuri kawtelatorji *ex officio*. Għalhekk huwa rekwiżit li l-parti li tixtieq din id-deċiżjoni tressaq talba għaliha. Jekk mhemmx proċedimenti pendenti, it-talba trid issir bil-miktub.



Ir-rikorrent mhemmx għalfejn jiġi assistit jew rappreżentat minn solicator (avukat li ma jipprattikax il-qorti). Il-proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qorti Svediżi huma mingħajr flus, bl-eċċezzjoni ta' tariffa għal rikors li bħalissa hija ta' SEK 450 (madwar EUR 50).

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Sabiex jingħataw miżuri skont il-Kapitolu 15, it-Taqsima 1-3 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja ("rättegångsbalken"), hemm kundizzjoni li l-kwistjonijiet prinċipali nfushom (pereżempju talba skont it-Taqsima 1) *jistgħu jkunu soġġetti għal kawża jew eżami minn proċedura simili oħra*. Din tal-aħħar tinkludi proċedura ta' arbitraġġ.

Il-Qorti Suprema ("Högsta domstolen") iddeċidiet li l-mandat ta' qbid jew miżuri kawtelatorji oħra skont il-Kapitolu 15 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja jistgħu jinħarġu wkoll fir-rigward ta' *talbiet li jridu jinstemgħu minn qorti barraninje* id-deċiżjoni tal-qorti tista' tiġi eżegwita l-isvevja.

Sabiex jinħareġ mandat ta' qbid skont il-Kapitolu 15, it-Taqsimiet 1-3 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja, iridu jiġu sodisfatti wkoll il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Wieheg mir-ekwiżiti huwa li r-rikorrent irid juri li għandu *raġunijiet validi* biex ressaq talba kontra persuna oħra u li dawn jistgħu jiġu preżunti s-soġġett ta' kawża l-qorti jew eżami minn proċedura simili oħra.

Ir-rikorrent irid juri wkoll li hemm "*biża raġonevoli*" li l-parti l-oħra, jekk taħrab, titrasferixxi l-proprjetà jew tipproċedi mod ieħor, taħrab mir-responsabbiltà biex tħallas id-dejn (it-Taqsima 1), li l-parti l-oħra se tneħħi, ixkekkel b'mod sinifikanti jew altriment titrasferixxi l-proprjetà bi ħsara għar-rikorrent (it-Taqsima 2) jew li l-parti l-oħra, permezz ta' ċerti attivitajiet jew negozji jew billi titraskura li tiegħu ċerta azzjoni jew mod ieħor, tipprojbixxi jew tagħmilha aktar diffiċli għar-rikorrent biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu jew tnaqqas b'mod sinifikanti il-valur tal-proprjetà (it-Taqsima 3).

Sabiex tingħata miżura provviżorja, irid ikun hemm ukoll il-biża ta' ħsara f'każ ta' dewmien. Din l-espressjoni tirreferi għat-tqegħid fil-periklu tal-eżekuzzjoni ta' sentenza jekk il-miżura ma tingħatax mill-ewwel mingħajr ma tinstema' l-parti l-oħra. Jekk il-miżura tingħata b'dan il-mod, id-deċiżjoni tintbagħat lill-partijiet u l-konvenut irid jiġi obligat jagħti l-fehma tiegħu fuq id-deċiżjoni. Jekk jaslu l-kummenti tal-konvenut, il-qorti trid terġa' teżamina minnufih il-kwistjoni dwar jekk għandhiex tibqa' fis-seħħ il-miżura.

Fl-aħħar nett, il-miżura tista' tingħata biss jekk ir-rikorrent jipprovd *garanzija* għal kull ħsara li tista' ssir lill-parti l-oħra. Jekk ir-rikorrent ma jistax jagħti garanzija iżda, fl-istess ħin, juri li għandu raġunijiet speċjali għat-talba tiegħu, il-qorti tista' tagħżel li tirrilaxxah mill-obbligu li jagħti garanzija.

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu soġġetti għal dawn il-miżuri?

L-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet dwar *mandati ta' qbid għal talbiet* tikkonsisti fil-qbid ta' proprjetà sa ċertu ammont. B'mod ġenerali, japplikaw l-istess prinċipji kemm għall-eżekuzzjoni kif ukoll il-konfiska. Mhemmx kwistjoni ta' bejgħ tal-proprjetà.

Fil-prinċipju, kull xorta ta' proprjetà tista' tinqabad matul l-eżekuzzjoni. Il-proprjetà tista' tkun jew mobbli jew immobbli.

Ċerta proprjetà ma tistax tinqabad. Dan huwa l-każ tal-"*benefice property*", li tfisser *inter alia*:

il-ħwejjeġ u oġġetti oħra maħsuba għall-użu personali tad-debitur, sa ammont raġonevoli;

l-għamara, l-apparat domestiku u tagħmir ieħor meħtieġ għad-dar u għall-manteniment tagħha;

għodda u tagħmir ieħor meħtieġ għax-xogħol jew taħriġ vokazzjonali tad-debitur;

oġġetti personali, pereżempju midalji u premijiet sportivi ta' valur tant personali għad-debitur li ma jkunx ġust li jittieħdulu.

Il-proprjetà tista' tiġi mħarsa wkoll b'regolamenti separati. Dan jista' jkun il-każ bid-danni, pereżempju.

Il-mandat ta' qbid ma jistax japplika fuq il-paga, pereżempju, sakemm din tiġi mħallsa u tista' tinqabad.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Meta tinqabad il-proprjetà *minħabba d-djun*, il-konvenut ma jistax jittrasferixxi l-proprjetà jew jeħles minnha b'mod li jikkaġuna ħsara lir-rikorrent. L-Awtorità Svediża għall-Eżekuzzjoni ("Kronofogdemyndigheten") tista', madankollu, tippermetti xi eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni fuq it-trasferiment jekk hemm raġunijiet speċjali. Kull dispożizzjoni li tmur kontra din il-projbizzjoni tista' twassal għar-responsabbiltà kriminali.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Meta tingħata miżura skont il-Kapitolu 15, it-Taqsimiet 1-3 tal-Kodiċi Svediż dwar il-Proċedura Ġudizzjarja, ir-rikorrent irid jiftaħ kawża fir-rigward tal-kwistjoni fi żmien xahar mid-deċiżjoni, jekk ikun għadu ma sar xejn. Jekk it-talba tiġi eżaminata minn proċedura oħra, ir-rikorrent irid minflok jieħu miżuri kif previsti minn dik il-proċedura.

Jekk tingħata miżura *provviżorja*, id-deċiżjoni trid tintbagħat lill-partijiet u l-konvenut huwa obligat jagħti l-kummenti tiegħu dwar id-deċiżjoni. Jekk jaslu l-kummenti tal-konvenut, il-qorti trid terġa' teżamina minnufih il-kwistjoni dwar jekk għandhiex tibqa' fis-seħħ il-miżura.

Miżura trid tiġi revokata minnufih jekk, wara li tkun ingħatat, tingħata garanzija li tissodisfa l-għan ta' dik il-miżura.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

Kwistjoni li tinvolvi miżuri kawtelatorji trid tiġi deċiża b'deċiżjoni kemm meta titqajjem bħala kwistjoni ta' proċedura b'rabta mas-smiġħ tal-każ u kemm meta' l-kwistjoni ta' miżuri kawtelatorji hija indipendenti.

Fiż-żewġ każijiet, jista' jsir appell separat mill-persuna li kontrihha ngħatat id-deċiżjoni. Peruna li tixtieq tappella kontra deċiżjoni tal-qorti distrettwali ("tingsrätt") trid tagħmel dan bil-miktub fi żmien tliet ġimgħat mid-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni ma ingħatatx waqt seduta, u ma kienx tħabbar waqt l-ebda seduta li kienet se tingħata deċiżjoni, il-preskrizzjoni għall-appell tibda tgħodd mid-data li fiha l-appellant jirċievi d-deċiżjoni. L-appell irid jiġi ppreżentat quddiem il-qorti tal-appell ("hovrätt") iżda mressaq quddiem il-qorti distrettwali ("tingsrätt").

Jekk il-qorti distrettwali tiċċad rikors għal miżura kawtelatorja f'kawża ċivili skont il-Kapitolu 15 tal-Kodiċi Svediż tal-Proċedura Ġudizzjarja

("rättegångsbalken") jew irrevokat deċiżjoni dwar din il-miżura, il-qorti tal-appell tista' immedjatament tħalli l-miżura fis-seħħ sa ma jingħata avviż ieħor. Jekk il-qorti distrettwali awtorizzat din il-miżura jew iddikjarat illi d-deċiżjoni tista' tiġi eżegwita anke jekk għadha mhix finali u assoluta, il-qorti tal-appell tista' tiddeċiedi minnufih li d-deċiżjoni tal-qorti ma tistax tiġi eżegwita sa ma jingħata avviż ieħor.

L-aħħar aġġornament: 06/09/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - L-Ingilterra u Wales

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Fl-Ingilterra u Wales, il-qorti, kemm taħt il-parti CPR 25.1(1) kif ukoll taħt il-ġurisdizzjoni inerenti tagħha, għandhom is-setgħa li jordnaw miżuri provviżorji u/jew kawtelatorji mfassla biex jiproteġu l-interessi ta' parti, jew f'assi jew f'kawża ta' azzjoni. Dawn ir-rimedji huma disponibbli fi kwalunkwe stadju, jew tabilħaqq qabel il-bidu tal-litigazzjoni. Dawn huma rimedji ekwi, fis-sens li l-qorti għandha d-diskrezzjoni li tagħti d-digriet xieraq. Il-prinċipji għall-għoti tagħhom kienu stabbiliti fil-każ seminali *American Cyanamid Co vs Ethicon*<sup>[1]</sup> Taħt il-parti 25.1(1) il-qorti tista' toħroġ dawn li ġejjin:

Inġunzjonijiet provviżorji

Dikjarazzjonijiet proviżorji

Digrieti fuq proprjetà sabiex ikunu jistgħu jsiru l-bejgħ, il-preżervazzjoni, it-trasferiment ta' spezzjoni tal-kustodja jew il-kont ta' pagament tal-proprjetà

Digrieti li jippermettu d-dħul f'art jew f'bini

Digrieti biex jiġu ċeduti oġġetti

Digrieti ta' Ffriżar jew digrieti ta' direzzjoni biex parti tagħti informazzjoni dwar il-lok ta' proprjetà jew ta' assi li jkunu s-suġġett tad-digriet ta' ffriżar

Digrieti ta' tiftix

Digrieti għad-divulgazzjoni ta' dokumenti jew spezzjoni ta' proprjetà qabel ma tinbeda talba - dawn jistgħu jkunu kontra l-kontroparti jew kontra parti li għadha mhix relatata

Digrieti għal ħlas proviżorju minħabba danni li l-qorti għad trid tagħti

Digrieti dwar ħlas fil-qorti sakemm ikun pendenti l-eżitu tal-proċedimenti

Digrieti biex jingħata kont ta' flus

Digrieti fir-rigward ta' proċeduri dwar proprjetà intellettuali.

Il-ġurisprudenza, taħt il-ġurisdizzjoni inerenti tal-qorti, ħolqot xi miżuri proviżorji wkoll, li mhux l-inqas fosthom huma d-digrieti Norwich Pharmacal u l-inibizzjoni kontra passi ġudizzjarji. Id-digrieti Norwich Pharmacal huma mfassla biex iġiegħlu parti terza tikxef id-dettalji ta' avtur ta' att delittwali sabiex ir-rikorrent jkun jista' mbagħad iressaq azzjoni speċifika kontribom - ta' spiss dawn id-digrieti jintużaw f'każijiet ta' abbuż korporattiv imwettaq minn uffiċjal fil-qadi ta' dmirijietu. L-inibizzjoni kontra passi ġudizzjarji hija mfassla biex timpedixxi li parti tiftaħ kawża f'pajjiż barrani meta dan ikun vessatorju jew oppressiv jew barra mill-proċess xieraq tal-liġi. Barra minn hekk, il-qorti tista' toħroġ dikjarazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-liġi, jew dwar terminu ta' kuntratt li huwa stess ikun is-suġġett ta' litigazzjoni.

Inġunzjoni hija digriet tal-qorti li titlob li parti jew tiegħu ċerti passi jew toqgħod lura milli tiegħu ċerti passi. Inġunzjoni proviżorja hija tali digriet li jsir qabel ma tinstema' l-kawża. Ir-rikorrent jista' jfittex li jiproteġi l-pożizzjoni tiegħu matul il-proċedimenti legali, jew anki qabel ma jinbdew il-proċedimenti, billi jittlob inġunzjoni proviżorja li timpedixxi lill-intimat milli jaġixxi b'mod li jagħmel ħsara lir-rikorrent.

Hemm ukoll żewġ tipi speċifiċi ta' inġunzjoni li r-rikorrent jista' jittlob fejn ikun hemm riskju li l-intimat jieħu passi biex jeqred l-evidenza jew ifixkel kwalunkwe sentenza miksaba mir-rikorrent. L-ewwel wieħed huwa digriet ta' tiftix; it-tieni huwa inġunzjoni ta' ffriżar, li tipprobbixxi lill-intimat milli jkollu x'jaqsam mal-assi jew milli jċaqlaq l-assi 'l barra mill-ġurisdizzjoni.

Meta r-rikorrent ikun qiegħed jittlob ħlas ta' somma flus (eż. dejn jew danni), il-qorti tista' tordna lill-intimat jagħmel ħlas proviżorju fuq kwalunkwe somma li l-intimat jista' finalment jintalab iħallas, sabiex tiġi evitata tbatija lir-rikorrent b'riżultat ta' kwalunkwe dewmien fil-kisba ta' sentenza.

Intimat jista' jiffaċċja r-riskju li, anke jekk it-talba tiġi miċħuda u r-rikorrent jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż, ikun impossibbli li jiġi infurzat id-digriet dwar l-ispejjeż.

Biex tippoteġi l-intimat, il-qorti tista', f'ċerti ċirkostanzi, tordna lir-rikorrent jipprovdi garanzija għall-ispejjeż, normalment billi jħallas somma flus lill-qorti.

Il-Qorti Superjuri (High Court) għandha s-setgħa li tagħti rimedju b'mandat ta' inibizzjoni b'appoġġ għal proċedimenti f'ġurisdizzjoni oħra jekk ikun jaqbel li tagħmel hekk. Tista' wkoll tagħti "inġunzjoni ta' ffriżar madwar id-dinja" li tapplika għal assi f'ġurisdizzjonijiet oħrajn.

[1] [1975] 1.504

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

#### Inġunzjonijiet (inklużi Digrieti ta' Tiftix u Inġunzjonijiet ta' Ffriżar)

Taħt il-parti 25, kull rikors għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni għandu jressaq quddiem il-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża jew li tkun se tismagħha, ladarba l-kawża tkun inħarġet. Xi tipi ta' inġunzjonijiet, speċjalment dawk b'element internazzjonali, għandhom jinħarġu biss fil-Qorti Superjuri (High Court) filwaqt li oħrajn jistgħu jinħarġu fil-Qorti tal-Kontea (County Court). Mal-Qorti Superjuri (High Court) dawn jistgħu jinħarġu bil-mod ordinarju jew permezz tal-qorti varji tar-rikorsi proviżorji diviżjonali jew is-servizzi tagħhom wara l-ħinijiet tax-xoġġol - dan huwa ta' spiss rilevanti għal inġunzjonijiet biex iwaqqfu lill-istampa milli tippubblika storja, jew biex iwaqqfu d-deportazzjonijiet tal-Ministeru tal-Intern.

Ir-rekwiżiti ġenerali għar-rikors huma li dan isir permezz ta' Avviż tar-Rikors (N244), u li n-notifika tkun akkumpanjata mill-formola tat-talba, minn dikjarazzjoni ta' xhud li jappoġġa r-rikors, mill-affidavits bħala evidenza, u minn abbozz ta' digriet. L-abbozz ta' digriet għandu jkun fih impenn[2] reċiproku dwar danni (cross undertaking in damages), impenn li l-intimat jiġi nnotifikati bir-rikors, l-evidenza u kull digriet li jsir. Dan huwa essenzjali jekk il-kwistjoni tkun *ex parte*. Fil-każ ta' inġunzjonijiet ta' emerġenza jkun hemm il-ftieġa ta' impenn li jitħallsu t-tariffi rilevanti mill-aktar fis possibbli; barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ impenn li jinbdew proċeduri formali mill-aktar fis possibbli.

Ladarba tinħareġ, il-kwistjoni tinstema' minn imħallef li joħroġ id-digriet meħtieġ, u jagħmel arranġamenti sabiex id-digriet jiġi ssiġillat u rritornat lir-rikorrent. In-notifika lin-naħa l-oħra hija r-responsabbiltà tal-parti rikorrenti.

Id-digrieti ta' tiftix huma invażivi ħafna u bħala tali għandhom rekwiżiti speċjali. Normalment għandhom jiġu nnotifikati minn - "avukat superviżur" (supervising solicitor) li jkun familjari ma' digrieti ta' tiftix u indipendenti mill-avukati tar-rikorrent. L-avukat superviżur għandu jispjega d-digriet ta' tiftix lill-intimat u jagħti parir lill-intimat dwar id-dritt tiegħu li jittlob parir legali. L-avukat superviżur iwettaq jew jissorvelja t-tiftix, u jirrapporta dwar it-tiftix lill-avukati tar-rikorrent. Id-digrieti ta' tiftix huma effettivi mill-ħin tan-notifika u wara l-iskadenza ta' żmien raġonevoli biex wieħed jieħu parir legali.

Id-Digrieti ta' Ffriżar huma digrieti li jwaqqfu parti milli tneħħi assi li jinsabu fil-ġurisdizzjoni jew li jwaqqfuhom milli jkollhom x'jaqsmu ma' assi li jinsabu fi kwalunkwe post fid-dinja. Xi ħaġa unika hija li dawn jidhru fis-seħħ mill-mument li jsiru, u għalhekk in-notifika tad-digriet hija importanti ħafna.

Fiż-żewġ każijiet in-nuqqas ta' konformità mad-digriet iwassal għal proċedimenti ta' disprezz tal-qorti.

#### Ħlasijiet proviżorji u Garanzija għall-Ispejjeż

Il-ħlasijiet proviżorji u l-garanzija għall-ispejjeż jistgħu jiġu pprovduti bi ftehim bejn il-partijiet, iżda fin-nuqqas ta' ftehim huwa meħtieġ li wieħed jirrikorri għall-qorti. Ir-rikors isir billi jiġi ppreżentat avviż ta' rikors sostnut minn evidenza bil-miktub. Ir-rikors għandu jiġi nnotifikat lill-intimat, li jista' jippreżenta l-provi b'risposta. Jekk il-qorti tagħmel id-digriet, hija tiddetermina l-forma u l-ammont tal-garanzija jew tal-ħlas li għandhom isiru.

#### L-ispejjeż biex jinkisbu d-digrieti

M'hemm l-ebda skala fissa ta' spejjeż sabiex jinkiseb xi wieħed mid-digrieti deskritti hawn fuq. Madankollu, hemm tariffi speċifiċi tal-qorti għall-ħruġ ta' rikors għal digriet li jiddependu fuq jekk ir-rikors isirx b'notifika lill-intimat jew mingħajr notifika. Id-dettalji kollha ta' dawn it-tariffi jinsabu fuq is-sit web tal-[Ministeru tal-Ġustizzja \(Ministry of Justice\)](#).

Ir-rikorrent huwa responsabbli li jħallas it-tariffi tal-avukati tiegħu (u fil-każ ta' digriet ta' tiftix, dawk tal-avukat superviżur), għalkemm l-intimat jista' finalment jiġi ordnat iħallas dawk l-ispejjeż.

[2] Impenji (undertakings) huma wegħdiet lill-qorti. Il-piena għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' impenn tista' tkun severa

### 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Kif imsemmi hawn fuq, ir-rimedji kollha deskritti f'din it-taqsimha huma diskrezzjonali u l-qorti ma tagħtix dawn ir-rimedji jekk tqis li dawn ma jkunux xierqa jew proporzjonati fiċ-ċirkostanzi. Il-qorti għandhom tendenza li jeżerċitaw aktar kawtela fir-rigward ta' digrieti ta' tiftix u inġunzjonijiet ta' ffriżar minħabba li huma miżuri partikolarment severi.

## Inġunzjonijiet proviżorji

Meta tiddeċiedi jekk tagħtix inġunzjoni proviżorja,[3] il-qorti l-ewwel tikkunsidra jekk l-azzjoni tqajjimx “kwistjoni serja li għandha tiġi ppruvata” (minflok “frivola jew vessatorja”). Jekk dan ma jkunx il-każ, l-inġunzjoni tiġi miċħuda.

Jekk ikun hemm kwistjoni serja li trid tiġi ppruvata, il-qorti mbagħad tikkunsidra l-“bilanċ tal-konvenjenza”. Dan jinvolvi mistoqsija dwar jekk ikunx aġar li r-rikorrent jintalab jgħaddi mingħajr l-inġunzjoni sal-proċess, jew li l-intimat isofri minħabba l-inġunzjoni. Meta tiddeċiedi din il-kwistjoni, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet li ġejjin fl-ordni li ġejj:

L-għoti tad-danni jkun rimedju adegwat għar-rikorrent jekk ir-rikorrent kellu jirbaħ il-kawża? Jekk id-danni jkun adegwati, l-inġunzjoni tiġi miċħuda. Jekk ma jkunux (pereżempju minħabba li l-ħsara lir-rikorrent tkun irreparabbli jew mhux pekunarja), għandhom jiġu kkunsidrati l-mistoqsijiet li jkun fadal.

Jekk l-intimat jirbaħ il-kawża, l-impenn reċiproku dwar danni (cross undertaking in damages) tar-rikorrent jagħti lill-intimat protezzjoni adegwata? Jekk id-danni jiproteġu b'mod adegwat lill-intimat, dan il-fatt normalment ikun favur l-inġunzjoni.

Meta l-fatturi l-oħra jidher li jkun b'bilanċjati b'mod ugwali, il-qorti żżomm l-*istatus quo*. Jistgħu jiġu kkunsidrati fatturi soċjali jew ekonomiċi oħra, bħall-impatt tal-għoti jew ir-rifjut tal-inġunzjoni fuq l-impjeg jew fuq id-disponibbiltà ta' mediċini.

Bħala l-aħħar alternattiva, il-qorti tista' tikkunsidra l-merti relattivi tal-kawża tal-partijiet, iżda biss jekk ikun possibbli li tiffirma opinjoni ċara li l-każ ta' parti waħda jkun ħafna aktar b'saħħtu minn dak tal-oħra.

## Digriet ta' tiftix

Jista' jsir digriet ta' tiftix bl-għan li tiġi żgurata l-preżervazzjoni tal-evidenza jew tal-proprjetà rilevanti għall-proċedimenti legali. Il-kundizzjonijiet biex jinkiseb digriet ta' tiftix huma aktar stretti minn dawk għal tipi ta' inġunzjonijiet oħra, u l-qorti mhijiex se tagħmel digriet sakemm ir-rikorrent ma jurix li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

Hemm każ *prima facie* qawwi ħafna kontra l-intimat.

L-attivitajiet tal-intimat li jagħtu lok għall-proċedimenti jikkawżaw dannu serju attwali jew potenzjali lir-rikorrent.

Hemm evidenza ċara li l-intimat għandu dokumenti jew materjal inkriminanti.

Hemm “possibbiltà reali” jew “probabbiltà” li d-dokumenti jew il-materjal rilevanti jisparixxu jekk id-digriet ma jsirx.

## Inġunzjonijiet ta' Ffriżar

Il-qorti għandha s-setgħa li tagħti inġunzjoni ta' ffrizjar meta jkun “ġust u konvenjenti” li tagħmel hekk. Inġunzjoni ta' ffrizjar ma tiġix ordnata sakemm ir-rikorrent ma jkunx jista' juri li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

Ir-rikorrent għandu kawża sostantiva ta' azzjoni li fuqha l-qorti tal-Ingilterra u Wales għandhom ġurisdizzjoni.

Ir-rikorrent għandu “każ tajjeb u dibattibbli” kontra l-intimat.

Hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-intimat għandu assi fil-ġurisdizzjoni.

Hemm “riskju reali” li l-intimat jitratta l-assi b'mod li jfisser li kwalunkwe sentenza ma tkunx tista' tiġi eżegwita (eż. billi jeħles mill-assi jew ineħħihom mill-ġurisdizzjoni).

Il-qorti teżerċita kawtela partikolari qabel ma tagħti inġunzjonijiet ta' ffrizjar b'appoġġ għal proċedimenti barranin, speċjalment jekk l-inġunzjoni ta' ffrizjar tirkeb jew tmur kontra kwalunkwe digriet ta' ffrizjar magħmul mill-qorti barranija fejn ikunu qed isiru l-proċedimenti prinċipali, jew jekk il-qorti barranija tkun irrifjutat li tiffriża l-assi.

Il-qorti ma tagħtix inġunzjoni għall-iffriżar madwar id-dinja jekk l-intimat ikollu biżżejjed assi fil-ġurisdizzjoni, u jeħtiġilha tikkunsidra jekk inġunzjoni madwar id-dinja tistax tiġi infurzata fil-pajjiżi fejn l-intimat ikollu assi.

## Digriet Norwich Pharmacal

Il-ġurisprudenza ħolqot dawn id-digriet li jeħtieġu li l-intimat jiddivulga ċerti dokumenti jew informazzjoni lir-rikorrent. Filwaqt li jixbhu d-divulgazzjoni preliminari u nonparti, l-ambitu tad-divulgazzjoni huwa usa', peress li jkopri “informazzjoni” minflok dokumenti. Dawn id-digriet huma disponibbli fi kwalunkwe mument matul il-litigazzjoni u, tabilħaqq, jistgħu jintalbu wara s-sentenza. Minbarra l-prinċipji ġenerali ekwi, il-kriterji ulterjuri huma li jrid ikun twestaq dannu, u li jkun hemm awtur tad-dannu, li, jekk ikun magħruf, ikun suġġett għal litigazzjoni mill-parti li tkun qed titolbu. Id-digriet huwa meħtieġ biex jgħin li ssir ġustizzja u m'hemm l-ebda mod ieħor kif din tinkiseb. L-intimat jew ikun l-awtur tad-dannu, jew ikun assoċjat jew affiljat mal-awtur tad-dannu jew ikollu informazzjoni dwaru. Dawn id-digriet huma applikati fil-Qorti Superjuri (High Court) u għandhom applikazzjoni internazzjonali; is-sustanza tad-divulgazzjoni tista' tintuża flitigazzjoni barranija mingħajr il-permess tal-qorti, li hija differenti mill-prinċipji ġenerali tal-litigazzjoni.

## Inibizzjoni kontra passi ġudizzjarji

Dawn huma inibizzjonijiet li jipprojbixxu lill-intimat milli jagħmel litigazzjoni f'qorti barranija. Minbarra l-prinċipji ġenerali ta' rimedju ġust (equitable relief), hemm kriterji oħrajn. Primarjament trid tkun fl-interess tal-ġustizzja li tiġi pprojbata l-litigazzjoni; ġeneralment minħabba li tkun vessatorja jew tkun qed tikser klawżola kuntrattwali, bħal ksar ta' klawżola ta' ġurisdizzjoni esklużiva dwar l-użu tal-Qrati tal-Ingilterra u Wales. Barra minn hekk, il-litigazzjoni trid tkun f'qorti li tkun barra mir-Regolament Brussell 1. Kieku l-qorti tkun tista' twaqqaf il-litigazzjoni f'dawk il-qrati, il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn is-sistemi tal-qorti jiddgħajjef. L-eċċezzjoni għal din ir-regola hi jekk il-kwistjoni tkun relatata ma' arbitraġġ privat - tali biża' ma teżistix.

## Flasijiet proviżorji

Il-qorti tista' tordna lill-intimat jagħmel ħlas proviżorju biss jekk l-intimat ikun ammetta r-responsabbiltà li jħallas il-flus lir-rikorrent, jekk is-sentenza tkun diġà ngħatat favur ir-rikorrent għal somma ta' flus li għandha tiġi evalwata aktar tard, jew jekk il-qorti tkun sodisfatta li fil-kawża r-rikorrent jirkupra “ammont sostanzjali ta' flus” (jew, f'talba għall-pussess tal-art, ħlas fir-rigward tal-okkupazzjoni tal-art mill-intimat). F'każijiet ta' danni personali, ħlas jista' jkun ordnat biss jekk ir-responsabbiltà tal-intimat tkun sodisfatta minn assiguratur jew jekk l-intimat ikun korp pubbliku.

## Garanzija għall-Ispejjeż

Il-każijiet l-aktar komuni li fihom il-qorti tista' tordna lir-rikorrent jipprovdni garanzija huma meta:

Ir-rikorrent ikun residenti barra mill-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħiels (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) u jkun diffiċli li jiġi eżegwit digriet għall-ispejjeż fil-pajjiż ta' residenza tar-rikorrent.

Ir-rikorrent ikun kumpanija jew korp ieħor inkorporat u hemm raġuni biex wieħed jemmen li mhux se jkun jista' jħallas l-ispejjeż tal-intimat jekk ikun ordnat li jagħmel dan. (Meta tiddeċiedi jekk tordnax li tingħata garanzija, il-qorti tqis jekk in-nuqqas ta' flus jew fondi tar-rikorrent ġiex ikkawżat mill-imġiba tal-intimat.)

Ir-rikorrent ikun biddel l-indirizz bil-għan li jevita l-konsegwenzi tal-litigazzjoni; jew ikun naqas milli jagħti indirizz korrett fil-formola tal-pretensjoni.

Ir-rikorrent ikun ħa passi fir-rigward tal-assi tiegħu li jagħmluha diffiċli li jiġi eżegwit digriet għall-ispejjeż kontrih.

Il-qorti tagħmel id-digriet biss jekk tkun sodisfatta li jkun ġust li tagħmel dan fiċ-ċirkostanzi kollha. Hija tikkunsidra jekk ir-rikors għall-garanzija jkunx qed jintuża biex tinħonoq pretensjoni ġenwina, u jekk il-pretensjoni jkollhiex prospett raġonevoli ta' suċċess.

Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna li l-garanzija tiġi pprovduta minn:

nonparti li tkun qed tiffinanzja l-pretensjoni għal sehem mill-frott tal-proċedimenti, jew li assenjat id-dritt li tressaq il-pretensjoni lir-rikorrent sabiex jiġi evitat ir-riskju li tiġi ffaċċata b'digriet ta' spejjeż;

kwalunkwe parti fil-proċedimenti li, mingħajr raġuni tajba, tkun naqset milli tikkonforma mar-regoli tal-qorti.

[3] Dawn huma distillazzjoni u rfinar tal-prinċipji American Cyanamid.

### 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

#### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

##### Inġunzjonijiet proviżorji

Inġunzjoni tista' teħtieġ li parti tiegħu jew toqgħod lura milli tiegħu passi fir-rigward ta' kwalunkwe tip ta' assi.

##### Digriet ta' tiftix

Digriet ta' tiftix jeħtieġ li l-intimat jippermetti d-dħul fil-bini tiegħu, iżda ma jippermettix li r-rikorrent jidhul bil-forza. Id-digriet għandu jspecifika l-postijiet li jistgħu jiġu mftitxa u jelenka l-oġġetti li l-persuni li jwettqu t-tiftix jistgħu jispjegaw, jikkupjaw u jneħħu. Id-digriet jista' jkopri biss provi li jistgħu jkunu rilevanti fil-proċedimenti, jew proprjetà li tista' tkun is-suġġett tal-proċedimenti jew li tista' tirriżulta fi kwistjoni matul il-proċedimenti.

Id-digriet tal-formola standard jeħtieġ li l-intimat jgħaddi l-oġġetti kollha elenkati fid-digriet. Meta evidenza rilevanti tkun tista' tinżamm f'komputers, għandu jingħata aċċess għall-komputers kollha fil-bini sabiex ikunu jistgħu jiġu mftitxa, u għandhom jiġu pprovduti kopji tal-affarijiet rilevanti kollha li jkunu nstabu.

##### Inġunzjonijiet ta' Ffriżar

Il-qorti tista' tagħmel inġunzjoni ta' ffriżar fir-rigward tal-proprjetà tal-intimat li tipprojbixxi lill-intimat milli jnaqqas l-assi tiegħu fil-ġuriżdizzjoni taħt valur speċifikat, jew digriet li jiffriża assi speċifiċi. L-intimat xorta jkun jista' jonfoq somom stipulati fuq spejjeż tal-għajxien u l-pariri u r-rappreżentanza legali, u d-digriet jista' jippermetti lill-intimat biex jieħu ħsieb l-assi fil-kors ordinarju tan-negozju.

Il-formola standard ta' inġunzjoni ta' ffriżar hija digriet ta' "somma massima" li jiddikjara li japplika għall-assi kollha tal-intimat sa valur iddikjarat. Din tkopri kwalunkwe assi li l-intimat għandu s-setgħa li jġestiha bħala tiegħu stess, inklużi assi miżmuma jew ikkontrollati minn parti terza skont l-istruzzjonijiet tal-intimat.

Digriet ġenerali jew ta' "somma massima" għandu jkopri kwalunkwe assi, inklużi proprjetà mobbli u immobbli, vetturi, flus u titoli. Id-digriet jestendi wkoll għal kwalunkwe assi akkwistat wara li jsir id-digriet. Huwa jista' jspecifika proprjetajiet partikolari, assi tan-negozju u kontijiet bankarji li huma ffriżati. Kont bankarju konġunt ma jiġix iffriżat sakemm ma jkun kopert speċifikament fid-digriet.

#### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

L-intimat huwa avżat li n-nuqqas ta' konformità ma' inġunzjoni proviżorja huwa disprezz tal-qorti li jista' jwassal biex l-intimat jista' jiġi arrestat, immultat jew ikollu assi sekwestrati.

Ma jkunx neċessarjament disprezz tal-qorti meta parti terza tippermetti lill-intimat jeħles minn assi bi ksur ta' inġunzjoni ta' ffriżar. Madankollu, jekk parti terza li tkun għet innotifikata bl-inġunzjoni ta' ffriżar b'mod konxju tassisti lill-intimat biex jeħles minn assi li jkunu ffriżati, dik il-parti tikkommetti disprezz. Ir-rikorrent għandu għalhekk jipprovdni kopji tal-inġunzjoni ta' ffriżar lil partijiet terzi bħall-bankiera, l-awdituri u l-avukati tal-intimat. (Il-formola standard ta' digriet tassumi li dan se jsir u twissi lill-partijiet terzi dwar il-pieni possibbli. Hija tinkludi wkoll l-impenji tar-rikorrent li jħallas l-ispejjeż raġonevoli li jġarrbu partijiet terzi biex jikkonformaw mad-digriet, u biex jikkompensahom għall-obbligazzjonijiet li jġarrbu meta jagħmlu hekk.) Anki jekk ikunu ġew innotifikati bid-digriet, il-banek u partijiet terzi oħra xorta jistgħu jeżerċitaw drittijiet ta' garanzija u ta' tpaċija li nħolqu qabel ma saret l-inġunzjoni ta' ffriżar.

Inġunzjoni ta' ffriżar ma tagħtix lir-rikorrent xi drittijiet ta' proprjetà fir-rigward tal-assi ffriżati. Id-dritt li jitressqu proċedimenti għal disprezz huwa ġeneralment l-uniku rimedju tar-rikorrent. Kuntratt li jsir bi ksur ta' inġunzjoni huwa illegali u għalhekk jista' ma jkunx infurzabbli minn parti li tkun taf li se tikser id-digriet.

Barra minn hekk, il-qorti xi kultant tkun tista' tagħti inġunzjoni separata li timpedixxi lill-intimat milli jwettaq kuntratt ma' parti terza. Madankollu, is-sjeda tista' xorta waħda tiġi trasferita taħt kuntratt illegali, u ladarba tali kuntratt ikun twettaq, normalment ma jkunx possibbli li jiġu rkuprati l-assi trasferiti.

#### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Meta digriet għal inġunzjoni proviżorja jsir fil-preżenza tal-partijiet, jista' jiddikjara li huwa effettiv sal-kawża, sas-sentenza jew sa digriet ulterjuri tal-qorti, jew sa data speċifikata. (Jekk inġunzjoni tkun effettiva "sakemm ma jkunx hemm digriet ulterjuri" din ma tiskadix meta l-qorti tagħti sentenza, iżda biss meta tagħmel digriet li espressament jew impliċitament jitermina l-inġunzjoni.)

Inġunzjoni proviżorja li ssir mingħajr notifika lill-intimat normalment iddum għal perjodu limitat, rari tkun itwal minn 7 ijiem, u jkun meħtieġ digriet ieħor tal-qorti biex titkompla. Meta tagħti inġunzjoni mingħajr notifika, il-qorti normalment tiffissa "data ta' ritorn" għal smiġħ ulterjuri li fil-l-intimat jista' jattendi u jikkontesta t-tkomplija tad-digriet. Il-formola standard tal-inġunzjoni ta' ffriżar tiddikjara li tapplika sad-data tar-ritorn jew digriet ulterjuri.

#### 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

L-intimat jew kwalunkwe parti terza li tkun direttament affettwata minn inġunzjoni proviżorja jistgħu japplikaw lill-qorti fi kwalunkwe ħin biex id-digriet jiġi varjat jew terminat (għalkemm rikors fir-rigward ta' digriet ta' tiftix li jkun diġà ġie eżegwit għandu normalment jistenna sal-kawża). Mhuwiex meħtieġ li wieħed jistenna sad-data tar-ritorn biex jikkontesta digriet li jsir mingħajr notifika. L-intimat għandu jadvoka lill-avukati tar-rikorrent bit-talba minn qabel. Ir-rikors għandu normalment isir lill-qorti li tat id-digriet, u ta' spiss jinstema' mill-istess imħallef.

Ir-raġunijiet li għalihom l-intimat jista' jagħmel tali rikors jinkludu: in-nuqqas li tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet tad-digriet, bidla materjali fiċ-ċirkostanzi li tneħħi l-ġustifikazzjoni għad-digriet, l-effett oppressiv tad-digriet, interferenza mhux raġonevoli mad-drittijiet ta' partijiet terzi innoċenti, u dewmien min-naħa tar-rikorrent fit-tweqqif tal-talba. Meta l-inġunzjoni tkun inkisbet mingħajr notifika lill-intimat, ir-raġunijiet għat-terminazzjoni jew għall-varjazzjoni tad-digriet jinkludu wkoll in-nuqqas mir-rikorrent li jiżvela fatti materjali lill-qorti meta kiseb id-digriet, u evidenza insuffiċjenti biex tiġi għall-għoti ta' provvedimenti proviżorju mingħajr notifika.

Jekk il-qorti twarrab id-digriet, l-intimat imbagħad ikun intitolat li joqgħod fuq l-impenn reċiproku dwar danni (cross undertaking in damages) tar-rikorrent u jitlob kumpens. Il-qorti tordna "inkjesta dwar id-danni" biex taċċerta t-telf tal-intimat, għalkemm din tista' tiġi differita sal-proċess jew aktar tard.

Il-qorti għandha wkoll is-setgħat li tittermina jew tvarja digriet għal ħlasijiet proviżorji u garanzija għall-ispejjeż, u li tordna li l-flus kollha, jew parti minnhom, imħallsa taħt id-digriet jitħallsu lura.

##### Ħoloq relatati

##### Ministry of Justice (Il-Ministeru tal-Ġustizzja)

L-aħħar aġġornament: 04/10/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

#### Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - L-Irlanda ta' fuq

##### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Inġunzjoni Proibittiva jew Negattiva (Prohibitory or Negative Injunction) - Digriet biex ma tagħmilx jew tieqaf tagħmel xi ħaġa. Dan huwa l-aktar tip ta' digriet komuni.

Inġunzjoni Obbligatorja jew Pożittiva (Mandatory or Positive Injunction) - Digriet biex isir att jew biex titneħħa l-ħsara ta' att preċedenti.

Inġunzjoni Quia Timet (Quia Timet Injunction) - Digriet biex tagħmel jew ma tagħmilx att sabiex timpedixxi dannu li jkun għadu ma seħħx.

Inġunzjoni Mareva (Mareva Injunction) - Digriet li jimpedixxi lill-intimat milli jneħħi jew jeħles mill-assi tiegħu biex sentenza dwar id-danni ma tkunx eżegwibbli. Id-digriet jista' jipprovi għall-ispejjeż tal-għajxien, tan-negozju jew legali tal-intimat.

Impenn minflok Inġunzjoni (undertaking in lieu of Injunction) - Dan ħafna drabi jiġi offrut mill-intimat f'rikors għal inġunzjoni u, jekk jiġi aċċettat mir-rikorrent, għandu jiġi rreġistrat bil-miktub jew mill-qorti.

Digriet għall-ispezzjoni u l-preżervazzjoni tal-proprjetà (Order for inspection and preservation of property) - dan għandu żewġ għanijiet: li tiġi ppreżervata l-proprjetà li tkun is-suġġett tal-azzjoni sabiex il-parti rebbieħa tkun tista' tirkupra l-proprjetà jew il-valur tagħha intatt u li l-proprjetà tkun disponibbli għal spezzjoni sabiex tinġabar evidenza fl-azzjoni. Il-Qorti tista' wkoll tagħti digriet li jippermetti d-dħul fl-artijiet ta' parti għall-finijiet tat-tweġiq tad-digriet.

Digriet Anton Pillar (Anton Pillar Order) - Dan jawtorizza lir-rikorrent, lill-avukat tiegħu jew lil aġent responsabbli ieħor jissekwestraw elementi mingħajr twissija minn qabel lill-intimat bl-iskop ta' preżervazzjoni jew ta' evidenza.

## **2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?**

### **2.1 Il-proċedura**

Jista' jsir rikors għal provvedimenti provviżorju (interim relief) fi kwalunkwe ħin wara li jkun nfetħu l-proċedimenti u qabel ma jkun nqatgħu. F'każijiet urġenti jista' jingħata provvedimenti provviżorju qabel ma jinbdeu il-proċedimenti bil-kundizzjoni li l-proċedimenti jinfetħu immedjatament.

Il-proċedura għal rikors għal provvedimenti provviżorju hija stabbilita fir-regoli tal-qorti. Ir-regoli ġenerali tal-qorti li japplikaw għall-Qorti Superjuri (High Court) huma r-Regoli tal-Qorti tal-Ġudikatura tal-Irlanda ta' Fuq tal-1980 (Rules of the Court of Judicature (NI) 1980) u dawk li japplikaw għall-Qorti tal-Kontea (County Court) huma r-Regoli tal-Qorti tal-Kontea tal-Irlanda ta' Fuq tal-1981 (County Court Rules (NI) 1981).

Normalment rikors isir permezz ta' "Avviż ta' Mozzjoni" (Notice of Motion) jew "Taħrika" (Summon) lid-diviżjoni tal-Qorti Superjuri jew lill-Qorti tal-Kontea fejn tkun pendenti l-azzjoni prinċipali.

L-avviż jew it-taħrika għandhom jiddikjaraw ir-rimedju mitlub u r-regoli tal-qorti li jitressaq ir-rikors taħtha, għandhom ikunu appoġġati minn affidavit (ta' spiss ġuramentat mill-avukat tar-rikorrent) u għandu jiġi pprovdut abbozz ta' digriet.

L-avviż jew it-taħrika flimkien mal-affidavit u kull dokument rilevanti ieħor għandhom jiġu nnotifikati lill-intimat mill-inqas jumejn sħaħ qabel ma jiġi ppreżentat ir-rikors għas-smiġġ, għalkemm f'każijiet urġenti l-qorti tista' tagħti permess biex il-ħin għan-notifika jiġi mqassar.

Fil-Qorti Superjuri, ir-rikors normalment jinstitma minn "master" (tip ta' uffiċjal ġudizzjarju) għalkemm f'xi tipi ta' proċedimenti (speċifikati fir-Regoli tal-Qorti tal-Ġudikatura (l-Irlanda ta' Fuq) 1980) rikorsi provviżorji jridu jinstitmgu minn imħallef.

Il-Qorti tal-Kontea għandha setgħat provviżorji sħaħ fir-rigward ta' każijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħha. Rikorsi fil-Qorti tal-Kontea għal inġunzjoni interlokutorja jridu jiġu mismugħa minn imħallef tal-qorti tal-kontea.

Rikors jista' jsir "*ex parte*" mingħajr in-notifika ta'

avviż jew taħrika lill-persuna li jintalab kontriha fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Jekk il-każ ikun wieħed ta' urġenza estrema

Jekk avviż minn qabel iwassal lill-intimat sabiex ifixkel l-iskop tal-digriet

Permezz ta' konvenzjoni, pereżempju, rikorsi qabel il-bidu tal-proċedimenti ġeneralment isiru *ex parte*

Jekk ir-regoli tal-istatut jew tal-qorti jawtorizzaw jew jiddiregħu.

Rikors *ex parte* jsir f'forma speċjali msejja "nota *ex parte*" (*ex parte* docket) u r-rikorrent ikollu d-dmir jagħmel divulgazzjoni sħiħa u ġusta tal-fatti rilevanti kollha. Rikorsi għal digrieti *ex parte* (ħliet għal rikorsi għal inġunzjonijiet *ex parte*) normalment jiġu deċiżi mill-imħallef jew mill-master mingħajr seduta. L-ispejjeż ta' rikors *ex parte* jiġu normalment riżervati għas-seduta.

### **2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Ir-rimedju b'inġunzjoni (injunctive relief) huwa diskrezzjonali. Qorti tista' toħroġ inġunzjoni fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti fejn jidher li jkun ġust u konvenjenti li jsir dan. Il-qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li tagħti rimedju b'inġunzjoni skont il-linji gwida stabbiliti fil-kawża American Cyanamid v Ethicon [1975] AC 396. L-ewwel, ir-rikorrent għandu juri li hemm kwistjoni serja li trid tiġi ppruvata fil-proċedimenti. L-imħallef imbagħad jikkunsidra jekk id-drittijiet tar-rikorrent jistgħux jiġu kkompensati fil-każ ta' danni. L-imħallef jista' jikkunsidra l-bilanċ ta' konvenzjoni bejn il-partijiet u, jekk dan ikun ugwal, ikun aħjar li l-*istatus quo* jinżamm jew jerġa' jiġi restawrat għall-istat li kien qabel ma twettaq id-dannu allegat. Għandha tintwera ntegra aktar b'saħħitha jekk ir-rikors ikun għal inġunzjoni mandatorja u inġunzjoni ma tingħatax ħliet jekk ir-rikorrent fil-jimpenja ruħu li jħallas id-danni lill-intimat fil-każ li l-azzjoni tiegħu ma tirnexxix jew jiġi pprovat li l-inġunzjoni ma tkunx meħtieġa.

F'rikors għal inġunzjoni Mareva (Mareva injunction) ir-rikorrent jenħtieġ li juri:

każ tajjeb li jista' jiġi argumentat għal kawża eżistenti ta' azzjoni li titlob xi rimedju monetarju

evidenza li l-intimat għandu assi li jista' jneħħi jew jaħbi

evidenza ta' riskju li l-intimat jeħles mill-assi qabel ma tkun tista' tiġi eżegwita s-sentenza.

Talba sabiex tiġi spezzjonata l-proprjetà tista' ssir fir-rigward ta' proprjetà li hija s-suġġett tal-proċedimenti jew li dwarha tista' tinqala' kwistjoni. Id-dritt għall-ispezzjoni mhux dipendenti fuq is-saħħa tal-każ tar-rikorrent.

F'rikors għal digriet Anton Pillar (Anton Pillar order), ir-rikorrent għandu juri li hemm possibbiltà reali li l-intimat jeqred dokumenti jew affarijiet li jippreġudikaw id-difiża tiegħu jew jippubblika materjal li fiħ ir-rikorrent għandu dritt ta' kunfidenzjalità.

## **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkun suġġetti għal dawn il-miżuri?**

Rikors għal inġunzjoni jrid ikun inċidentali u jrid jiddependi fuq dritt legali eżegwibbli jew kawża ta' azzjoni. Madankollu, l-inġunzjoni mhijex għall-fini tal-eżekuzzjoni tad-drittijiet tar-rikorrent, iżda pjuttost hija għandha l-għan li jinżamm jew jerġa' jiġi stabbilit l-*istatus quo* sakemm tinqata' l-kawża.

Inġunzjoni Mareva tista' tingħata fir-rigward ta' assi preżenti jew futuri fl-Irlanda ta' Fuq (kemm jekk ikunu s-suġġett tal-azzjoni jew konnessi mal-azzjoni jew le) kemm jekk l-intimat ikun domiċiljat jew preżenti fl-Irlanda ta' Fuq u kemm jekk le.

Digriet għall-ispezzjoni jew il-preżervazzjoni ta' proprjetà jista' jinkiseb biss fir-rigward ta' proprjetà fiżika. Din mhijex il-proċedura xierqa għall-ispezzjoni tal-kontenut ta' dokument disponibbli skont ir-regoli relatati mal-iskoperta ta' dokumenti.

### **3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?**

Id-digriet jista' jiġi eżegwit permezz ta' proċeduri preliminari (committal proceedings). Id-digriet għandu jkun ġie nnotifikat lill-intimat qabel ma jkun jista' jiġi infurzat permezz ta' proċedura preliminari (committal). Impenn (undertaking) huwa eżegwibbli bħal inġunzjoni (injunction).

Terzi persuni bħalma huma l-mara tal-intimat, l-avukat jew il-bank li jkun nnotifikati b'inġunzjoni Mareva huma responsabbli biex jippreżervaw l-assi tal-intimat li jkun fil-pussess tagħhom. Madankollu, inġunzjoni Mareva għandha effett biss kontra l-intimat u ma tagħti l-ebda prijorità lir-rikorrent fuq il-kredituri.

Digriet għall-ispezzjoni u l-preżervazzjoni tal-proprjetà jista' jsir biss kontra parti fil-proċedimenti sabiex l-effett tiegħu jkun suġġett għall-kunsens ta' persuna li jkollha l-proprjetà fil-pussess tagħha.



Digriet Anton Pillar mhuwiex mandat ta' tiftix u għalhekk ma jistax jiġi eżegwit bil-forza iżda jekk id-digriet ikun miktub biex jordna lill-intimat li jippermetti li jsir it-tiftix, ir-rifjut tal-intimat li jippermetti spezzjoni jitqies bħala disprezz u jista' jwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li għandu xi ħaġa x'jaħbi.

### 3.3 X'inhi l-*invalidità ta' dawn il-miżuri*?

Id-digriet tista' jkun:

Interlokutorju – biex jibqa' għaddej sal-proċess

Proviżorju – biex idum għal perjodu limitat

### 4 Hemm *possibilità li l-miżura tiġi appellata*?

Kull parti tista' tappella digriet jew deċiżjoni ta' master quddiem imħallef. Appell għandu jsir fi żmien ħamest ijiem u għandu jiġi nnotifikat lill-partijiet l-oħra mill-inqas jumejn qabel ma jiġi ppreżentat l-appell għas-seduta. Il-limitu ta' ħamest ijiem jista' jiġi estiż skont id-diskrezzjoni tal-qorti, madankollu l-qorti trid tiġi konvinta li hemm raġuni tajba biex tagħmel dan. Madankollu, parti ma tistax tappella kontra impenn (undertaking). Ir-rifjut ta' rikors *ex parte* jista' jiġi appellat mir-rikorrent. Madankollu, l-intimat jagħmel rikors għall-annullament tad-digriet pjuttost milli biex jiġi appellat.

L-appell huwa smiġh mill-ġdid komplut għalkemm l-appellant jippreżenta l-każ tiegħu l-ewwel. Filwaqt li jistgħu jinġiebu provi ġodda, l-imħallef ma jkunx ħerqan li jaċċetta evidenza ġdida sakemm ma jkunx hemm raġuni tajba biex dan isir.

L-appell ta' digriet interlokutorju tal-Qorti tal-Kontea jista' jsir minn imħallef tal-Qorti Superjuri permezz ta' smiġh mill-ġdid jew permezz ta' kawża indikata lill-Qorti tal-Appell.

### Ħoloq relatati

 [Is-Servizz tal-qrati u t-tribunali tal-Irlanda ta' Fuq \(Northern Ireland Courts and Tribunals Service\)](#)

L-aħħar aġġornament: 29/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew deġta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE - Skozja

### 1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

#### Mandat kawtelatorju (diligence on the dependence)

Il-mandat kawtelatorju huwa miżura protettiva li tintuża waqt li azzjoni tal-qorti tkun għaddejja, jew fit qabel ma tidba. Din tippermetti lill rikorrent (kreditur) jippreżerva l-assi tal-intimat sabiex dawn ikunu disponibbli biex jissodisfaw kwalunkwe digriet (sentenza) mogħti f'azzjoni tal-qorti favur ir-rikorrent.

Hemm żewġ tipi ta' mandati kawtelatorji: L-ewwel wieħed, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju (arrestment on the dependence), huwa metodu li bih rikorrent f'azzjoni għall-ħlas ta' flus, jista' effettivament "jiffriża" kwalunkwe flus jew assi tal-intimat li jkunu f'idejn terza persuna. Dik it-terza persuna mbagħad tkun ipprojbita milli tagħmel il-ħlas tal-flus jew tittrasferixxi l-assi. It-tieni wieħed, il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju (inhibition on the dependence), jimpedixxi lill-intimat milli jittrasferixxi jew jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà li tintret fis-sjeda tiegħu. Din tintuża fir-rigward ta' art jew bini, aktar milli flus jew proprjetà mobbli, u timpedixxi l-intimat milli jiġġestixxi l-proprjetà tiegħu b'mod li jista' jippreġudika t-talba tar-rikorrent, pereżempju, billi jbigħ il-proprjetà u mbagħad jeħles mir-rikavat.

Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u l-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju t-tnejn jistgħu jinqelbu f'mandat eżekuttiv normali (normal diligence in execution) jekk jingħata digriet favur ir-rikorrent fil-kawża fil-qorti.

#### Mandat ta' qbid proviżorju (interim attachment)

Mandat ta' qbid proviżorju huwa mandat proviżorju (provisional diligence), li jippermetti lir-rikorrent jaqbad il-proprjetà mobbli tal-intimat waqt li tkun għaddejja l-kawża fil-qorti. Dan effettivament jillimita l-kapaċità tal-intimat li jiġġestixxi proprjetà mobbli maqbuda fil-pussess tiegħu sakemm tinqata' l-kawża.

Madankollu, il-mandat ta' qbid proviżorju ma jistax jintuża f'dar għall-abitazzjoni, u ċerti oġġetti huma eżentati. Barra minn hekk, ladarba jinkiseb digriet, dan ma jinqelbix f'mandat ta' qbid eżekuttiv (attachment in execution); hija meħtieġa talba għall-ħlas (charge for payment) u mandat ta' qbid ulterjuri (further attachment) qabel ma l-oġġetti maqbuda jkunu jistgħu jinbiegħu b'subbasta.

#### Interdett proviżorju (interim interdict)

L-interdett huwa digriet tal-qorti li ma jħallix lill persuna tagħmel xi ħaġa, bħal pereżempju teħles mill-proprjetà, biex b'hekk tkun tista' tintuża biex tippreżerva s-sitwazzjoni eżistenti tal-intimat. L-interdett proviżorju għandu l-istess forza legali bħal interdett iżda ġeneralment jingħata fi stadju bikri tal-proċedimenti fil-qorti ladarba jsir rikors għal interdett, u qabel ma ssir inkjesta dwar il-fatti. B'riżultat ta' dan, huwa aktar suxxettibbli għal kontestazzjoni jew iritarar.

#### Preżervazzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra

Qorti tista' tagħmel digriet għall-preżervazzjoni proviżorja ta' dokumenti u proprjetà oħra (inkluża l-art) li tippermetti lill parti tippreżerva evidenza reali jew takkwista l-evidenza.

## 2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

### 2.1 Il-proċedura

#### Mandat kawtelatorju (diligence on the dependence)

Il-mandat kawtelatorju jista' jipproċedi biss b'digriet ta' qorti. Kemm il-Qorti tas-Sessjoni (Court of Session) kif ukoll il-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court) jistgħu jagħtu mandat ta' qbid (arrestment) jew ta' inibizzjoni (inhibition) fuq is-suġġett tal-kawża (the dependence), jew għal qbid proviżorju (interim attachment). Il-mandat ta' qbid (arrestment on the dependence) u l-qbid proviżorju (interim attachment) jgħoddu biss meta l-azzjoni titlob il-ħlas ta' somma flus, għajr spejjeż. Il-mandat ta' inibizzjoni fuq is-suġġett tal-kawża (warrant for inhibition on the dependence) jgħodd meta l-azzjoni jkun fiha konklużjoni simili, jew tkun qed tftitx implimentazzjoni speċifika ta' obbligu li l-proprjetà li tintret tingħata lir-rikorrent, jew li tagħti dritt *in rem* bħala garanzija fuq proprjetà li tintret. F'azzjoni fil-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court), ir-rikorrent normalment jitlob mandat kawtelatorju fuq is-suġġett tal-kawża billi jitlobu fiċ-ċitazzjoni (writ) inizjali. Iċ-ċitazzjoni inizjali tinkludi t-talba tar-rikorrent. Il-mandat kawtelatorju fuq is-suġġett tal-kawża jista' japplika fi kwalunkwe ħin sal-ħruġ ta' digriet finali favur ir-rikorrent. In-notifika tal-qbid (arrestment), l-inibizzjoni (inhibition) jew sekwestru (attachment) imbagħad normalment tiġi eżegwita minn uffiċjal tax-xeriff (sheriff officer) (uffiċjal tal-qorti maħtur biex jinnotifika d-dokumenti u jeżegwixxi l-ordnijiet).

Fil-Qorti tas-Sessjoni (Court of Session) (il-qorti suprema ċivili fl-Iskozja), mandati kawtelatorji fuq is-suġġett tal-kawża (warrants for diligence on the dependence) jinkisbu permezz ta' rikors. Il-Lord Ordinarju (Lord Ordinary) (kull imħallef fil-Kamra Esterna tal-Qorti tas-Sessjoni) imbagħad jista' jagħti digriet għall-mandat kawtelatorju. L-iskedi tal-qbid, l-inibizzjoni jew is-sekwestru huma normalment eżegwiti minn "Messenger-at-Arms" (uffiċjal tal-Qorti tas-Sessjoni maħtur biex jinnotifika d-dokumenti u jeżegwixxi l-ordnijiet tal-qorti).

#### Preżervazzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra

Qabel ma l-qorti tkun tista' tagħti digriet meta l-proċedimenti li d-dokumenti jew il-proprjetà huma relatati magħhom ikunu għadhom ma nbdewx, huwa meħtieġ li r-rikorrent juri li x'aktarx li jitressqu proċedimenti ċivili u li ftali proċedimenti jistgħu jinqalgħu kwistjonijiet dwar dokumenti jew proprjetà oħra. F'azzjoni li tkun inbidiet, id-digriet jingħata biss meta r-rikorrent juri li dan ikun meħtieġ biex ikun jista' jispeċifika dak li diġà ddiġarar (jiġifieri li jipprova dak li



ddikjara fil-kawża tiegħu). Jekk ir-rikors jintlaqa', id-digriet jispesjifika l-mod kif tkun meħtieġa l-konformità. Wara dan, kopja awtentikata tad-digriet għandha tiġi nnotifikata lill-partijiet li jkun sar kontrihom.

## 2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

### Mandat kawtelatorju

Il-mandat kawtelatorju huwa diskrezzjonali u l-qrati ma jagħtux dan il-mandat sakemm ma jkunux sodisfatti skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Att dwar id-Debituri (l-Iskożja) tal-1987 (Debtors (Scotland) Act 1987), u li jkun raġonevoli li dan isir fiċ-ċirkostanzi kollha. L-attur għandu l-oneru li jissodisfa lill-qorti li d-digriet għandu jingħata.

### Interdett proviżorju

L-xeriff irid ikun sodisfatt bl-urġenza tal-kwistjoni u l-qawwa tal-każ qabel ma jingħata interdett proviżorju. Għandu jkun xieraq meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha, u x-xeriff irid ikun sodisfatt li se tiġi kkawżata aktar inkonvenjenza lir-rikorrent jekk ma jingħatax l-interdett proviżorju, milli tiġi kkawżata lill-intimat jekk jingħata.

### Preżervazzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra

Qabel ma l-qorti tkun tista' tagħti d-digriet, ikun meħtieġ li r-rikorrent juri li x'aktarx li jressqu proċedimenti ċivili u li, f'tali proċedimenti, jistgħu jirriżultaw kwistjonijiet rilevanti dwar id-dokumenti jew proprjetà oħra. Jekk diġà jkunu tressqu proċedimenti ċivili, id-digriet jingħata biss meta r-rikorrent juri li jkun meħtieġ (ara l-punt 2.1 hawn fuq).

## 3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

### 3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

#### Mandat kawtelatorju

Qbid effettivament "jiffriża" oġġetti jew flus li jkunu proprjetà tal-intimat, iżda li jkunu f'idejn terza persuna. Din it-terza persuna tissejjaħ l-"arrestee". Fondi jew oġġetti maqbuda (arrested) ma jstgħux jittieħdu fil-pussess ta' kreditur jew jinbiegħu qabel ma jingħata d-digriet. Jekk digriet jingħata favur ir-rikorrent, il-fondi jstgħu jkunu suġġetti għal rilaxx awtomatiku, iżda għandha tittieħed azzjoni ta' rkupru (action of furthcoming) għar-rilaxx tal-oġġetti.

L-inibizzjoni hija "diligence" personali li timpedixxi lill-intimat milli jeħles minn, jew jagħti garanzija fuq, l-interess tiegħu fi proprjetà li tintiret fis-sjeda tiegħu, għad-detriment tal-kredituri. L-inibizzjonijiet jintużaw kontra proprjetà li tintiret fis-sjeda tal-intimat pjuttost milli kontra l-proprjetà dovuta lilu minn terza persuna.

Sekwestru proviżorju jista' jissekwestra proprjetà mobbli korporali, suġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet. L-eċċezzjonijiet jinkludu kwalunkwe oġġett miżmum fid-dar ta' abitazzjoni tal-intimat, oġġetti meħtieġa għall-kummerċ jew in-negozju tal-intimat, oġġetti li jidher, u, soġġetti għal valur preskritt, il-vettura tal-intimat.

#### Interdett proviżorju

Interdett proviżorju jipprobbixxi intimat milli jwettaq azzjoni speċifika b'effett immedjat. Jista' jkollu l-effett li jimpedixxi intimat jew terza persuna milli jieħdu passi fir-rigward ta' kwalunkwe tip ta' assi.

### Preżervazzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra

Il-Qorti tas-Sessjoni (Court of Session) u l-Qorti tax-Xeriff (Sheriff Court) għandhom setgħat wesgħin biex jordnaw il-preżervazzjoni, il-kustodja u d-detenzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra (inkluża l-art) li jstgħu jkunu rilevanti fi kwalunkwe proċedimenti ġudizzjarji eżistenti jew futuri. Il-qorti tista' tordna l-produzzjoni u l-irkupru ta' kwalunkwe proprjetà bħal din, kif ukoll tiegħu kampjuni, u tista' twettaq kwalunkwe esperiment fuqha.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

#### Mandat kawtelatorju

Mandat ta' qbid għandu l-effett li "jiffriża" oġġetti jew fondi li jkunu l-proprjetà tal-intimat u li jkunu miżmuma minn terza persuna. Jekk it-terza persuna tiddisponi mill-assi maqbuda, issir responsabbli fil-konfront tar-rikorrent għall-valur tagħhom. Jekk l-azzjoni tar-rikorrent tirnexxi, ikollu dritt ta' preferenza (preferable right) fuq il-proprjetà maqbuda. Il-mandat ta' qbid jiffriża iżda ma jitransferix is-sjeda lir-rikorrent.

Mandat ta' inibizzjoni ma jagħtix lir-rikorrent dritt *in rem* fuq il-proprjetà, u dan ma jistax jieħu azzjoni biex jieħu l-pussess tal-proprjetà jew ibigħha. L-effett ta' dan il-mandat (diligence) huwa li l-proprjetà tiġi ppreżervata bħala parti mill-patrimonju tal-intimat u għalhekk iżommu milli jiddisponi minnha, jew li jagħti garanzija fuq, l-interess tiegħu fil-proprjetà. Kwalunkwe att legali volontarju li jaffettwa l-proprjetà wara d-data effettiva tal-inibizzjoni jista' jiġi annullat mir-rikorrent sa fejn ikunu ppreġudikati l-interessi tiegħu.

#### Interdett proviżorju

Meta intimat jonqos milli jikkonforma ma' interdett, ir-rikorrent jista' jieħu passi kontrih għall-ksur tal-interdett. Jekk l-akkuża tiġi ammessa jew approvata, il-pieni li l-intimat jista' jiffaċċja jinkludu multa jew priġunerija potenzjali.

### Preżervazzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra

In-nuqqas ta' konformità mad-digriet jista' jirriżulta f'digriet fil-kontumacia, fil-proċedimenti prinċipali, kontra parti inadempjenti. Barra minn hekk, jista' jwassal biex jittieħdu proċedimenti għal disprezz tal-qorti kontra kull min ikollu dokument jew proprjetà speċifikata fl-interdett.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

#### Mandat kawtelatorju

Fil-każ ta' qbid, jekk l-intimat jirbaħ il-kawża, allura il-mandat ta' qbid jaqa' meta jingħata d-digriet finali. Jekk ir-rikorrent jirbaħ il-każ, il-qbid isir eżekuttiv għal massimu ta' tliet snin mid-data tad-digriet.

Inibizzjoni timpedixxi lill-intimat milli jiddisponi mill-proprjetà li tintiret tiegħu jew milli jagħti garanzija fuqha. L-inibizzjoni kawtelatorja awtomatikament tinqaleb f'inibizzjoni malli jingħata d-digriet. L-effett inibitorju jdum għal ħames snin iżda jista' jiġi estżi.

Meta sekwestru proviżorju jiġi eżegwit, dan ikollu effett għal sitt xhur jew sakemm jiġi rtirat. Jekk l-azzjoni kontra l-intimat ma tirnexxi, dan ukoll iwassal biex is-sekwestru proviżorju jintemm.

#### Interdett proviżorju

Interdett proviżorju jkompli sakemm jiġi rtirat jew sakemm l-azzjoni finalment tingħalaq. Jekk l-interdett ikollu limitu ta' żmien, allura dan ikompli sakemm jiskadi l-limitu ta' żmien speċifikat.

### Preżervazzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra

Id-digriet jaqa' mad-disponiment finali tal-azzjoni.

## 4 Hemm possibiltà li l-miżura tiġi appellata?

### Mandat kawtelatorju

Intimat jista' jikseb interdett li jimpedixxi l-użu ta' mandat ta' qbid kawtelatorju f'żewġ sitwazzjonijiet. L-ewwel nett, meta jkun jista' jiġi vverifikat minnufih li l-qbid ikun żbaljat, fis-sens li ġie eżegwit mingħajr mandat, jew b'mod irregolari, jew b'mod malizzjuż u mingħajr kawża probabbli. It-tieni sitwazzjoni hija meta l-intimat ikun iddepożita l-qorti s-somma prinċipali li għaliha jkun ġie mftitx.

Meta jkun inħareġ mandat kawtelatorju (warrant for diligence on the dependence), l-intimat, jew kull min ikollu interess, jista' jittlob l-irtirar jew ir-restrizzjoni tiegħu. L-irtirar inehni l-mandat kompletament kif ukoll kwalunkwe effett kawtelatorju (diligence) li jirriżulta minnu. Jekk mandat ta' qbid jew inibizzjoni

kawtelatorju, jew sekwestru proviżorju, eżegwit wara l-għoti tal-mandat jitqies bħala mhux kompetenti, f'dak il-każ il-qbid, l-inibizzjoni jew is-sekwestru iridu jiġu rtirati.

Jekk il-mandat kien fil-fatt validu, iżda l-qbid, l-inibizzjoni jew is-sekwestru proviżorju kienu jew ineffettivi jew irregolari, l-effett kawtelatorju jista' jiġi ristrett. Meta l-intimat ikun ifittex li jirtira jew jirrestrinġi l-mandat kawtelatorju, l-oneru huwa fuq ir-rikorrent biex jissodisfa lill-qorti li l-effett kawtelatorju m'għandux jiġi rtirat jew ristrett. Il-qorti tista' wkoll titlob li l-intimat jipprovdi kawtela (garanzija) li, meta jingħata digriet kontrih, ikun hemm disponibbli għar-rikorrent il-fond maqbud (arrested fund) jew il-valur tiegħu jew, b'mod aktar komuni, id-dejn kollu mitlub fil-kawża.

#### **Interdett proviżorju**

Digriet li jagħti jew li jirrifjuta interdett proviżorju li jsir fil-Qorti tax-Xeriff jista' jiġi appellat mingħajr permess mingħand ix-Xeriff Prinċipali (Sheriff Principal) (ix-Xeriff anzjan fiż-żona lokali) jew bil-permess tal-Qorti tas-Sessjoni.

Digriet li jagħti jew li jirrifjuta interdett proviżorju mogħti mill-Qorti tas-Sessjoni jista' jiġi appellat fi żmien erbatax-il jum mill-għoti tad-digriet.

#### **Preżervazzjoni ta' dokumenti u proprjetà oħra**

Digriet li jagħti rikors għall-preżervazzjoni ta' dokumenti jew proprjetà mogħti mill-Qorti tax-Xeriff jista' jiġi appellat fi żmien erbatax-il jum mill-ħruġ tad-digriet. Fil-Qorti tas-Sessjoni, kull persuna li tirċievi l-petizzjoni għall-preżervazzjoni tad-dokumenti jew proprjetà tista' tikkomparixxi u topponi l-petizzjoni jekk tkun tixtieq tagħmel hekk. Meta jkun qed jeżegwixxi id-digriet, il-Kummissarju maħtur mill-qorti biex jagħmel dan għandu jinforma lir-riċevitur dwar id-dritt tiegħu li jieħu parir legali. Meta l-għan li jittieħed dan il-parir ikun biex jgħinu jiddeċiedi jekk jittlobx lill-qorti biex tvarja d-digriet, il-Kummissarju ma jibdiex ifittex, jieħu l-pussess ta' jew jippreżerva l-oġġetti elenkati.

#### **Ħoloq relatati**

 [Is-Servizz tal-Qrati u t-Tribunali Skoċċiżi \(Scottish Courts and Tribunals Service\)](#)

 [Accountant in Bankruptcy](#)

L-aħħar aġġornament: 28/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### **Assikurazzjoni tal-assi waqt klejrm fil-pajjiżi tal-UE - Ġibiltà**

#### **1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?**

Inġunzjoni hija digriet tal-qorti li titlob li parti jew tiegħu ċerti passi jew toqgħod lura milli tiegħu ċerti passi. Inġunzjoni proviżorja hija tali digriet li jsir qabel ma tinstema' l-kawża. Ir-rikorrent jista' jfittex li jipproteġi l-pożizzjoni tiegħu matul il-proċedimenti legali, jew anki qabel ma jinbdew il-proċedimenti, billi jittlob inġunzjoni proviżorja li timpedixxi lill-intimat milli jaġixxi b'mod li jagħmel ħsara lir-rikorrent.

Hemm ukoll żewġ tipi speċifiċi ta' inġunzjoni li r-rikorrent jista' jittlob fejn ikun hemm riskju li l-intimat jieħu passi biex jeqred l-evidenza jew ifixkel kwalunkwe sentenza miksuba mir-rikorrent. L-ewwel wieħed huwa digriet ta' tiftix, li jeħtieġ li l-intimat jippermetti li jsir tiftix fil-bini tiegħu għal dokumenti jew proprjetà; it-tieni hija inġunzjoni ta' ffriżar, li tipprojbixxi lill-intimat milli jkollu x'jaqsam mal-assi jew milli jċaqlaq l-assi 'l barra mill-ġurisdizzjoni.

Meta r-rikorrent ikun qiegħed jittlob ħlas ta' somma flus (eż. dejn jew danni), il-qorti tista' tordna lill-intimat jagħmel ħlas proviżorju fuq kwalunkwe somma li l-intimat jista' finalment jintalab iħallas, sabiex tiġi evitata tbatija lir-rikorrent b'riżultat ta' kwalunkwe dewmien fil-kisba ta' sentenza.

Intimat jista' jiffaċċja r-riskju li, anke jekk it-talba tiġi miċħuda u r-rikorrent jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż, ikun impossibbli li jiġi eżegwit id-digriet dwar l-ispejjeż.

Biex tiproteġi l-intimat, il-qorti tista', f'ċerti ċirkostanzi, tordna lir-rikorrent jipprovdi garanzija għall-ispejjeż, normalment billi jħallas somma flus lill-qorti.

Il-Qorti Suprema (Supreme Court) għandha s-setgħa li tagħti rimedju proviżorju (interim relief) b'appoġġ għal proċedimenti f'ġurisdizzjoni oħra jekk ikun jaqbel li tagħmel hekk. Tista' wkoll tagħti "inġunzjoni ta' ffriżar madwar id-dinja" (worldwide freezing injunction) li tapplika għal assi f'ġurisdizzjonijiet oħrajn.

#### **2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?**

##### **2.1 Il-proċedura**

##### **Inġunzjonijiet (inklużi Digriet ta' Tiftix u Inġunzjonijiet ta' Ffriżar)**

Inġunzjonijiet huma ordnijiet tal-qorti. Fin-nuqqas ta' digriet ta' tiftix jew ta' inġunzjoni ta' ffriżar, l-intimat ġeneralment ma jkun taħt l-ebda obbligu li jippermetti li jsir tiftix fil-bini tiegħu jew li joqgħod lura mill-isparpaljar tal-assi tiegħu. Rikors għal digriet ta' tiftix jew inġunzjoni ta' ffriżar isir fil-Qorti Suprema (Supreme Court).

Ir-rikorrent għandu jagħmel divulgazzjoni sħiħa u sinċiera tal-fatti materjali kollha li l-qorti għandha tiġi mgħarrfa bihom (b'mod partikolari meta r-rikors isir mingħajr avviż). Għandu jiġi pprovdut ukoll abbozz ta' digriet, li jispeċifika b'mod preċiż il-passi meħtieġa.

Għall-inġunzjonijiet proviżorji r-rikorrent normalment huwa meħtieġ li jagħti "impenn reċiproku dwar danni (cross undertaking in damages)" – wegħda li jikkompensa lill-intimat għal kwalunkwe telf ikkawżat mill-inġunzjoni jekk sussegwentement jirriżulta li ma kellhiex tingħata (eż. għax ir-rikorrent jitlef il-kawża).

Ir-rikorsi jistgħu jsiru mingħajr ma jingħata avviż lill-intimat jekk ikun hemm raġunijiet tajba biex ma jiġix avżat. Jistgħu jsiru wkoll qabel ma r-rikorrent ikun ħareġ il-formola tat-talba li tibda l-proċedimenti prinċipali. M'hemm l-ebda rekwiżit formali li r-rikorrent ikun rappreżentat minn avukat matul is-seduta għas-sottomissjonijiet tar-rikors, iżda rikorrent normalment ikollu bżonn ta' pariri u rappreżentanza legali sabiex jagħmel dan ir-rikors.

Ladarba l-qorti tagħti d-digriet, dan għandu jiffassal u jiġi nnotifikat lill-intimat. L-uffiċjali tal-Qorti ma għandhom l-ebda rwol fin-notifikazzjoni jew fl-eżekuzzjoni ta' inġunzjonijiet proviżorji. Madankollu, id-digriet ta' tiftix jridu jitwettqu skont proċeduri speċjali. Normalment għandhom jiġu nnotifikati minn avukat superviżur (supervising solicitor) li jkun familjari ma' digriet ta' tiftix u indipendenti mill-avukati tar-rikorrent. L-avukat superviżur għandu jispjega d-digriet ta' tiftix lill-intimat u jagħti parir lill-intimat dwar id-dritt tiegħu li jieħu parir legali. L-avukat superviżur iwettaq jew jissorvelja t-tiftix, u jirrapporta dwar it-tiftix lill-avukati tar-rikorrent.

##### **Flasijiet proviżorji u Garanzija għall-ispejjeż**

Il-flasijiet proviżorji u l-garanzija għall-ispejjeż jistgħu jiġu pprovduti bi ftehim bejn il-partijiet, iżda fin-nuqqas ta' ftehim huwa meħtieġ li wieħed jippreżenta rikors il-qorti. Ir-rikors isir billi jiġi ppreżentat avviż ta' rikors sostnut minn evidenza bil-miktub. Ir-rikors għandu jiġi nnotifikat lill-intimat, li jista' jippreżenta l-provi b'risposta. Jekk il-qorti tagħti d-digriet, hija tiddetermina l-forma u l-ammont tal-garanzija jew tal-flas li għandhom isiru.

##### **L-ispejjeż biex jinkisbu d-digriet**

M'hemm l-ebda skala fissa ta' spejjeż sabiex jinkiseb xi wieħed mid-digriet deskritti hawn fuq. Madankollu, hemm tariffi speċifiċi tal-qorti għall-ħruġ ta' rikors għal digriet li jiddependu fuq jekk ir-rikors isirx b'notifika lill-intimat jew mingħajr notifika. Għal aktar dettalji dwar it-tariffi applikabbli tista' tikkuntattja lir-Reġistru tal-Qorti Suprema (Supreme Court Registry), 277 Main Street, Ġibiltà, numru tat-telefown (+350) 200 75608.

Ir-rikorrent huwa responsabbli li jħallas it-tariffi tal-avukati tiegħu (u fil-każ ta' digriet ta' tiftix, dawk tal-avukat superviżur), għalkemm l-intimat jista' finalment jiġi ordnat iħallas dawk l-ispejjeż.

##### **2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin**

Ir-rimedji kollha deskritti f'din it-taqsimu huma diskrezzjonali u l-qorti ma tagħtix dawn ir-rimedji jekk tqis li dawn ma jkunux xierqa jew li jkunu sproporzjonati fiċ-ċirkostanzi. Il-qorti għandhom tendenza jeżerċitaw aktar kawtela fir-rigward ta' digriet ta' tiftix u inġunzjonijiet ta' ffriżar minħabba li huma miżuri partikolarment severi.

### **Inġunzjonijiet Proviżorji**

Meta tiddeċiedi jekk tagħtix inġunzjoni proviżorja, il-qorti l-ewwel tikkunsidra jekk l-azzjoni tqajimx "kwistjoni serja li għandha tiġi ppruvata" (minflok "frivola jew vessatorja"). Jekk dan ma jkunx il-każ, l-inġunzjoni tiġi miċħuda.

Jekk ikun hemm kwistjoni serja li trid tiġi ppruvata, il-qorti mbagħad tikkunsidra l-"bilanċ tal-konvenjenza". Dan jinvolvi mistoqsija dwar jekk ikunx aġar li r-rikorrent jintalab jgħaddi mingħajr l-inġunzjoni sal-proċess, jew li l-intimat isofri minħabba l-inġunzjoni. Meta tiddeċiedi din il-kwistjoni, il-qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet li ġejjin fl-ordni li ġej:

L-għoti tad-danni jkun rimedju adegwat għar-rikorrent jekk ir-rikorrent kellu jirbaħ il-kawża? Jekk id-danni jkunu adegwati, l-inġunzjoni tiġi miċħuda. Jekk ma jkunux (pereżempju minħabba li l-ħsara lir-rikorrent tkun irreparabbli jew mhux pekunarja), għandhom jiġu kkunsidrati l-mistoqsijiet li jkun fadal.

Jekk l-intimat kellu jirbaħ il-kawża, l-impenn reċiproku dwar danni (cross undertaking in damages) tar-rikorrent jagħti lill-intimat protezzjoni adegwata? Jekk id-danni jipproteġu b'mod adegwat lill-intimat, dan il-fatt normalment ikun favur l-inġunzjoni.

Meta l-fatturi l-oħra jidhru b'bilanċjati b'mod ugwali, il-qorti żżomm l-*status quo*. Dan il-fattur normalment jgħodd favur l-inġunzjoni.

Jistgħu jiġu kkunsidrati fatturi soċjali jew ekonomiċi oħra, bħall-impatt tal-għoti jew ir-rifjut tal-inġunzjoni fuq l-impjeg jew fuq id-disponibbiltà ta' mediċini.

Bħala l-aħħar alternattiva, il-qorti tista' tikkunsidra l-merti relattivi tal-kawżi tal-partijiet, iżda biss jekk ikun possibbli li tiffirma opinjoni ċara li l-każ ta' parti waħda jkun ħafna aktar b'saħħtu minn dak tal-oħra.

### **Digriet ta' Tiftix**

Jista' jsir digriet ta' tiftix bl-għan li tiġi żgurata l-preżervazzjoni tal-evidenza jew tal-proprjetà rilevanti għall-proċedimenti legali. Il-kundizzjonijiet biex jinkiseb digriet ta' tiftix huma aktar stretti minn dawk għal tipi ta' inġunzjonijiet oħra, u l-qorti mhijiex se tagħmel digriet sakemm ir-rikorrent ma jurix li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin jkunu sodisfatti:

Hemm każ *prima facie* qawwi ħafna kontra l-intimat.

L-attivitajiet tal-intimat li jagħtu lok għall-proċedimenti jikkawżaw dannu serju attwali jew potenzjali lir-rikorrent.

Hemm evidenza ċara li l-intimat għandu dokumenti jew materjal inkriminanti.

Hemm "possibbiltà reali" jew "probabbiltà" li d-dokumenti jew il-materjal rilevanti jisparixxu jekk id-digriet ma jsirx.

### **Inġunzjonijiet ta' Ffriżar**

Il-qorti għandha s-setgħa li tagħti inġunzjoni ta' ffriżar meta jkun "ġust u konvenjenti" li tagħmel hekk. Inġunzjoni ta' ffriżar ma tiġi ordnata sakemm ir-rikorrent ma jkunx jista' juri li l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu sodisfatti:

Ir-rikorrent għandu kawża sostantiva ta' azzjoni li fuqha l-qorti ta' Ġibiltà għandhom ġurisdizzjoni.

Ir-rikorrent għandu "każ tajjeb u dibattibbli" kontra l-intimat.

Hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li l-intimat għandu assi fil-ġurisdizzjoni.

Hemm "riskju reali" li l-intimat jittratta l-assi b'mod li jfisser li kwalunkwe sentenza ma tkunx tista' tiġi eżegwita (eż. billi jeħles mill-assi jew ineħħihom mill-ġurisdizzjoni).

Il-qorti teżerċita kawtela partikolari qabel ma tagħti inġunzjonijiet ta' ffriżar b'apport għal proċedimenti barranin, speċjalment jekk l-inġunzjoni ta' ffriżar tirkebb jew tmur kontra kwalunkwe digriet ta' ffriżar magħmul mill-qorti barranija fejn ikunu qed isiru l-proċedimenti prinċipali, jew jekk il-qorti barranija tkun irrifjutat li tiffriża l-assi.

Il-qorti ma tagħtix inġunzjoni għall-ffriżar madwar id-dinja jekk l-intimat ikollu biżżejjed assi fil-ġurisdizzjoni, u jeħtiġilha tikkunsidra jekk inġunzjoni madwar id-dinja tistax tiġi eżegwita fil-pajjiżi fejn l-intimat ikollu assi.

### **Ħlasijiet Proviżorji**

Il-qorti tista' tordna lill-intimat jagħmel ħlas proviżorju biss jekk l-intimat ikun ammetta r-responsabbiltà li jħallas il-flus lir-rikorrent, jekk is-sentenza tkun diġà ngħatat favur ir-rikorrent għal somma ta' flus li għandha tiġi evalwata aktar tard, jew jekk il-qorti tkun sodisfatta li fil-kawża r-rikorrent jirkupra "ammont sostanzjali ta' flus" (jew, f'talba għall-pussess tal-art, ħlas fir-rigward tal-okkupazzjoni tal-art mill-intimat). F'każijiet ta' danni personali, ħlas jista' jkun ordnat biss jekk ir-responsabbiltà tal-intimat tkun sodisfatta minn assiguratatur jew jekk l-intimat ikun korp pubbliku.

### **Garanzija għall-Ispejjeż**

Il-każijiet l-aktar komuni li fihom il-qorti tista' tordna lir-rikorrent jipprovdi garanzija huma meta:

Ir-rikorrent huwa residenti barra mill-Unjoni Ewropea u ż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) u jkun diffiċli li jiġi eżegwit digriet għall-ispejjeż fil-pajjiż ta' residenza tar-rikorrent.

Ir-rikorrent huwa kumpanija jew korp ieħor inkorporat u hemm raġuni biex wieħed jemmen li mhux se jkun jista' jħallas l-ispejjeż tal-intimat jekk ikun ordnat li jagħmel hekk. (Meta tiddeċiedi jekk tordnax il-garanzija, il-qorti tqis jekk in-nuqqas ta' flus jew fondi tar-rikorrent ġiex ikkawżat mill-imġiba tal-intimat.)

Ir-rikorrent biddel l-indirizz bl-għan li jevita l-konsegwenzi tal-litigazzjoni; jew naqas milli jagħti indirizz korrett fil-formola tat-talba.

Ir-rikorrent ħa passi fir-rigward tal-assi tiegħu li jagħmluha diffiċli li jiġi eżegwit digriet għall-ispejjeż kontrih.

Il-qorti tagħmel id-digriet biss jekk tkun sodisfatta li huwa ġust li tagħmel hekk fiċ-ċirkostanzi kollha. Hija tikkunsidra jekk ir-rikors għall-garanzija huwiex qed jintuża biex tinħonoq talba ġenwina, u jekk it-talba għandhiex prospett raġonevoli ta' suċċess.

Il-qorti għandha wkoll is-setgħa li tordna li l-garanzija trid tiġi pprovdata minn:

nonparti li qed tiffinanzja t-talba għal sehem mill-frott tal-proċedimenti, jew li assenjat id-dritt li tressaq it-talba lir-rikorrent sabiex jiġi evitat ir-riskju li tiġi ffaċċjata b'digriet ta' spejjeż;

kwalunkwe parti fil-proċedimenti li, mingħajr raġuni tajba, naqset milli tikkonforma mar-regoli tal-qorti.

## **3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?**

### **3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?**

#### **Inġunzjonijiet Proviżorji**

Inġunzjoni tista' teħtieġ li parti tiegħu jew toqgħod lura milli tiegħu passi fir-rigward ta' kwalunkwe tip ta' assi.

#### **Digriet ta' Tiftix**

Digriet ta' tiftix jeħtieġ li l-intimat jippermetti d-dħul fil-bini tiegħu, iżda ma jippermettix li r-rikorrent jidħol bil-forza. Id-digriet għandu jispjega l-postijiet li jistgħu jiġu mfittxa u jelenka l-oġġetti li l-persuni li jwettqu t-tiftix jistgħu jispjazzjonaw, jikkupjaw u jneħħu. Id-digriet jista' jkopri biss provi li jistgħu jkunu rilevanti fil-proċedimenti, jew proprjetà li tista' tkun is-suġġett tal-proċedimenti jew li tista' tirriżulta fi kwistjoni matul il-proċedimenti.

Id-digriet tal-formola standard jeħtieġ li l-intimat jgħaddi l-oġġetti kollha elenkati fid-digriet. Meta evidenza rilevanti tkun tista' tinżamm f'komputers, għandu jingħata aċċess għall-komputers kollha fil-bini sabiex ikunu jistgħu jiġu mfittxa, u għandhom jiġu pprovdati kopji tal-affarijiet rilevanti kollha li jkunu nstabu.

#### **Inġunzjonijiet ta' Ffriżar**

Il-qorti tista' tagħmel inġunzjoni ta' ffriżar fir-rigward tal-proprjetà tal-intimat li tipprobbixxi lill-intimat milli jnaqqas l-assi tiegħu fil-ġuriżdizzjoni taħt valur speċifikat, jew digriet li jiffriża assi speċifiċi. L-intimat xorta jkun jista' jonfoq somom stipulati fuq spejjeż tal-għajxien u l-pariri u r-rappreżentanza legali, u d-digriet jista' jippermetti lill-intimat biex jieħu ħsieb l-assi fl-andament ordinarju tan-negożju.

Il-formola standard ta' inġunzjoni ta' ffriżar hija digriet ta' "somma massima" li jiddikjara li japplika għall-assi kollha tal-intimat sa valur iddikjarat. Din tkopri kwalunkwe assi li l-intimat għandu s-setgħa li jġestihha bħala tiegħu stess, inklużi assi miżmuma jew ikkontrollati minn terza persuna skont l-istruzzjonijiet tal-intimat.

Digriet ġenerali jew ta' "somma massima" għandu jkopri kwalunkwe assi, inklużi proprjetà mobbli u immobbli, vetturi, flus u titoli. Id-digriet jestendi wkoll għal kwalunkwe assi akkwistati wara li jsir id-digriet. Jista' jispeċifika proprjetajiet partikolari, assi tan-negożju u kontijiet bankarji li huma ffriżati. Kont bankarju konġunt ma jiġix iffriżat sakemm ma jkunx kopert speċifikament fid-digriet.

### 3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

L-intimat huwa avżat li n-nuqqas ta' konformità ma' inġunzjoni proviżorja huwa disprezz tal-qorti li l-intimat jista' jiġi arrestat, immultat jew ikollu assi sekwestrati minħabba fih.

Ma jkunx neċessarjament disprezz tal-qorti meta terza persuna tippermetti lill-intimat jeħles minn assi bi ksur ta' inġunzjoni ta' ffriżar. Madankollu, jekk terza persuna li tkun ġiet notifikata bl-inġunzjoni ta' ffriżar b'mod konxju tassisti lill-intimat biex jeħles minn assi ffriżati, dik il-parti tikkommetti disprezz. Ir-rikorrent għandu għalhekk jipprovdni kopji tal-inġunzjoni ta' ffriżar lil partijiet terzi bħall-bankiera, l-awdituri u l-avukati tal-intimat. (Il-formola standard ta' digriet tassumi li dan se jsir u twissi lill-partijiet terzi bil-pieni possibbli. Din tinkludi wkoll l-impenni tar-rikorrent li jħallas l-ispejjeż raġonevoli li jgħarrbu partijiet terzi biex jikkonformaw mad-digriet, u biex jikkompensahom kontra l-obbligazzjonijiet li jgħarrbu meta jagħmlu hekk.) Anki jekk ikunu ġew innotifikati bid-digriet, il-banek u partijiet terzi oħra xorta jistgħu jeżerċitaw drittijiet ta' garanzija u ta' tpaċija li nħolqu qabel ma saret l-inġunzjoni ta' ffriżar.

Inġunzjoni ta' ffriżar ma tagħtix lir-rikorrent xi drittijiet ta' proprjetà fir-rigward tal-assi ffriżati. Id-dritt li jitressqu proċedimenti għal disprezz huwa ġeneralment l-uniku rimedju tar-rikorrent. Kuntratt li jsir bi ksur ta' inġunzjoni huwa illegali u għalhekk jista' ma jkunx eżegwibbli minn parti li tkun taf li se tikser id-digriet.

Barra minn hekk, il-qorti xi kultant tkun tista' tagħti inġunzjoni separata li timpedixxi lill-intimat milli jwettaq kuntratt ma' terza persuna. Madankollu, is-sjeda tista' xorta waħda tiġi ttrasferita taħt kuntratt illegali, u ladarba tali kuntratt ikun twettaq, normalment ma jkunx possibbli li jiġu rkuprati l-assi ttrasferiti.

### 3.3 X'inhuma l-validità ta' dawn il-miżuri?

Meta digriet għal inġunzjoni proviżorja jsir fil-preżenza tal-partijiet, jista' jiddikjara li huwa effettiv sal-kawża, sas-sentenza jew sa digriet ulterjuri tal-qorti, jew sa data speċifikata. (Jekk inġunzjoni tkun effettiva "sakemm ma jkunx hemm digriet ulterjuri" din ma tiskadix meta l-qorti tagħti sentenza, iżda biss meta tagħmel digriet li espressament jew impliċitament jitermina l-inġunzjoni.)

Inġunzjoni proviżorja li ssir mingħajr notifika lill-intimat normalment iddum għal perjodu limitat, rarament tkun itwal minn 7 ijiem, u jkun meħtieġ digriet ieħor tal-qorti biex titkompla. Meta tagħti inġunzjoni mingħajr notifika, il-qorti normalment tiffissa "data ta' ritorn" għal smiġ ulterjuri li fih l-intimat jista' jattendi u jikkontesta t-tkomplija tad-digriet. Il-formola standard tal-inġunzjoni ta' ffriżar tiddikjara li tapplika sad-data tar-ritorn jew digriet ulterjuri.

### 4 Hemm possibbiltà li l-miżura tiġi appellata?

L-intimat jew kwalunkwe terza persuna li tkun direttament affettwata minn inġunzjoni proviżorja jistgħu japplikaw lill-qorti fi kwalunkwe ħin biex id-digriet jiġi varjat jew terminat (għalkemm rikors fir-rigward ta' digriet ta' tiftix li jkun diġà ġie eżegwit għandu normalment jistenna sal-kawża). Mhuwiex meħtieġ li wieħed jistenna sad-data tar-ritorn biex jikkontesta digriet li jsir mingħajr notifika. L-intimat għandu javża minn qabel lill-avukati tar-rikorrent dwar it-talba. Ir-rikors għandu normalment isir lill-qorti li tat id-digriet, u ta' spiss jinstema' mill-istess imħallef.

Ir-raġunijiet li l-intimat jista' jagħmel tali rikors għalihom jinkludu: in-nuqqas li tiġi sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet tad-digriet, bidla materjali fiċ-ċirkostanzi li tneħħi l-ġustifikazzjoni għad-digriet, l-effett oppressiv tad-digriet, interferenza mhux raġonevoli mad-drittijiet ta' partijiet terzi innoċenti, u dewmien min-naħa tar-rikorrent fit-tweqqif tad-talba. Meta l-inġunzjoni tkun inkisbet mingħajr notifika lill-intimat, ir-raġunijiet għat-terminazzjoni jew għall-varjazzjoni tad-digriet jinkludu wkoll in-nuqqas mir-rikorrent li jiżvela fatti materjali lill-qorti meta kiseb id-digriet, u evidenza insuffiċjenti biex tiġi ġustifika l-għoti ta' provvediment proviżorju mingħajr notifika.

Jekk il-qorti tannulla d-digriet, l-intimat imbagħad ikun intitolat joqgħod fuq l-impenn reċiproku dwar danni (cross undertaking in damages) tar-rikorrent u jittlob kumpens. Il-qorti tordna "inkjesta dwar id-danni" biex taċċerta t-telf tal-intimat, għalkemm din tista' tiġi differita sal-proċess jew aktar tard.

Il-qorti għandha wkoll is-setgħat li tittermina jew tvarja digrieti għal ħlasijiet proviżorji u garanzija għall-ispejjeż, u li tordna li l-flus kollha, jew parti minnhom, imħallsa taħt id-digriet jitħallsu lura.

L-aħħar aġġornament: 27/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.